**Gwida dwar il-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment għall-Istati Membri u Gwida dwar l-Awtoritajiet tal-Programm għall-Benefiċjarji**

# Gwida dwar l-Iżvilupp Lokali mmexxi mill-Komunità għall-Atturi Lokali

| |
|---|
| Verżjoni 1: Awwissu 2014<br>aġġornata biex jittieħdu inkonsiderazzjoni l-kummenti tat-tradutturi |

# Gwida dwar l-Iżvilupp Lokali mmexxi mill-Komunità għall-Atturi Lokali

## Mejju 2014

## Il-Werrej

Introduzzjoni .......... 8

Kapitolu 1. Għaliex l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità? .......... 10

Kapitolu 2. Kif tniedi s-CLLD fi tmien passi bażiċi? .......... 14

Kapitolu 3. Kif għandhom jiġu appoġġjati s-sħubijiet tas-CLLD biex jilqgħu għall-isfidi l-ġodda?20

Kapitolu 4. Għaliex u kif jitwettaq is-CLLD fil-bliet? .......... 53

Kapitolu 5. Għaliex u kif jitwettaq is-CLLD għall-inklużjoni soċjali? .......... 71

Kapitolu 6. Kif għandha ssir il-koordinazzjoni ma' fondi oħrajn? .......... 88

Kapitolu 7. Kif nistgħu nagħmlu s-CLLD aktar sikur, rapidu u faċli għall-gruppi ta' azzjoni lokali? .......... 105

# Figuri

Figura 1: Dijagramma spirali tas-sħubijiet taż-żona u tat-"trinità" strateġika tas-CLLD matul iż-żmien. ........ 15
Figura 2: L-iffissar tal-konfini ........ 26
Figura 3: Unitajiet kummerċjali, biċ-ċentru tax-xiri Rathmor fl-isfond, li huma proprjetà tal-impriża soċjali Creggan Enterprises Derry/Londonderry, ir-Renju Unit ........ 54
Figura 4: Ir-relazzjoni bejn il-politiki settorjali, l-istrateġiji integrati tal-iżvilupp urban u s-CLLD. ........ 56
Figura 5: Dijagramma użata f'Monteveglio sabiex jikkomunikaw il-prinċipji tal-ekonomija ċirkulari tagħhom ........ 58
Figura 6: Alba Iulia, blokk 2, qabel u wara (sors: EU 50 cases report) ........ 60
Figura 7: Spazju soċjali rijabilitat f'park li jinsab f'Terrassa ........ 61
Figura 8: Dehra mill-ajru tas-Silicon Roundabout f'Shoreditch, fil-Lvant ta' Londra ........ 62
Figura 9: Parti mill-creative Cauldron f'Tallinn, l-Estonja ........ 62
Figura 10: Is-Sħubijiet tal-ikel sostenibbli ta' Amersfoot NL ........ 64
Figura 11: Nies tal-lokal jaħdmu fuq mappa bażi għal eżerċizzju msejjaħ "Planning for Real" (sors: communityplanning.net) ........ 66
Figura 12: Ir-rwol ta' animazzjoni tal-koordinatur tal-LAG Urban ........ 67
Figura 13: L-34 żona ta' Berlin magħżula għall-ġestjoni tad-distretti ........ 69
Figura 14: Konfigurazzjonijiet spazjali tas-CLLD f'ambjent urban u rurali-urban ........ 70
Figura 15: L-Ispiral tal-Innovazzjoni skont in-netwerk "My Generation at Work" ........ 72
Figura 16: Il-Job Point (Uffiċċju tal-Impjiegi) f'Berlin ........ 83
Figura 17: Il-grafika 'Go For It' ta' My generation at work ........ 84
Figura 18: Ibbaġitjar parteċipattiv f'Cascais, il-Portugall ........ 86
Figura 19: Il-koordinazzjoni tal-LAGs u tal-FLAGs ........ 90
Figura 20: Il-fażijiet ta' monofinanzjament jew multifinanzjament ........ 93
Figura 21: Korp responsabbli uniku li jikkoordina erba' Fondi ........ 100
Figura 22: Ir-relazzjonijiet potenzjali bejn il-bordijiet tal-LAGs appoġġjati minn Fondi differenti ........ 101
Figura 23: LAGs u FLAGs fl-istess fruntieri ........ 102
Figura 24: Demarkazzjoni territorjali ........ 102
Figura 25: Fruntieri ġeografiċi komuni ........ 103
Figura 26: FLAGs u LAGs li jikkooperaw fuq kwistjonijiet komuni ........ 104
Figura 27: Is-sistema tat-twettiq tas-CLLD ........ 105

# Kaxxi

Kaxxa 1: Eżempji ta' reazzjonijiet għal isfidi differenti permezz tal-implimentazzjoni ta' strateġiji tal-iżvilupp lokali ........ 22
Kaxxa 2: L-Artikolu 33 tas-CPR dwar l-istrateġiji ta' żvilupp lokali ........ 25
Kaxxa 3: Eżempji tad-definizzjoni taż-żona mill-Portugall u l-Finlandja ........ 27
Kaxxa 4: Eżempju ta' karattru integrat ta' strateġija minn "My generation URBACT" ........ 30
Kaxxa 5: Ir-raggruppament tal-innovazzjoni fi ħdan il-pjan strateġiku LEADER ta' West Cork għall-perjodu 2007-13 ........ 31
Kaxxa 6: L-immirar u l-monitoraġġ fl-IRD ta' Duhallow ........ 33
Kaxxa 7: Eżempju ta' proċess parteċipattiv għat-tħejjija tal-istrateġija tal-iżvilupp lokali minn grupp ta' LEADER Spanjol mill-Wied ta' Jerte ........ 36
Kaxxa 8: Eżempju ta' pjan ta' azzjoni meħtieġ skont l-Assi 4 tal-FES fi Franza ........ 37
Kaxxa 9: Eżempju ta' sistema ta' evalwazzjoni bejn il-pari minn LG Kasvu fil-Finlandja ........ 39
Kaxxa 10: Il-kompiti tal-gruppi ta' azzjoni lokali ........ 39
Kaxxa 11: Il-bini tal-kapaċità mill-FLAG fil-Grigal ta' Lapland ........ 41
Kaxxa 12: Sħubija fil-LAGs Finlandiżi ........ 43
Kaxxa 13: L-għażla tal-proġetti mis-sħubija LEADER+ ta' North Highlands ........ 44
Kaxxa 14: L-għażla tal-operazzjonijiet u l-pagamenti mil-LAGs ta' LEADER fir-reġjun Spanjol ta' Aragona ........ 46
Kaxxa 15: L-għażla tal-operazzjonijiet u l-pagamenti mill-FLAGs Finlandiżi ........ 46
Kaxxa 16: Eżempju ta' appoġġ preparatorju għall-FLAGs fl-Estonja ........ 48
Kaxxa 17: Ir-regoli għall-attivitajiet ta' kooperazzjoni tal-LAGs fl-Isvezja u fil-Polonja ........ 50
Kaxxa 18: Monteveglio, moviment ta' tranżizzjoni appoġġjat mill-amministrazzjoni tal-belt ........ 57
Kaxxa 19: Duisburg Marxloh (DE) – approċċ parteċipattiv għall-iżvilupp urban integrat ........ 59
Kaxxa 20: Terrassa fir-reġjun ta' Katalunja, Spanja ........ 60
Kaxxa 21: Shoreditch Trust u d-distrett kreattiv f'Londra ........ 61
Kaxxa 22: Alston Cybermoor - belt diġitali f'ambjent rurali ........ 63
Kaxxa 23: L-approċċi tas-CLLD għall-inklużjoni soċjali f'Limerick, l-Irlanda ........ 75
Kaxxa 24: Il-pjan tal-integrazzjoni u l-impjiegi lokali fi Greater Narbonne, Franza ........ 76
Kaxxa 25: Casas Primeiro (L-Ewwel l-Akkomodazzjoni), Lisbona, il-Portugall ........ 77
Kaxxa 26: L-integrazzjoni tar-Roma f'Cserehát, l-Ungerija ........ 78
Kaxxa 27: Integrazzjoni pożittiva f'Riace, Calabria, l-Italja ........ 79
Kaxxa 28: South Tyrone Empowerment Programme li jintegra lill-migranti b'approċċ ibbażat fuq l-għoti tas-setgħa u d-drittijiet ........ 79
Kaxxa 29: Il-koordinazzjoni fil-livell reġjonali fil-Polonja ........ 92
Kaxxa 30: L-implikazzjonijiet tal-multifinanzjament u l-monofinanzjament fuq il-koordinazzjoni tal-fondi fil-livell lokali ........ 94
Kaxxa 31: Il-koordinazzjoni tal-Fondi tal-UE fit-Tiroll, l-Awstrija ........ 95
Kaxxa 32: Mappa għall-ippjanar tas-CLLD ........ 95
Kaxxa 33: L-ippjanar multisettorjali fl-Andalusija u l-pjattaforma ta' multifinanzjament fix-Xlokk ta' Cork ........ 96
Kaxxa 34: Il-koordinazzjoni bejn il-FLAGs u l-LAGs fil-Lvant tal-Almerja, Spanja ........ 99
Kaxxa 35: Il-ġestjoni tal-LAGs u tal-FLAGs permezz ta' korp uniku - Pays, Franza u l-Aġenziji tal-Iżvilupp Lokali fil-Greċja ........ 100
Kaxxa 36: Il-kumitati ta' koordinazzjoni teknika fil-wied ta' Jerte, Spanja ........ 101
Kaxxa 37: Approċċ ta' demarkazzjoni għall-istrateġiji kumplimentari użati mil-LAGs u l-FLAGs Taljani ........ 103
Kaxxa 38: Il-kooperazzjoni bejn il-FLAGs u l-LAGs fil-Lvant tal-Finlandja ........ 104
Kaxxa 39: Is-soluzzjonijiet finanzjarji adattati għas-CLLD fil-Polonja ........ 108
Kaxxa 40: Iċ-Ċentri ELY fil-Finlandja – amministrazzjoni effikaċi u separazzjoni tal-poteri mal-grupp ta' azzjoni lokali tas-sajd (FLAG) ........ 108

Kaxxa 41: Eżempji ta’ skemi tat-tip umbrella mill-Iskozja fir-Renju Unit, mill-Finlandja u mill-Isvezja ........................................................................................................................ 110
Kaxxa 42: It-tliet tipi ta’ għażliet ta’ spejjeż issimplifikati ....................................................... 113
Kaxxa 43: Staerken Vor Ort: L-użu ta’ somom f’daqqa sabiex jitħallsu l-ispejjeż operattivi..... 115

## Akronimi u abbrevjazzjonijiet ewlenin

| | |
|---|---|
| **CLLD** | żvilupp lokali mmexxi mill-komunità |
| **CPR** | Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni |
| **FAEŻR** | Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali |
| **FES** | Fond Ewropew għas-Sajd |
| **FEMS** | Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd |
| **ENRD** | Netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali |
| **FEŻR** | Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali |
| **FSE** | Fond Soċjali Ewropew |
| **Fondi ESI** | Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment (FAEŻR, FEMS, FEŻR, FSE u l-Fond ta' Koeżjoni) |
| **UE** | l-Unjoni Ewropea |
| **FARNET** | Netwerk Ewropew dwar iż-Żoni tas-Sajd |
| **FLAG** | Grupp ta' Azzjoni Lokali tas-Sajd |
| **IB** | korp intermedju |
| **ITI** | investiment territorjali integrat |
| **LAG** | grupp ta' azzjoni lokali |
| **LDS** | strateġija ta' żvilupp lokali |
| **LEADER** | Liaisons entre Actions de Développement de l'Economie Rurale |
| **MA** | awtorità maniġerjali |
| **SCO** | Għażliet ta' Spejjeż Simplifikati |

***Rikonoxximenti***

*Dan id-dokument tħejja mill-esperti fl-iżvilupp lokali Paul Soto u Peter Ramsden u ġie editjat mill-Kummissjoni Ewropea[1]. L-esperti li ħadu sehem fil-laqgħat tal-grupp fokus: Reiner Aster, Urszula Budzich-Szukała, Laura Collini-Tesserae, John Grieve u Katalin Kolosy taw il-kontribut tagħhom ukoll.*

*Din il-gwida hija maħsuba biex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità u biex tinkoraġġixxi prattika tajba. Mhijiex legalment vinkolanti la fuq l-entitajiet involuti fl-implimentazzjoni tal-Fondi ESI u lanqas fuq l-Istati Membri, iżda tipprovdi linji gwida u rakkomandazzjonijiet u tirrifletti l-aqwa prattika.*

*Hija mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni nazzjonali u għandha tinqara u tkun tista' tiġi adattata wara li jiġi kkunsidrat il-qafas legali nazzjonali.*

*Din il-gwida hija mingħajr preġudizzju għall-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali jew għad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni.*

[1] Id-Direttorati Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, għall-Impjiegi, għall-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u għall-Politika Reġjonali u Urbana. Minn hawn 'il quddiem "id-DĠ għall-Fondi ESI".

# Introduzzjoni

**L-għan tal-gwida**

Din il-gwida għall-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità (CLLD) inħarġet fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 sabiex tagħti lil dawk li huma direttament involuti fi gruppi ta' azzjoni lokali xi għodod u suġġerimenti prattiċi għall-implimentazzjoni tas-CLLD f'firxa ta' kuntesti.

Din il-gwida hija kumplimentari għall-"Gwida dwar l-Iżvilupp Lokali mmexxi mill-Komunità fil-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment "[2] maħruġa mid-Direttorati Ġenerali għall-Fondi ESI sabiex tgħin lill-awtoritajiet fl-Istati Membri joħolqu l-kundizzjonijiet għall-użu tas-CLLD b'mod effettiv fil-Ftehimiet ta' Sħubija tagħhom u biex ifassluh fil-programmi rispettivi tagħhom.

Din il-gwida għandha tkun rilevanti wkoll sabiex tipprovdi argumenti għall-bliet u l-organizzazzjonijiet soċjali li s-CLLD huwa għodda effettiva biex huma jkunu jistgħu jilħqu wħud mill-isfidi tagħhom u sabiex turi kif jistgħu jintużaw il-FSE u l-FEŻR.

Għall-sħubijiet eżistenti ta' LEADER u FARNET (in-Netwerk Ewropew dwar iż-Żoni tas-Sajd), il-gwida timmira li tgħinhom jiżviluppaw strateġiji aktar iffokati u ta' kwalità ogħla li għandhom orjentazzjoni ċara lejn ir-riżultati u li huma reattivi għall-kundizzjonijiet esterni dejjem jinbidlu. Il-gwida hija bbażata fuq il-qafas ġdid tar-riżultati sabiex jintlaħqu l-miri tal-Istrateġija Ewropa 2020. Il-gwida hija mmirata għal udjenza fil-mira ta' atturi u prattikanti lokali u, speċifikament, għal koordinaturi u presidenti ta' gruppi ta' azzjoni lokali. Madankollu, hija għandha tkun utli wkoll għall-awtoritajiet maniġerjali (MAs) u għal partijiet interessati oħrajn involuti fl-implimentazzjoni tas-CLLD li jkunu jeħtieġu aktar għarfien dwar uħud mill-kwistjonijiet ewlenin li jiffaċċjaw l-atturi fil-prattika. Hija intiża kemm għal sħubijiet ġodda fil-bliet u għall-inklużjoni soċjali, kif ukoll għal aktar minn 2600 sħubija eżistenti ta' LEADER u FARNET.

Il-Kapitolu 1 jagħti ħarsa lejn ir-raġunijiet għaliex huwa tajjeb li jsir CLLD f'sitwazzjoni li qiegħda tinbidel malajr, illi qegħdin jiffaċċjaw żoni lokali differenti fl-Ewropa.

Il-Kapitolu 2 jieħu lill-qarrej tul it-tmien passi meħtieġa sabiex jitwaqqaf is-CLLD bl-użu ta' spirali sabiex tintwera r-relazzjoni bejn dawn it-tlieta: l-istrateġija, is-sħubija u ż-żona.

Il-Kapitolu 3 huwa mmirat lejn is-sħubijiet eżistenti – b'mod partikolari l-2600 grupp ta' LEADER u FARNET bejn wieħed u ieħor. Huwa jesplora kif is-CLLD iwieġeb għall-isfidi ġodda. Dan il-kapitolu jibda mir-rikonoxximent li l-kundizzjonijiet lokali fil-bidu ta' dan il-perjodu ta' programmazzjoni huma drammatikament differenti meta mqabbla maż-żewġ perjodi preċedenti tal-programm. Minħabba l-kriżi, iż-żamma tal-istatus quo mhijiex għażla. Hemm ħtieġa għal mentalità ġdida, l-esplorazzjoni ta' approċċi ġodda, b'mod partikolari dwar kif jintuża s-CLLD għall-ħolqien tal-impjiegi u l-issodisfar ta' wħud mill-isfidi fuq perjodu ta' żmien qasir u twil li ġabet magħha l-kriżi.

---

[2] Ara: http://ec.europa.eu/regional_policy/information/guidelines/index_en.cfm#4

Il-Kapitolu 4 jeżamina għaliex u kif għandu jitwettaq is-CLLD fil-bliet fir-rigward tal-isfidi speċifiċi li qegħdin jiffaċċjaw: f'termini ta' strateġija, kif għandhom jiġu identifikati l-isfidi ewlenin fil-belt u l-użu tas-CLLD għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġija lokali għall-bidla; għall-isħubija, kif għandu jintuża s-CLLD sabiex jinbnew alleanzi effettivi f'kuntest urban u; għaż-żoni, kif għandhom jiġu definiti l-konfini effettivi għall-azzjoni fil-bliet.

Il-Kapitolu 5 iħares lejn għaliex u kif jitwettaq is-CLLD għall-inklużjoni soċjali. Huwa jpoġġi s-CLLD f'relazzjoni mal-innovazzjoni soċjali. Dan il-kapitolu jgħaddi biex jeżamina firxa ta' punti fokali għas-CLLD fl-inklużjoni soċjali u jesplora kif għandha tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-istrateġija, is-sħubija u ż-żona f'kuntest tal-inklużjoni soċjali. Il-kapitolu jesplora kif is-CLLD jista' jippromwovi l-inklużjoni soċjali u juri kif dan jista' jsir fil-prattika b'referenza għal varjetà ta' sfidi soċjali bħall-gruppi emarġinati, il-migranti u l-persuni bla dar, kif ukoll it-tixjiħ attiv u ż-żgħażagħ.

Il-Kapitolu 6 jesplora kif għandha ssir il-koordinazzjoni ma' fondi oħrajn u kif jistgħu jittejbu r-riżultati. Fil-kuntest tal-baġits pubbliċi li qegħdin isiru dejjem aktar stretti, huwa essenzjali li jittieħed il-massimu mill-inizjattivi eżistenti u li jiġi żgurat li dawn jiġu allinjati mal-ħtiġijiet lokali. Il-koordinazzjoni bejn l-inizjattivi lokali hija obbligatorja, iżda hemm ħafna modi u livelli kif din tista' tinkiseb - inkluż billi jsir użu sħiħ mill-finanzjament konġunt. B'mod aktar speċifiku, il-kapitolu jesplora: kif għandha tinbena sinerġija fit-tfassil tal-istrateġija u l-implimentazzjoni; kif is-sħubijiet jistgħu jingħaqdu flimkien mingħajr ma jwarrbu l-miri prinċipali tagħhom; kif għandhom jiġu definiti l-konfini lokali li huma l-aktar addattati għall-problemi differenti li qegħdin jiġu indirizzati.

Il-Kapitolu 7 jeżamina kif is-CLLD jista' jsir aktar sikur, veloċi u faċli. Hemm qbil komuni li l-piż amministrattiv sar tqil wisq u li dan jaffettwa sproporzjonalment lis-sħubijiet CLLD żgħar li joperaw fuq baġits limitati. Ir-rekwiżiti jistgħu jwasslu għal dewmien, nuqqas ta' flessibbiltà u spiss jiżvijaw lill-persunal 'il bogħod mill-kompitu prinċipali tagħhom li jinkoraġġixxu u jiżviluppaw proġetti tajbin. Ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri[3] dwar LEADER enfasizza li s-sħubijiet lokali għandhom responsabbiltà li jaġixxu b'mod ġust u trasparenti u li jikkontrollaw ir-riskji. Dan il-kapitolu jesplora kif għandu jintlaħaq bilanċ bejn is-sempliċità u r-riskju sabiex is-CLLD isir aktar faċli, veloċi u sikur għall-atturi kollha.

[3] http://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR10_05/SR10_05_EN.PDF

# Kapitolu 1. Għaliex l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità?

L-iżvilupp lokali mmexxi mill-Komunità huwa terminu użat mill-Kummissjoni Ewropea sabiex tiddeskrivi approċċ li jbiddel il-politika tradizzjonali tal-iżvilupp "minn fuq għal isfel" kompletament. Fis-CLLD, in-nies lokali jieħdu r-riedni f'idejhom u jifformaw sħubija lokali li tfassal u timplimenta strateġija ta' żvilupp integrata. L-istrateġija hija maħsuba biex tibni fuq il-vantaġġi jew l-"assi" soċjali, ambjentali u ekonomiċi tal-komunità aktar milli sempliċiment tikkumpensa għall-problemi tagħha. Għal dan il-għan, is-sħubija tirċievi finanzjament fit-tul, u għandha tkun hija li tiddeċiedi kif jintefaq.

Mhijiex kumbinazzjoni li l-applikazzjoni tal-prinċipji wara s-CLLD infirxet matul l-aħħar għoxrin sena, minn grupp żgħir ta' 200 proġett pilota ta' LEADER għal madwar 2600 sħubija (kemm LEADER kif ukoll l-Assi 4 tal-FES: il-Fond Ewropew għas-Sajd) li jkopru kważi kull rokna tal-Ewropa rurali u parti kbira mill-kosta. L-investiment pubbliku u privat totali appoġġjat minn dawn is-sħubijiet kiber ukoll, għal madwar EUR 8.6 biljuni fil-perjodu 2007-2013, u jappoġġja firxa vasta ta' proġetti primarjament żgħar, eluf ta' impriżi u impjiegi u titjib sinifikanti fis-servizzi lokali u fl-ambjent. Barra mill-Ewropa, il-Bank Dinji jappoġġja wkoll proġetti li jużaw metodoloġija simili ħafna "mmexxija" mill-komunità (CDD) f'94 pajjiż, b'investiment totali stmat li jiswa kważi 30 biljun dollaru[4].

Il-prinċipji tas-CLLD mhux biss ġew ikkonsolidati, iżda mmultiplikaw b'aktar minn għaxar darbiet fuq erba' perjodi ta' finanzjament konsekuttivi. Din l-esperjenza wriet meta u fejn l-approċċi tas-CLLD jaħdmu sewwa, u kif huma jistgħu jagħtu valur akbar lill-programmi reġjonali u nazzjonali. Hija esponiet ukoll il-limitazzjonijiet tas-CLLD u żvelat żoni fejn huwa aktar diffiċli li jinkisbu r-riżultati. F'dan il-kuntest, hemm opportunità kbira li l-approċċ tas-CLLD jiġi estiż għall-bliet, kif ukoll li dan jintuża sabiex jiġu żviluppati reazzjonijiet lokali għal uħud mill-aktar problemi soċjali u ambjentali urġenti li qegħdin jiffaċċjaw iċ-ċittadini Ewropej illum. Barra minn hekk, hemm kamp ta' applikazzjoni konsiderevoli għaż-żieda tal-impatt tas-CLLD fuq il-ħajja tan-nies permezz tal-koordinazzjoni ta' erba' flussi ta' finanzjament ewlenin tal-UE.

Hawnhekk ser jingħataw tmien raġunijiet għall-użu tas-CLLD.

1. **Is-CLLD jagħti s-setgħa lin-nies li qegħdin jesperjenzaw ħtieġa jew sfida.** L-istrateġiji jitfasslu u l-proġetti jintgħażlu mill-entitajiet lokali. Din hija l-aktar karatteristika distintiva tas-CLLD u l-akbar vantaġġ tiegħu. Meta mqabbla ma' approċċi lokali klassiċi oħrajn, in-nies li qabel kienu l-"benefiċjarji" passivi ta' politika issa saru msieħba attivi u xprunaturi tal-iżvilupp tagħha. L-involviment tan-nies fil-"koproduzzjoni" tal-politika ta' żvilupp iġib miegħu serje ta' benefiċċji importanti:

    - In-nies li kienu jitqiesu bħala l-problema jingħataw is-setgħa sabiex ikunu parti mis-soluzzjoni.
    - L-esperjenza diretta tagħhom - flimkien mal-fehmiet ta' partijiet interessati oħrajn - tista' tgħin sabiex il-politiki jiġu adattati ferm aħjar għall-ħtiġijiet u l-opportunitajiet reali.
    - L-involviment tagħhom fil-proċess iżid il-kapaċità tagħhom li jaġixxu u jieħdu inizjattivi kostruttivi.

---

[4] Susan Won, What have been the impacts of the World Bank Community Driven Development Programs? Id-Dipartiment tal-Iżvilupp Soċjali tal-Bank Dinji. In-Netwerk tal-Iżvilupp Sostenibbli. Mejju 2012.

- Dan imbagħad iwassal għal sens ta’ identità u kburija lokali, kif ukoll għal sentiment ta’ appartenenza u responsabbiltà għall-attivitajiet.
- Il-parteċipazzjoni madwar il-mejda b’mod ugwali ma’ msieħba oħrajn tibni pontijiet u fiduċja bejn in-nies, l-impriżi privati, l-istituzzjonijiet pubbliċi u gruppi ta’ interess settorjali.

Dawn l-eżiti umani u soċjali intanġibbli jistabbilixxu bażi għar-realizzazzjoni ta’ riżultati materjali aktar konkreti. Fil-preżent, l-istituzzjonijiet pubbliċi kollha fl-Ewropa għandhom ħtieġa urġenti li jsibu modi kif jibnu l-fiduċja u l-impenn tan-nies lokali.

2. **L-istrateġiji tas-CLLD jistgħu jwieġbu għad-diversità u l-kumplessità li dejjem jikbru.** Din id-diversità ta’ spiss tiġi deskritta bħala pedament tal-mudell soċjali Ewropew, iżda l-isfida hija li jinstabu modi kif din tiġi kkonservata u ttrasformata f’vantaġġ aktar milli f’piż. F’ċerti oqsma, id-differenzi bejn il-pajjiżi u r-reġjuni qegħdin jikbru u qiegħed isir dejjem aktar diffiċli li dawn jiġu ttrattati permezz ta’ politiki standard imnissla minn fuq – anki jekk dawn jiġu pprovduti minn uffiċċju lokali. Biex nieħdu biss eżempju wieħed, ir-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ issa jvarjaw minn 7,5% fil-Ġermanja għal 56% fi Spanja u 62,5% fil-Greċja[5]. Id-differenzi bejn id-distretti, il-bliet u r-reġjuni fl-istess pajjiż jistgħu jkunu vasti wkoll, għalhekk, l-istrateġiji li jittrattaw il-qgħad fost iż-żgħażagħ għandhom jieħdu inkonsiderazzjoni d-differenzi fil-mod kif l-ekonomija u s-suq tax-xogħol jiffunzjonaw f’kull qasam. Minħabba li l-istrateġiji tas-CLLD huma mfassla, u l-proġetti huma magħżula, minn nies lokali, is-soluzzjonijiet jistgħu jitfasslu għall-ħtiġijiet lokali u s-sħubijiet jistgħu jiġu xprunati mill-enerġiji tal-partijiet interessati lokali, inklużi żgħażagħ.

3. **L-istrateġiji tas-CLLD jistgħu jkunu aktar flessibbli minn approċċi oħrajn.** Xi awtoritajiet pubbliċi huma mħassba li d-delegazzjoni ta’ ċerti deċiżjonijiet lil sħubijiet lokali tista’ tagħmel it-twettiq tas-CLLD kumpless wisq. Madankollu, is-CLLD ġie magħmul aktar sempliċi u versatili billi jippermetti li jiġi pprogrammat taħt “objettiv tematiku” wieħed, filwaqt li fl-istess ħin jippermetti li jintuża sabiex tintlaħaq waħda mill-miri ekonomiċi, soċjali u ambjentali, jew kollha kemm huma, tal-Istrateġija Ewropa 2020[6]. Bl-istess mod, l-attivitajiet appoġġjati fis-CLLD ma għandhomx ikunu marbuta mal-miżuri standard deskritti fil-programmi, sakemm dawn ikunu konsistenti mal-għanijiet globali tagħhom. Mhuwiex meħtieġ li jiġu stabbiliti linji ta’ demarkazzjoni stretti bejn il-fondi, sakemm ikun hemm sistemi fis-seħħ li jiżguraw li l-benefiċjarji ma jitolbux rimborż għall-istess nefqa minn sorsi differenti tal-UE.

4. **Il-kamp ta’ applikazzjoni tas-CLLD twessa’** sabiex jippermetti lill-istrateġiji lokali jiffokaw fuq sfidi bħall-inklużjoni soċjali, it-tibdil fil-klima, is-segregazzjoni tar-Roma u ta’ gruppi żvantaġġjati oħrajn, il-qgħad fost iż-żgħażagħ, il-privazzjoni urbana, il-konnessjonijiet urbani-rurali u l-bqija. Għalkemm l-approċċ tas-CLLD oriġinarjament kien żviluppat f’żoni rurali permezz tal-appoġġ mill-FAEŻR (il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali) u mbagħad ġie applikat fiż-żoni kostali u tas-sajd b’finanzjament mill-FES, issa hemm opportunità li dan jiġi estiż għal oqsma li normalment jiġu indirizzati mill-FSE (il-Fond Soċjali Ewropew) u mill-FEŻR (il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali). Dan ser ikun ifisser adattamenti fil-mod ta' kif jitfasslu l-istrateġiji, is-sħubijiet u ż-żoni. Dawn huma ttrattati fil-kapitoli 3 u 4 ta’ din il-gwida.

[5] Stqarrija tal-Aħbarijiet tal-Eurostat dwar il-Qgħad fost iż-Żgħażagħ. Il-31 ta’ Mejju 2013. Figuri għal April 2013

[6] Hemm 11-il “objettiv tematiku” ekonomiku, soċjali u ambjentali fir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni, li jsarraf il-miri ġenerali tal-istrateġija Ewropa 2020 f’serje ta’ għanijiet u prijoritajiet speċifiċi għall-“Fondi Ewropej Strutturali u ta’ Investiment”.

5. **Is-CLLD jibni fuq ir-rabtiet bejn is-setturi u l-atturi b'modi li jħallu effett ta' multiplikaturi fuq l-iżvilupp lokali u fuq il-programmi formali**. L-istrateġiji tas-CLLD ma għandhomx jitqiesu bħala gżejjer separati minn programmi oħrajn. Għall-kuntrarju, huma wkoll għodod intiżi biex itejbu r-riżultati tal-programmi ta' żvilupp rurali, reġjonali u nazzjonali u tal-istrateġiji ta' żvilupp urban sostenibbli ffinanzjati taħt l-Artikolu 7 tar-Regolament FEŻR. Bħala tali, huma jistgħu jifformaw parti minn jew jaħdmu flimkien ma' għodod oħrajn, inklużi l-Investimenti Territorjali Integrati (ITI).

   Madankollu, l-istrateġiji tas-CLLD spiss joħorġu minn kwistjonijiet u problemi speċifiċi ta' tħassib għal komunità lokali – bħat-tnaqqis ta' industriji tradizzjonali bħas-sajd u l-biedja, iż-żgħażagħ diżinteressati, it-tibdil fil-klima, jew akkomodazzjoni u servizzi ta' kwalità baxxa. Il-vantaġġ tas-CLLD huwa li jippermetti l-kunsiderazzjoni u l-indirizzar ta' kwistjoni waħda jew ta' diversi kwistjonijiet fil-kuntest lokali tiegħu, kif ukoll il-mobilizzazzjoni tal-politiki u tal-atturi rilevanti kollha. Dan jista' jneħħi diversi tipi ta' konfini jew ostakoli għall-iżvilupp lokali, anke:

   - Bejn dipartimenti, muniċipalitajiet u amministrazzjonijiet pubbliċi lokali differenti;
   - Bejn organizzazzjonijiet pubbliċi, privati u tas-soċjetà ċivili lokali;
   - Bejn istituzzjonijiet lokali u ta' livell ogħla bħal universitajiet u gvernijiet reġjonali u nazzjonali;
   - Bejn oqsma problematiċi u oqsma ta' opportunità. Għalkemm is-CLLD ipoġġi lin-nies li jiffaċċjaw l-isfida fit-tmun, huwa ma jistenniex minnhom li jsolvu kollox weħidhom. Is-CLLD jgħinhom jibnu pontijiet u jinnegozjaw ma' dawk li għandhom aktar kapaċità li jagħmlu dan.

6. **Is-CLLD huwa dwar l-innovazzjoni u l-kisba tar-riżultati li jġibu bidla dejjiema.** L-ewwel pass ġeneralment jinvolvi l-bini tal-kapaċità u r-riżorsi tal-komunitajiet lokali sabiex jieħdu l-inizjattiva. Is-CLLD jista' jintuża wkoll biex ikopri wħud mill-investimenti fuq skala żgħira fl-infrastruttura, li huma prekundizzjonijiet għall-innovazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri. Iżda dawn ġeneralment ikunu mezzi biex jintlaħaq għan. L-approċċ parteċipattiv b'diversi partijiet interessati tas-CLLD iwassal għal "domanda" differenti jew għal mod "immexxi mill-ħtiġijiet" ta' kif wieħed iħares lejn l-isfidi, li jgħaqqad l-esperjenza tal-utenti mal-għarfien aktar speċjalizzat ta' tipi differenti ta' fornituri. Is-CLLD jista' jmur lil hinn mis-"suspettati tas-soltu" sabiex jiġġenera ideat ġodda u jiffinanzja l-proġetti "żerriegħa" u proġetti pilota żgħar li huma meħtieġa għall-ittestjar ta' dawn fil-prattika. Meta jirnexxu, dawn il-proġetti jistgħu jrendu wkoll aktar fondi pubbliċi u privati prinċipali.

7. **Il-parteċipazzjoni fis-CLLD tiftaħ l-aċċess għal netwerk Ewropew kbir u li qiegħed ikompli jikber u għal pakkett ta' esperjenza.** Matul l-aħħar 20 sena, is-sħubijiet eżistenti ta' LEADER u FARNET, kif ukoll ħafna netwerks reġjonali, nazzjonali u tal-UE, żviluppaw għadd sinifikanti ta' metodi, gwidi, settijiet ta' strumenti u studji ta' każijiet, li jistgħu jkunu ta' għajnuna kbira għal sħubijiet ġodda. Kif issemma diġà, organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Bank Dinji għandhom ukoll esperjenza twila u żviluppaw ħafna manwali metodoloġiċi siewja. F'din il-gwida sejrin nipprovdu links għal ħafna minn dawn l-għodod u r-riżorsi, li jirrappreżentaw sors "ħaj" ta' għarfien. Is-sħubijiet ġodda f'oqsma u żoni ġodda ser iġibu magħhom ukoll intuwizzjonijiet u ideat ġodda u huwa għalhekk li l-Kummissjoni tirrakkomanda t-tisħiħ u s-simplifikazzjoni tal-miżuri importanti li huma intiżi biex jappoġġjaw il-kooperazzjoni u n-netwerking fost il-prattikanti tas-CLLD.

8. **Is-CLLD huwa għodda finanzjarjament attraenti għat-twettiq tal-iżvilupp lokali**. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-iżvilupp lokali huwa proċess fit-tul, li normalment idum għal diversi perjodi ta' finanzjament, u hija tirrakkomanda impenn finanzjarju daqstant ieħor fit-tul għall-bini tal-kapaċità u l-assi tal-komunità. Għalhekk, is-sħubijiet lokali ma jitqisux bħala proġetti ta' darba li sempliċiment jiġu xolti fi tmiem perjodu ta' finanzjament, iżda jitqiesu bħala parti minn proċess sabiex il-komunitajiet jitpoġġew fi triq aktar sostenibbli. Bl-istess mod, il-Kummissjoni tqis li l-baġits lokali għas-CLLD jeħtieġ li jkollhom "massa kritika" partikolari sabiex ikunu jistgħu jagħmlu differenza, b'baġits li normalment ma jkunux iżgħar minn madwar EUR 3 miljun għal seba' snin f'termini tal-impenn tal-finanzjament pubbliku totali għal kwalunkwe perjodu ta' finanzjament. Madankollu, dan jista' jkun u jista' jagħti l-każ li f'żoni urbani u f'żoni oħra b'popolazzjoni aktar densa jkun akbar.

   Ta' min jinnota wkoll li, fir-rigward tal-FEŻR, il-FSE u l-FEMS, jekk l-Istati Membri jiddedikaw assi prijoritarju sħiħ jew prijorità tal-unjoni għas-CLLD fi ħdan il-programmi tagħhom, ir-rata ta' kofinanzjament tal-UE tista' tiżdied. Dan ifisser li l-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu inqas finanzjament nazzjonali meta mqabbel mal-appoġġ standard.

# Kapitolu 2. Kif jista' s-CLLD jitnieda fi tmien passi bażiċi?

Il-mudell attwali tas-CLLD ilu jiġi pprattikat għal aktar minn 20 sena minn LEADER fiż-żoni rurali u għal 3-5 snin mill-Assi 4 tal-FES fiż-żoni kostali u tas-sajd. Il-programmi li fihom elementi ta' CLLD għandhom ukoll storja twila fil-bliet appoġġjati mill-FEŻR (permezz tal-programmi ta' Inizjattiva Komunitarja URBAN u URBACT) u fl-indirizzar tal-inklużjoni soċjali permezz tal-FSE (EQUAL, Inizjattivi ta' Impjieg Lokali u l-Ftehimiet dwar l-Impjiegi Territorjali). B'riżultat ta' dan, ġew prodotti serje ta' gwidi u manwali sabiex jgħinu lis-sħubijiet lokali permezz tal-ewwel passi kritiċi tat-tnedija ta' proċess ta' CLLD. Dawn jinkludu s-sett ta' strumenti online ta' LEADER[7], il-Gwida ta' inizjazzjoni ta' FARNET[8] kif ukoll is-sett ta' strumenti tal-Grupp ta' Appoġġ Lokali ta' URBACT[9]. Ir-referenzi għal dawn sejrin isiru tul it-test, filwaqt li tiġi evitata r-ripetizzjoni tal-kontenut tagħhom, li huwa importanti minnu nnifsu.

Iż-żmien u r-riżorsi meħtieġa għat-tnedija ta' strateġija u sħubija tas-CLLD jiddependu ħafna fuq il-kuntest lokali u l-esperjenza u l-kapaċità tal-atturi u l-organizzazzjonijiet lokali. Iżda anki f'komunitajiet ta' esperjenza, iċ-ċiklu kollu ġeneralment jieħu bejn sitt xhur sa sena biex jitwettaq kif suppost. Il-proċess huwa kumpless, iżda dan huwa dovut l-aktar minħabba li l-komunitajiet lokali nfushom huma differenti u kumplessi ħafna, aktar milli għaliex dan l-approċċ huwa aktar ikkomplikat minn oħrajn. Il-fażi preparatorja tista' tikxef ħafna ideat, riżorsi u opportunitajiet moħbija u hija kritika sabiex jinkiseb is-suċċess fil-ġejjieni. F'dan il-kuntest, l-appoġġ offrut fir-regolament il-ġdid għall-fażi preparatorja jista' jkollu rwol importanti sabiex jiġi żgurat is-suċċess fl-istadji aktar tard.

It-tnedija ta' proċess tas-CLLD tista' tiġi kkategorizzata f'serje ta' passi jew ċikli iterattivi għat-tfassil u t-tiswir ta' tliet komponenti bażiċi – l-istrateġija, is-sħubija u ż-żona. Xi drabi dawn issir referenza għalihom bħala t-"trinità" tas-CLLD u l-mod kif jiġu analizzati u kif jinteraġixxu jifforma l-bażi tal-"bidla fundamentali" minn isfel għal fuq, li hija l-bażi tas-CLLD. Dawn il-passi bażiċi[10] jistgħu jiġu deskritti bħala spirali, kif muri fid- Dijagramma spirali tas-sħubijiet taż-żona u tat-"trinità" strateġika tas-CLLD matul iż-żmien.

---

[7] Is-sett ta' strumenti ta' LEADER. http://enrd.ec.europa.eu/leader/leader/leader-tool-kit/en/index_en.cfm

[8] Il-Gwida 1 ta' FARNET. Żvilupp ibbażat skont iż-Żona fiż-Żoni tas-Sajd tal-UE. Gwida biex jingħata bidu lil Grupp ta' Azzjoni Lokali tas-Sajd u l-Passi għas-suċċess.. https://webgate.ec.europa.eu/fpfis/cms/farnet/sites/default/files/documents/FARNET%20Start-up%20Guide%20EN.pdf

[9] Is-sett ta' strumenti tal-Grupp ta' Appoġġ Lokali ta' URBACT. Ġunju 2013. http://urbact.eu/fileadmin/general_library/URBACT_Toolkit_online_4.pdf

[10] Dawn il-passi ovvjament jistgħu jiġu kkategorizzati u miġbura b'modi differenti sabiex jadattaw għal sitwazzjonijiet differenti.

Figura 1: Dijagramma spirali tas-sħubija taż-żona u tat-"trinità" strateġika tas-CLLD matul iż-żmien.



## 1. Iddeċiedi xi trid tbiddel (Strateġija)

Is-CLLD ibiddel l-approċċi konvenzjonali tal-iżvilupp minn fuq għal isfel kompletament billi jibda bil-viżjoni ta' fejn l-atturi lokali jixtiequ jkunu fil-ġejjieni u x'jaħsbu li jista' jinbidel sabiex jaslu hemmhekk. L-ewwel pass għandu jkun li jiġu mwieġba l-ħtiġijiet lokali u l-finanzjament jitqies bħala mezz kif jista' jintlaħaq dan l-għan.

It-tiswir ta' qbil ċar fuq "dak li trid tbiddel" huwa l-ewwel u l-aktar pass importanti fit-tfassil tal-istrateġija u ma għandux isir b'ħafna għaġġla. Hemm firxa wiesgħa ta' tekniki parteċipattivi li jistgħu jgħinu sabiex jintlaħaq dan il-għan (ara t-taqsimiet dwar l-istrateġija fil-kapitoli 3, 4, 5 u 6).

B'kuntrast ma' dan, l-iżvilupp lokali konvenzjonali ta' spiss ikun immexxi minn finanzjament. Il-korpi lokali japplikaw għal finanzjament fuq il-bażi tad-devjazzjoni tagħhom mill-medja nazzjonali f'termini ta' ċerti indikaturi identifikati. F'dan ix-xenarju, l-aġenziji lokali huma sempliċiment l-aħħar ħolqa fil-katina tat-twassil tal-fondi u s-servizzi.

## 2. Il-bini tal-fiduċja u ta' alleanzi ma' nies li jistgħu jgħinu biex issir il-bidla (is-Sħubija)

Dan il-pass normalment iseħħ b'mod parallel mad-deċiżjoni fuq dak li l-komunità trid tbiddel. Dan jirrikjedi kuntatt wiċċ imb'wiċċ u biżżejjed żmien sabiex jinkixfu l-preokkupazzjonijiet ewlenin, l-aġendi moħbija u l-antagoniżmi storiċi li għandhom għeruq b'saħħithom fil-maġġoranza tal-komunitajiet. Dan jista' jkun megħjun mill-użu ta' għodod formali bħal "analiżi tal-partijiet interessati", li tidentifika l-partijiet interessati differenti skont serje ta' karatteristiċi, bħal-livell ta' interess tagħhom u l-kapaċità li jinfluwenzaw ir-riżultati[11]. Id-diskussjonijiet individwali u fi grupp jistgħu jgħinu sabiex jiġu ċċarati l-miri komuni aktar fit-tul, kif ukoll l-attivitajiet fuq perjodu iqsar li jistgħu jiksbu rebħiet malajr u jibnu l-appoġġ. Huma jistgħu jgħinu wkoll sabiex jiċċaraw min huwa tajjeb għal xiex u l-livell ta' impenn meħtieġ għall-ħolqien ta' sħubija formali.

Qabel ma wieħed jintefa' b'ruħu u ġismu biex joħloq struttura ta' sħubija formali, huwa utli li tinbena l-fiduċja u tiġi żviluppata l-esperjenza ta' ħidma flimkien permezz ta' grupp ta' ħidma informali, li jista' jissorvelja l-istadji li ġejjin (ara t-taqsimiet dwar is-sħubija fil-kapitoli 3, 4, 5 u 6).

## 3. Iddefinixxi l-fruntieri taż-żona tiegħek (Żona)

Hawnhekk, għal darba oħra, is-CLLD huwa differenti mill-approċċi tradizzjonali minn fuq għal isfel, fis-sens li ż-żoni mmirati ma għandhomx bżonn isegwu konfini amministrattivi definiti minn qabel. Madankollu, l-awtoritajiet reġjonali u nazzjonali għandhom jindikaw it-tipi ta' żoni li sejrin ikunu jew ma jkunux eliġibbli u jipprovdu kriterji ċari għall-għażla tagħhom. F'dawn l-oqfsa wesgħin, l-atturi lokali jridu jiddeċiedu fuq l-aktar konfini xierqa sabiex jilħqu l-miri tagħhom.

---

[11] Is-sett ta' strumenti tal-Grupp ta' Appoġġ Lokali ta' URBACT. http://urbact.eu/fileadmin/general_library/URBACT_Toolkit_online_4.pdf

Dan ifisser li għandu jiġi żgurat, l-ewwelnett, li ż-żona tkun kbira biżżejjed u li jkollha "massa kritika" sufficjenti sabiex tkun tista' tilħaq il-miri tagħha u, it-tieni, li ma tkunx kbira wisq li tispiċċa tirriskja li l-komunità titlef il-kontroll. Fl-aħħarnett, hija għandha tkun "koerenti" f'termini fiżiċi, soċjali u/jew ekonomiċi, kif ukoll f'termini tal-għanijiet tal-istrateġija.

Madankollu, il-fruntieri fiżiċi maħluqa mil-linji tal-kosti, mill-wiċċ tal-ilma ta' taħt l-art jew mill-meded ta' muntanji mhux neċessarjament jikkoinċidu mal-postijiet tal-gruppi ekonomiċi ta' attività, bħas-sajd jew il-biedja, jew maż-żoni funzjonali abbażi tal-ivvjaġġar għax-xogħol jew l-użu ta' servizzi bażiċi. Bl-istess mod, il-fruntieri storiċi bejn il-muniċipalitajiet f'żoni urbani densi jew fuq il-periferija urbana jistgħu jservu ta' ostakolu għal azzjoni effettiva. Ħafna żoni huma kkonfrontati bi problemi li jirrigwardjaw il-qsim tal-konfini amministrattivi lokali, reġjonali jew nazzjonali.

Din hija r-raġuni għaliex proġetti lokali differenti sikwit joperaw fuq territorji kemmxejn differenti. Bażikament, huwa f'idejn l-atturi lokali li jieħdu kont ta' dawn il-fatturi u li jilħqu kompromess realistiku dwar il-fruntieri taż-żona ta' intervent, li tipprovdi l-aqwa opportunitajiet sabiex ikunu jistgħu jintleħqu l-għanijiet tal-istrateġija tagħhom (ara t-taqsimiet dwar iż-żoni fil-kapitoli 3, 4, 5 u 6).

## 4. Il-preparazzjoni ta' strateġija lokali għall-bidla abbażi tal-involviment u tal-ħtiġijiet tan-nies lokali (Strateġija)

Ladarba jkun hemm qbil wiesa' fuq dak li l-komunità trid tbiddel, dwar min jista' jgħin sabiex jintlaħaq dan l-għan u l-qasam wiesa' ta' intervent, imbagħad ikun possibbli li jkomplu jiġu analizzati d-dettalji ta' kif jista' jinkiseb dan billi titħejja l-istrateġija lokali. Dan jirrikjedi evidenza u fatti oġġettivi dwar il-punti ta' saħħa, id-dgħufijiet, l-opportunitajiet u t-theddidiet li tiffaċċja ż-żona, kif ukoll l-involviment sħiħ tal-komunità, sabiex b'hekk ikunu jistgħu jifhmu kif dawn il-fatturi għandhom impatt fuq il-ħtiġijiet prinċipali tagħhom u kif jistgħu jiġu indirizzati.

L-istrateġija ta' żvilupp lokali ssir il-pjan direzzjonali tal-implimentazzjoni tas-CLLD u s-sħubijiet normalment jagħżlu u jappoġġjaw il-proġetti skont il-kontribut illi jagħmlu għall-miri tal-istrateġija. Sabiex tappoġġja t-tħejjija ta' strateġiji ta' kwalità għolja, il-Kummissjoni inkludiet lista tal-komponenti ewlenin li għandhom jinkludu u saħħet għadd ta' prinċipji ewlenin tas-CLLD. Dawn huma deskritti u spjegati permezz ta' eżempji fil-kapitolu 5 (ara wkoll it-taqsimiet dwar l-istrateġiji fil-kapitoli 3, 4, 5 u 6).

## 5. Il-qbil dwar struttura ta' sħubija u l-kjarifikazzjoni ta' min jagħmel xiex (Sħubija)

Il-komunitajiet lokali għandhom livelli differenti ta' kapaċità, storja ta' ħidma flimkien u/jew ta' kunflitt u kulturi istituzzjonali differenti ħafna. Minħabba f'hekk, l-esperjenza wriet illi huwa vitali li s-sħubija titfassal b'tali mod li tkun addattata għar-realtajiet tal-kuntest lokali. Madankollu, hemm żewġ mudelli wesgħin. Fl-ewwel wieħed, tinħoloq entità legali kompletament ġdida li tlaqqa' lill-imsieħba lokali flimkien. Din tista' tieħu diversi forom, skont il-kuntest (għalkemm il-biċċa l-kbira tagħhom ikunu assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ). Tkun xi tkun il-forma legali li tiġi adottata, jeħtieġ li l-entità tkun tirrappreżenta b'mod wiesa' l-partijiet interessati lokali kkonċernati mill-istrateġija, li tkun waħda miftuħa, trasparenti u responsabbli, kemm għan-nies lokali kif ukoll għall-finanzjaturi tagħha. Il-bilanċ eżatt tal-imsieħba involuti u s-setgħa tagħhom fit-teħid tad-deċiżjonijiet jiddependi fuq iċ-ċirkostanzi

lokali, iżda kif intqal diġà qabel, karatteristika ewlenija tas-CLLD hija li s-sħubijiet ma għandhomx jiġu ddominati minn xi grupp wieħed ta' interess pubbliku jew privat.

It-tieni mudell jista' jintuża meta ma jkun hemm l-ebda ħtieġa jew xewqa li tinħoloq struttura addizzjonali u/jew meta jkun evidentement vantaġġjuż li tibbaża fuq il-kapaċità amministrattiva ta' msieħeb ta' esperjenza. F'dan il-każ, l-imsieħeb ta' esperjenza jista' jsir il-"korp responsabbli" għal finijiet legali u amministrattivi, filwaqt li l-imsieħba l-oħrajn jifformaw xi tip ta' kumitat tal-għażla jew tat-teħid tad-deċiżjonijiet għall-proġetti. Madankollu, għandhom japplikaw l-istess prinċipji ta' rappreżentattività, aċċettazzjoni, responsabbiltà u trasparenza speċifikati fl-ewwel mudell.

Sabiex jiġi żgurat li l-istrateġiji ta' kwalità għolja effettivament jiġu implimentati minn sħubijiet parteċipattivi u effiċjenti, il-Kummissjoni pprovdiet ukoll lista tal-kompiti ewlenin li għandhom iwettqu. Dawn se jiġu spjegati wkoll f'aktar dettall bl-għajnuna ta' eżempji fil-kapitolu 5. Jeħtieġ li kull sħubija tikkunsidra jekk għandhiex il-ħiliet u l-esperjenza fiż-żona sabiex tkun tista' twettaq dawn il-funzjonijiet jew jekk għandhiex bżonn iġġib għajnuna minn barra.

Iż-żewġ mudelli deskritti hawn fuq jistgħu jintużaw sabiex jikkoordinaw aktar minn fluss ta' finanzjament wieħed. Dan se jiġi spjegat fil-kapitolu 6 (ara wkoll it-taqsimiet dwar is-sħubijiet fil-kapitoli 3, 4, 5 u 6).

## 6. L-aġġustament tal-konfini (Żona)

Fil-proċess tat-tħejjija tal-istrateġija tal-iżvilupp lokali u l-bini tas-sħubija, ser ikun evidenti li ċerti kwistjonijiet jistgħu jiġu indirizzati aħjar bl-inklużjoni ta' partijiet oħrajn tat-territorju. Pereżempju, żona rurali jista' jkollha bżonn tieħu inkunsiderazzjoni belt b'suq lokali, filwaqt li distrett urban fil-bżonn jista' jkollu bżonn jikkunsidra l-konnessjonijiet ma' żoni li jipprovdu impjiegi u servizzi lokali. Bl-istess mod, alleat potenzjalment utli fis-sħubija jista' jsib ruħu barra l-konfini oriġinali. Jista' jkun possibbli wkoll li tittejjeb is-sinerġija bejn l-inizjattivi lokali ffinanzjati minn fondi differenti tal-UE permezz ta' allinjament tal-konfini tagħhom. Fl-aħħarnett, il-kriterji reġjonali jew nazzjonali għall-għażla taż-żoni għas-CLLD jistgħu jkunu jeħtieġu xi aġġustament fid-definizzjoni taż-żona.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, il-konfini eżatti tal-intervent għandhom jitqiesu bħala xi ħaġa fluwida li jistgħu jiġu adattati sabiex jissodisfaw iċ-ċirkostanzi dejjem jinbidlu. Fil-fatt, is-CLLD joffri lis-sħubijiet lokali firxa ta' alternattivi għall-indirizzar tal-problemi fi skali differenti. Pereżempju, kull waħda mis-sħubijiet lokali kontigwi tista' tiffoka individwalment fuq l-azzjonijiet iffinanzjati minn fond wieħed partikolari iżda mbagħad tuża l-miżuri għall-kooperazzjoni jew għall-parteċipazzjoni b'mod konġunt f'fond ieħor għall-problemi solvuti bl-aħjar mod f'livell transkonfinali differenti. Is-CLLD jipprovdi menu flessibbli sabiex jiżgura li l-konfini jkunu jaqblu mal-ħtiġijiet lokali li qegħdin jevolvu aktar milli jiġu ffissati f'punt speċifiku fiż-żmien.

Madankollu, fil-każijiet kollha, it-tkabbir taż-żona jeħtieġ li jiġi ttrattat b'attenzjoni. Il-biċċa l-kbira tal-pressjonijiet se jwasslu biex iż-żoni jsiru akbar, iżda dan ma għandux ikun għad-detriment li jintilef is-sens ta' identità lokali u l-involviment tal-komunità reali (ara t-taqsimiet dwar iż-żoni fil-kapitoli 3, 4, 5 u 6).

## 7. Il-preparazzjoni ta' pjan ta' azzjoni u l-applikazzjoni għal finanzjament (Strateġija)

Ladarba s-sħubija tkun qablet dwar dak li trid tbiddel u stabbilixxiet "loġika ta' intervent" ċara li turi kif tista' titkejjel din il-bidla u liema tipi ta' azzjoni jistgħu jwasslu għas-suċċess, jeħtieġ li hija ssarraf dawn l-intenzjonijiet wesgħin fi pjan ta' azzjoni realistiku u f'applikazzjoni għal finanzjament. Jeżistu ħafna gwidi ddettaljati dwar kif għandu jiġi kkompletat dan l-istadju[12].

F'dan l-istadju, l-applikanti kollha jiġu ffaċċjati bl-isfida li jipprovdu biżżejjed dettalji sabiex jagħmlu l-pjan kredibbli, filwaqt li fl-istess ħin iżommu l-flessibbiltà li jwieġbu għal ċirkostanzi mhux previsti. L-Istati Membri, ir-reġjuni u s-sħubijiet lokali jittrattaw din l-isfida b'modi differenti. Madankollu, huwa importanti li jintwera li l-kalendarju, u r-riżorsi umani u finanzjarji ddedikati għat-tipi ta' attività prinċipali, jikkorrespondu għall-ħtiġijiet identifikati qabel u li għandhom ċans raġonevoli li jiksbu l-bidla mixtieqa. Bl-istess mod, jeħtieġ li s-sħubija turi li hija għandha l-ħiliet, is-sistemi u l-proċeduri fis-seħħ sabiex tiżgura li l-pjan ikun jista' jiġi implimentat b'mod effettiv u trasparenti (ara t-taqsimiet dwar l-istrateġija fil-kapitoli 3, 4, 5 u 6).

## 8. L-istabbiliment ta' sistema għar-reviżjoni, l-evalwazzjoni u t-tiġdid perjodiċi tal-istrateġija

Billi t-tħejjija tal-aħħar sessjoni ta' strateġiji tal-iżvilupp lokali bdiet fl-2007, is-sitwazzjoni li qegħdin jiffaċċjaw is-sħubijiet lokali f'ħafna pajjiżi ntlaqtet ħażin ħafna mill-kriżi ekonomika. Iżda anki fi żminijiet ta' stabbiltà relattiva, is-sħubijiet jeħtieġu mekkaniżmi li jkejlu l-firxa safejn huma qegħdin jiksbu r-riżultati mistennija minnhom u jitgħallmu mill-iżbalji u s-suċċessi tal-passat. Fir-reviżjoni tagħha ta' LEADER, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri sostniet li kien meħtieġ li l-monitoraġġ, l-awtovalutazzjoni u l-evalwazzjoni esterna tal-istrateġiji tal-iżvilupp lokali jiġu mtejba u inkorporati fl-attivitajiet regolari bħala parti minn ċiklu ta' tagħlim bil-prattika.

Filwaqt li dan huwa qasam li għadu jeħtieġ aktar żvilupp, hemm serje ta' gwidi u sett ta' strumenti utli dwar kif jista' jsir dan mingħajr ma niġu mgħaddsa f'kotra ta' ħoloq ta' dejta irrilevanti (ara wkoll it-taqsimiet dwar l-istrateġija fil-kapitoli 3, 4, 5 u 6).

Huma meħtieġa ż-żmien u l-isforzi sabiex dawn it-tmien passi jitwettqu kif suppost. Madankollu, il-Kummissjoni saħħet l-appoġġ preparatorju bil-għan li tkopri dan (ara l-kapitolu 5.3 Taqsima dwar l-appoġġ preparatorju). U anki meta diġà jkunu għamlu dan qabel, in-nies lokali ġeneralment japprezzaw u jgawdu l-proċess tat-tiswir ta' pjan direzzjonali komuni għall-ġejjieni.

---

[12] ara pereżempju: LEADER http://enrd.ec.europa.eu/leader/en/leader_en.cfm
FARNET https://webgate.ec.europa.eu/fpfis/cms/farnet/tools/implementing-axis-4
URBACT http://urbact.eu/fileadmin/general_library/URBACT_Toolkit_online_4.pdf

# Kapitolu 3. Kif għandhom jiġu appoġġjati s-sħubijiet tas-CLLD biex jilqgħu għall-isfidi l-ġodda?

## 3.1 Introduzzjoni

Dan il-kapitolu huwa mmirat primarjament lejn is-sħubijiet <u>eżistenti</u> fiż-żoni rurali u tas-sajd biex jgħinhom jużaw ir-regolamenti l-ġodda sabiex jindirizzaw uħud mill-isfidi emerġenti li qegħdin jiffaċċjaw. Madankollu, il-punti inklużi fih huma rilevanti wkoll għas-sħubijiet <u>ġodda</u> fil-bliet u għal dawk li jittrattaw l-inklużjoni soċjali.

F'ħafna Stati Membri, is-sitwazzjoni li qegħdin jiffaċċjaw il-komunitajiet lokali fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 hija drammatikament differenti minn dik li ġiet esperjenzata fiż-żewġ perjodi ta' programmazzjoni preċedenti. Iffaċċjati bis-severità tal-kriżi ekonomika, ħafna sħubijiet lokali eżistenti jinsabu taħt pressjoni biex isibu sorsi ta' fondi addizzjonali sempliċiment sabiex jissoktaw b'dak li qegħdin jagħmlu jew sabiex jissopravivu. Iżda fil-kuntest tal-isfidi soċjali, ambjentali u ekonomiċi li qegħdin jeskalaw, iż-żamma tal-istatus quo mhijiex sempliċiment għażla vijabbli fit-tul għal ħafna komunitajiet lokali. Barra minn hekk, wara diversi ċikli ta' programmazzjoni, hemm riskju ta' diżillużjoni u "eżawriment tal-komunità" f'ċerti żoni.

Flimkien mal-bidliet fil-kuntest estern, ħafna mil-lezzjonijiet tal-passat minn LEADER u mill-Assi 4 tal-FES ittieħdu f'kunsiderazzjoni u wasslu għal ċerti bidliet fir-regolamenti l-ġodda. Pereżempju, parzjalment b'reazzjoni għar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar LEADER, issaħħu wħud mill-karatteristiċi speċifiċi tas-CLLD. Jekk jiġu implimentati kif suppost, dawn il-modifiki għandhom itejbu l-kapaċità tas-sħubijiet lokali li jittrattaw uħud mill-isfidi l-ġodda li qegħdin jiffaċċjaw. Madankollu, l-esperjenza tal-passat turi li l-kliem neċessarjament konċiż tar-regolamenti tal-UE jista' jkun soġġett għal interpretazzjonijiet differenti u sikwit żbaljati fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali. Għalhekk, f'dan il-kapitolu, aħna nipprovaw nagħmlu żewġ affarijiet:

- L-ewwelnett, mingħajr ma nidħlu f'wisq dettall, aħna nidentifikaw fil-qosor uħud mill-isfidi ewlenin fil-kundizzjonijiet esterni li jiffaċċjaw is-sħubijiet lokali, kif ukoll uħud mir-reazzjonijiet emerġenti li dawn jeħtieġ li jikkunsidraw li jappoġġjaw;
- It-tieni, aħna nipprovaw nipprovdu spjegazzjoni aktar sħiħa ta' *x'tifhem il-Kummissjoni* bi wħud mid-dispożizzjonijiet ewlenin fir-regolament, kif ukoll nagħtu eżempji ta' kif dawn jistgħu jintużaw fil-livell lokali għall-indirizzar ta' wħud mill-isfidi identifikati fl-ewwel taqsima.

## 3.2. L-isfidi l-ġodda li qegħdin jiffaċċjaw is-sħubijiet lokali

Issa hemm qbil ġenerali li l-Ewropa qiegħda tiffaċċja serje ta' sfidi globali fit-tul, li jinkludu tnaqqis fil-kompetittività fil-konfront tal-ekonomiji emerġenti, it-tisħin globali u t-tnaqqis tar-riżorsi, is-salarji reali staġnati jew li qegħdin jonqsu u l-istandards tal-għajxien għal proporzjon għoli tal-popolazzjoni, l-inugwaljanza dejjem tikber u l-polarizzazzjoni soċjali, kif ukoll it-theddidiet għas-sistemi tas-saħħa u tas-sigurtà soċjali maħluqa parzjalment mit-tixjiħ u t-tibdil demografiku. L-Istrateġija Ewropa 2020 ġiet żviluppata sabiex tgħin jiġu indirizzati wħud minn dawn il-kwistjonijiet ewlenin, filwaqt li l-ħdax-il objettiv tematiku tas-CPR tfasslu sabiex jiżguraw li l-Fondi ESI jiffokaw ir-riżorsi fuq l-aktar kwistjonijiet urġenti.

Madankollu, mill-bidu tal-kriżi finanzjarja fl-2007, ħafna sħubijiet lokali ffaċċaw ukoll sett addizzjonali ta' problemi, li qegħdin jitħalltu mal-isfidi globali sottostanti msemmija hawn fuq. Hemm diverġenza kbira fl-impatt ta' dawn il-problemi madwar l-Ewropa, li tagħmilha diffiċli ħafna sabiex jinstabu soluzzjonijiet komuni fil-livell tal-UE u tipprovdi saħansitra aktar ġustifikazzjoni għall-approċċi adattati lokalment.

L-implikazzjonijiet ġeografiċi ta' dawn il-bidliet *fil-pajjiżi* huma wkoll kemm kumplessi kif ukoll differenti. Pereżempju, xi wħud isostnu li ser ikun hemm konċentrazzjoni akbar ta' attività ekonomika f'ċentri metropolitani; li t-tkabbir ser jikkalma u jista' saħansitra jiddgħajjef f'żoni turistiċi u residenzjali attraenti u li dawk iż-żoni li jiddependu ħafna fuq setturi industrijali tradizzjonali, il-kostruzzjoni u/jew it-trasferimenti pubbliċi sejrin ikomplu jsofru tnaqqis maġġuri[13]. Dan kollu qiegħed jaffettwa r-rwol u r-relazzjoni bejn it-tipi ta' żoni differenti – bejn iż-żoni metropolitani, iż-żoni periurbani u ċ-ċentri tas-servizzi reġjonali u provinċjali, bejn iż-żoni kostali u interni, bejn iż-żoni b'popolazzjoni densa u dawk aktar remoti u skarsament popolati u bejn id-distretti urbani żvantaġġjati u l-partijiet aktar sinjuri tal-bliet tagħna.

L-ixprunaturi wara ħafna mill-iżviluppi fit-tul u aktar riċenti huma globali u/jew nazzjonali, għalhekk, il-marġini ta' manuvra għas-sħubijiet fil-livell lokali jkun limitat. Madankollu, il-kuntest lokali u l-ħtiġijiet tan-nies għaddejjin minn bidla profonda. B'riżultat ta' dan, is-soċjetà diġà qiegħda tirrispondi b'numru ta' modi – pereżempju, b'forom ġodda b'għeruq aktar soċjali u territorjali ta' impenditorija, permezz ta' diversi forom ta' awtoassistenza u forom kollettivi ta' mobilizzazzjoni tal-assi komunitarji, bit-titjib fil-ktajjen qosra tal-provvista[14] u bl-esplorazzjoni ta' reazzjonijiet lokali u bbażati fil-komunità għat-tibdil fil-klima. Il-fażi li jmiss ta' strateġiji tal-iżvilupp lokali għandha żżomm il-pass mal-bidliet ewlenin fil-ħtiġijiet taċ-ċittadini u, fejn possibbli, issib modi kif jistgħu jiġu appoġġjati ħafna mir-reazzjonijiet kreattivi fil-livell lokali li diġà ħarġu.

Minkejja d-differenzi bejn il-pajjiżi, ħafna mill-istrateġiji ta' żvilupp lokali se jkollhom bżonn jieħdu inkonsiderazzjoni wħud mill-bidliet li ġejjin fil-kuntesti lokali u jwieġbu l-mistoqsijiet li ġejjin:

- Bħala medja, **il-qgħad** żdied b'aktar minn 47% fl-UE bejn l-2007 u l-2012, b'konsegwenzi partikolarment severi għaż-żgħażagħ[15]. Nofs iż-żgħażagħ fi Spanja u fil-Greċja huma qiegħda, għalkemm il-varjazzjoni bejn il-pajjiżi u ż-żoni lokali hija kbira ħafna. Ir-riskji li mhux biss tintilef ġenerazzjoni b'edukazzjoni għolja, iżda wkoll jinħoloq grupp vast ta' żgħażagħ diżinteressati u rrabjati huma kbar ħafna. *X'miżuri jistgħu jiġu adottati fuq perjodu ta' żmien qasir u twil sabiex jinħolqu l-impjiegi u jingħata appoġġ liż-żgħażagħ fil-livell lokali?*
- **Il-konsum domestiku** kkollassa jew huwa staġnat f'ħafna pajjiżi, bir-riżultat li **s-swieq** għall-impriżi ġodda u eżistenti sikwit qegħdin jiċkienu. F'dan il-kuntest, huwa diffiċli li jinħolqu impjiegi ġodda u l-ewwel prijorità ġeneralment tkun li jiġu salvati l-impjiegi eżistenti. Madankollu, xi industriji elementari tradizzjonali bħall-agrikoltura, is-sajd u l-ikel għaddejjin relattivament tajjeb u jista' tabilħaqq ikun hemm il-ħtieġa li jerġa' jiġi kkunsidrat ir-rwol tagħhom fl-ekonomiji lokali. *X'passi jistgħu jittieħdu sabiex is-setturi u l-impriżi eżistenti*

[13] Laurent Davezies. 2012 La Crise qui vient. La nouvelle fracture territoriale.
[14] Ikun hemm ktajjen qosra tal-provvista meta jiġu eliminati l-intermedjarji. Pereżempju fis-sajd dan ifisser li l-ħut jinbiegħ mill-ewwel minn fuq id-dgħajsa mingħajr ma jkun hemm bejjiegħ bl-ingrossa. Fil-biedja: dan jista' jkun ħanut tal-bdiewa, suq tal-bdiewa, eċċ.
[15] Ir-rati tal-qgħad żdiedu minn 7.2% fl-2007 għal 10.5% fl-2012. Il-qgħad fost iż-żgħażagħ żdied minn 15.7% għal 22.9% matul l-istess perjodu. Eurostat

*jsiru aktar kompetittivi? X'tip ta' appoġġ huwa meħtieġ għall-imprendituri ġodda fil-kuntest tas-swieq staġnati u li qegħdin jiċkienu?*

- **Il-finanzjament privat** dab fix-xejn f'ħafna pajjiżi, li kompla jiggrava l-punt ta' hawn fuq, u qed jagħmilha diffiċli ħafna għall-promoturi tal-proġetti sabiex isibu l-finanzjament neċessarju addattat għall-għotjiet tal-UE. *Kif jistgħu ż-żoni lokali ikollhom aċċess jew joħolqu sorsi alternattivi ta' finanzjament?*
- **L-investiment pubbliku** waqa' lura fil-maġġoranza tal-pajjiżi, li jagħmilha aktar diffiċli sabiex jinstab kofinanzjament pubbliku għall-proġetti. F'ħafna mill-Istati Membri l-ġodda, l-infrastruttura inadegwata għadha ostakolu kbir għall-iżvilupp lokali. Fl-istess ħin, il-*manutenzjoni tal-infrastruttura eżistenti* qiegħda ssir problema f'pajjiżi oħrajn. *Huwa possibbli li jiġu żviluppati użi u modi (kondiviżi) ġodda ta' kif jinżamm l-istokk ta' assi pubbliċi?*
- **In-nefqa għad-dħul pubbliku** tnaqqset severament f'ħafna pajjiżi, tant li wasslet għal tnaqqis fl-edukazzjoni, fis-saħħa, fis-servizzi soċjali u fil-benefiċċji soċjali. Dan ifisser inqas impjiegi u jpoġġi pressjoni fuq l-awtoritajiet lokali sabiex jużaw il-fondi tal-UE bil-għan li jsibu modi ġodda kif ifasslu u jipprovdu servizzi bażiċi. *Is-sħubijiet tas-CLLD jistgħu jsiru pjattaformi lokali ta' innovazzjoni soċjali li jesploraw modi ġodda ta' kif jitjiebu l-istandards soċjali, filwaqt li jġibu r-riżorsi mis-settur privat u mis-soċjetà ċivili?*
- **Il-faqar u l-esklużjoni soċjali** żdiedu f'ħafna mill-pajjiżi. Madankollu, l-implikazzjonijiet ġeografiċi ta' dan huma kumplessi. F'xi każijiet, jista' jkun hemm ritorn lejn iż-żoni rurali jew ċerti distretti urbani minħabba li l-għoli tal-ħajja jkun aktar baxx u jkollhom aktar netwerks ta' awtoassistenza u familjari. *Kif tista' tintuża din il-prossimità sabiex jiżdiedu s-solidarjetà u r-responsabbiltà soċjali bejn iż-żoni, is-setturi u l-gruppi sinjuri u foqra?*
- **It-tibdil fil-klima** u l-ħtieġa għal tranżizzjoni lejn soċjetà b'livell baxx ta' karbonju ħadu x-xena ċentrali fil-politika tal-UE u dawn issa huma prijorità orizzontali fl-oqsma kollha tal-politika tal-UE. Il-ħtieġa urġenti li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u li tiġi stabbilita paradigma ġdida tal-iżvilupp ekonomiku abbażi tal-kunċett ta' tkabbir ekoloġiku u l-użu sostenibbli tar-riżorsi hija bidla ewlenija għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss. *Jistgħu s-sħubijiet tas-CLLD jiżviluppaw u jappoġġjaw ir-reazzjonijiet lokali għal din l-isfida?*

Is-sħubijiet tas-CLLD qegħdin jiffaċċjaw ukoll *kuntest ta' governanza kompletament differenti* milli kienu fl-ewwel żminijiet tagħhom. Ħafna minnhom evolvew minn Inizjattiva Komunitarja pilota żgħira u relattivament ħielsa biex saru prinċipali f'żoni rurali u f'partijiet kbar tal-kosta. Dan ġab miegħu responsabbiltà u piż addizzjonali konsiderevoli f'termini tal-proċeduri amministrattivi u ta' verifika. Fl-istess ħin, qegħdin jiġu kkontestati wkoll il-mudelli attwali minn fuq għal isfel tat-twassil tas-servizzi u issa hemm interess dejjem jikber f'modi aktar parteċipattivi, reattivi u innovattivi ta' kif jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet soċjali li huma qrib l-approċċ tas-CLLD. *Xi rwol jista' jkollhom is-sħubijiet tas-CLLD fil-wiri u t-tiswir ta' mudell ta' governanza ġdid?*

Il-kaxxa 1 ta' hawn taħt tipprovdi xi eżempji ta' modi kif jistgħu jiġu adattati l-istrateġiji ta' żvilupp lokali sabiex jieħdu inkonsiderazzjoni dawn l-isfidi.

**Kaxxa 1: Eżempji ta' reazzjonijiet għall-isfidi differenti permezz tal-implimentazzjoni ta' strateġiji tal-iżvilupp lokali**

| Sfida | Ir-reazzjonijiet possibbli mill-istrateġiji tal-iżvilupp lokali |
|---|---|
| **Iż-żieda fil-qgħad** | • Jiffokaw aktar fuq investimenti sinjuri fl-impjiegi (spiss espansjonijiet ta' impriżi eżistenti u/jew operazzjonijiet pjuttost standard li jinvolvu xogħol intensiv);<br>• Jappoġġjaw attivitajiet ġodda marbuta mar-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni lokali, il-produzzjoni tal-enerġija lokali, il- |

| | |
|---|---|
| | konservazzjoni tal-enerġija, użi ġodda għall-bini eżistenti, ir-riċiklaġġ, eċċ.;<br>• Jappoġġjaw forma ġdida ta' impriża, inklużi l-ekonomija soċjali u l-impriżi soċjali;<br>• Jikkonċentraw aktar fuq iż-żgħażagħ – fuq il-komunikazzjoni maż-żgħażagħ u fuq it-tranżizzjoni mill-istudju għad-dinja tax-xogħol;<br>• Jappoġġjaw l-apprendistati, il-kollokamenti, ix-xogħol temporanju, l-iggwidar.....;<br>• Jappoġġjaw l-iskemi għal suq tax-xogħol protett u intermedju;<br>• Jappoġġjaw il-politiki dwar it-taħriġ kumplimentari u s-suq tax-xogħol attiv;<br>• Jappoġġjaw l-iskemi tal-munita lokali (LETS), il-banek tal-ħin, ix-xogħol volontarju u sistemi oħrajn li jimmobilizzaw ir-riżorsi mhux użati tan-nies qiegħda sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet lokali. |
| **Is-swieq li qegħdin jiċkienu** | • Jappoġġjaw lill-kumpaniji eżistenti sabiex jidħlu fi swieq ġodda: il-promozzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni, il-kontroll tal-kwalità, l-appoġġ għall-esportazzjonijiet, it-trasferiment tat-teknoloġija, it-taħriġ...;<br>• Jesploraw swieq ġodda relatati mat-tibdil fil-klima, l-iffrankar tal-enerġija u l-produzzjoni, il-kura, is-saħħa, il-kultura u l-ekonomija diġitali;<br>• Jiżguraw appoġġ għal segwitu tajjeb għal kwalunkwe impriża ġdida (studji professjonali dwar il-vijabbiltà u s-suq, taħriġ professjonali, eċċ...);<br>• Jużaw l-akkwist pubbliku (inkluż permezz tal-inseriment ta' klawżoli soċjali) u jagħmlu kampanji "ixtru prodotti lokali";<br>• Jappoġġjaw l-użu tal-muniti lokali (l-iskemi LETs) u l-banek tal-ħin sabiex isibu żbokki utli għan-nies qiegħda jew sottoimpjegati, filwaqt li jilħqu l-ħtiġijiet lokali;<br>• Jimmobilizzaw lin-nies tal-lokal sabiex jappoġġjaw il-ħwienet, is-servizzi u l-impriżi lokali (pereż. Cashmob);<br>• Isaħħu l-ktajjen qosra tal-provvista u l-ktajjen tal-provvista (pereż. is-swieq tal-bdiewa u tas-sajjieda), is-sistemi tal-ikel lokali (pereżempju "Incredible edible"[16] u l-proġett PROVE fil-Portugall[17]<br>• Itejbu t-taħriġ u jiffaċilitaw id-dħul f'setturi stabbli jew li qegħdin jikbru. |
| **In-nuqqas ta' finanzjament privat** | • Jagħmlu użu minn strumenti finanzjarji ġodda (garanziji u skemi ta' mikrokreditu);<br>• Jiżviluppaw rabtiet privileġġati mal-banek;<br>• Jesploraw il-potenzjal tal-finanzjament kollettiv u ideat emerġenti oħrajn;<br>• Jirrikonoxxu l-ħlas *in natura*, ix-xogħol volontarju u l-iskemi ta' awtoassistenza;<br>• Jimmobilizzaw it-tfaddil lokali bil-għan li jappoġġjaw proġetti lokali, bħal permezz ta' investimenti komunitarji jew kooperattivi (Vallée de l'Aspe France); |

[16] http://incredibleediblenetwork.org.uk/about

[17] http://enrd.ec.europa.eu/policy-in-action/rdp_view/en/view_projects_en.cfm?action=detail&backfuse=jsview&postcard_id=1184)

| | |
|---|---|
| | • Iżidu b'mod konsiderevoli l-veloċità u l-adattabilità tal-għotjiet tal-UE (għotjiet żgħar, skemi taħt qafas…);<br>• Inaqqsu l-burokrazija assoċjata mal-proġetti, pereżempju, permezz tal-użu ta' somom f'daqqa, spejjeż issimplifikati, eċċ. |
| **It-tnaqqis fl-investiment pubbliku** | • Jitolbu avvanzi fil-finanzjament tal-UE;<br>• Jassiguraw finanzjament pubbliku bil-quddiem fuq l-istess termini bħall-fondi tal-UE;<br>• Jagħmlu uż differenti mill-bini pubbliku, l-art, eċċ.;<br>• Jesploraw l-użu ta' skemi kollettivi għall-użu, il-kondiviżjoni u l-manutenzjoni tal-infrastruttura pubblika eżistenti (ċentri għat-tfal żgħar, skejjel, ċentri kulturali, ċentri għall-anzjani, ċentri tas-saħħa, ċentri sportivi, spazji pubbliċi…). |
| **In-nefqa mnaqqsa għad-dħul pubbliku** | • Jibnu rabtiet mal-ħaddiema lokali fis-settur pubbliku – għalliema, ħaddiema soċjali, ħaddiema fil-qasam tas-saħħa, uffiċjali tal-kontroll ambjentali u l-ippjanar sabiex jiżviluppaw servizzi kumplimentari u ta' sensibilizzazzjoni;<br>• Jappoġġjaw proġetti soċjalment innovattivi, li jtejbu s-servizzi u/jew iżommu l-impjiegi, kif ukoll sħubijiet tal-ekonomija pubbliċi-privati-soċjali;<br>• Jagħtu prijorità lill-prevenzjoni, il-kondiviżjoni, l-awtoassistenza…… |
| **Il-faqar u l-esklużjoni soċjali** | • Jappoġġjaw il-pjanijiet lokali għall-inklużjoni soċjali, xprunati minn nies li qegħdin jiffaċċjaw il-faqar, bl-appoġġ ta' professjonisti u partijiet interessati oħrajn;<br>• Jappoġġjaw l-organizzazzjoni komunitarja u l-gruppi ta' awtoassistenza;<br>• Jappoġġjaw l-iskemi ta' kondiviżjoni, forom ġodda ta' trasport bħall-kondiviżjoniji u l-ippuljar tal-karozzi, kif ukoll ġonna u biċċiet ta' art kollettivi.<br>• Jappoġġjaw inizjattivi ta' akkomodazzjoni soċjali, sostenibbli u ta' kooperazzjoni. |
| **It-tibdil fil-klima u t-tranżizzjoni lejn soċjetà b'livell baxx ta' karbonju** | • Iwessgħu is-sħubijiet eżistenti sabiex jinkludu msieħba ġodda b'għarfien u esperjenza fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima u s-sostenibbiltà fil-livell lokali;<br>• Jappoġġjaw inizjattivi lokali u bbażati fil-komunità li jiffokaw fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u/jew l-iffaċilitar tat-tranżizzjoni għal soċjetà b'livelli baxxi ta' karbonju;<br>• Jinkludu s-"sostenibbiltà" bħala objettiv orizzontali fl-istrateġija lokali u jistabbilixxu sistema li tkejjel il-progress lejn miri definiti. |

Dawn huma biss uħud mir-reazzjonijiet li għandhom jikkunsidraw is-sħubijiet tas-CLLD sabiex jiżguraw li l-istrateġiji lokali jilħqu l-isfidi ġodda ffaċċjati miż-żoni tagħhom. Issa sejrin induru lejn ir-regolament il-ġdid u kif dan jista' jgħinhom jagħmlu dan.

## 3.3 Elementi ġodda jew imsaħħa fir-regolamenti

Parzjalment b'reazzjoni għar-Rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar LEADER, issaħħew uħud mill-karatteristiċi speċifiċi ta' LEADER fir-regolamenti. Dawn jinkludu: dispożizzjonijiet li jispeċifikaw il-kontenut minimu tal-istrateġiji u li jtejbu l-kwalità tagħhom; dispożizzjonijiet li jiċċaraw il-kompiti minimi tal-gruppi u li jissalvagwardjaw l-awtonomija tagħhom; enfasi akbar fuq l-animazzjoni u l-bini tal-kapaċità permezz ta' appoġġ preparatorju aktar b'saħħtu u allokazzjoni

b'perċentwal ogħla għall-ispejjeż operattivi; it-tisħiħ tar-rwol tas-soċjetà ċivili u s-settur privat; u l-armonizzazzjoni tal-kooperazzjoni transnazzjonali (permezz tar-regolamenti speċifiċi għall-fondi tal-FAEŻR u l-FEMS). Dawn u dispożizzjonijiet oħrajn jistgħu jgħinu sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-gruppi li jirrispondu għal uħud mill-isfidi msemmija hawn fuq. Fil-paġni li ġejjin sejrin nispjegaw xi trid tfisser il-Kummissjoni b'dawn id-dispożizzjonijiet u se nagħtu eżempji ta' kif jistgħu jintużaw.

### 3.3.1. Elementi ġodda jew imsaħħa fl-istrateġija

L-Artikolu 33(1) tas-CPR jiddeskrivi l-kontenut minimu tal-istrateġiji għas-CLLD (ara l-kaxxa 2 hawn taħt).

**Kaxxa 2: L-Artikolu 33 tas-CPR dwar l-istrateġiji ta' żvilupp lokali**

1. Strateġija ta' CLLD għandha tinkludi mill-inqas l-elementi li ġejjin:
    a) id-definizzjoni taż-żona u l-popolazzjoni koperta mill-istrateġija;
    b) **analiżi tal-ħtiġijiet tal-iżvilupp u l-potenzjal taż-żona**, inkluża analiżi tal-punti ta' saħħa, tad-dgħufijiet, tal-opportunitajiet u tat-theddidiet;
    c) deskrizzjoni tal-istrateġija u tal-għanijiet tagħha, deskrizzjoni tal-karattru **integrat** u **innovattiv** tal-istrateġija u **ġerarkija tal-għanijiet, inklużi miri li jistgħu jitkejlu għall-outputs jew għar-riżultati.** Għar-riżultati, il-miri jistgħu jiġu espressi f'termini kwantitattivi jew kwalitattivi. L-istrateġija għandha tkun konsistenti mal-programmi rilevanti tal-Fondi ESI kollha kkonċernati li huma involuti;
    d) deskrizzjoni tal-proċess ta' **involviment tal-komunità** fl-iżvilupp tal-istrateġija;
    e) **pjan ta' azzjoni** li juri kif l-objettivi jinbidlu f'azzjonijiet;
    f) deskrizzjoni tal-arranġamenti ta' **ġestjoni u monitoraġġ** tal-istrateġija, li juru l-kapaċità li għandu l-grupp ta' azzjoni lokali li jimplimenta l-istrateġija u deskrizzjoni tal-**arranġamenti speċifiċi għall-evalwazzjoni;**
    g) il-**pjan finanzjarju** tal-istrateġija, inkluża l-allokazzjoni ppjanata minn kull wieħed mill-Fondi ESI kkonċernati.

Fit-taqsimiet li ġejjin sejrin nipprovdu spjegazzjoni fil-qosor ta' x'tifhem il-Kummissjoni Ewropea bi wħud mit-termini ewlenin (f'tipa grassa), flimkien ma' eżempji.

- **X'tifhem il-Kummissjoni b'"*definizzjoni taż-żona u l-popolazzjoni koperta mill-istrateġija*"? (l-Artikolu 33(1)(a) tas-CPR)** (il-passi 3 u 6 tal-kapitolu 2)

Il-punt prinċipali hawnhekk huwa li d-definizzjoni taż-żona u l-popolazzjoni għandhom ikunu konsistenti ma' u ġustifikati mill-istrateġija li jkollha l-ħsieb li timplimenta l-komunità. Il-popolazzjoni taż-żoni fil-mira għandha tkun ta' mhux inqas minn 10 000 abitant, sabiex ikollhom il-massa kritika meħtieġa biex iwettqu l-istrateġija. Madankollu, il-popolazzjoni ma għandhiex tkun ta' aktar minn 150 000 abitant, sabiex b'hekk ikun hemm sens ta' identità u n-nies lokali jkunu jistgħu jiġu involuti fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Madankollu, jistgħu jiġu ġustifikati xi eċċezzjonijiet (pereżempju għall-gżejjer jew għaż-żoni u d-distretti b'popolazzjoni densa) meta jkun jaqbel għall-istrateġija.

Fil-preżent hemm ir-riskju li l-pressjoni sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż u jiġu kkombinati l-fondi sejra twassal għal żoni akbar u akbar ta' "tip ta' ppjanar ekonomiku", li jkollhom nuqqas ta' sens reali ta' identità u li ftit li xejn joffru ċans lin-nies sabiex jinvolvu ruħhom.

Skont il-kundizzjonijiet wesgħin tal-UE, l-intenzjoni hija li l-Istati Membri jipprovdu qafas għall-għażla taż-żoni fil-programmi tagħhom, li jikkorrespondi għall-prijoritajiet nazzjonali tagħhom stess għal tipi differenti ta' żoni.

**Figure 2: L-iffissar tal-fruntieri**




Huma jistgħu jagħmlu dan billi jiffissaw ċerti kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u/jew jistabbilixxu kriterji li jintużaw sabiex jagħżlu bejn żoni differenti. Pereżempju, il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà għaż-żoni tas-sajd jistgħu jinkludu portijiet iżgħar minn daqs partikolari, ċerti partijiet tal-kosta, id-distanza mill-baħar jew l-ilma, żoni li huma kontinwi u l-bqija. Eżempji tal-kriterji tal-għażla jistgħu jinkludu l-importanza assoluta u/jew relattiva tal-impjiegi fis-settur tas-sajd, ix-xejriet fl-iżbark, l-importanza tas-sajd kostali fuq skala żgħira, il-bidla fil-popolazzjoni u l-bqija.

Madankollu, l-għan tal-Kummissjoni huwa li *s-sħubijiet lokali* jiddeċiedu fuq il-*konfini preċiżi* taż-żoni tagħhom b'mod minn isfel għal fuq, abbażi ta' dak illi qegħdin jippruvaw jiksbu. Dan jista' jiġi ġustifikat b'referenza għal:

- ✓ Il-koerenza fiżika jew ġeografika taż-żona (gżejjer, meded ta' muntanji, estwarji, xmajjar, żoni urbani mibnija);
- ✓ L-identità kulturali taż-żona u kwistjonijiet soċjali komuni (konċentrazzjonijiet ta' Roma, il-migranti, il-qgħad…..);
- ✓ Il-konċentrazzjonijiet ta' attivitajiet ekonomiċi (tipi ta' agrikoltura, sajd, ċerti setturi li qegħdin jiċkienu jew jikbru…..).

Dawn il-punti jistgħu jiġu vvalutati u kkunsidrati fl-għażla finali tas-sħubijiet.

Fl-imgħoddi, xi Stati Membri kienu għażlu minn qabel xi żoni b'mod minn fuq għal isfel, filwaqt li oħrajn ippermettew li jsiru sejħiet miftuħa mat-territorju kollu. Iż-żewġ estremi jinvolvu riskji. L-ewwel wieħed jista' joħloq żoni riġidi u artifiċjali, li ma jibnux organikament fuq il-konnessjonijiet lokali. It-tieni jista' jirriżulta f'għadd kbir ħafna ta' applikazzjonijiet u pressjoni politika sabiex il-baġit jinxtered iżżejjed. Għalhekk, il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li jintlaħaq bilanċ bejn l-approċċi minn fuq għal isfel u minn isfel għal fuq.

**Kaxxa 3: Eżempji dwar id-definizzjoni taż-żona mill-Portugall u l-Finlandja**

Abbażi tal-kriterji speċifikati fir-regolament tal-FES, il-Portugall innomina 45 muniċipalità bħala eliġibbli għal finanzjament skont l-Assi 4 - 39 tul il-kosta kontinentali tal-Portugall u 6 fl-Azores. L-indikaturi li għażel illi jużakienu jinkludu tnaqqis fl-attivitajiet tas-sajd, imkejjel f'termini tal-iżbarkamenti li naqsu mill-1999 sal-2005, u d-dipendenza fuq l-attivitajiet tas-sajd, definita bħala 3% jew aktar tal-popolazzjoni attiva impjegata fis-settur – din kienet tinkludi wkoll lil dawk li jaħdmu fl-industrija tal-melħ tal-baħar fil-Portugall, komponent importanti tal-attivitajiet marittimi tiegħu f'ċerti żoni.

Is-sħubijiet lokali kienu mbagħad liberi li jipproponu ż-żoni FLAG speċifiċi tagħhom fil-konfini

proposti fil-livell nazzjonali. Barra minn hekk, intweriet ukoll ċerta flessibbiltà għall-eċċezzjonijiet ġustifikati. Pereżempju, l-MA ppermettiet lil Oeste FLAG tinkludi 3 diviżjonijiet amministrattivi mill-muniċipalità ta' Lourinhã, fil-ponta tan-nofsinhar tat-territorju tagħhom, li oriġinarjament kienu esklużi miż-żoni nnominati minħabba l-qrubija ma' belt kbira (Lisbona). Dan kien ġustifikat mill-preżenza ta' għadd ta' bastimenti tas-sajd fuq skala żgħira li joperaw minn Lourinhã iżda li jiżbarkaw il-ħut fit-territorju FLAG bħala l-eqreb sit għall-iżbark. L-integrazzjoni ta' dawn il-komunitajiet tas-sajd aktar iżolati fil-programm ta' żvilupp tal-FLAG kienet meqjusa bħala importanti.

Il-Finlandja toffri eżempju ieħor ta' kif għandha tkun permessa biżżejjed flessibbiltà sabiex jiġu mwieġba l-ħtiġijiet ikkunsidrati bir-reqqa. Għalkemm ir-regolament tal-FES jirrakkomanda li ż-żoni FLAG ikunu iżgħar minn NUTS 3, fil-każ tal-Finlandja, meta wieħed iqis id-densità tal-popolazzjoni estremament baxxa f'xi żoni, id-DĠ MARE approva żoni FLAG li huma akbar min-normal sabiex ikunu jistgħu jinkludu massa kritika ta' ħaddiema fis-settur tas-sajd. Barra minn hekk, proċess intiż biex issir riflessjoni fuq ir-riżultati u biex l-eżiti fil-ġejjieni jitjiebu wassal lill-FLAGs sabiex jipproponu aġġustamenti żgħar fil-konfini tagħhom għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss.

Għal aktar materjal ta' riżorsa ara aktar 'isfel[18]

- **X'tifhem il-Kummissjoni b'"*analiżi tal-ħtiġijiet ta' żvilupp u l-potenzjal taż-żona*"? (l-Artikolu 33(1)(b) tas-CPR)** (il-passi 1 u 4 tal-kapitolu 2)

Ir-regolament jgħid li din l-analiżi għandha "tinkludi analiżi tal-punti ta' saħħa, tad-dgħufijiet, tal-opportunitajiet u tat-theddidiet". Għal xi żmien, l-analiżijiet SWOT kienu saru prattika standard fil-programmi lokali, reġjonali u nazzjonali appoġġjati mill-Kummissjoni. Madankollu, fir-realtà, ħafna minnhom ikunu estremament ġenerali u spiss ikunu jistgħu jiġu applikati kważi għal kwalunkwe żona simili fl-UE. Barra minn hekk, filwaqt li l-ħtiġijiet u l-potenzjal tal-iżvilupp għandhom ikunu bbażati fuq is-SWOT, dan ġeneralment ikun jeħtieġ it-tieni stadju ta' analiżi. Xi strateġiji sempliċiment jippreżentaw lista mhux ikklassifikata ta' ħtiġijiet mingħajr ebda ġustifikazzjoni ta' kif din hija relatata mas-SWOT. Il-Kummissjoni trid ittejjeb din is-sitwazzjoni u tiżgura li l-"analiżi tal-ħtiġijiet u l-potenzjal tal-iżvilupp" issir għodda siewja għat-tiswir ta' loġika ta' intervent b'saħħitha kif ukoll tiżgura orjentazzjoni aktar b'saħħitha fuq ir-riżultati.

Analiżi SWOT

| | **Punti ta' saħħa** | **Dgħufijiet** |
|---|---|---|
| **Opportunitajiet** | **Tisħiħ**<br>sabiex jinħatfu l-opportunitajiet | **Tnaqqis**<br>sabiex jintużaw l-opportunitajiet |
| **Theddidiet** | **Żgurar**<br>kontra theddidiet futuri | **Evitar**<br>Sabiex jiġu evitati n-nasbiet |

[18] Aktar materjal ta' riżorsa: Gwida 1 ta' inizjazzjoni ta' FARNET, il-Kapitolu 2. Id-definizzjoni taż-żona
https://webgate.ec.europa.eu/fpfis/cms/farnet/sites/default/files/documents/FARNET%20Start-up%20Guide%20EN.pdf

Sabiex jagħmlu dan, is-sħubijiet lokali għandhom jikkunsidraw dan li ġej:

- ✓ Il-punti mqajma fl-analiżi SWOT għandhom ikunu bbażati b'mod ċar fuq l-evidenza miksuba mid-dijanjożi taż-żona.
- ✓ Huma għandhom jiffokaw fuq il-karatteristiċi speċifiċi taż-żona u għaliex hija differenti, aktar milli sempliċiment jenumeraw ħafna mill-karatteristiċi komuni ta' setturi ewlenin bħall-agrikoltura jew is-sajd jew ta' gruppi fil-mira bħaż-żgħażagħ jew in-nisa. Sfortunatament, l-analiżijiet SWOT ikunu tant ġenerali li jistgħu jiġu applikati kullimkien.
- ✓ Għandha tingħata aktar attenzjoni għall-immappjar tal-opportunitajiet u l-"assi" milli għad-deskrizzjoni tad-dgħufijiet u t-theddidiet. L-istrateġija għandha tħares 'il quddiem u mhux tkun purament difensiva.
- ✓ Ma jagħmilx sens li tiġi pprovduta lista ta' xewqat mhux differenzjati ta' kull ħtieġa. Anki f'dan l-istadju, huwa importanti li nibdew nikklassifikaw jew nipprijoritizzaw il-ħtiġijiet u l-potenzjal.
- ✓ Il-prijoritizzazzjoni jew il-klassifikazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-evidenza u tieħu f'kunsiderazzjoni l-fehmiet raġunati tal-partijiet interessati lokali, kif spjegat hawn taħt.
- ✓ Is-sħubija lokali għandha tiddistingwi bejn dak li tixtieq tikseb u dak li tista' tikseb bir-riżorsi u l-programmi disponibbli.

Ara l-eżempji ta' strateġiji ta' żvilupp lokali f'żoni tas-sajd minn Franza, Spanja, il-Finlandja u l-Iskozja u l-materjal l-ieħor tar-riżorsi speċifikat hawn taħt[19].

- **X'tifhem il-Kummissjoni b'"*deskrizzjoni tal-karatteristiċi integrati tal-istrateġija*?" (l-Artikolu 33(1)(c) tas-CPR)** (il-passi 4 u 7, il-kapitolu 2)

Is-CPR jgħid li s-CLLD għandu "jitwettaq permezz ta' strateġiji integrati (l-Artikolu 33(1)(ċ)) u multisettorjali ta' żvilupp lokali abbażi taż-żona" (l-Artikolu 32(2)(c)). Madankollu, it-tifsira ta' integrati u multisettorjali evolviet matul iż-żmien u għandha tiġi adattata għat-tip ta' problema u żona li jkunu qegħdin jiġu indirizzati. Oriġinarjament, it-terminu ntuża mill-ewwel programmi ta' LEADER fiż-żoni rurali, li kellhom bżonn jiddistingwu ruħhom mill-politiki agrikoli settorjali minn fuq għal isfel tradizzjonali. L-akronimu LEADER ġej mill-Franċiż għal "konnessjonijiet bejn l-ekonomija rurali u l-azzjonijiet għal żvilupp". Is-sħubijiet kienu meqjusa bħala katalisti li jisfruttaw il-multiplikaturi lokali possibbli kollha bejn setturi bħall-agrikoltura, l-ikel, is-snajja', it-turiżmu rurali, is-servizzi lokali u l-ambjent. Sabiex jagħmlu dan, huma kellhom ifasslu sekwenzi "integrati" ta' miżuri ta' appoġġ (bħal taħriġ, għotjiet kapitali, appoġġ promozzjonali, appoġġ għan-negozju) li kollha ġibdu fl-istess direzzjoni strateġika. Minħabba li l-biċċa l-kbira tal-programmi ta' LEADER seħħew f'żoni rurali b'densità pjuttost baxxa, huma setgħu jħaddnu approċċ pjuttost olistiku f'termini tal-integrazzjoni ta' ħafna mill-ixprunaturi tal-iżvilupp lokali.

---

[19] Xi materjal ta' riżorsa:

- Eżempji ta' strateġiji integrati minn żoni tas-sajd oħrajn minn madwar l-Ewropa. Sommarji u eżempji sħaħ: https://webgate.ec.europa.eu/fpfis/cms/farnet/tools/implementing-axis-4/strategies
- Is-sett ta' strumenti ta' Leader dwar id-Disinn tal-Istrateġija. Subtaqsima A dwar il-kontenut tal-LDS b'vidjos: http://enrd.ec.europa.eu/leader/leader/leader-tool-kit/the-strategy-design-and-implementation/the-strategy-design/minimum-content/en/description-of-the-strategy-and-its-objectives_en.cfm
- Gwida 1 ta' inizjazzjoni ta' FARNET. It-Taqsima 4b dwar l-Iżvilupp ta' Strateġiji Effettivi: https://webgate.ec.europa.eu/fpfis/cms/farnet/sites/default/files/documents/FARNET%20Start-up%20Guide%20EN.pdf
- Power point mill-grupp LEADER dwar il-gżira Griega ta' Lesvos u l-mod kif involvew lill-partijiet interessati lokali fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet lokali. http://enrd.ec.europa.eu/app_templates/filedownload.cfm?id=0837032D-9B8F-B26F-0383-CE1E273841DC

Madankollu, anki f'dawn il-każijiet, deher ċar li kien hemm xi affarijiet li jistgħu jiġu influwenzati minn programm endoġenu bħal LEADER, filwaqt li oħrajn kienu 'l bogħod. Fil-Finlandja, ġiet żviluppata distinzjoni utli bejn "politiki dojoq ta' żvilupp rurali", ġeneralment fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ministeru tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, u "politiki wesgħin ta' żvilupp rurali", li għamlu referenza għall-politiki kollha, bħat-trasport, l-edukazzjoni u s-saħħa, li kellhom influwenza sinifikanti fuq il-forma tal-iżvilupp rurali, iżda li kien diffiċli li jħallu influwenza fil-livell lokali.

Dan ifisser li anki f'żoni rurali, l-integrazzjoni ma tfissirx li l-istrateġiji għandhom jippruvaw jindirizzaw kollox f'daqqa jew jagħtu kollox l-istess piż. Kif issemma diġà aktar kmieni, jeħtieġ li l-komunitajiet jagħmlu l-għażliet tagħhom u jiffokaw fuq l-għanijiet u l-azzjonijiet li għandhom l-akbar ċansijiet li jġibu l-bidliet li jridu jiksbu. Dan il-punt huwa saħansitra aktar rilevanti fil-bliet u fl-indirizzar ta' problemi soċjali kumplessi f'żoni b'popolazzjoni densa. Hawnhekk, diġà jista' jkollna storja ta' inizjattivi li ttieħdu fil-passat u għadd ta' organizzazzjonijiet li huma attivi fl-istess qasam. Għalhekk, jeħtieġ li s-sħubijiet lokali jippożizzjonaw l-istrateġiji tagħhom b'tali mod li jżidu l-valur ma' dak li diġà jeżisti u jimmobilizzaw l-appoġġ massimu madwaru.

Din l-interpretazzjoni twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tas-CLLD għat-tipi ta' objettivi tematiċi u prijoritajiet tal-investiment li huma partikolarment rilevanti għall-fondi soċjali u reġjonali – sakemm l-istrateġiji jitfasslu u jitwettqu b'mod li jirrappreżentaw il-valur sħiħ tar-rabtiet territorjali lokali.

L-integrazzjoni tista' tfisser:

- ✓ Li l-bidu jkun bi kwistjoni waħda jew aktar, temi, problemi jew gruppi fil-mira li jimmobilizzaw il-komunità, li madankollu għandhom jitpoġġew f'kuntest usa' u għandhom jibnu rabtiet 'il barra lejn is-setturi l-oħrajn, u b'atturi li jistgħu jinfluwenzaw is-sitwazzjoni;
- ✓ Li jinbnew rabtiet vertikali fi ħdan is-setturi u l-ktajjen tal-provvista, kif ukoll rabtiet orizzontali bejn is-setturi;
- ✓ Li żoni żvantaġġjati jingħaqdu ma' żoni ta' opportunità (pereżempju; żoni rurali bi bliet swieq u distretti żvantaġġjati ma' ċentri ta' tkabbir fl-impjiegi);
- ✓ Li jinbnew rabtiet bejn il-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali ta' governanza. Dan huwa partikolarment importanti meta nittrattaw setturi u istituzzjonijiet "fundamentali" bħall-iskejjel, l-isptarijiet u l-universitajiet;
- ✓ Li jiġi żgurat li l-miżuri ta' appoġġ lokali differenti jkunu f'sekwenza u li qed jiġbdu ħabel wieħed sabiex jintlaħqu l-istess għanijiet strateġiċi. L-Integrazzjoni f'termini ta' x'qiegħed isir, minn min u kif din qed issir.

**Kaxxa 4: Eżempju ta' karattru integrat ta' strateġija minn "My generation URBACT"**

| |
|---|
| Għalkemm it-12-il belt imsieħba fil-proġett My generation URBACT kienu qegħdin jiffaċċjaw sfidi differenti, huma kollha waslu għall-konklużjoni li ż-żgħażagħ għandhom isiru kokreaturi reali tas-soluzzjonijiet li huma implimentati, għalhekk, huma adottaw serje ta' tekniki parteċipattivi maħsuba biex ipoġġu liż-żgħażagħ fiċ-ċentru tal-istrateġiji lokali.<br><br>Huma sostnew li, fl-Ewropa, il-politiki maħsuba biex jappoġġjaw liż-żgħażagħ huma frammentati wisq u jdumu għal żmien qasir, kif ukoll ibatu mill-fatt li huma diretti unilateralment lejn għan wieħed meta d-diversità tal-isfidi titlob għal miżuri integrati. Fi kliem ieħor, għalkemm iffokaw fuq il-problemi speċifiċi taż-żgħażagħ, huma fittxew li jiżviluppaw rabtiet lokali bejn l-oqsma politiċi ewlenin kollha li jaffettwawhom. Għal aktar minn sentejn u nofs, il-bliet imsieħba ħadmu sabiex jidentifikaw politiki lokali effettivi fi tliet żoni interrelatati: li jagħtu aktar aċċess liż-żgħażagħ żvantaġġjati għas-servizzi soċjali li huma diġà fis-seħħ fil-bliet; li joħolqu pontijiet bejn it-taħriġ, l-edukazzjoni u d-dinja tan-negozju; u li jtejbu l-koordinazzjoni fost il-parteċipanti differenti u jinkludu liż-żgħażagħ fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. http://urbact.eu/en/results/results/?resultid=19 |

- **X'tifhem il-Kummissjoni b'"*deskrizzjoni tal-karatteristiċi innovattivi tal-istrateġija*" (l-Artikolu 33(1)(c) tas-CPR)** (il-passi 4 u 7 tal-kapitolu 2)

Fil-kuntest tas-CLLD, l-innovazzjoni ma għandhiex għaliex tfisser riċerka u żvilupp ta' livell għoli jew teknoloġija ġdida (għalkemm, ovvjament, dawn mhumiex esklużi). Il-ġustifikazzjoni għall-karattru innovattiv tal-istrateġija huwa fil-fatt marbut mill-qrib mal-mistoqsija "xi trid tbiddel il-komunità?". Minnhom innifishom, l-istrateġiji tas-CLLD huma lokali u fuq skala pjuttost żgħira. Huma ma għandhomx is-setgħa li jittrasformaw il-kundizzjonijiet tal-għajxien għal kulħadd f'daqqa. Għalhekk, huma għandhom jikkonċentraw fuq dawk l-azzjonijiet li għandhom effett ta' multiplikatur jew ta' valanga fuq l-iżvilupp lokali. Aktar milli jintużaw ir-riżorsi limitati kollha disponibbli sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet bażiċi, l-idea hija li tingħata ħarsa mill-ġdid lejn il-problemi u l-opportunitajiet, filwaqt li jiġu esplorati reazzjonijiet ġodda li jistgħu jwasslu għal soluzzjonijiet aktar sostenibbli u fit-tul.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ħalliet id-definizzjoni ta' innovazzjoni fis-CLLD deliberatament miftuħa, minflok ma ppruvat tiddefinixxiha "bil-quddiem", li, min-natura tagħha, tillimita l-kamp ta' applikazzjoni għall-kreattività lokali. L-innovazzjoni tista' tinvolvi servizzi ġodda, prodotti ġodda u modi ġodda ta' kif isiru l-affarijiet fil-kuntest lokali (l-Artikolu 32(2)(d)). Ovvjament, mhux kull ħaġa fl-istrateġija għandha tkun innovattiva, billi s-sħubijiet spiss ikollhom jibnu l-fiduċja billi juru li jistgħu jissodisfaw ċerti ħtiġijiet bażiċi għal żmien qasir.

Madankollu, bit-tlaqqigħ flimkien tal-partijiet interessati differenti kollha f'żona, u bil-ħolqien ta' djalogu ma' istituzzjonijiet minn barra bħal universitajiet, ċentri ta' riċerka u livelli ogħla tal-amministrazzjoni, is-CLLD għandu potenzjal enormi biex juża r-riżorsi eżistenti b'modi ġodda u kreattivi. Fl-aqwa tagħhom, is-sħubijiet jistgħu jsiru pjattaformi għal "innovazzjonijiet soċjali" u sussegwentement jistgħu jużaw ir-riżorsi biex jintensifikawhom. L-ideat li jkollhom suċċess jistgħu mbagħad jiġu analizzati, iddokumentati u ttrasferiti mid-diversi netwerks reġjonali, nazzjonali u tal-UE ta' atturi tas-CLLD.

L-innovazzjoni fis-CLLD:

- ✓ Tista' tinvolvi prodotti, servizzi jew modi ġodda ta' kif isiru l-affarijiet f'kuntest lokali;
- ✓ Sikwit ikollha effett ta' multiplikatur jew ta' valanga fuq il-bidliet li tkun trid iġġib il-komunità;
- ✓ Tista' tinvolvi azzjoni jew aktar u prototipi fuq skala żgħira, jew inkella proġett ewlieni fuq skala akbar li jimmobilizza l-komunità;
- ✓ Issib modi ġodda ta' kif jintużaw u jiġu mmobilizzati r-riżorsi u l-beni eżistenti tal-komunità;
- ✓ Tibni kollaborazzjoni bejn l-atturi u s-setturi differenti;
- ✓ Tista', iżda mhux bilfors, tinvolvi universitajiet jew riċerka u żvilupp sofistikati;
- ✓ Tista' tkun pjattaforma għall-innovazzjoni soċjali, li mbagħad tista' tiġi identifikata u applikata b'mod aktar wiesa' permezz ta' skambju, kooperazzjoni u netwerking.

**Kaxxa 5: Ir-raggruppament tal-innovazzjoni fi ħdan il-pjan strateġiku LEADER ta' West Cork għall-perjodu 2007-13**

Ir-raggruppament tal-Innovazzjoni huwa parti integrali mill-pjan strateġiku LEADER ta' West Cork għall-perjodu 2007–13. Ir-Raggruppament jibni fuq l-inizjattivi preċedenti, bħall-Marka Fuchsia ta' West Cork, u jiffoka fuq l-għoti ta' appoġġ għas-setturi ekonomiċi ewlenin b'potenzjal ta' diversifikazzjoni (l-ikel, it-turiżmu, is-snajja', eċċ.) kif ukoll it-tipi ta' attività u ta' proċess tal-iżvilupp (il-kummerċjalizzazzjoni, it-taħriġ u l-edukazzjoni, l-aġenziji tal-iżvilupp, in-netwerks u l-assoċjazzjonijiet, eċċ.). Ir-Raggruppament, li ġie mniedi kummerċjalment għall-ewwel darba fl-1998, huwa netwerk kummerċjali ta' 160 impriża ta' kwalità akkreditata (b'marka kummerċjali) fis-setturi tal-ikel, tat-turiżmu, tas-snajja' u oħrajn (l-agrikoltura, is-settur marittimu, il-bejgħ bl-imnut). Dan jaħdem ukoll fi sħubija fuq ċerti programmi mal-University College Cork.

It-tipi ta' attivitajiet appoġġjati mir-Raggruppament fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-13 jinkludu: l-iżvilupp ta' programm ġdid ta' "Enerġija mill-Azjendi Agrikoli" li jinkludi l-bijokarburanti, l-enerġija mir-riħ, solari, idro u termika; l-iggwidar u l-evalwazzjoni ta' attivitajiet ġodda promozzjonali u ta' kummerċjalizzazzjoni għall-Marka Fuchsia; l-appoġġ għall-iżvilupp ta' proġetti ta' diversifikazzjoni fost il-parteċipanti tal-Marka Fuchsia fit-turiżmu kulinari, is-snajja' u d-divertiment; u l-konsulenza u t-taħriġ għall-impriżi involuti fl-arti kreattiva u fil-produzzjoni tal-midja diġitali.

Dan huwa mudell li jibni fuq is-suċċess, li joħloq kultura ta' appoġġ għall-innovazzjoni u li jibni massa kritika ta' attività matul iż-żmien. Fl-2005, il-Marka Fuchsia u l-attivitajiet assoċjati magħha ġġeneraw EUR 106 miljun, li EUR 69 miljun minnhom baqgħu fir-reġjun, biex appoġġjaw madwar 1 131 impjieg li lokalment huma ekwivalenti daqs full-time.

Ara l-materjal ta' riżorsa hawn taħt[20].

---

[20] Xi materjal ta' riżorsa:

- *'Grupp Fokus 2 – Rapport Estiż: Il-preservazzjoni tal-Karattru Innovattiv ta' Leader, Novembru 2010'* http://enrd.ec.europa.eu/app_templates/enrd_assets/pdf/leader-tool-kit/1_focus-group2_extended-report_final.pdf
- Reviżjoni Rurali tal-UE 2: Il-Kreattività u l-Innovazzjoni fl-Iżvilupp Rurali tal-UE, 2009. http://enrd.ec.europa.eu/app_templates/filedownload.cfm?id=B99849C0-00E8-A7DC-1D6A-775E2ED9F89A

- **X'tifhem il-Kummissjoni b'*"ġerarkija tal-għanijiet, inklużi l-miri li jistgħu jitkejlu għall-outputs jew għar-riżultati"*? (l-Artikolu 33(1)(c) tas-CPR)** (il-passi 4 u 7 tal-kapitolu 2)

Ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar LEADER imsemmi aktar kmieni sostna li "l-istrateġiji lokali għandhom ikunu fil-qalba tal-approċċ ta' LEADER, li jagħti lis-sħubijiet r-*raison d'etre* tagħhom u li jwiegħed valur miżjud permezz ta' soluzzjonijiet lokali mfassla sabiex jilħqu l-għanijiet tal-iżvilupp rurali lokali". Sfortunatament, xi drabi dan ma jkunx il-każ. Il-Qorti tal-Awdituri rrapportat li ħafna strateġiji "servew bħala ftit aktar minn sempliċi strument għall-finanzjament mill-MA" u li l-għanijiet tagħhom ma kinux "speċifiċi, li jistgħu jitkejlu u li jistgħu jintlaħqu fi żmien stabbilit".

Fl-imgħoddi, ħafna strateġiji kienu jiddependu b'mod eċċessiv fuq għanijiet ġenerali bħat-"titjib tal-kwalità tal-ħajja" jew il-kisba ta' "żvilupp sostenibbli". Dan parzjalment huwa minħabba li d-disinjaturi tal-istrateġija ta' spiss jiffaċċjaw ħafna inċertezza u jkunu jridu jżommu l-flessibbiltà sabiex iwieġbu għall-bidliet u l-avvenimenti mhux previsti. Madankollu, aktar tard sejrin naraw li hemm modi oħrajn kif tista' tinkiseb din il-flessibbiltà u l-konsegwenza tat-twaqqif ta' għanijiet eċċessivament ġeneriċi tista' tagħmel l-istrateġija kważi insinifikanti, soġġetta għal influwenza minn gruppi ta' interess lokali u impossibbli biex tiġi mmonitorjata.

Sabiex titjieb il-kwalità tal-istrateġiji, il-Kummissjoni temmen li dawn għandhom ikunu bbażati fuq "loġika ta' intervent" ċara, maqbula mill-komunità lokali u bbażata fuq mistoqsijiet bħal: "xi rridu nbiddlu?", "xi rridu niksbu sas-sena X?", "kif ser ikun jidher is-suċċess?", "X'tip ta' evidenza turi li kellna suċċess?".

Fil-perjodu 2014-20, il-bażi tal-evidenza għandha tieħu l-forma ta' miri li jkunu jistgħu jitkejlu b'mod ċar għall-"outputs", bħall-għadd ta' persuni li jirċievu taħriġ, u għar-"riżultati", bħall-għadd ta' persuni li sabu impjieg bħala konsegwenza tat-taħriġ.

Għar-riżultati, "il-miri jistgħu jiġu espressi f'termini kwantitattivi jew kwalitattivi" (l-Artikolu 33(1)(c)) u l-Kummissjoni tirrakkomanda li dawn jiġu espressi f'termini ta' "SMART".

**Għanijiet SMART**

1. Speċifiċi (**S**pecific) – li jiddikjaraw b'mod ċar x'sejra tindirizza l-istrateġija u b'liema mezz
2. Miżurabbli (**M**easurable) – jinkludu bażi għall-kejl u mira li tista' titkejjel, kemm jekk espressa f'termini kwantitattivi jew kwalitattivi
3. Attwabbli (**A**chievable) – teknikament jistgħu jinkisbu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-istrateġija proposta
4. Realistiċi (**R**ealistic) – fid-dawl tar-riżorsi pprovduti, fiż-żmien li jingħata, għad-daqs tal-gruppi fil-mira, eċċ.
5. Marbutin bil-ħin (**T**ime bound) – jinkorporaw skeda ta' żmien u data sa meta għandha tintlaħaq il-mira.

B'reazzjoni għall-iffissar ta' miri aktar konkreti sabiex jinkisbu r-riżultati, il-Kummissjoni tirrakkomanda li s-sħubijiet lokali u l-MAs jaqblu fuq metodi li jippermettu li l-istrateġiji jiġu adattati sabiex jissodisfaw iċ-ċirkostanzi li qegħdin jevolvu u jieħdu kont tat-tagħlimiet mill-esperjenza tal-passat. L-aktar mod ovvju ta' kif isir dan huwa billi jintuża r-rekwiżit li jirrigwardja l-evalwazzjoni msemmija fl-Artikolu 33(1)(f) (ara aktar 'l isfel).

Ir-regolament jirreferi wkoll għal "ġerarkija tal-għanijiet", fejn jagħmilha ċara li mhux kollox jista' jinkiseb f'daqqa u li jeħtieġ li l-komunità tiddeċiedi b'mod kollettiv fuq l-aktar għanijiet importanti tagħha u tagħżel l-azzjonijiet li għandhom jikkontribwixxu bl-aqwa mod sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet. F'dan il-kuntest, l-istrateġiji jistgħu jintużaw b'mod ċar sabiex jappoġġjaw l-inizjattivi taċ-ċittadini b'mod prattiku u jwieġbu għal uħud mill-isfidi li ġew identifikati fl-ewwel taqsima ta' dan il-kapitolu.

### Kaxxa 6: L-immirar u l-monitoraġġ fl-IRD ta' Duhallow

L-IRD (l-Iżvilupp Rurali Integrat) ta' Duhallow żviluppa sistema interessanti għat-titjib tar-rabtiet bejn il-miri wesgħin tal-istrateġija ta' żvilupp lokali tagħhom u l-proġetti proprja mwettqa sabiex jiżgura s-sjieda tal-komunità u jtejjeb il-miri u l-monitoraġġ. Bażikament, il-miri wesgħin tal-istrateġija jiġu żviluppati wara proċess twil ta' konsultazzjoni mal-komunità madwar erba' oqsma ewlenin: it-titjib tal-kwalità tal-ħajja, it-trawwim tal-kreattività, it-tkabbir ekonomiku u ambjent tal-għajxien. Għandha titwettaq valutazzjoni tal-ħtiġijiet tar-riżorsi soċjali, ekonomiċi u ambjentali tar-reġjun bl-użu tal-approċċ għall-Iżvilupp tal-Komunità Abbażi tal-Assi, li jiffoka fuq l-assi u l-assi potenzjali taż-żoni (minflok sempliċiment fuq id-dgħufijiet u l-lakuni tagħhom). Dan imbagħad jistabbilixxi l-qafas strateġiku, li jista' jiġi adattat għal offerti partikolari.

Dawn il-miri wesgħin imbagħad jinqasmu f'għanijiet iżgħar u li jistgħu jitkejlu, li jiġu animati u mmonitorjati minn gruppi ta' ħidma lokali bbażati fil-komunità. Pereżempju, il-Grupp ta' Ħidma dwar iż-Żgħażagħ u l-Edukazzjoni għandu 20 membru li jikkonsistu fi skejjel lokali, organizzazzjoni taż-żgħażagħ, dawk li jfasslu l-politika u ż-żgħażagħ infushom. Is-27 mira stabbiliti huma miri li jistgħu jitkejlu: għaxar klabbs taż-żgħażagħ ġodda, erba' kafetteriji għaż-żgħażagħ, 20 mexxej taż-żgħażagħ imħarrġin, eċċ.

Abbażi tal-indikaturi tal-outputs definiti kienu osservati sa Ġunju 2011, tliet klabbs taż-żgħażagħ, l-ebda kafetterija u 30 mexxej taż-żgħażagħ imħarrġin. Il-grupp ta' ħidma jiltaqa' tmien jew disa' darbiet fis-sena, fejn ikollu ċans janalizza l-kisbiet u jistabbilixxi l-passi għat-titjib. L-azzjonijiet tagħhom huma soġġetti għall-approvazzjoni tal-bord tal-LAG.

Ara l-iskeda informattiva tal-ENRD dwar l-approċċ tas-Sħubijiet ta' Duhallow għad-definizzjoni tal-indikaturi, li tinkludi l-valur miżjud ta' LEADER:
http://enrd.ec.europa.eu/app_templates/enrd_assets/pdf/leader-tool-kit/infosheet/04_infosheet.pdf

Ara hawn taħt għal aktar materjal ta' riżorsa utli[21]

[21] Materjal ta' riżorsa għall-Artikolu 33(1)ċ tas-CPR:

- Gwida tal-ENRD dwar il-kontenut tal-LDS b'vidjos. http://enrd.ec.europa.eu/leader/leader/leader-tool-kit/the-strategy-design-and-implementation/the-strategy-design/minimum-content/en/description-of-the-strategy-and-its-objectives_en.cfm

- **X'tifhem il-Kummissjoni bid-dikjarazzjoni li *"l-istrateġija għandha tkun konsistenti mal-programmi rilevanti tal-Fondi ESI kollha kkonċernati li huma involuti"*? (l-Artikolu 33(1)(c) tas-CPR)** (il-passi 4 u 7 tal-kapitolu 2)

L-istrateġiji tas-CLLD ma għandhomx jitqiesu bħala gżejjer, jiġifieri iżolati. Huma għodod flessibbli għall-issodisfar tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' żoni lokali differenti – *b'modi li jipproduċu riżultati u benefiċċji konkreti għall-programmi kkonċernati (ara* l-eżempju dwar l-użu ta' LEADER bħala għodda għall-ippjanar territorjali integrat fl-Andalusija, Spanja – il-kapitolu 6)[22]

Madankollu, fid-dokument ta' gwida dwar is-CLLD prodott għall-MAs, il-Kummissjoni spjegat li l-għan tagħha huwa li tippermetti flessibbiltà konsiderevoli lill-komunitajiet lokali dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-istrateġija tagħhom, kif ukoll l-eliġibbiltà tal-azzjonijiet iffinanzjati, sakemm din il-konsistenza mal-programmi kkonċernati tiġi rrispettata u jkun hemm konformità sħiħa mal-qafas regolatorju, filwaqt li jittaffa debitament ir-riskju ta' finanzjament doppju. Għal darba oħra, dan jippermetti lill-komunitajiet lokali jkunu inventivi u jadattaw l-istrateġiji lokali għat-tipi ta' sfidi emerġenti li ġew identifikati fl-ewwel parti ta' dan il-kapitolu.

Din it-taħlita ta' flessibbiltà lokali ma' kontribuzzjoni ċara għal miri f'livell ogħla tista' tinkiseb b'għadd ta' modi.

- ✓ Sabiex jagħmel l-ipprogrammar aktar faċli, is-CLLD għandu jiġi pprogrammat taħt qasam ta' prijorità/fokus speċifiku wieħed għall-investiment jew prijorità tal-Unjoni speċifika waħda[23]. Madankollu, l-appoġġ ipprovdut taħt l-istrateġiji mmexxija mill-iżvilupp lokali jistgħu jikkontribwixxu għall-11-il għan tematiku kollha tas-CPR.
- ✓ L-istrateġiji tas-CLLD għandhom jiddeskrivu kif l-approċċ lokali parteċipattiv tagħhom huwa konsistenti ma' u jikkontribwixxi għall-prijoritajiet tal-programm(i) li jiffinanzjahom/jiffinanzjawhom.
- ✓ Fl-istess ħin, jekk is-CLLD jintuża sabiex iwassal b'mod sħiħ uħud mill-għanijiet ta' programm, mela mbagħad is-sistema ta' twettiq għandha tiġi adattata b'tali mod li tippermetti l-benefiċċji sħaħ tal-approċċ fl-issodisfar tal-ħtiġijiet lokali speċifiċi mmirati mill-istrateġija.
- ✓ Meta strateġija tal-iżvilupp lokali tkun iffinanzjata minn fond wieħed biss, dan il-fond għandu joffri l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu kollu ta' appoġġ eliġibbli, inkluż għall-azzjonijiet li potenzjalment jistgħu jiġu koperti wkoll minn fondi oħrajn, bil-għan li tingħata flessibbiltà massima lill-atturi lokali sabiex iwieġbu għall-ħtiġijiet tagħhom, b'konformità mar-regoli speċifiċi għall-Fond.
- ✓ Ma hemm ebda ħtieġa li jiġu stabbiliti linji ta' demarkazzjoni riġidi bejn il-fondi, sakemm ikun hemm proċeduri sodi li jiżguraw li ma jkunx hemm finanzjament doppju.
- ✓ Fil-bliet, l-istrateġiji tas-CLLD jistgħu jintużaw bħala għodda sabiex jikkontribwixxu b'diversi modi għall-istrateġiji tal-iżvilupp urban sostenibbli ffinanzjati skont l-Artikolu 7 tal-FEŻR. Huma jistgħu jiffurmaw parti minn u/jew jikkontribwixxu għall-Investimenti Territorjali Integrati (l-Artikolu 36 tas-CPR), għall-assi urbani jew għal programmi urbani speċifiċi.

---

- *Disinn tal-Istrateġija – Kif tipprijoritizza bejn l-għanijiet differenti?'* dwar is-sett ta' strumenti ta' LEADER: http://enrd.ec.europa.eu/leader/leader/leader-tool-kit/the-strategy-design-and-implementation/the-strategy-design/en/how-to-prioritize-between-different-objectives_en.cfm
- Gwida 1 ta' inizjazzjoni ta' FARNET, it-Taqsima 4b https://webgate.ec.europa.eu/fpfis/cms/farnet/sites/default/files/documents/FARNET%20Start-up%20Guide%20EN.pdf

[22] L-użu ta' LEADER bħala għodda għall-ippjanar territorjali integrat fl-Andalusija, Spanja http://enrd.ec.europa.eu/app_templates/enrd_assets/pdf/leader-tool-kit/infosheet/10_infosheet.pdf

[23] Il-prijorità tal-investiment 9d fil-FEŻR u l-Artikolu 3(1)(b)(vi) tal-FSE, iż-Żona fil-Mira 6b fil-FAEŻR u l-Prijorità nru. 4 tal-Unjoni fil-FEMS

Pereżempju, jekk il-LAG rurali jkun irid jissottometti proġett ta' taħriġ għal finanzjament ta' LEADER, anki jekk l-istrateġija tiegħu tkun appoġġjata biss mill-FAEŻR, il-LAG għandu jivverifika jekk il-proġett:

- huwiex konsistenti mal-għanijiet tal-FAEŻR u tal-Programm tal-Iżvilupp Rurali;
- huwiex koerenti mal-istrateġija tal-iżvilupp lokali;
- huwiex konformi mal-leġiżlazzjoni rilevanti.

Jekk dawn il-kundizzjonijiet jiġu ssodisfati, l-MA tal-FAEŻR ma għandhiex tirrifjuta l-proġett għall-appoġġ mill-FAEŻR, sempliċiment minħabba li dan jaqa' wkoll taħt l-eliġibbiltà tal-FSE.

*Huwa importanti li jiġi żgurat li din il-flessibbiltà fil-kamp ta' applikazzjoni tal-intervent u fl-eliġibbiltà tan-nefqa tkun riflessa fil-formulazzjoni tal-programmi u fir-regolamenti reġjonali u nazzjonali rilevanti sabiex l-istrateġiji lokali jkunu jistgħu jitfasslu wara li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-ħtiġijiet lokali u l-potenzjal li jiġu inklużi wkoll approċċi innovattivi*[24]*. Minflok jiġi definit katalogu ddettaljat tan-nefqa eliġibbli għas-CLLD, huwa rrakkomandat li jiġi stabbilit katalogu ta' nefqa mhux eliġibbli taħt fond speċifiku.*

- **X'tifhem il-Kummissjoni b'"*deskrizzjoni tal-proċess ta' involviment tal-komunità fl-iżvilupp tal-istrateġija*" (l-Artikolu 33(1)(d) tas-CPR)?** (il-passi 4 u 7 tal-kapitolu 2)

Il-parteċipazzjoni ntużat sabiex tiddeskrivi l-proġetti li jvarjaw minn manipulazzjoni pura, għal kampanji ta' informazzjoni sempliċi u eżerċizzju ta' konsultazzjoni formali, sas-sħubija u l-kontroll sħiħ taċ-ċittadini[25]. Il-Bank Dinji jiddeskrivi kif il-Programmi tiegħu ta' Żvilupp Immexxi mill-Komunità evolvew minn mudell ibbażat fuq konsultazzjoni fil-livell tal-komunità għal wieħed ibbażat fuq il-parteċipazzjoni komunitarja u, finalment, il-mudell attwali bbażat fuq l-għoti ta' setgħa lill-komunità[26]. Mit-terminu proprju li għażlet li tuża l-Kummissjoni – l-iżvilupp lokali <u>mmexxi</u> mill-komunità bl-Ingliż – jidher ċar li hawnhekk qegħdin nirreferu għal-livelli ogħla tal-parteċipazzjoni komunitarja u mhux sempliċiment informazzjoni jew konsultazzjoni minn naħa waħda. Il-partijiet interessati lokali għandhom jiġu involuti mill-ewwel ġurnata tat-tfassil tal-istrateġija sal-aħħar tal-proċess tal-implimentazzjoni.

L-istrateġija u l-proġetti li jirriżultaw minnha huma meqjusa li joħorġu mill-komunità. Għaldaqstant, jirriżulta li l-parteċipazzjoni ma għandhiex tkun sempliċiment supplimentazzjoni, imwettqa fil-bidu tal-istrateġija sabiex jiġi ġġustifikat il-finanzjament. Il-konsulenti, l-universitajiet u esperti esterni oħrajn kollha jistgħu jgħinu sabiex jipprovdu perspettiva usa' u jassistu fl-analiżi tad-dejta u l-kitba tal-istrateġija, iżda għandu jkun hemm <u>evidenza</u> ta' djalogu ġenwin ma' u bejn iċ-ċittadini lokali f'kull wieħed mill-istadji ewlenin fit-tfassil tal-istrateġija:

- ✓ Fl-identifikazzjoni tal-punti ta' saħħa, tad-dgħufijiet, tal-opportunitajiet u tat-theddidiet;
- ✓ Fit-tisrif ta' dawn il-ħtiġijiet prinċipali ta' żvilupp u f'potenzjali;
- ✓ Fl-għażla tal-għanijiet ewlenin, tal-għanijiet speċifiċi, tar-riżultati mixtieqa u tal-prijorità mogħtija lil dawn;
- ✓ Fl-għażla tat-tipi ta' azzjonijiet li jistgħu jwasslu għal dawn ir-riżultati; u
- ✓ Fl-allokazzjoni tal-baġit.

---

[24] Ara l-Artikolu 32(1)d tas-CPR

[25] Ara Sherry R Arnstein "A ladder of Citizen Participation", 1969

[26] "Local and Community Driven Development". Il-Bank Dinji. 2010

Hemm għadd kbir ta' tekniki parteċipattivi, bħal analiżi tal-partijiet interessati, l-użu ta' tabelli bil-problemi u l-bini tax-xenarju, li jistgħu jgħinu lis-sħubijiet jidentifikaw il-kwistjonijiet li tassew huma importanti għan-nies fil-prattika u sabiex jimmobilizzaw l-ideat u l-enerġija tal-inizjattivi fil-livell lokali. Id-dokument tal-istrateġija għandu jipprovdi evidenza li turi li huwa r-riżultat ta' dan it-tip ta' proċess.

**Kaxxa 7: Eżempju ta' proċess parteċipattiv għat-tħejjija tal-istrateġija tal-iżvilupp lokali minn grupp ta' LEADER Spanjol mill-Wied ta' Jerte**

Grupp ta' LEADER Spanjol mill-Wied ta' Jerte beda proċess parteċipattiv sabiex iħejji l-istrateġija ta' żvilupp lokali għall-perjodu li jmiss eżatt wara s-sajf tal-2013 – qabel ma ġew iffinalizzati r-Regolamenti jew il-Programmi tal-UE. Is-sħubija waqqfet "bord tal-iżvilupp" wiesa' sabiex jikkoordina l-ħidma ta' seba' gruppi ta' ħidma tematiċi li jinvolvu partijiet interessati li għandhom x'jaqsmu ma': iż-żgħażagħ u l-organizzazzjonijiet tal-komunità; in-nisa u l-ugwaljanza; il-kultura u l-edukazzjoni; l-agrikoltura u l-ambjent; l-imprenditorija, l-impjiegi u t-taħriġ; it-turiżmu sostenibbli u s-servizzi soċjali u tal-kura. Kull grupp ta' ħidma bagħat kwestjonarju sempliċi u ddiskuta erba' mistoqsijiet ewlenin: Xi ksibna? X'fadal xi jsir? X'inhuma l-prijoritajiet għall-ġejjieni? U x'ideat ġodda hemm għat-tqegħid ta' dawn fil-prattika? Huma organizzaw ukoll kompetizzjoni sabiex jieħdu ideat mill-iskejjel tal-villaġġi kollha u diversi avvenimenti għall-anzjani. Ir-riżultati mbagħad ġew diskussi f'assemblea mifruxa mal-Wied kollu.

Din il-ħidma pprovdiet il-bażi għall-analiżi SWOT, l-analiżi tal-ħtiġijiet u l-identifikazzjoni tal-prijoritajiet għall-istrateġija lokali. Madankollu, ladarba jkunu magħrufa d-dettalji tar-regolamenti, tal-programmi u tal-baġit, il-komunità terġa' tiġi involuta fl-adattament tal-istrateġija, fit-tħejjija tal-pjan ta' azzjoni u fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-fondi li għandhom jiġu allokati għal prijoritajiet differenti. Pereżempju, fil-perjodi ta' programmazzjoni preċedenti, il-gruppi ta' ħidma żviluppaw xenarji għat-tipi ta' proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati, b'baġits indikattivi. Il-partijiet interessati mill-gruppi ta' ħidma differenti mbagħad innegozjaw u waslu għal qbil dwar id-distribuzzjoni ġenerali tal-fondi u l-prijoritajiet tal-istrateġija ta' żvilupp lokali.

Għal aktar materjal tar-riżorsi ara hawn taħt[27]

- **X'tifhem il-Kummissjoni bi "*pjan ta' azzjoni li juri kif l-għanijiet jiġu tradotti f'azzjonijiet" u "l-pjan finanzjarju...inkluża l-allokazzjoni ppjanata minn kull wieħed mill-Fondi ESI kkonċernati"?* (l-Artikoli 33(1)(e) u (g) tas-CPR)** (il-passi 4 u 7 tal-kapitolu 2)

[27] Aktar materjal ta' riżorsa:

*The Strategy Design - How to build up a participatory local development strategy?'* dwar is-sett ta' strumenti ta' LEADER. Dan jinkludi vidjos u rakkomandazzjonijiet li jkopru ħafna mill-konklużjonijiet tal-grupp fokus fuq kif jistgħu jiġu prodotti strateġiji aħjar: http://enrd.ec.europa.eu/leader/leader/leader-tool-kit/the-strategy-design-and-implementation/the-strategy-design/en/how-to-build-up-a-participatory-local-development-strategy_en.cfm

Skeda informattiva tal-ENRD. L-użu ta' metodoloġiji parteċipattivi għat-tfassil ta' strateġiji ta' kwalità. Abbażi ta' ħidma Taljana: http://enrd.ec.europa.eu/app_templates/enrd_assets/pdf/leader-tool-kit/infosheet/12_infosheet.pdf

It-Taqsimiet 3 u 4 tal-Gwida 1 ta' inizjazzjoni ta' FARNET https://webgate.ec.europa.eu/fpfis/cms/farnet/sites/default/files/documents/FARNET%20Start-up%20Guide%20EN.pdf

Wieħed mill-aqwa modi kif jiġi stabbilit jekk l-għanijiet tal-istrateġija humiex realistiċi huwa billi jiġu analizzati l-azzjonijiet li huma meħtieġa sabiex jintlaħqu tali għanijiet. Madankollu, *pjan ta' azzjoni* ma jfissirx li l-proġetti għandhom jintgħażlu minn qabel.

Jeħtieġ li l-pjan ta' azzjoni jikkunsidra mill-inqas l-erba' punti li ġejjin:

- ✓ **X'**tipi ta' azzjoni
- ✓ **Min** sejjer ikun responsabbli mill-implimentazzjoni tagħhom
- ✓ **Meta** għandhom jitwettqu u f'liema ordni (pereż. it-taħriġ qabel il-bidu ta' negozju)
- ✓ **Kemm** sejrin jiswew f'termini approssimattivi

### Kaxxa 8: Eżempju ta' pjan ta' azzjoni meħtieġ skont l-Assi 4 tal-FES fi Franza

It-terminu "pjan ta' azzjoni" ġie interpretat b'modi kemmxejn differenti madwar l-Ewropa. Pereżempju fi Franza, is-sħubijiet li japplikaw għall-Assi 4 tal-FES kellhom jippreżentaw "pjan ta' żvilupp" kompost minn "pakketti ta' ħidma" għal kull tip ta' azzjoni prevista u tabella finanzjarja. Il-pakkett ta' ħidma ġeneralment kien jieħu l-forma ta' skeda li tkopri: l-għanijiet prijoritarji li taħthom waslet l-azzjoni u l-kontribut li sar sabiex jintlaħqu l-għanijiet, ir-riżultati antiċipati għaż-żona, il-benefiċjarji fil-mira, in-nefqa eliġibbli, l-intensità tal-għajnuna, il-finanzjament tal-UE previst, finanzjament ieħor antiċipat, l-indikaturi tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni. Ara "L-elementi tat-termini ta' referenza tas-sejħa għall-proposti taħt l-assi 4 tal-Eżempju ta' Franza skont il-FES". (P.11)
https://webgate.ec.europa.eu/fpfis/cms/farnet/sites/default/files/documents/annex3_france_en.pdf

Il-gruppi ta' LEADER Skoċċiżi għandhom it-tendenza li jirreferu għall-"pjan kummerċjali" bħall-proċeduri u s-sistemi finanzjarji u amministrattivi kollha għall-implimentazzjoni tal-istrateġija, inkluż pjan għall-attivitajiet tal-LAG. Dawn tal-aħħar ġeneralment ikunu jinkludu kalendarju ddettaljat għall-implimentazzjoni ta' kull azzjoni, li jispjega min kien responsabbli minnha. Ara t-taqsimiet 6-7 ta' "pjan kummerċjali" tal-grupp ta' LEADER Skoċċiż
https://webgate.ec.europa.eu/fpfis/cms/farnet/sites/default/files/documents/UKsc_LEADER-Business_Plan_Moray.pdf

Il-*pjan finanzjarju* għandu jipprovdi estimi indikattivi ta' kemm sejrin jiġu ddedikati flus għat-tipi differenti ta' azzjoni. Fil-każ ta' strateġija appoġġjata minn diversi fondi, jeħtieġ li l-pjan finanzjarju jindika liema partijiet tal-istrateġija sejrin ikunu koperti minn kull fond u l-kofinanzjament nazzjonali pubbliku għal kull sena tal-programm. Huwa jrid jiddistingwi bejn in-nefqa fuq l-implimentazzjoni tal-istrateġija nnifisha, il-kooperazzjoni u l-ispejjeż operattivi u l-animazzjoni. Madankollu, il-livell ta' dettall u l-kategoriji tan-nefqa jistgħu jvarjaw bejn l-Istati Membri. Pereżempju, l-MAs jistgħu jitolbu informazzjoni dwar in-nefqa ppjanata fuq ċerti kategoriji ta' azzjoni definiti minn qabel fil-livell reġjonali jew nazzjonali. Inkella, l-MA tista' sempliċiment titlob lis-sħubijiet sabiex jipprovdu estimi tan-nefqa fuq l-għanijiet speċifiċi u/jew il-kategoriji ewlenin ta' azzjoni definiti fl-istrateġija tal-iżvilupp lokali.

Id-daqs tal-baġit ovvjament jiddependi fuq il-ħtiġijiet taż-żona u d-daqs tagħha, in-natura tal-istrateġija u l-eżistenza ta' programmi ta' appoġġ oħrajn. Huwa jista' jvarja wkoll skont il-kundizzjonijiet ekonomiċi ta' Stat Membru partikolari. Madankollu, l-esperjenza kemm ta' LEADER kif ukoll tal-Assi 4 tal-FES uriet li d-daqs minimu tal-baġit għal strateġija ta' żvilupp lokali għandu jkun ta' madwar EUR 3 miljun f'fondi pubbliċi għall-perjodu kollu. Taħt dan il-

livell, isir diffiċli li wieħed imur 'lil hinn minn investimenti kwalitattivi fuq skala żgħira ħafna u li tiġi koperta l-animazzjoni meħtieġa taż-żona. Dawn l-ammonti probabbilment ikunu ferm akbar f'żoni urbani mibnija u fil-każ ta' CLLD b'diversi fondi.

Għal darba oħra, din il-gwida mhijiex intiża biex tkun restrizzjoni riġida iżda għodda li tiżgura li l-investimenti jikkorrespondu għall-għanijiet stabbiliti mill-komunità fl-istrateġija u li dawn ikunu jistgħu jintlaħqu b'mod realistiku bir-riżorsi disponibbli.

Għandu jkun hemm ukoll fis-seħħ mekkaniżmi li jiżguraw li s-sħubijiet jkunu jistgħu jaġġustaw il-pjan finanzjarju sabiex jiġu ssodisfati ċ-ċirkostanzi li qegħdin jinbidlu, b'konsultazzjoni mal-MAs. Id-dispożizzjonijiet il-ġodda għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni (ara taħt) jistgħu jgħinu sabiex tiġi pprovduta ġustifikazzjoni għal kwalunkwe bidliet.

Għal aktar materjal ta' riżorsa ara hawn taħt[28]

- **X'tifhem il-Kummissjoni b'"*deskrizzjoni tal-arranġamenti ta' ġestjoni u monitoraġġ tal-istrateġija, li turi li l-grupp ta' azzjoni lokali kapaċi jimplimenta l-istrateġija u deskrizzjoni tal-arranġamenti speċifiċi ta' evalwazzjoni"? (l-Artikolu 33(1)(f) tas-CPR)*** (il-pass 8 tal-kapitolu 2)

Jeħtieġ li s-sħubijiet lokali juru li huma għandhom proċeduri ċari u membri tal-persunal li għandhom esperjenza u kwalifiki biżżejjed, bil-għan li tiġi żgurata l-ġestjoni effettiva tal-istrateġija. Dan ovvjament jinkludi kwistjonijiet finanzjarji u amministrattivi. Madankollu, jekk l-istrateġija tinvolvi ħidma ma' gruppi mhux organizzati jew li diffiċli jintlaħqu, mela allura tfisser ukoll nies imħarrġin fis-sensibilizzazzjoni, fil-faċilitazzjoni, fil-komunità u fl-iżvilupp tal-proġetti.

Jeħtieġ li s-sħubijiet juru wkoll li huma għandhom proċeduri kontabbli u trasparenti għat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-għażla tal-proġetti. Pereżempju, il-votazzjoni fuq id-deċiżjonijiet kollha għandha tiġi ddokumentata u għandu jkun hemm proċeduri sabiex jiġu evitati l-kunflitti ta' interess. Dan sejjer jiġi ttrattat aktar 'l isfel fit-taqsima dwar is-sħubija.

Madankollu, aspett ġdid fir-regolament huwa r-rekwiżit li jiġu spjegati "l-arranġamenti tal-monitoraġġ…. u l-arranġamenti speċifiċi għall-evalwazzjoni". Kemm l-arranġamenti tal-monitoraġġ kif ukoll tal-evalwazzjoni huma meħtieġa sabiex jiġu mwieġba l-ħtiġijiet tal-MA. Dawn ma għandhomx jitqiesu bħala sempliċi rekwiżit formali sabiex tiġi ġġustifikata n-nefqa u għandhom jitfasslu b'tali mod li jipprovdu informazzjoni utli għall-ġestjoni tas-sħubija lokali. Permezz tal-inkorporazzjoni tal-proċeduri għall-evalwazzjoni perjodika u l-monitoraġġ regolari fl-istrateġija, is-sħubija tikseb għodda sabiex titgħallem dwar x'jaħdem u x'ma jaħdimx u sabiex taġġusta l-istrateġija bil-għan li tkun adegwata għaċ-ċirkostanzi li qegħdin jinbidlu. It-taħlita ta' "miri ċari u li jistgħu jitkejlu b'outputs u b'riżultati" u "arranġamenti speċifiċi għall-evalwazzjoni" tippermetti lis-sħubijiet lokali jiżviluppaw strateġiji ferm aktar konkreti u realistiċi, li huma wkoll aktar robusti u flessibbli.

---

[28] Aktar materjal ta' riżorsa:

- Is-sett ta' strumenti tal-ENRD. Taqsima dwar it-Tfassil u l-Implimentazzjoni tal-Istrateġija. Rakkomandazzjonijiet u vidjos. http://enrd.ec.europa.eu/leader/leader/leader-tool-kit/the-strategy-design-and-implementation/the-strategy-design/minimum-content/en/description-of-the-strategy-and-its-objectives_en.cfm
- It-Taqsima 4Ċ tal-Gwida 1 ta' inizjazzjoni ta' FARNET – It-tħejjija ta' pjan ta' implimentazzjoni https://webgate.ec.europa.eu/fpfis/cms/farnet/sites/default/files/documents/FARNET%20Start-up%20Guide%20EN.pdf
- Eżempji ta' strateġiji integrati miż-żoni tas-sajd minn madwar l-Ewropa. Sommarji u eżempji sħaħ https://webgate.ec.europa.eu/fpfis/cms/farnet/tools/implementing-axis-4/strategies

Il-LAGs għandhom jipprovdu informazzjoni dwar:

- ✓ Is-sistemi u l-mekkaniżmi li jipproponu għall-ġbir u l-ipproċessar tad-dejta finanzjarja u dwar il-prestazzjoni rilevanti relatata mal-indikaturi u l-miri stabbiliti. Jeħtieġ li dawn jiġu allinjati b'mod ċar mal-għanijiet tal-istrateġija.
- ✓ Kif għandhom il-ħsieb li jivvalutaw il-prestazzjoni tagħhom fl-implimentazzjoni tal-ispeċifiċitajiet tas-CLLD.
- ✓ Il-proposti tagħhom għad-disseminazzjoni u l-użu tar-riżultati fiż-żona – pereżempju, għall-emendar tal-istrateġija ta' żvilupp lokali u t-twassil tagħha.
- ✓ Kif se jikkontribwixxu għall-arranġamenti tal-monitoraġġ u l-evalwazzjonijiet tas-CLLD u tal-programm fil-livell reġjonali u nazzjonali.

**Kaxxa 9: Eżempju ta' sistema ta' evalwazzjoni bejn il-pari minn LG Kasvu fil-Finlandja**

Il-LAG Kasvu fil-Finlandja waqqaf sistema ta' evalwazzjoni bejn il-pari ma' LAG ġirien tiegħu, fejn kull LAG stħarreġ u intervista serje ta' proġetti fit-territorju ta' xulxin. Ir-rispons minn membru fi ħdan il-grupp li jiffaċċja sfidi simili, iżda mingħajr involviment dirett fl-implimentazzjoni tal-istrateġija, ipprovda informazzjoni siewja għaż-żewġ parteċipanti.
http://enrd.ec.europa.eu/app_templates/filedownload.cfm?id=7DE31F71-C820-630C-F49F-4C0E4D343CBB

In-Netwerk Rurali Nazzjonali Ġermaniż jipproponi tliet mudelli ta' intensità differenti li jistgħu jintużaw "il-verifika tas-sinjal", "il-kontroll multiplu" u "l-kontroll iffukat"[29].

Għal aktar materjal ta' riżorsa ara hawn taħt[30]

### 3.3.2 Elementi ġodda jew imsaħħa fil-kompiti tas-sħubijiet (l-Artikolu 34(3) tas-CPR)

L-Artikolu 34(3) tas-CPR jiddeskrivi l-kompiti tas-sħubijiet lokali kif deskritti fil-kaxxa 10 ta' hawn taħt:

**Kaxxa 10: Il-kompiti tal-gruppi ta' azzjoni lokali**

**Skont l-Artikolu 34(3),** il-kompiti tal-gruppi ta' azzjoni lokali għandhom jinkludu dawn li ġejjin:

a) **il-bini tal-kapaċità** tal-atturi lokali sabiex jiżviluppaw u jimplimentaw l-operazzjonijiet, inkluż billi jrawmu l-kapaċitajiet tal-ġestjoni tal-proġetti tagħhom;

---

[29] Disponibbli bil-Ġermaniż http://www.netzwerk-laendlicher-raum.de/regionen/leader/selbst-evaluierung/leitfaden-projekt/

[30] Aktar materjal ta' riżorsa:

- Is-sett ta' strumenti ta' LEADER, it-taqsimiet dwar kif għandha titwettaq awtovalutazzjoni u min jista' jwettaq evalwazzjoni esterna http://enrd.ec.europa.eu/leader/leader/leader-tool-kit/the-strategy-design-and-implementation/the-strategy-implementation/en/how-to-carry-out-a-self-evaluation_en.cfm
- Ktieb tax-xogħol Finlandiż dwar l-awtovalutazzjoni għall-gruppi ta' azzjoni lokali. http://ec.europa.eu/agriculture/rur/leaderplus/pdf/library/evaluations/Selfevaluation_workbook_for_LAGs.pdf
- Gwida 1 ta' inizjazzjoni ta' FARNET, it-Taqsima 4Ċ dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni. https://webgate.ec.europa.eu/fpfis/cms/farnet/sites/default/files/documents/FARNET%20Start-up%20Guide%20EN.pdf
- Il-Gwida 4 ta' FARNET, it-Taqsimiet 1.5, 1.6 u 1.7 https://webgate.ec.europa.eu/fpfis/cms/farnet/farnet-guide-4-steps-success

b) it-tħejjija ta' **proċedura tal-għażla** trasparenti u mhux diskriminatorja **u kriterji oġġettivi għall-għażla tal-operazzjonijiet, li jevitaw il-kunflitti ta' interess,** u li jiġi żgurat li **mill-inqas 50% tal-voti fid-deċiżjonijiet dwar l-għażla jintefgħu minn imsieħba li mhumiex awtoritajiet pubbliċi** u li tkun permessa għażla li ssir bi proċedura bil-miktub;

c) **l-iżgurar tal-koerenza mal-istrateġija tas-CLLD** meta jintgħażlu l-operazzjonijiet, billi tingħata prijorità lil dawk l-operazzjonijiet skont il-kontribut tagħhom sabiex jintlaħqu l-għanijiet u l-miri tal-istrateġija;

d) **it-tħejjija u l-pubblikazzjoni ta' sejħiet għall-proposti** jew it-twaqqif ta' proċedura kontinwa ta' sottomissjoni tal-proġetti, inkluż billi jiġu definiti l-kriterji tal-għażla;

e) ir-riċeviment u l-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-appoġġ;

f) **l-għażla tal-operazzjonijiet u l-iffissar tal-ammont ta' appoġġ** u, fejn rilevanti, il-preżentazzjoni tal-proposti lill-korp responsabbli mill-**verifika finali tal-eliġibbiltà qabel l-approvazzjoni;**

g) **il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni** tal-istrateġija tas-CLLD u tal-operazzjonijiet appoġġjati, kif ukoll it-twettiq ta' **attivitajiet ta' evalwazzjoni speċifiċi** marbuta mal-istrateġija.

L-MA hija responsabbli mill-għażla tal-LAGs sabiex tiżgura proċedura tal-għażla trasparenti u mhux diskriminatorja.

Bħal fit-taqsima preċedenti, issa sejrin nipprovdu spjegazzjoni qasira ta' x'tifhem il-Kummissjoni b'xi wħud mit-termini ewlenin (f'tipa grassa), flimkien ma' xi eżempji.

- **X'tifhem il-Kummissjoni b'"bini tal-kapaċità tal-atturi lokali sabiex jiżviluppaw u jimplimentaw l-operazzjonijiet, inkluż billi jrawmu l-kapaċitajiet tal-ġestjoni tal-proġetti tagħhom"? (l-Artikolu 34(3)(a) tas-CPR)** (il-passi 3 u 5 tal-kapitolu 2)

Wieħed mill-aktar messaġġi qawwija li joħorġu mill-esperjenza tal-passat huwa li s-sħubijiet tas-CLLD <u>ma għandhomx</u> jitqiesu bħala l-aħħar ħolqa lokali f'katina twila għat-twassil tal-politiki li jiġu deċiżi fi bnadi oħrajn. Dawn <u>mhumiex</u> punt uniku ta' servizz lokali fejn isiru s-sejħiet u jinġabru l-applikazzjonijiet għal għotja standard jew programmi ta' taħriġ. Il-valur reali tas-sħubija ġej mir-rwol tagħha li tgħaqqad lin-nies flimkien sabiex jistimolaw l-ideat u jipproduċu flimkien proġetti li ma kinux iseħħu – jew li kien ikun ferm aktar diffiċli biex jiġu żviluppati li kieku ma kinitx teżisti.

Madankollu, il-komunitajiet lokali jvarjaw fl-esperjenza tagħhom, fil-livell ta' organizzazzjoni, fil-"kapital soċjali u uman" tagħhom u f'termini tal-livell ta' appoġġ illi diġà qegħdin jirċievu mingħand aġenziji oħrajn. Għalhekk, wieħed mill-ewwel u l-aktar kompiti importanti tas-sħubijiet lokali huwa li jivvalutaw il-ħtiġijiet tal-bini tal-kapaċità tal-komunità u li jintegraw dan fl-istrateġija. Il-bini tal-kapaċità jista' jieħu l-forma ta':

- ✓ Sessjonijiet ta' informazzjoni u ħidma ta' sensibilizzazzjoni fil-komunità;
- ✓ Appoġġ sabiex in-nies jitlaqqgħu flimkien u l-organizzazzjoni tal-komunità;
- ✓ Pariri personalizzati jew kollettivi u appoġġ għall-iżvilupp tal-proġetti;
- ✓ Taħriġ.

Huwa assolutament essenzjali li s-sħubija jkollha persunal intern li jkun kkwalifikat biżżejjed sabiex iwettaq dawn il-funzjonijiet, jew inkella tkun tista' timpjegahom esternament. L-appoġġ preparatorju jista' jintuża biex jiffinanzja dan it-tip ta' bini tal-kapaċità matul it-tnedija tal-programmi. Jekk ma jitpoġġewx disponibbli riżorsi umani u finanzjarji għall-bini tal-kapaċità,

hemm probabbiltà kbira li l-istrateġija "tinħataf" mill-aktar atturi b'saħħithom u qawwija fil-komunità, għad-detriment ta' partijiet interessati oħrajn u tal-komunità ġenerali.

### Kaxxa 11: Il-bini tal-kapaċità mill-FLAG fil-Grigal ta' Lapland

Is-sostenn mogħti lis-sajjieda professjonali sabiex jiddiversifikaw f'attivitajiet ġodda huwa fost il-prijoritajiet għall-FLAG fil-Grigal ta' Lapland. Is-sajjieda f'Sodankylä identifikaw it-turiżmu bħala l-attività bl-akbar potenzjal li tikkomplimenta d-dħul tagħhom, iżda ma kellhomx il-ħiliet u l-liċenzji meħtieġa sabiex jidħlu f'dan is-suq ġdid. Flimkien mad-dipartiment tat-turiżmu tal-muniċipalità lokali, il-FLAG involva lis-sajjieda fl-identifikazzjoni tal-għanijiet u l-ħtiġijiet għall-appoġġ qabel għen sabiex ipoġġi l-ideat fil-prattika.

Id-diskussjonijiet wasslu għall-iżvilupp ta' pakkett ta' taħriġ komprensiv għas-sajjieda lokali, li huwa mfassal apposta sabiex jagħtihom il-liċenzji u l-ħiliet meħtieġa sabiex jiżviluppaw u joffru prodotti turistiċi vijabbli. L-ewwel pakkett ta' korsijiet saru fuq medda ta' sena u kienu jkopru kwistjonijiet marbuta mas-sigurtà, l-iżvilupp tal-prodotti u l-kummerċjalizzazzjoni. Dawn kienu kkumplimentati minn vjaġġi għal fieri kummerċjali, esperjenzi ta' xogħol f'kumpaniji tat-turiżmu stabbiliti u gwida diretta dwar l-iżvilupp tal-prodotti u wasslu biex kien hemm 14-il sajjied li kisbu l-permessi meħtieġa u għall-iżvilupp ta' 7 prodotti kummerċjabbli. Minħabba li l-bini tal-kapaċità huwa proċess fit-tul, matul is-sena ta' wara ġew organizzati t-tieni sessjoni ta' korsijiet intiżi biex jibnu fuq il-ħiliet bażiċi żviluppati fl-ewwel sena. Il-korsijiet iffokaw fuq it-titjib tal-kwalità tal-esperjenza turistika, pereżempju, permezz ta' klassijiet fis-servizz lill-klijenti, il-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà tal-konsumaturi, il-lingwa Ingliża… Sal-aħħar ta' dawn iż-żewġ sessjonijiet ta' bini tal-kapaċità, is-sajjieda żviluppaw 11-il prodott turistiku u issa kienu operattivi u rikonoxxuti mill-kumpaniji tat-turiżmu fiż-żona.

https://webgate.ec.europa.eu/fpfis/cms/farnet/tourism-training-fishermen-flag-northern-eastern-lapland-fi

- **X'tifhem il-Kummissjoni bi "tħejjija ta' proċedura tal-għażla trasparenti u mhux diskriminatorja u kriterji oġġettivi għall-għażla tal-operazzjonijiet, li jevitaw il-kunflitti ta' interess"? (l-Artikolu 34(3)(b) tas-CPR)**

Dan l-artikolu kien introdott parzjalment bħala riżultat tar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar LEADER, illi sab li, f'xi każijiet, l-imsieħba b'interess dirett fil-proġetti kienu ħadu sehem fid-deċiżjonijiet dwar l-approvazzjoni tagħhom. Il-kontroll tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet mill-interessi jew mis-setturi dominanti jew superjuri lokali eżistenti huwa riskju reali għall-proġetti kollha li huma bbażati lokalment. Madankollu, fl-istess ħin, dan joħloq dilemma għas-sħubijiet lokali, minħabba li l-aktar membri attivi u dinamiċi tal-komunità spiss ikunu dawk bl-aktar ideat u riżorsi għal proġetti, u l-esklużjoni tagħhom tista' ċċaħħad is-sħubija ta' enerġija u tmexxija.

Għalhekk, ir-regola ġenerali hija li l-imsieħba kollha għandhom jiddikjaraw l-interess tagħhom fil-proġetti u ma għandhomx jipparteċipaw f'deċiżjonijiet li jikkonċernawhom direttament.

Il-LAGs għandhom jiddeskrivu l-proċeduri tagħhom sabiex jevitaw il-kunflitti ta' interess b'mod li jkun konsistenti mar-Regolament Finanzjarju[31]. Il-proċeduri tal-għażla tal-proġetti għandhom ikunu trasparenti u mhux diskriminatorji u għandhom jistabbilixxu l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-kriterji tat-teħid tad-deċiżjonijiet li għandhom jiġu applikati. Dan għandu jidentifika b'mod ċar is-sekwenza tal-avvenimenti, in-nies involuti f'kull stadju, filwaqt li jiżgura separazzjoni adegwata tar-responsabbiltajiet bejn l-elementi differenti fil-proċess. Barra minn hekk, għandu jinkludi wkoll proċeduri ċari u sempliċi għal appell. L-użu ta' dijagramma tal-fluss huwa mod utli ta' kif dan jiġi rrappreżentat b'mod ċar.

Għandu jitħejja wkoll reġistru tal-interessi tal-membri tal-korp tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-LAG, li jiddokumenta n-natura ta' kwalunkwe rabta bejn il-membri tal-kumitat tal-għażla u kwalunkwe proġett jew applikant.

Il-LAGs huma permessi jiffinanzjaw proġetti proprji, fejn is-sħubija nnifisha tkun il-promotur tal-proġett, iżda għandu jkun hemm ukoll proċedura ċara u trasparenti li turi li dawn il-proġetti jikkontribwixxu għall-istrateġija ta' żvilupp lokali u li jgawdu l-appoġġ ġenerali tal-komunità.

Bl-użu ta' prinċipji bħal dawn, is-sħubijiet jistgħu jiżguraw kontabbiltà doppja – esternament għall-awdituri, l-MAs u l-aġenziji tal-pagamenti, u internament għall-komunità lokali.

- **X'tifhem il-Kummissjoni b'"li jiġi żgurat li mill-inqas 50% tal-voti fid-deċiżjonijiet dwar l-għażla jintefgħu minn imsieħba li mhumiex awtoritajiet pubbliċi"? (l-Artikolu 34(3)(b) tas-CPR)** (il-passi 3 u 5 tal-kapitolu 2)

Dan huwa maħsub biex isaħħaħ l-Artikolu 32(2)(b) tas-CPR, li jgħid li, "fil-livell tat-teħid tad-deċiżjonijiet, la s-settur pubbliku, kif definit skont ir-regoli nazzjonali, u lanqas kwalunkwe grupp ta' interess waħdieni ma għandu jirrappreżenta aktar minn 49% tad-drittijiet tal-vot". Għal xi żmien, ir-regola tad-49% kienet prinċipju Fundamentali tal-metodoloġija ta' LEADER u hija maħsuba sabiex tiggarantixxi li s-sħubijiet jkunu dak illi jgħidu li huma – sħubijiet reali, fejn kull membru jkollu ċans jinfluwenza d-deċiżjonijiet, aktar milli jkunu appendiċi tal-istrutturi u l-organizzazzjonijiet eżistenti.

Fil-passat, xi muniċipalitajiet u awtoritajiet pubbliċi kienu suspettużi ħafna dwar LEADER fuq il-bażi li din ir-regola tista' ddgħajjef ir-rwol tas-settur pubbliku u tal-uffiċjali eletti. Madankollu, fir-realtà, is-sitwazzjoni kienet pjuttost l-oppost. Is-settur pubbliku ġeneralment jikseb leġittimità meta juri li jista' jaħdem fi sħubija reali man-nies lokali u l-proċeduri għas-CLLD fihom għadd ta' kontrolli u bilanċi li, meta jiġu applikati kif suppost, jiżguraw il-kontabbiltà pubblika.

Il-Kummissjoni temmen li s-settur pubbliku b'mod ġenerali u, b'mod partikolari, il-muniċipalitajiet, huma komponenti ċentrali tal-approċċ tas-CLLD. Madankollu, hemm riskju li l-istituzzjonijiet pubbliċi jistgħu jdgħajfu serjament u saħansitra jġibu fix-xejn il-prinċipji minn isfel għal fuq tas-CLLD fil-każijiet li ġejjin:

- ✓ Jekk l-awtoritajiet maniġerjali jew l-aġenziji tal-pagamenti jużaw kontrolli tal-eliġibbiltà sabiex jivvalutaw l-opportunità jew il-kwalità tal-proġetti minflok sempliċiment il-legalità u l-eliġibbiltà tagħhom;

---

[31] L-Artikolu 57 tar-Regolament 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

- ✓ Jekk il-kofinanzjaturi pubbliċi (sikwit bir-responsabbiltà għal minoranza żgħira tal-finanzjament ta' proġett) jużaw l-ingranaġġ tagħhom sabiex jieħdu d-deċiżjonijiet finali dwar il-proġetti;
- ✓ Jekk jiġu ddelegati ċerti funzjonijiet amministrattivi u finanzjarji lil korp pubbliku lokali responsabbli (kemm jekk rikonoxxut formalment jew le bħala korp intermedjarju), li mbagħad juża dawn il-funzjonijiet sabiex jeżerċita influwenza żejda fuq l-għażla tal-proġetti mill-bqija tas-sħubija.
- ✓ Jekk il-partiti politiċi dominanti jużaw il-preżenza tagħhom f'organizzazzjonijiet komunitarji oħrajn sabiex jifformaw maġġoranza li timblokka mas-settur pubbliku.

Il-Kummissjoni trid tgħin lis-sħubijiet lokali jevitaw dawn id-diffikultajiet kollha. Ir-regola tal-50% hija sempliċiment pass wieħed f'din id-direzzjoni. Jekk dan il-kworum ma jiġix irrispettat, id-deċiżjoni li tittieħed ma tkunx valida.

**Kaxxa 12: Sħubija fil-LAGs Finlandiżi**

| |
|---|
| Fil-Finlandja, l-awtoritajiet lokali għandhom rwol b'saħħtu ħafna fil-forniment tas-servizzi lokali u anki l-iżgħar fosthom jista' jkollhom is-setgħa li jżidu t-taxxi u li jimpjegaw mijiet ta' ħaddiema. Sabiex jiġi evitat li l-LAGs isiru sempliċiment addendum tal-muniċipalitajiet, l-MA Finlandiża stabbilixxiet sett b'saħħtu ħafna ta' kundizzjonijiet għal-LAGs. Huma għandhom ikunu organizzazzjonijiet indipendenti mingħajr skop ta' qligħ u l-atturi lokali kollha għandu jkollhom opportunità li jsiru membri. L-għadd medju ta' membri huwa ta' madwar mija. Il-membri jeleġġu l-bord tad-diretturi direttament, li għandu jikkonsisti fi *tliet partijiet ta' daqs ugwali*: is-settur pubbliku, is-settur privat u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili (imsejħa r-regola ta' terz). Il-membri tal-bord jistgħu jservu għal massimu ta' sitt snin u għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni dwar l-interessi tagħhom. http://enrd.ec.europa.eu/app_templates/filedownload.cfm?id=7DE337D2-A34C-38D9-2F31-43335FF82AA2 |

Għal aktar materjal ta' riżorsa ara hawn taħt[32]

- **X'tifhem il-Kummissjoni bi "tħejjija u l-pubblikazzjoni ta' sejħiet għall-proposti jew proċedura kontinwa ta' sottomissjoni tal-proġetti, inkluż billi jiġu definiti l-kriterji tal-għażla" (l-Artikolu 34(3)(d) tas-CPR) u bi "żgurar tal-koerenza mal-istrateġija tal-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità meta jintgħażlu l-operazzjonijiet, billi tingħata prijorità lil dawn l-operazzjonijiet skont il-kontribut li jagħtu sabiex jintlaħqu l-għanijiet u l-miri tal-istrateġija" (l-Artikolu 34(3)(c) tas-CPR)?**

Għal darba oħra, dawn l-artikoli huma intiżi biex isaħħu l-prinċipji minn isfel għal fuq tas-CLLD u l-awtonomija tas-sħubijiet. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li, fil-prattika, il-marġini għal manuvra li għandhom is-sħubijiet lokali sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet lokali jista' jkun ristrett ħafna minn sejħiet għall-proposti, proċeduri tal-għażla u kriterji tal-għażla riġidi stabbiliti fil-livelli reġjonali jew nazzjonali. F'dawn is-sitwazzjonijiet, hemm riskju li s-sħubijiet isiru sempliċiment trasportaturi għall-ivvalidar ta' proġetti li jaqblu mal-kriterji stabbiliti minn qabel. Barra minn hekk, jekk iż-żmien għall-preżentazzjoni u l-implimentazzjoni tal-proġetti jkun qasir wisq jew ippjanat ħażin (pereż. matul perjodu meta ċerti promoturi tal-proġetti jkunu impenjati ħafna),

[32] Materjal ta' riżorsa:
- Gwida 1 ta' inizjazzjoni ta' FARNET. It-taqsima 3 Il-Bini ta' Sħubijiet Lokali https://webgate.ec.europa.eu/fpfis/cms/farnet/sites/default/files/documents/FARNET%20Start-up%20Guide%20EN.pdf
- Is-sett ta' strumenti ta' LEADER. X'inhi l-Istruttura ta' LAG http://enrd.ec.europa.eu/leader/leader/leader-tool-kit/the-local-action-group/en/what-is-the-lag-s-structure_en.cfm

jew jekk il-kundizzjonijiet ikunu riġidi wisq, dan jista' jwassal lill-imprendituri biex jieħdu deċiżjonijiet riskjużi.

Sabiex tevita dawn il-problemi, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-MAs jistgħu jiddefinixxu ċerti elementi komuni ta' sejħiet, proċeduri u kriterji. Madankollu, fi ħdan dawn il-limiti, is-sħubijiet lokali għandhom ikunu jistgħu jiddeċiedu dwar:

- ✓ Il-karatteristiċi speċifiċi tas-sejħiet, bħall-għażla taż-żmien tagħhom, jekk humiex għal ċerti tipi ta' proġetti (pereż. proġetti kollettivi, proġetti minn setturi jew gruppi fil-mira, eċċ.) jew jekk is-sejħiet humiex miftuħa.
- ✓ Il-kriterji tal-għażla speċifiċi u addizzjonali, li jirriflettu l-firxa ta' kemm il-proġetti jikkontribwixxu għall-istrateġija tal-iżvilupp lokali u t-territorju (pereż. il-multiplikatur lokali f'termini tal-użu ta' materjali lokali, ix-xogħol, il-forniment tas-servizzi, l-effett fuq l-immaġini tat-territorju, eċċ.)
- ✓ Proċeduri li huma ċari u trasparenti u li normalment jinkludu element ta' ġudizzju kwalitattiv u li jużaw l-għarfien personali u dirett tas-sħubijiet dwar iż-żona (pereż. l-għoti ta' punteġġi individwali mill-membri tal-bord tat-teħid tad-deċiżjonijiet, abbażi ta' mistoqsijiet stabbiliti li mbagħad jiġu diskussi u miġbura).
- ✓ Proċeduri trasparenti għal proġetti kollettivi jew ewlenin li jitmexxew mis-sħubija nnifisha.

Wieħed mill-vantaġġi ewlenin tal-gruppi ta' azzjoni lokali, meta mqabbla mal-uffiċċji lokali tal-programmi reġjonali jew nazzjonali standard, huwa li l-LAGs mhux biss ifasslu l-istrateġija, iżda huma jorganizzaw ukoll il-proċess u l-kriterji tal-għażla tal-proġetti sabiex "imexxu" sensiela ta' proġetti f'direzzjoni strateġika maqbula. Huma jistgħu jikkumplimentaw dawn il-kompiti b'attivitajiet attivi ta' promozzjoni tal-proġetti, bħall-bini tal-kapaċità, l-organizzazzjoni tal-komunità u l-iżvilupp dirett tal-proġetti.

### Kaxxa 13: L-għażla tal-proġetti mis-sħubija LEADER+ ta' North Highlands

Is-sħubija LEADER+ ta' North Highlands żviluppat sommarju sempliċi ta' żewġ paġni dwar il-proġett u folja tal-punteġġ sabiex tiffaċilita t-teħid tad-deċiżjonijiet b'mod trasparenti. L-ewwel taqsima tiġbor fil-qosor il-karatteristiċi ewlenin tal-proġett, inklużi l-ispejjeż, il-fondi li saret applikazzjoni għalihom, ir-riżultati tal-proġett u r-rispett għall-opportunitajiet indaqs. It-taqsima ta' wara fiha 12-il kriterju ta' valutazzjoni li jkopru punti bħall-adegwatezza mal-istrateġija, il-livell ta' involviment mill-komunità, valutazzjoni tal-vijabbiltà u s-sostenibbiltà, l-innovazzjoni, rabtiet ma' proġetti oħrajn, l-effetti ta' benefiċċju għall-ambjent u/jew għall-wirt kulturali u l-effett ta' ingranaġġ fuq l-investiment fis-settur privat. Hemm sett ta' struzzjonijiet sempliċi ta' kif jingħataw il-punteġġi fuq l-istess folja.

Ħafna pajjiżi u sħubijiet lokali żviluppaw sistemi estremament iddettaljati ta' għoti ta' punteġġi u valutazzjoni tal-proġetti, li janalizzaw ukoll il-kriterji differenti b'modi li jippruvaw iqisu ċ-ċirkostanzi lokali. Madankollu, huwa importanti li jiġi żgurat li l-proċeduri u l-kriterji użati jkunu proporzjonati għad-daqs tal-proġetti u li jiffunzjonaw bħala għajnuna għat-teħid ta' deċiżjonijiet lokali trasparenti minflok bħala eżerċizzju mekkaniku.

Għal aktar materjal ta' riżorsa ara hawn taħt[33]

[33] Materjal ta' riżorsa:

- **X'tifhem il-Kummissjoni b'"għażla tal-operazzjonijiet u l-iffissar ta' ammont għall-appoġġ"? (l-Artikolu 34(3)(f) tas-CPR)**

L-istess bħal fuq, dan l-artikolu huwa maħsub biex jikkjarifika r-rwol tas-sħubija fir-rigward tal-livelli l-oħrajn tal-amministrazzjoni, kif ukoll biex isaħħaħ il-prinċipji tas-CLLD. L-aktar mod sempliċi ta' kif jiġi spjegat dan l-artikolu huwa li jintqal li s-sħubija lokali għandu jkollha r-responsabbiltà sabiex tiddeċiedi fuq l-"opportunità" tal-proġetti.

Il-funzjonijiet tas-**sħubija lokali** fir-rigward tal-għażla tal-proġetti jinkludu:

- ✓ L-analiżi ta' kemm il-proġett jikkontribwixxi għall-istrateġija lokali;
- ✓ L-applikazzjoni ta' kwalunkwe kriterju standard (pereżempju, il-ħolqien tal-impjiegi, l-impjieg tan-nisa jew ta' gruppi vulnerabbli, l-użu ta' riżorsi lokali, l-effetti ta' multiplikatur, eċċ.) stabbiliti fil-livell reġjonali jew nazzjonali;
- ✓ L-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' kwalunkwe kriterju lokali (pereżempju, prijorità lil żoni jew gruppi bi bżonnijiet speċjali jew lil setturi u kwistjonijiet li huma partikolarment rilevanti fuq livell lokali);
- ✓ L-iżgurar tal-konsistenza ma' strateġiji oħrajn;
- ✓ L-iżgurar tal-vijabbiltà tal-proġett (is-swieq, it-teknoloġija, il-vijabbiltà operattiva u finanzjarja);
- ✓ Il-verifika ta' kwistjonijiet bħall-piż mejjet (il-proġett jista' jitwettaq bl-istess mod mingħajr l-appoġġ?) u l-ispostament (l-appoġġ lil negozju jista' joħloq problemi lil negozju ieħor?);
- ✓ Il-verifika li l-promoturi tal-proġett għandhom il-kapaċità li jwettqu l-proġett;
- ✓ L-iżgurar li l-proġett għandu jew jista' jikseb il-permessi u l-liċenzji kollha meħtieġa;
- ✓ It-twettiq ta' verifika preliminari tal-eliġibbiltà qabel mal-fajl jintbagħat lill-MA.

Ir-regolament jgħid ukoll li s-sħubijiet għandhom ikunu jistgħu "jiffissaw l-ammont ta' appoġġ pubbliku". Għal darba oħra, dan għandu jkun konformi mal-limiti stabbiliti mir-regolament, mill-programm u minn kwalunkwe ordinanza nazzjonali. *Madankollu, dan jippermetti li s-sħubija tivvaluta proġetti individwali u tipprovdi appoġġ ulterjuri lil dawk li jagħmlu kontribut partikolari għall-istrateġija lokali, li huma aktar innovattivi jew li jiffavorixxu lil gruppi partikolarment żvantaġġjati. Dan jippermetti wkoll lill-gruppi l-flessibbiltà sabiex jiddiskutu l-baġits ippreżentati mill-promoturi tal-proġetti, jiddeċiedu jekk għandhomx jiffinanzjaw il-proġett kollu jew parti minnu u/jew jaqsmu l-proġett fi stadji jew partijiet.*

L-MAs għandhom iwettqu, taħt il-FEŻR, il-FES u l-FEMS, sensiela ta' kompiti fir-rigward tal-LAGs, kif stabbiliti fl-Artikolu 125(3) tas-CPR. Pereżempju, l-MA tieħu d-deċiżjonijiet finali kollha dwar l-eliġibbiltà tal-proġett fis-sens ta' konformità mar-regolamenti, mal-programm, mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u ma' kwalunkwe ordinanza jew regolament reġjonali jew nazzjonali addizzjonali. Hija għandha tikkonferma wkoll li l-verifiki mwettqa mil-LAGs rigward il-kapaċità tal-promoturi tal-proġetti huma adegwati. Sakemm dawn il-kundizzjonijiet stabbiliti

---

- Il-Gwida 4 ta' FARNET Il-Passi għas-suċċess, it-taqsima 2 dwar il-kultivazzjoni tal-involviment tas-settur privat u t-taqsima 3 dwar l-iżvilupp u l-għażla attivi tal-proġetti: https://webgate.ec.europa.eu/fpfis/cms/farnet/farnet-guide-4-steps-success
- Is-sett ta' strumenti ta' LEADER, L-Implimentazzjoni tal-Istrateġija – Kif tiddefinixxi l-kriterji għall-għażla tal-proġetti. http://enrd.ec.europa.eu/leader/leader/leader-tool-kit/the-strategy-design-and-implementation/the-strategy-implementation/en/how-to-define-the-project-selection-criteria_en.cfm

fl-Artikolu 125(3) tas-CPR ma jinkisrux, l-MA ma għandhiex tinterferixxi mal-għażla magħmula mis-sħubija lokali[34].

Wara dan il-punt, hemm mudelli alternattivi miftuħa għas-CLLD.

- Taħt *"mudell deċentralizzat"*, l-MAs jiddelegaw il-funzjonijiet tal-approvazzjoni formali tal-proġetti (l-iffirmar tal-ftehim tal-għotja) u/jew tal-pagamenti lis-sħubija lokali. F'każijiet ta' delegazzjoni ta' approvazzjoni formali tal-proġetti lil-LAGs taħt il-FEMS, il-FEŻR u l-FSE (iżda mhux il-FAEŻR), il-LAG għandu jsir korp intermedju bl-implikazzjonijiet kollha li dan għandu għall-verifika u l-kontroll. Il-LAGs iffinanzjati minn dawn it-tliet fondi (il-FSE, il-FEŻR, il-FEMS) *jistgħu jagħmlu pagamenti* lill-benefiċjarji mingħajr ma jsiru korp intermedju, bil-kundizzjoni li jkun hemm fis-seħħ proċeduri adegwati. Fil-każ ta' proġetti ffinanzjati mill-FAEŻR, ir-responsabbiltà legali għat-twettiq tal-pagamenti għandha tibqa' f'idejn l-aġenzija tal-pagamenti.

**Kaxxa 14: L-għażla tal-operazzjonijiet u l-pagamenti mil-LAGs ta' LEADER fir-reġjun Spanjol ta' Aragona**

| |
|---|
| Fir-reġjun ta' Aragona, Spanja, l-20 grupp ta' azzjoni lokali ta' LEADER japprovaw direttament il-proġetti lokali (jiffirmaw il-ftehim tal-għotja) u jħallsu l-għotja lill-promoturi tal-proġett mat-tlestija. L-MA reġjonali tavvanza 9% mill-baġit pubbliku tal-grupp ta' azzjoni lokali fil-bidu tal-perjodu bil-kundizzjoni li l-grupp jipprovdi garanzija bankarja. Għall-ewwel, is-sħubija għandha tibgħat erba' ċertifikazzjonijiet tal-proġetti approvati u mħallsin minnhom mill-avvanz ta' kull sena u li mbagħad jiġu rrimborżati mill-gvern reġjonali fi żmien xahrejn sa tliet xhur. Dan żgura li jiġu eliminati problemi ta' likwidità. Madankollu, minħabba l-impatt tal-kriżi ekonomika, l-għadd ta' ċertifikazzjonijiet tnaqqas għal tnejn, filwaqt li żdied iż-żmien allokat għall-gruppi sabiex jirċievu r-rimborż, li wassal għal aktar pressjoni fuq il-likwidità.<br><br>Is-sħubijiet lokali jinsistu li din is-sistema ssaħħaħ ħafna l-istatus tagħhom f'għajnejn il-partijiet interessati lokali u tagħtihom iċ-ċans li jirrispondu għall-ħtiġijiet tal-promoturi tal-proġetti bi flessibbiltà u veloċità ferm akbar. Huma ntalbu speċifikament sabiex ikomplu bl-istess metodu fil-żmien li ġej. |

- Taħt *"mudell aktar ċentralizzat"*, l-MA hija responsabbli mill-pagamenti u l-approvazzjoni formali tal-proġetti. Dan jagħtiha l-vantaġġ li tieħu ħafna mix-xogħol amministrattiv mis-sħubija lokali, iżda din is-sistema taħdem biss jekk l-MA tkun tista' ddaħħal fis-seħħ sistemi ta' pagamenti u approvazzjoni flessibbli u veloċi.

**Kaxxa 15: L-għażla tal-operazzjonijiet u l-pagamenti mill-FLAGs Finlandiżi**

| |
|---|
| Is-sistema ta' twettiq Finlandiża tal-Assi 4 tal-FES toffri eżempju ta' mudell ċentralizzat. Il-FLAGs janimaw u jagħżlu l-proġetti, iżda l-approvazzjoni u l-pagamenti finali jsiru mill-uffiċċji reġjonali tal-Korp Intermedju (ċentri ELY) li lilhom ġew iddelegati r-responsabbiltajiet għall-amministrazzjoni tal-programm. Dawn iċ-ċentri jirċievu applikazzjonijiet għal finanzjament għall-proġetti magħżula mill-FLAGs fir-reġjun tagħhom u jivverifikaw l-eliġibbiltà qabel japprovaw il-proġetti b'mod formali. Ladarba ċentru ELY japprova proġett, huwa jkun jista' jikkontrolla l-implimentazzjoni u jagħmel il-pagamenti direttament lill-benefiċjarju. Huma |

[34] Skont l-Artikolu 65(4) tal-FAEŻR, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu b'mod ċar il-kompiti tal-MA, tal-aġenzija tal-pagamenti u tal-LAGs taħt LEADER fir-rigward tal-applikazzjoni tal-eliġibbiltà u l-kriterji tal-għażla u l-proċedura tal-għażla tal-proġetti. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 42(1) tal-FAEŻR, il-LAGs jistgħu jwettqu wkoll kompiti addizzjonali li jiġu ddelegati lilhom mill-MA u/jew mill-aġenzija tal-pagamenti.

responsabbli wkoll mir-rappurtar lill-MA fuq il-proġetti approvati, il-pagamenti magħmula u l-evalwazzjoni.

Il-FLAGs fil-Finlandja jużaw l-organizzazzjonijiet eżistenti, f'xi każijiet il-gruppi ta' LEADER, bħala l-entità legali tagħhom. Huma jikkonċentraw fuq il-kompiti li ġejjin: l-abbozzar ta' strateġija ta' żvilupp lokali, l-appoġġ għall-iżvilupp tal-proġetti u l-animazzjoni; verifika informali tal-formoli tal-applikazzjoni; l-għażla tal-proġetti u r-rappurtar fuq l-attivitajiet tal-FLAG. Grazzi għall-prossimità mill-qrib u l-fiduċja bejn iċ-ċentri ELY u l-FLAGs, il-proġetti jistgħu jiġu approvati fi żmien sitt ġimgħat mis-sottomissjoni lil FLAG, xi drabi anki fi żmien iqsar.

L-implimentazzjoni tal-Assi 4 tal-FES fil-Finlandja:
https://webgate.ec.europa.eu/fpfis/cms/farnet/axis-4-finland

Hemm ukoll għażliet intermedji, fejn l-MAs jiddelegaw lis-sħubijiet lokali l-funzjonijiet li jivverifikaw u jiċċertifikaw li l-investimenti seħħew. Għal darba oħra, dan jista' jgħin sabiex titħaffef it-twettiq, sakemm l-MA jkollha sistema adegwata ta' verifiki fuq il-post u ma tirrepetix il-kontrolli kollha.

Fil-każijiet kollha, l-MA tibqa' fl-aħħar mill-aħħar responsabbli għal kwalunkwe żball jew użu ħażin tal-fondi, għalhekk, id-deċiżjoni dwar il-livell ta' delegazzjoni lil-LAGs għandha tittieħed biss wara li jintlaħaq bilanċ bejn il-vantaġġi miksuba f'termini ta' veloċità u ta' flessibbiltà sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet lokali u r-riskju ta' nefqa ineliġibbli jew inadegwata.

Ikun xi jkun il-livell ta' delegazzjoni magħżul, ir-riskji jistgħu jitnaqqsu b'mod konsiderevoli billi jittieħdu l-passi li ġejjin:

- ✓ Billi jiġu speċifikati b'mod ċar ir-responsabbiltajiet marbutin mal-kompiti tal-ġestjoni u tal-kontroll fil-ftehim iffirmat bejn l-MA u l-LAG (ara: l-Artikolu 33(5) tas-CPR)
- ✓ Billi jiġu speċifikati b'mod ċar il-funzjonijiet tal-LAG fir-rigward tal-atturi kollha fil-katina tat-twettiq fis-Sistema ta' Ġestjoni u Kontroll;
- ✓ Billi jiġu speċifikati b'mod ċar fil-programm il-funzjonijiet tal-LAGs u tal-awtoritajiet responsabbli mill-implimentazzjoni tal-programm rilevanti u mill-kompiti kollha relatati mal-istrateġija tal-iżvilupp lokali (ara: l-Artikolu 34(1) tas-CPR) ;
- ✓ Billi jiġi żgurat li jkun hemm fis-seħħ *sistemi adegwati u proporzjonati* li jiżguraw li l-proċeduri qegħdin jiġu segwiti mil-LAG u tul il-katina tat-twettiq kollha b'tali mod li jiġi affettwat is-CLLD (it-teħid ta' kampjuni, il-verifiki fuq il-post, eċċ.);
- ✓ Billi jiġu eliminati d-duplikazzjoni u d-dewmien bla bżonn f'kull livell u billi jiġu mmonitorjati l-veloċità, l-ispiża u l-effettività tas-sistema tat-twettiq nnifisha.

Għalkemm dawn il-passi huma r-responsabbiltà tal-MAs, jeħtieġ li s-sħubijiet lokali nfushom jivverifikaw li dawn qegħdin fis-seħħ u jiżguraw li jikkunsidrawhom fl-operazzjonijiet tagħhom ta' kuljum.

Għal aktar materjal ta' riżorsa, ara hawn taħt[35]:

---

[35] Materjal ta' riżorsa:

- L-implimentazzjoni tal-approċċ minn isfel għal fuq ta' Leader. Rapport tal-Grupp Fokus 1 tal-ENRD
  http://enrd.ec.europa.eu/leader/leader/focus-groups/en/focus-group-1_en.cfm
- Prattiki Tajbin ta' FARNET – Governanza u Ġestjoni. Assi 4 – Mudelli tat-twettiq fid-Danimarka u fil-Finlandja
  https://webgate.ec.europa.eu/fpfis/cms/farnet/governance-management-0

## 3.4 Għodod maħsuba biex jappoġġjaw l-implimentazzjoni tas-CLLD

Is-CPR fih serje ta' għodod li jistgħu jagħmlu l-appoġġ uman u finanzjarju pprovdut mis-sħubijiet lill-komunità lokali aktar effettiv u adattabbli.

- **X'tifhem il-Kummissjoni b'"appoġġ preparatorju"? (l-Artikolu 35(1)(a))**

L-esperjenza wriet li l-fażi preparatorja għat-tfassil tal-istrateġija, il-bini tas-sħubija u d-definizzjoni tal-aktar konfini xierqa għas-CLLD, hija l-bażi essenzjali għas-suċċess. Madankollu, huma meħtieġa ż-żmien (l-estimi jvarjaw minn 6 sa 12-il xahar) u r-riżorsi sabiex jiġi żgurat li l-istrateġija tkun ibbażata fuq evidenza soda u sabiex jiġi ffaċilitat l-involviment sħiħ tal-komunità. Bil-għan li titjieb il-kwalità tal-istrateġiji u tas-sħubijiet, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-komunitajiet lokali interessati għandhom ikunu jistgħu japplikaw għal "appoġġ preparatorju" fuq il-bażi ta' espressjoni ssimplifikata tal-interess.

L-appoġġ preparatorju jista' jkopri azzjonijiet bħal:

- ✓ Taħriġ għall-partijiet interessati lokali;
- ✓ Studji taż-żona kkonċernata;
- ✓ L-ispejjeż relatati mal-elaborazzjoni tal-istrateġija ta' żvilupp lokali, inklużi l-ispejjeż tal-konsulenza u l-ispejjeż għal azzjonijiet relatati ma' konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati;
- ✓ L-ispejjeż amministrattivi (spejjeż operattivi u tal-persunal) tal-organizzazzjoni li tkun qiegħda tapplika għall-appoġġ preparatorju, matul il-fażi preparatorja;
- ✓ Appoġġ għal proġetti pilota żgħar.

L-appoġġ preparatorju kien eliġibbli mill-1 ta' Jannar 2014, irrispettivament minn jekk l-istrateġija ta' żvilupp lokali finalment tirċevix finanzjament għall-implimentazzjoni. L-intensità tal-għajnuna għall-appoġġ preparatorju tista' titla' sa 100%.

Sabiex jagħżlu l-proġetti għal appoġġ preparatorju, jeħtieġ li l-MAs jorganizzaw sejħa sempliċi għall-espressjonijiet ta' interess mill-aktar fis possibbli (ara l-eżempju).
Is-sħubijiet rurali u tas-sajd eżistenti huma eliġibbli għal dan l-appoġġ, sakemm ma jkunu għamlu l-ebda dispożizzjoni dwar appoġġ preparatorju fil-baġit tagħhom għall-perjodu 2007-13.

Madankollu, huwa possibbli wkoll li jiġu ffinanzjati ċerti attivitajiet preparatorji kollettivi (bħal azzjonijiet ta' bini tal-kapaċità u d-disseminazzjoni tal-informazzjoni fuq is-CLLD permezz ta' sessjonijiet ta' taħriġ, siti elettroniċi, dokumenti ta' gwida, seminars, eċċ.) bl-użu tal-baġit allokat għall-assistenza teknika tal-perjodi 2007-13 u 2014-20.

**Kaxxa 16: Eżempju ta' appoġġ preparatorju għall-FLAGs fl-Estonja**

Fl-Estonja, it-twaqqif u l-għażla tal-Gruppi ta' Azzjoni Lokali tas-Sajd kienu appoġġjati minn programm ta' taħriġ mifrux fuq sena għas-sħubijiet l-ġodda u minn sensiela ta' konferenzi. Dawn kienu organizzati mill-Ministeru tal-Agrikoltura, b'kooperazzjoni mat-Taqsima tal-Appoġġ tan-Netwerk Nazzjonali, f'Pärnu College University ta' Tartu u ċ-Ċentru ta' Taħriġ Tõru.

Il-pjan ta' taħriġ tfassal madwar tliet gruppi fil-mira distinti (is-sajjieda u l-impriżi relatati

mas-sajd; ir-rappreżentanti tal-gvern lokali; u l-assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ) u kellu erba' għanijiet ewlenin: l-appoġġ għall-ħolqien ta' tmien FLAGs; it-taħriġ lill-mexxejja tal-FLAGs li jistgħu jniedu l-ħidma fil-FLAG; l-iżvilupp ta' kooperazzjoni fost il-membri tal-FLAG u l-kapaċità tal-FLAGs li jiffunzjonaw bħala organizzazzjonijiet ta' tagħlim; u l-għoti ta' għarfien lill-membri tal-FLAG sabiex jiżviluppaw strateġiji għaż-żoni tagħhom. Il-programm inkluda seminars dwar il-qafas legali tal-Assi 4, kif ukoll taħriġ dwar kif tiġi fformata sħubija ta' LAG u kif jiġu żviluppati strateġija ta' żvilupp lokali u pjan ta' azzjoni. Dan il-programm kien jinvolvi wkoll il-bini ta' kapaċità fuq il-ġestjoni tal-proġetti, il-komunikazzjoni u l-akkwist pubbliku, filwaqt li kien appoġġjat minn manwal komprensiv.

Il-programm sewa ftit inqas minn EUR 100 000, li tħallsu mill-baġit nazzjonali u bl-assistenza teknika mill-FES. Il-gruppi ta' azzjoni lokali ntgħażlu minn qabel permezz ta' sejħa ssimplifikata għall-espressjonijiet ta' interess u ngħataw is-somma ta' madwar EUR 70 000 sabiex ikunu jistgħu jappoġġjaw proċess lokali għall-bini tas-sħubija u jiżviluppaw l-istrateġija ta' żvilupp taż-żona b'mod parallel mal-bini tal-kapaċità nazzjonali. Din kopriet l-ispejjeż ta', pereżempju, l-istudji, id-disseminazzjoni tal-informazzjoni, il-laqgħat u l-assistenza mill-esperti. B'riżultat tal-enfasi tal-Estonja fuq il-bini tal-kapaċità, il-pajjiż kien fost tal-ewwel fl-Ewropa li kellu (fil-bidu tal-2010) FLAGs operattivi li kienu kapaċi jappoġġjaw il-proġetti lokali.

- **X'tifhem il-Kummissjoni b'appoġġ għall-"implimentazzjoni tal-operazzjonijiet taħt l-istrateġija ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità"? (l-Artikolu 35(1)(b) tas-CPR)**

L-appoġġ għall-"implimentazzjoni tal-operazzjonijiet" ikopri l-azzjonijiet kollha li jifdal fl-istrateġija, għajr l-appoġġ preparatorju, l-ispejjeż operattivi u l-animazzjoni u l-kooperazzjoni. Ta' min jinnota li ma hemmx sottomiżuri jew tipi ta' azzjoni definiti minn qabel għall-implimentazzjoni. Għalhekk, fil-prinċipju, il-LAGs huma liberi li jiddefinixxu t-tipi ta' azzjoni fl-istrateġiji tal-iżvilupp lokali tagħhom u dawn jistgħu jkunu differenti għal-LAGs fl-istess pajjiż jew reġjun.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni introduċiet sensiela ta' dispożizzjonijiet intiżi biex itejbu l-effettività u s-sensibbiltà tal-istrateġiji tal-iżvilupp lokali għall-ħtiġijiet lokali.

L-ewwel tip ta' dispożizzjoni tirreferi għal dawk l-artikoli kollha *mfassla biex itejbu l-kwalità tal-istrateġiji tal-iżvilupp lokali*, li ssemmew diġà qabel, inklużi:

- ✓ Enfasi ċara fuq dak li trid tbiddel il-komunità;
- ✓ Miri li jistgħu jitkejlu għall-outputs u r-riżultati;
- ✓ Pjanijiet ta' azzjoni u pjanijiet finanzjarji konkreti;
- ✓ Sistemi effettivi għall-ġestjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.

It-tieni tip ta' dispożizzjoni hija maħsuba biex tiżgura li l-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-iżvilupp lokali tkun *flessibbli* biżżejjed sabiex huma jkunu jistgħu jwieġbu għall-ħtiġijiet differenti u dejjem jinbidlu taż-żoni differenti fl-Ewropa.

Dan jista' jsir billi:

- ✓ Jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni potenzjali tal-istrateġiji tal-iżvilupp lokali billi dawn jingħataw iċ-ċans li jappoġġjaw il-miżuri u l-azzjonijiet li mhumiex ikkontemplati fil-programm u li jistgħu jaqgħu fi ħdan il-kompetenza normali ta' fondi oħrajn tal-UE, sakemm dawn *ikunu kompatibbli mal-għanijiet tal-programm.*

- ✓ L-MAs jiġu mħeġġa jieħdu approċċ aktar flessibbli għall-eliġibbiltà billi jindikaw x'mhuwiex eliġibbli aktar milli jipprovaw jiddefinixxu kulma huwa eliġibbli.[36]

It-tielet tip ta' dispożizzjoni tirreferi għal metodi maħsuba biex *jissimplifikaw* il-modi ta' kif jiġu pprovduti l-għotjiet u forom oħrajn ta' appoġġ finanzjarju (pereżempju bl-użu ta' għażliet ta' spejjeż issimplifikati). Dawn se jiġu ttrattati fil-kapitolu 7.

- **X'tifhem il-Kummissjoni b'appoġġ għat-"tħejjija u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni tal-grupp ta' azzjoni lokali"? (l-Artikolu 35(1)(c) tas-CPR)**

Il-kooperazzjoni bejn is-sħubijiet tas-CLLD kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew uriet li hija mezz vitali għall-iskambju u t-trasferiment ta' prattika tajba, filwaqt li tgħin sabiex "jiżdiedu" l-ideat għal proġetti li jirnexxu. Madankollu, il-kooperazzjoni transnazzjonali naqset b'mod konsiderevoli minħabba l-eżistenza ta' proċeduri tal-għażla inkompatibbli, l-iskedar u l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà f'pajjiżi differenti.

Fis-sistema ta' ġestjoni kondiviża li permezz tagħha jiġu implimentati l-programmi tal-Fondi ESI, il-Kummissjoni ma tistax tmexxi proċedura tal-għażla ċentrali hija stess. Fin-nuqqas ta' dan, hija tipproponi tliet passi sabiex tissimplifika l-kooperazzjoni tal-proċeduri bejn is-sħubijiet tas-CLLD.

- ✓ L-ewwel approċċ irrakkomandat mill-Kummissjoni huwa għall-attivitajiet ta' kooperazzjoni li għandhom jiġu integrati fl-istrateġija ta' żvilupp lokali, bis-sħubijiet jkollhom eżatt l-istess awtonomija biex jagħżlu ma' min iridu jikkooperaw u kif, bħalma jagħmlu għal kwalunkwe azzjoni oħra.

- ✓ Inkella, l-Istat Membru jista' jistabbilixxi proċedura tal-għażla miftuħa u jiffissa limitu ta' żmien għall-għażla (erba' xhur fil-każ tal-FAEŻR u tal-FEMS)[37].

- ✓ Fl-aħħarnett, jekk l-Istat Membru jiddeċiedi li jorganizza sejħiet għal proġetti ta' kooperazzjoni, għandu jkun hemm mill-inqas bejn 3 u 4 fis-sena sabiex jittejjeb iċ-ċans li dawn jikkoinċidu mas-sejħiet organizzati fi Stati Membri oħrajn.

Il-proċedura ssuġġerita għandha tiżgura r-rispett għall-prinċipju tas-segregazzjoni tal-funzjoni, tnaqqas ir-riskju ta' kunflitt ta' interess possibbli u fl-aħħar mill-aħħar tiżgura l-konformità mal-qafas legali applikabbli.

Se tiġi stabbilita wkoll sistema ta' skambju ta' informazzjoni fi ħdan il-FAEŻR u l-FEMS, li l-Istati Membri sejrin jintalbu jikkomunikaw magħha l-proġetti li jkunu approvaw u jikkoordinaw il-proċeduri.

**Kaxxa 17: Ir-regoli għall-attivitajiet ta' kooperazzjoni tal-LAGs fl-Isvezja u fil-Polonja**

Fl-Isvezja, il-baġit għall-kooperazzjoni tqassam lit-63 LAG, u issa l-LAGs jistgħu jagħżlu l-proġetti ta' kooperazzjoni skont l-istess proċedura bħal proġetti oħrajn fi ħdan l-istrateġija tagħhom. Sa

[36] Inklużi l-punti msemmija fl-Artikolu 69(3) tas-CPR: a) l-imgħax fuq id-dejn tal-benefiċjarji, għalkemm l-ispiża finanzjarja tas-sħubija hija permessa; b) ix-xiri tal-art b'aktar minn 10% tan-nefqa eliġibbli totali, b'xi eċċezzjonijiet; ċ) il-VAT, ħlief meta din ma tkunx rekuperabbli skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-VAT.

[37] Ara: l-Abbozz ta' "Gwida għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni ta' LEADER fil-programmi ta' żvilupp rurali għall-perjodu 2014-2020", maħruġ f'Ottubru 2013.

25% tal-baġit għall-kooperazzjoni jista' jintuża għall-passi ta' tħejjija għall-kooperazzjoni. www.reseaurural.fr/files/**sweden**.ppt

Fil-Polonja, il-LAGs li jikkooperaw jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom lill-Korp Intermedjarju reġjonali taħt sejħa kontinwa (miftuħa sat-30 ta' Ġunju 2013 għall-attivitajiet preparatorji u sal-31 ta' Diċembru 2013 għall-proġetti sħaħ) u l-IB għandu japprovahom fi żmien bejn wieħed u ieħor xahrejn mid-data tas-sottomissjoni. L-MA ppubblikat manwal bl-Ingliż li jispjega r-regoli u l-proċeduri tal-kooperazzjoni u li huwa disponibbli fuq is-sit elettroniku tagħha:
http://www.minrol.gov.pl/pol/content/download/39116/217085/file/Guide%20to%20Cooperation%20Projects%20of%20Axis%204%20Leader%20of%20Rural%20Development%20Programme%20for%202007-2013.pdf

- **X'tifhem il-Kummissjoni b'appoġġ għall-"ispejjeż operattivi marbuta mal-ġestjoni tal-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità" (l-Artikolu 35(1)(d) tas-CPR) u "l-animazzjoni tal-istrateġija ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità"? (l-Artikolu 35(1)(e) tas-CPR)?**

Il-Kummissjoni u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri jirrikonoxxu li wieħed mill-valuri ewlenin tas-CLLD huwa l-kapaċità tas-sħubijiet li joħorġu fil-komunità u jinkoraġġixxu u jappoġġjaw lill-individwi u lill-gruppi sabiex jippreżentaw proġetti li jikkontribwixxu għall-istrateġija. Din l-attività ta' sensibilizzazzjoni fil-komunità ġeneralment tissejjaħ "animazzjoni". Madankollu, xi drabi din tiġi injorata. Jekk is-sħubijiet lokali ma jagħmluhiex ikun hemm riskju kbir li l-fondi sempliċiment jiġu assorbiti mill-atturi lokali aktar b'saħħithom, li diġà jkunu jistgħu jiksbu aċċess għal sorsi oħrajn ta' finanzjament. Fl-aħħar, is-sħubija lokali sempliċiment tkun tista' ssir uffiċċju lokali ta' amministrazzjoni f'livell ogħla u ħolqa oħra f'katina eċċessivament twila.

Bil-għan li tipprevjeni dan u tiżgura li s-sħubijiet lokali jkollhom ir-riżorsi biex "joħorġu fit-toroq" sabiex jinkoraġġixxu proġetti innovattivi, proġetti kollettivi u proġetti minn gruppi aktar diffiċli biex jintlaħqu, il-Kummissjoni żiedet ir-riżorsi li jistgħu jiddedikaw is-sħubijiet għall-"ispejjeż operattivi u l-animazzjoni". Fil-perjodu preċedenti, il-gruppi ta' LEADER setgħu jonfqu massimu ta' 20% fuq l-ispejjeż operattivi, filwaqt li l-Gruppi ta' Azzjoni Lokali tas-Sajd (FLAGs) setgħu jonfqu massimu ta' 10% fuq dawn it-tipi ta' spejjeż. Għalkemm ma kinitx speċifikata, l-animazzjoni sikwit kienet inkluża f'dan l-ammont.

Issa l-gruppi ser jitħallew jonfqu sa 25% fuq l-ispejjeż operattivi u l-animazzjoni, b'sa 100% għall-intensità tal-għajnuna.

*L-ispejjeż operattivi* jistgħu jinvolvu:

- ✓ L-ispejjeż tal-persunal u l-ispejjeż operattivi tas-sħubija magħżula;
- ✓ Taħriġ għall-persunal tas-sħubija (mhux għall-promoturi tal-proġetti);
- ✓ L-ispejjeż marbuta mar-relazzjonijiet pubbliċi (inklużi l-ispejjeż tan-netwerking, bħall-parteċipazzjoni f'laqgħat tan-netwerks nazzjonali u Ewropej);
- ✓ L-ispejjeż finanzjarji;
- ✓ L-ispejjeż tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni;

*L-animazzjoni* tista' tinvolvi:

- ✓ Kampanji ta' informazzjoni – avvenimenti, laqgħat, fuljetti, siti elettroniċi, mezzi soċjali, l-istampa…
- ✓ Skambji ma' partijiet interessati, gruppi komunitarji u promoturi ta' proġetti potenzjali sabiex jiġġeneraw l-ideat u jibnu l-fiduċja u l-kunfidenza;

- ✓ Appoġġ għall-organizzazzjonijiet komunitarji u l-ħolqien jew it-tisħiħ tal-istrutturi komunitarji
- ✓ Promozzjoni u appoġġ għat-tħejjija ta' proġetti u applikazzjonijiet;
- ✓ Appoġġ għall-proġetti wara l-bidu tagħhom.

Dawn il-funzjonijiet tal-animazzjoni jistgħu jitwettqu direttament mill-membri tal-persunal impjegati mis-sħubija jew inkella jingħataw b'kuntratt lil membri tal-persunal esterni. L-esperjenza wriet li l-biċċa l-kbira tas-sħubijiet jkunu jeħtieġu mill-inqas żewġ membri tal-persunal sabiex iwettqu dawn il-funzjonijiet – maniġer ikkwalifikat u persuna li jkollha x'taqsam mal-amministrazzjoni. Madankollu, dan jiddependi fuq il-livell eżistenti ta' organizzazzjoni territorjali u fuq jekk is-sħubijiet tas-CLLD jistgħux jingħaqdu ma' jew jibbażaw fuq ir-riżorsi ta' aġenziji u sħubijiet oħrajn. Il-gruppi ta' LEADER fil-pajjiżi fejn iż-żoni rurali għandhom xi organizzazzjonijiet oħrajn jeħtieġ li jagħtu aktar attenzjoni lill-animazzjoni u l-bini tal-kapaċità u ta' spiss ikunu jeħtieġu timijiet ta' bejn 4 u 5 persuni b'esperjenza.

Il-bilanċ bejn l-ispejjeż operattivi u l-animazzjoni mhuwiex speċifikat fir-regolament u jiddependi fuq l-għadd ta' kompiti amministrattivi li jiġu ddelegati lis-sħubija lokali. Madankollu, b'mod ġenerali, is-sħubija għandha talloka kemm jista' jkun riżorsi għall-animazzjoni u għall-mobilizzazzjoni tal-inizjattiva komunitarja.

# Kapitolu 4. Għaliex u kif jitwettaq is-CLLD fil-bliet?

## 4.1 Introduzzjoni għas-CLLD urban

Is-CLLD urban jiftaħ potenzjal enormi għall-indirizzar ta' sfidi speċifiċi fil-bliet u għall-esplojtazzjoni tal-potenzjal mhux sfruttat taċ-ċittadini, tal-impriżi u tas-soċjetà ċivili sabiex jikkontribwixxu għall-iżvilupp. Fil-passat, ħafna approċċi minn isfel għal fuq fiż-żoni urbani kellhom enfasi qawwija fuq l-iżvilupp ekonomiku u l-inklużjoni soċjali. Din hija enfasi rilevanti li x'aktarx tissokta, iżda huwa probabbli wkoll li jitfaċċaw approċċi ġodda għall-ġestjoni komunitarja tal-ispazju miftuħ, l-akkomodazzjoni, l-ikel sostenibbli u l-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija lokali. Dawn huma murija, pereżempju, permezz tat-tixrid rapidu tal-moviment "Bliet fi Tranżizzjoni[38]" b'livelli baxxi ta' karbonju madwar l-Ewropa.

L-approċċi tat-tip ta' CLLD ġew żviluppati f'firxa ta' kuntesti urbani. Fid-disgħinijiet (1990s), l-enfasi ewlenija kienet fuq id-distretti żvantaġġjati bil-partijiet interni tal-bliet. Fil-perjodu 2014-2020, is-CLLD urban mistenni jieħu varjetà usa' ta' forom li jindirizzaw żoni urbani differenti, fosthom żoni industrijali u artiġjanali li qegħdin jonqsu, distretti kulturali u kreattivi, il-viċinat jew saħansitra l-belt kollha.

### *Is-CLLD urban huwa parti minn moviment dinji*

Is-CLLD urban għandu l-oriġini tiegħu f'diversi forom ta' organizzazzjoni komunitarja. Dawn ivarjaw minn approċċi tal-iżvilupp komunitarju għall-użu tal-ekonomija soċjali. Hemm ħafna filosofiji differenti li huma l-bażi tas-CLLD urban li ġej minn tradizzjonijiet nazzjonali u internazzjonali differenti.

- Il-moviment tal-ftehimiet universitarji tas-seklu 19 li permezz tagħhom l-istudenti universitarji intervenew f'distretti foqra (fl-Istati Uniti tal-Amerika u fir-Renju Unit).
- L-approċċi tal-iżvilupp komunitarju[39], inklużi dawk li huma l-aktar affettwati mill-problema u s-soluzzjoni għaliha; il-bini ta' ħarsa komunitarja lejn il-problema; l-identifikazzjoni u l-mobilizzazzjoni tal-assi komunitarji) u l-adozzjoni ta' approċċ inklużiv għar-rappreżentanza.
- Il-mudelli tal-ekonomija soċjali (pereżempju l-kooperattivi soċjali fl-Italja) estiżi għat-trasport komunitarju, il-kooperattivi tad-djar u l-aspetti kollha tal-ħajja soċjali – l-għoti ta' opportunitajiet ta' xogħol għal gruppi speċifiċi fil-mira.
- L-organizzazzjoni tal-viċinat abbażi tal-approċċ ta' Saul Alinsky li ġie żviluppat f'Chicago (kif ipprattikat miċ-Ċittadini ta' Londra fil-"kampanja għal salarju minimu tal-ħajja").
- L-iżvilupp ibbażat fuq l-assi – il-bini ta' istituzzjonijiet bħal kumpaniji tal-iżvilupp lokali u fondi fiduċjarji tal-iżvilupp li għandhom karta tal-bilanċ b'saħħitha u li jipprovdu spazju tax-xogħol, inkubazzjoni u servizzi oħrajn (pereż. il-laboratorju tal-Impatt Soċjali ta' Berlin[40] u l-impriżi ta' Creggan f'Derry/Londonderry, ara l-Figura 3: hawn taħt).

[38] http://www.transitionnetwork.org/ Link għas-sit elettroniku ta' Transition towns
[39] Ara, pereżempju, id-deskrizzjoni tal-Mudell Ġdid ta' Oregon b'ħames stadji http://sogpubs.unc.edu/electronicversions/pg/pgspsm04/article2.pdf
[40] http://socialimpactlab.eu/

Il-bliet Ewropej għandhom ħafna x'jitgħallmu dwar il-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli, it-titjib tas-saħħa pubblika u l-indirizzar tal-vjolenza organizzata minn dawn l-esperjenzi u minn skambji ulterjuri bejn il-bliet Ewropej u dawk f'partijiet oħrajn tad-dinja:

- Is-Sindku ta' Seoul qiegħed jappoġġja l-bini tal-komunità f'distretti urbani b'rabta mal-politika tiegħu ta' "Ekonomija li Tikkondividi[41]", fejn jiġi promoss mudell alternattiv ta' żvilupp ekonomiku bbażat fuq il-kondiviżjoni tar-riżorsi permezz tal-park tal-innovazzjoni soċjali ta' Seoul.
- Il-Ġappun żviluppa mudell kummerċjali komunitarju f'livell ta' viċinat b'enfasi qawwija fuq kwistjonijiet ambjentali[42].
- F'pajjiżi li għadhom qegħdin jiżviluppaw bħat-Tajlandja u l-Indja, l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità ta' spiss kien l-unika politika prinċipali favur il-foqra li kienet qiegħda taħdem f'żoni urbani. Fil-belt ta' Bangkok, problemi kumplessi ta' proprjetà tal-art f'insedjamenti informali ġew riżolti permezz tal-kunċett ta' "spazju kondiviż", kirjiet fit-tul miżmuma komunement mill-komunità[43] li jippermettu r-rilokazzjonijiet b'suċċess ta' bliet foqra b'ħafna bini f'xulxin.
- Medellin fil-Kolombja[44] rebħet it-titlu ta' "Belt tas-Sena" fl-2013 u użat approċċi bbażati fil-komunità sabiex tindirizza l-problemi soċjali madwar il-vjolenza, it-trasport urban, il-provvista tas-servizzi u l-kundizzjonijiet tal-għajxien fil-Favelas.
- Il-Bank Dinji laqqa' flimkien l-approċċi kollha tiegħu għall-Iżvilupp Lokali mmexxi mill-Komunità[45] b'enfasi partikolari fuq iż-żieda tas-soluzzjonijiet.

**Figura 3: Unitajiet kummerċjali, biċ-ċentru tax-xiri Rathmor fl-isfond, li huma proprjetà tal-impriża soċjali Creggan Enterprises Derry/Londonderry[46], ir-Renju Unit**



[41] http://www.shareable.net/blog/is-seoul-the-next-great-sharing-city

[42] http://ishes.org/en/aboutus/biography/writings/2007/writings_id000823.html

[43] http://www.codi.or.th/housing/frontpage.html

[44] http://online.wsj.com/ad/cityoftheyear

[45] H. Binswanger Mkhize, J. de Regt u S. Spector, Local and Community Driven Development, moving to scale in theory and practice, (Żvilupp Lokali iggwidat mill-Komunità, li jimxi skont id-daqs fit-teorija u fil-parattika) 2012 http://www-wds.worldbank.org/external/default/WDSContentServer/IW3P/IB/2010/03/05/000333037_20100305000306/Rendered/PDF/533000PUB0comm1B1Official0Use0Only1.pdf

[46] Ara "L-iżvilupp urban fl-UE: 50 proġett appoġġjati mill-FEŻR matul il-perjodu 2007-2013" – studju tal-każ f'Derry Londonderry.

*Inizjattivi preċedenti ta' żvilupp lokali urban fl-UE*

Kien hemm ħafna inizjattivi, azzjonijiet u innovazzjonijiet komunitarji fil-programmi prinċipali li kien fihom elementi ta' CLLD urban. L-iżvilupp lokali ilu jissemma fir-regolament tal-FEŻR mill-1989:

- Il-Proġetti Pilota Urbani (1989-2006) appoġġjaw l-azzjonijiet sperimentali fuq skala żgħira li ffokaw l-aktar fuq id-distretti żvantaġġjati
- Il-Programmi tal-Inizjattivi Komunitarji Urbani (1994-1999, 2000-2006) kienu jikkonsistu f'approċċi bbażati fiż-żoni mmexxija minn gruppi ta' partijiet interessati mmexxija mill-awtoritajiet tal-bliet. Il-finanzjament mill-UE ta' madwar EUR 10 miljun kien allokazzjoni tipika għal pakketti ta' proġetti. Il-programmi Urbani ffukaw fuq distretti żvantaġġjati ta' madwar 10 000 abitant b'parteċipazzjoni dgħajfa mis-soċjetà ċivili u min-negozji[47]. Xi ftit programmi bħal Arhus, Le Havre u Halifax kellhom approċċ aktar proattiv għall-bini tal-kapaċità f'organizzazzjonijiet ibbażati fil-komunità sabiex b'hekk ikunu jistgħu jiġġestixxu l-proġetti b'mod effettiv u, f'Halifax, partijiet mill-programm twettqu minn dawn il-korpi taħt arranġamenti ta' kummissjonar lokali.
- L-integrazzjoni tad-dimensjoni urbana fil-perjodu tal-programm 2007-2013, li matulu l-FEŻR intuża għall-iżvilupp urban integrat f'madwar nofs ir-reġjuni[48]. F'xi ftit bliet kien hemm sperimentazzjoni konsiderevoli b'sistemi ta' twettiq.
- Il-programm URBACT laqqa' flimkien ukoll partijiet interessati fuq firxa ta' temi fil-500 grupp ta' appoġġ lokali tiegħu, madankollu, ta' min jinnota li URBACT huwa aktar immexxi mill-bliet meta mqabbel mas-CLLD[49]. Kull grupp jaħdem bl-użu tal-metodu URBACT[50] - essenzjalment approċċ parteċipattiv b'diversi partijiet interessati sabiex jipproduċi pjanijiet ta' azzjoni lokali. Proporzjon għoli ta' dawn il-pjanijiet ta' azzjoni lokali jindirizzaw l-isfidi fiż-żoni lokali li jagħmluhom eżempji utli ta' kif jista' jidher is-CLLD urban[51] għal varjetà ta' suġġetti f'firxa ta' kuntesti differenti.

Fuq il-bażi ta' dawn l-isforzi preċedenti, il-kunċett ta' CLLD huwa ppreżentat fis-CPR għall-perjodu 2014-2020. Fir-rigward tal-FEŻR, is-CLLD għandu jiġi pprogrammat fil-programmi permezz tal-prijorità speċifika 9d tal-investiment fis-CLLD, stabbilita taħt l-objettiv tematiku 9 għall-"indirizzar tal-faqar u l-inklużjoni soċjali". Madankollu, il-kamp ta' applikazzjoni tal-attività jista' jkopri l-firxa sħiħa tal-objettivi tematiċi kollha, li jimmiraw għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv.

### 4.2 Strateġiji għas-CLLD Urban

Fi kwalunkwe żona jista' jkun hemm taħlita ta' politiki settorjali, politiki territorjali u approċċi mmexxija mill-komunità. Il-Figura 4: turi din ir-relazzjoni f'diagramma hawn taħt.

---

[47] Evalwazzjoni finali ta' Urban 2 minn Ecotec 2006 (issa Ecorys) Urban 2 final evaluation http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docgener/evaluation/pdf/expost2006/urbanii/final_report.pdf

[48] http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docgener/guides/urban/index_en.htm

[49] Grupp ta' appoġġ lokali ta' URBACT huwa grupp b'diversi partijiet interessati mmexxi mill-kunsill tal-belt responsabbli mill-iżvilupp ta' pjan ta' azzjoni lokali. Madankollu, il-grupp ma għandu ebda garanzija ta' riżorsi għall-pjan ta' azzjoni u l-proġetti jridu jsibu l-fondi minn sorsi nazzjonali u tal-UE

[50] Link għall-verżjoni 2 tas-sett ta' strumenti ta' URBACT http://urbact.eu/en/news-and-events/view-one/news/?entryId=5288

[51] P.Soto ma' M. Houk u P. Ramsden, 2012 - *Implementing CLLD in cities: lessons from URBACT* http://www.ville.gouv.fr/IMG/pdf/implementing_clld_lessons_from_urbact.pdf

Is-CLLD jista’ jintuża bħala għodda għall-azzjonijiet minn isfel għal fuq li jikkontribwixxu għall-iżvilupp urban integrat, skont l-Artikolu 7(1) tal-FEŻR: ".....azzjonijiet integrati maħsuba biex jindirizzaw l-isfidi ekonomiċi, ambjentali, klimatiċi, demografiċi u soċjali li jaffettwaw liż-żoni urbani, billi jieħdu f’kunsiderazzjoni l-ħtieġa li jippromwovu r-rabtiet urbani-rurali." Dawn l-istrateġiji integrati ta’ żvilupp urban iridu jieħdu mill-inqas 5% mill-allokazzjoni tal-FEŻR ta’ kull Stat Membru, filwaqt li l-awtoritajiet urbani li jimplimentaw dawn l-istrateġiji huma tal-anqas responsabbli mill-għażla tal-proġetti. Dawn jistgħu jiġu pprogrammati bħala assi prijoritarju multitematiku speċifiku għall-iżvilupp urban, bħala Investiment Territorjali Integrat (ITI) jew bħala programm speċifiku għall-iżvilupp urban.

Is-CLLD urban jista’ jikkomplimenta kwalunkwe wieħed minn dawn l-approċċi integrati ta’ żvilupp urban, pereżempju, permezz ta’ ħidma fil-livell tal-viċinat bħala parti minn strateġija urbana usa’ u jista’ jtejjeb l-influwenza tal-approċċi settorjali.

Barra minn hekk, is-CLLD urban jista’ jintuża biex ilaqqa’ flimkien l-azzjonijiet iffinanzjati taħt il-FEŻR u l-FSE b’mod aktar integrat, pereżempju, fis-sostenn għar-riġenerazzjoni tad-distretti urbani permezz ta’ investimenti fl-infrastruttura flimkien ma’ miżuri favur l-edukazzjoni u l-impjiegi, jew fl-infrastruttura tal-indukrar tat-tfal u l-aċċess għat-taħriġ u x-xogħol għall-ġenituri żgħażagħ f’viċinat.

**Figura 4: Ir-relazzjoni bejn il-politiki settorjali, l-istrateġiji integrati tal-iżvilupp urban u s-CLLD.**



*L-għażla ta' enfasi strateġika għas-CLLD urban*

Fil-perjodu 2014-2020, is-CLLD urban x'aktarx li jintuża fuq firxa wiesgħa ta' objettivi tematiċi. Huwa jista' jintuża biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO^2$ fil-viċinati, biex tiġi ġġenerata l-enerġija, biex tiġi żviluppata ekonomija li tikkondividi u li tkun aktar ċirkulari, biex jiġu integrati l-migranti u tissawwar koeżjoni soċjali, biex jinħolqu l-impjiegi lokali, biex tiġi indirizzata l-problema tan-nies mingħajr dar, biex jiġu indirizzati t-traffikar tad-droga u l-kriminalità fit-toroq, biex jittejbu s-saħħa u l-benesseri, biex jinħolqu u jiġu ġestiti l-parks u l-artijiet agrikoli għall-kultivazzjoni tal-ħxejjex u biex jiġi prodott l-ikel. Dawn huma biss uħud mill-azzjonijiet ta' enfasi strateġika possibbli li jistgħu jieħdu l-gruppi lokali. Wara li jibda b'enfasi fuq aspett wieħed, il-grupp lokali ta' spiss jestendi l-ambizzjoni tiegħu u jmur għal sfidi ġodda.

*Komunitajiet b'livelli baxxi ta' karbonju*

Is-CLLD urban jista' jkollu rwol importanti sabiex jgħin lill-komunitajiet inaqqsu l-produzzjoni tal-karbonju tagħhom u, b'hekk ikunu qegħdin jikkontribwixxu għall-miri tal-Ewropa 2020. Ħafna mill-approċċi li huma l-aktar effettivi jistrieħu fuq forom lokali ta' kooperazzjoni. Dan jista' jinkludi modi ġodda ta' kondiviżjoni tal-karozzi, li jaraw tranżizzjoni mill-isforzi individwali sabiex tittejjeb il-konservazzjoni tal-enerġija, għal approċċi fil-livell tat-toroq jew tal-viċinat, sal-installazzjoni ta' sistemi għall-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fil-komunità (ir-riħ, l-ilma, il-bijomassa). L-eżempju ta' Monteveglio fiż-żona ta' Bologna juri x'inhuwa possibbli (ara l-Kaxxa 18 hawn taħt).

**Kaxxa 18: Monteveglio, moviment ta' tranżizzjoni appoġġjat mill-amministrazzjoni tal-belt**

Monteveglio huwa raħal żgħir li jinsab 20km 'l bogħod minn Bologna u li għandu l-ħsieb li jadotta politika ta' tranżizzjoni li telimina l-użu tal-karbonju. Hawnhekk, fl-2009, il-muniċipalità ffirmat ftehim ta' sħubija ma' grupp ta' tranżizzjoni lokali u flimkien qegħdin jaħdmu fuq firxa wiesgħa ta' strateġiji innovattivi. Din il-belt żgħira u t-territorju tagħha saru laboratorju għal esperiment ibbażat fuq is-sħubija b'saħħitha bejn il-grupp ta' tranżizzjoni lokali u l-muniċipalità. Fl-2009, ġie ffirmat ftehim strateġiku bejn iż-żewġ entitajiet, li wassal għal 4 snin ta' ħidma fuq ħafna kwistjonijiet differenti, fosthom l-enerġija, l-agrikoltura, l-edukazzjoni u l-innovazzjoni soċjali. Il-Figura 5: turi l-prinċipji tal-approċċ tagħhom f'dijagramma ċirkulari.

L-enerġija: L-iżvilupp ta' gruppi tax-xiri ta' sistemi fotovoltajċi bbażati fuq l-enerġija ekoloġika u t-tnaqqis tal-emissjonijiet jeħtieġ aktar għarfien, u mhux fuq l-inċentivi purament ekonomiċi. Il-belt mexxiet proġett ta' EII ENESCOM, li kien jinvolvi sitt muniċipalitajiet lokali u 12-il imsieħba internazzjonali. Il-muniċipalitajiet lokali ssieħbu fil-Konferenza tas-Sindki u ttestjaw firxa ta' għodod ġodda ta' sensibilizzazzjoni għaċ-ċittadini, għall-uffiċjali u għall-politiċi. L-approċċ inxtered madwar ir-reġjun kollu tal-Emilia Romagna.

L-agrikoltura: L-iżvilupp tal-proġett "Streccapogn", assoċjazzjoni u kumpanija tal-biedja organika li tipproduċi l-qamħ u ċ-ċereali ta' varjetajiet antiki, ħxejjex u frott, minn għelieqi lokali. Hija tgħaqqad ukoll bdiewa lokali oħrajn, tipprovdi ħidma soċjali u hija parti mill-programm usa' ta' "Ikel Sostenibbli".

L-edukazzjoni: L-iżvilupp ta' Programm Edukattiv Sperimentali dwar l-Enerġija sabiex jingħata appoġġ lill-għalliema u lill-esperti fl-edukazzjoni ambjentali dwar kwistjonijiet relatati mal-enerġija. Ġew ipprovduti kunċetti ġodda lill-edukaturi, flimkien ma' strateġija ta'

tagħlim sabiex fl-aħħar mill-aħħar dawn il-kunċetti jiġu ttrasferiti lill-istudenti.

L-iżvilupp ta' "Dekalogu tal-Ikel Sostenibbli"[52] sabiex jinforma liċ-ċittadini dwar il-produzzjoni tal-ikel, l-impatt tagħha fuq l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u, b'mod aktar ġenerali, fuq l-ekonomija u l-ekoloġija, kif ukoll dwar ir-relazzjoni bejn l-ikel u s-saħħa.

L-innovazzjoni soċjali: ħames muniċipalitajiet, fosthom Monteveglio, użaw teknika msejħa Rieżami tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini[53] qabel ittieħed vot dwar l-amalgamazzjoni bil-għan li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jiksbu għarfien aħjar dwar l-impatt tal-miżura fuq il-popolazzjoni qabel il-votazzjoni.

**Figura 5: Dijagramma użata f'Monteveglio sabiex jikkomunikaw il-prinċipji tal-ekonomija ċirkulari tagħhom**




### *CLLD għar-riġenerazzjoni urbana*

Ir-riġenerazzjoni urbana ilha territorju tal-FEŻR sa mit-tnedija tal-ewwel Proġetti Pilota Urbani fl-1989, li kienu kkumplimentati miż-żewġ programmi tal-Inizjattiva Komunitarja URBAN.

L-aktar enfasi komuni tar-riġenerazzjoni urbana kienet fuq iż-żoni interni u aktar antiki tal-bliet, ħafna drabi b'popolazzjonijiet sinifikanti ta' migranti. Iż-żoni residenzjali periferali fuq barra kienu wkoll fil-mira tar-riġenerazzjoni, inklużi ż-żoni residenzjali mibnija b'sistemi tal-Lvant tal-Ewropa. Huma possibbli firxa wiesgħa ħafna ta' interventi, li jvarjaw minn interventi fiżiċi u titjib ambjentali ta' żoni komuni għal miżuri inqas vinkolanti li jiffokaw fuq it-taħriġ, attivitajiet kulturali, l-indukrar tat-tfal, eċċ. L-aqwa programmi ta' riġenerazzjoni jirnexxu billi jikkombinaw

[52] http://www.transitionnetwork.org/projects/sustainable-food-project
[53] http://www.healthydemocracyoregon.org/citizens-initiative-review

miżuri vinkolanti u mhux vinkolanti, bħal fil-każ ta' Duisburg, kif spjegat mill-Kaxxa 19 ta' hawn taħt.

**Kaxxa 19: Duisburg Marxloh (DE) – approċċ parteċipattiv għall-iżvilupp urban integrat**

Duisburg-Marxloh fit-Tramuntana tar-Renu-Westfalja, huwa eżempju ta' approċċ parteċipattiv u integrat għat-tiġdid urban fil-livell tal-viċinat li jgħaqqad l-elementi tal-iżvilupp urban minn fuq għal isfel mibdija mill-amministrazzjoni tal-belt mal-involviment minn isfel għal fuq tad-distretti u taċ-ċittadini tagħhom. Il-ħidma mibdija f'nofs is-snin tmenin fittxet li tgħaqqad il-programmi ta' finanzjament differenti bil-għan li tiġi segwita strateġija komuni.

L-approċċ jikkonsisti f'investimenti maħsuba biex itejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien fiżiċi u ambjentali permezz tal-ħolqien ta' ċinturin ekoloġiku. Dan twassal permezz ta' strateġija bbażata fuq il-parteċipazzjoni, in-netwerking u l-bini tal-kapaċità fost ir-residenti u l-atturi involuti. L-intervent fiżiku kien akkumpanjat minn proċess ta' djalogu intensiv u kontinwu dwar il-ġejjieni tal-viċinat kollu.

Marxloh bbenifika kollu kemm hu mill-attivitajiet ta' riġenerazzjoni, li rendew fi kwalità ambjentali mtejba u sistema ta' spazju miftuħ konnessa aħjar. Għar-residenti taż-żona fil-mira, li huma affettwati mit-twaqqigħ u l-ispostament, ġew żviluppati soluzzjonijiet imfassla apposta sabiex inaqqsu l-impatt negattiv. In-netwerks attivi tal-viċinat (pereż. idiskussjonijiet u laqgħat, l-assoċjazzjonijiet kummerċjali lokali) huma involuti mill-qrib fid-diskussjoni fit-tul dwar l-istabbilizzazzjoni taż-żona u kienu involuti dejjem aktar bħala msieħba fil-koproduzzjoni ta' strateġiji sostenibbli. L-atturi ekonomiċi lokali, bħal imprendituri migranti li jiftħu n-negozji tagħhom u negozji żgħar oħrajn ibbenifikaw ukoll mill-immaġini mtejba tal-lokal.

Il-viċinat kien marbut vertikalment permezz ta' katina ta' governanza mal-belt u mal-gvern tat-Tramuntana tar-Renu-Westfalja, li kkoffinanzjaw l-iskema bil-FEŻR. Bħala parti mill-programm Soziale Stadt[54], huwa bbenifika wkoll minn tagħlim fit-tfassil tal-politika minn 80 distrett ieħor fi bliet madwar ir-reġjun, li huma wkoll kienu għaddejjin minn proċess simili. Il-belt ta' Duisburg qasmet l-esperjenza tagħha ma' bliet oħrajn tal-UE permezz tan-netwerk URBACT REGGOV[55] u hija waħda mill-50 studju tal-każijiet ta' Urban fl-UE[56].

### *Il-ħidma ma' komunitajiet emarġinati*

Is-CLLD urban joffri opportunità reali ta' ħidma ma' komunitajiet emarġinati, iżda jeħtieġ li tiġi żgurata l-kapaċità amministrattiva suffiċjenti tal-gruppi ta' azzjoni lokali.

Bħala parti min-netwerk ta' URBACT bl-isem ta' NODUS, il-belt ta' Alba Iulia żviluppat strateġija lokali bl-użu ta' approċċi komprensivi għall-parteċipazzjoni tal-komunità Roma tagħha fl-ippjanar tal-iżvilupp fi blokok residenzjali żvantaġġjati f'distrett tal-belt. Il-faċilitazzjoni esterna ntużat minħabba nuqqas ta' fiduċja bejn il-komunitajiet Roma u dawk mhux Roma. Sar titjib sinifikanti fuq skala mikro, inkluża t-trasformazzjoni ta' wesgħa mitluqa f'bandli għat-tfal (ara l-

---

[54] Il-programm Federali Ġermaniż Soziale Stadt (belt soċjali) jopera madwar il-Ġermanja kollha u huwa amministrat u koffinanzjat mill-gvernijiet tal-Lander, kif ukoll mill-FEŻR u mill-FSE. Huwa jappoġġja l-inizjattivi ta' riġenerazzjoni tal-viċinat b'metodoloġija minn isfel għal fuq. Il-belt soċjalment integrattiva fin-NRW qiegħda ġġib iż-żoni żvantaġġjati lura fuq saqajhom http://www.soziale-stadt.nrw.de/downloads/en/1009_socially_integrative_city_klein.pdf

[55] http://urbact.eu/en/projects/disadvantaged-neighbourhoods/reg-gov/our-outputs/

[56] Id-DĠ għall-Politika Urbana u Reġjonali wettaq studju ewlieni dwar il-prassi urbani tal-UE, li kien iffinanzjat mill-FEŻR http://ec.europa.eu/regional_policy/projects/practices/details.cfm?sto=2656&pay=ALL&region=ALL&obj=ALL&lan=7&defL=EN&the=

Figura 6: hawn taħt).

Il-proġett ROMANET ta' URBACT iffoka speċifikament fuq ir-Roma u żviluppa gruppi ta' appoġġ lokali u pjanijiet ta' azzjoni lokali fid-disa' bliet imsieħba. Is-Sindku ta' Udine, Furio Honsell, kiteb:
"Issa għandna strateġija integrata għall-indirizzar tal-ħtiġijiet tal-aktar ċittadini serjament żvantaġġjati f'Udine, jiġifieri l-membri tal-komunità Roma. Romanet għamel lill-"vulnerabbli viżibbli" u għamilha possibbli li l-istrateġiji tas-saħħa tagħna jiġu mmirati aħjar għall-promozzjoni ta' stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa. ……Aħna għadna rridu nirkupraw sitwazzjonijiet illegali, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-insedjamenti, iżda issa nistgħu nistrieħu fuq strateġija integrata. Issa sirna nafu bid-diversità tas-sitwazzjonijiet li jeżistu u għandna azzjonijiet pożittivi li huma intiżi biex jippromwovu mudelli aħjar għaż-żgħażagħ ROMA.'

**Figura 6: Alba Iulia, blokk 2, qabel u wara (sors: EU 50 cases report)**



ROMANET ipproduċa għadd ta' gwidi[57] dwar il-ħidma mal-persuni Roma f'kuntest urban fuq oqsma politiċi speċifiċi li jibnu fuq l-esperjenza tal-bliet imsieħba.

**Kaxxa 20: Terrassa fir-reġjun ta' Katalunja, Spanja**

Fil-Katalunja, ir-riżorsi għall-investiment f'distretti żvantaġġjati jiġu kkoordinati fil-livell reġjonali mill-Gvern Reġjonali tal-Katalunja, iżda l-ippjanar u l-implimentazzjoni jseħħu fil-livell lokali.

Il-pjan għad-Distrett 2 ta' Terrassa ta spinta lill-inklużjoni soċjali f'viċinat lokali li kien qiegħed jiffaċċja riskju kbir ta' kunflitt u diżordni ċivili minħabba l-influss rapidu ta' immigranti li esperjenza. Il-pjan, li kien appoġġjat mill-programm reġjonali tar-riġenerazzjoni urbana, integra l-azzjonijiet soċjali u t-tiġdid urban fi proċess wieħed ta' trasformazzjoni, li wassal biex tnaqqset is-segregazzjoni tad-distrett mill-bqija tal-belt u tjiebet ir-reputazzjoni li kellu għat-tensjoni u l-kunflitti. Il-pjan twettaq bil-parteċipazzjoni ta' livell għoli miċ-ċittadini u adotta approċċ trasversali fost servizzi muniċipali differenti. Dan kien jinkludi t-trasformazzjoni ta' spazji urbani komuni bħal pjazez u parks (ara l-Figura 7 ta' hawn taħt).

[57] http://urbact.eu/en/projects/active-inclusion/roma-net/our-outputs/



Figura 7: Spazju soċjali rijabilitat f'park li jinsab f'Terrassa

*Raggruppamenti kreattivi*

Ħafna bliet għandhom distretti kreattivi u kulturali li kibru organikament b'appoġġ irregolari għal proġetti individwali matul is-snin. Is-CLLD urban jagħti opportunità ta' ħidma b'mod aktar koerenti ma' firxa wiesgħa ta' partijiet interessati u, b'mod partikolari, mal-imprendituri kreattivi nfushom. Dawn id-distretti jeħtieġu ppjanar bir-reqqa u impenn sabiex jipproteġu kontra ġentrifikazzjoni mgħaġġla żżejjed u l-iżvilupp tal-proprjetà residenzjali, li jistgħu jħallu impatt li jinibixxi l-iżvilupp ekonomiku. L-istrateġiji bbażati lokalment jistgħu jassiguraw il-postijiet tax-xogħol, jesploraw il-potenzjal tat-trusts komunitarji, itejbu l-isfera pubblika u jikkollaboraw maċ-ċentri tal-għarfien. Dan kien jinvolvi żieda fir-rabtiet mad-disinn tal-websajts, l-applikazzjonijiet tat-telefons ċellulari u l-innovazzjoni soċjali.

Fil-bliet Ewropej jeżistu ħafna eżempji ta' żoni li fihom jista' jaħdem dan it-tip ta' approċċ. Madankollu, il-biċċa l-kbira tagħhom għadhom ikkaratterizzati minn ippjanar minn fuq għal isfel.

**Kaxxa 21: Shoreditch Trust u d-distrett kreattiv f'Londra**

Shoreditch Trust58 oriġinat mill-Programm New Deal for Communities imfassal fuq għaxar snin għaż-żona, u kienet l-organizzazzjoni ta' wara l-bord ta' tmexxija tal-viċinat. Hija twassal firxa wiesgħa ta' servizzi u proġetti, inklużi ristoranti, spazju tax-xogħol u inkubazzjoni, kif ukoll torganizza festivals lokali u attivitajiet fit-toroq. Iż-żona tospita wieħed mill-akbar raggruppamenti kreattivi tal-Ewropa u kienet appoġġjata mill-FEŻR f'perjodi ta' programmazzjoni suċċessivi tal-Objettiv 2 mill-1994 sal-2006.

Iż-żona issa tista' tiftaħar b'taħlita ġmielha ta' artisti, disinjaturi, web video u professjonisti tal-midja ġodda. Id-dehra tat-triq hija bbażata fuq ħwienet tax-xogħol antiki li ġew konvertiti, bħall-fabbrika tat-tè, uffiċini tas-snin sittin u sebgħin u spazji taħt soqfa abitabbli, ikkumplimentat bi klabbs, ħwienet tax-xorb u kafetteriji. Fis-snin disgħin ġew konvertiti diversi binjiet industrijali, fosthom il-White Cube gallery u s-Circus Space. Il-FEŻR appoġġja wkoll il-kampus ġdid ta' Hackney Community College f'Shoreditch, li jiġbed l-attenzjoni tal-midja. L-hekk imsejħa "Silicon roundabout" f'Old Street tinsab fit-tarf taż-żona, is-sit ta' inkubatur

[58] http://www.shoreditchtrust.org.uk/

riċenti ffinanzjat mill-FEŻR bħala parti minn IDEA London u li riċentament ingħata libsa ġdida mill-gvern bħala Tech City[59]. Id-distrett kollu sar waħda miż-żoni l-aktar imfittxija fl-Ewropa għall-ftuħ ta' negozji ġodda fil-qasam tal-midja.



Figura 8: Dehra mill-ajru tas-Silicon Roundabout f'Shoreditch, fil-Lvant ta' Londra

Il-Creative Cauldron ta' Tallinn żviluppa sit li qabel kien iservi bħala power station qrib iċ-ċentru tal-belt. Il-proġett tlesta mill-"Kunsill Kreattiv", li huwa impriża soċjali. Din l-impriża laqqgħet flimkien esperti u rappreżentanti minn firxa wiesgħa ta' organizzazzjonijiet u oqsma, fosthom universitajiet, diversi assoċjazzjonijiet ta' artisti, il-komunità kummerċjali u arkitetti. Il-proġett qiegħed jipprovdi 10 000 metru kwadru ta' spazju tax-xogħol, spazju għal gallerija u spazju miftuħ pubbliku f'ambjent uniku u bl-involviment qawwi tal-komunità tal-arti u d-disinn lokali. Dan is-sit jaġixxi bħala spazju kkombinat ta' prestazzjoni u inkubazzjoni.

[59] http://www.techcityuk.com/



**Figura 9: Parti mill-Creative Cauldron f'Tallinn, l-Estonja**

*CLLD Urban-Rurali*

Iż-żoni problematiċi sikwit ikunu jeżistu fil-ġonot bejn il-muniċipalitajiet urbani jew, fil-każ ta' żoni urbani-rurali, fit-tarf taż-żona mibnija, li tikkombina l-muniċipalitajiet urbani u rurali. Dawn iż-żoni periurbani jistgħu jiġu ttraskurati u diffiċli jiġu indirizzati minn muniċipalità waħda minħabba l-effetti ta' preċipizju, l-effetti konsegwenzjali jew l-imġiba ta' opportuniżmu miċ-ċittadini jew mill-istituzzjonijiet.

Hemm tliet tipi ewlenin ta' sħubijiet urbani-rurali:

- Ċentri żgħar ta' servizzi urbani mdawra minn żoni rurali; Alston Cybermoor (ir-Renju Unit) huwa eżempju ta' approċċ kreattiv f'dan l-ambjent.
- Żoni periurbani fit-truf ta' bliet kbar. Dawn iż-żoni ta' spiss jispiċċaw mhedda minn żvilupp ta' kwalità ħażina.
- Sħubijiet rurali-urbani li jiffokaw fuq kwistjonijiet uniċi bħall-iskart, il-provvista u t-trattament tal-ilma, it-trasport. Dawn għandhom it-tendenza li jiġu organizzati permezz ta' kooperazzjoni intermuniċipali u jkollhom inqas opportunitajiet għal approċċ tat-tip ta' CLLD.

Is-sħubijiet urbani-rurali joffru opportunitajiet sabiex jiġu żviluppati forom ġodda ta' sħubija madwar il-provvista tal-enerġija rinnovabbli bl-użu ta' riżorsi tal-enerġija mix-xemx, mill-iskart, mir-riħ u mill-ilma. Is-sħubijiet urbani-rurali jistgħu jiftħu l-opportunitajiet għal tipi ġodda ta' CLLD. Dawn jistgħu jinkludu proġetti ġodda tal-enerġija rinnovabbli, proġetti għar-riċiklaġġ tal-iskart u l-iżvilupp ta' approċċi ġodda għall-produttività tar-riżorsi u l-produzzjoni tal-ikel li jinvolvu ktajjen tal-provvista qosra, id-divertiment u t-turiżmu. Is-sħubijiet bejn il-konsumaturi urbani u l-produtturi rurali huma karatteristika tal-moviment tal-ikel sostenibbli kif muri mill-każ ta' Monteveglio (ara l-kaxxa 18 ta' hawn fuq).

### Kaxxa 22: Alston Cybermoor - belt diġitali f'ambjent rurali

Alston Cybermoor[60] hija serje ta' proġetti mmexxija mill-komunità bbażati f'raħal fuq għolja iżolata b'art moxa fit-Tramuntana tal-Ingilterra. L-imsieħba lokali stabbilixxew komunità ċibernetika dinamika biex jibnu konnessjonijiet urbani-rurali u biex jegħlbu l-iżolament tar-raħal u taż-żona tal-madwar b'art moxa. Ir-raħal ġie nnominat bħala raggrappament ta' impriża soċjali u rebaħ bosta premjijiet, kif ukoll kien is-suġġett ta' diversi artikli fuq l-istampa nazzjonali u Ewropea.

Iffaċċjata b'nuqqas ta' servizz broadband mill-operaturi tat-telekomunikazzjoni prinċipali, il-komunità lokali wieġbet billi ħolqot l-inizjattiva Alston Cybermoor sabiex tipprovdi aċċess għal servizz broadband b'veloċità għolja. Din l-inizjattiva ġiet estiża għal għadd numeruż ta' impriżi oħrajn, bi wħud minn fost l-aktar riċenti jiffokaw fuq ir-roti li jaħdmu bl-elettriku, l-enerġija idro tal-komunità u t-trasport tal-komunità lokali. Firxa wiesgħa ta' attivitajiet tal-komunità lokali jew huma tal-komunità nnifisha jew inkella jiġu pprovduti minn impriżi soċjali.

Alston għandha l-ogħla penetrazzjoni tal-broadband minn fost kwalunkwe komunità fir-Renju Unit. Hija forniet kompjuters lil 88% tas-670 dar u pprovdiet taħriġ fl-użu tagħhom. Id-doppju tal-medja nazzjonali (30%) jużaw is-servizzi bankarji bl-internet, filwaqt li 40% użaw il-kompjuters għat-tagħlim. Is-sit elettroniku tal-komunità huwa l-aktar sit elettroniku komunitarju attiv fl-Ingilterra[61].

L-attivitajiet tas-sħubija komunitarja servew bħala inkoraġġiment għall-industriji produttivi u kreattivi lokali u wrew li raħal żgħir jista' jkollu futur fid-dinja globalizzata meta r-residenti tiegħu jingħaqdu u jieħdu azzjoni flimkien. Il-finanzjament ġie minn firxa ta' sorsi, inklużi reġjonali, nazzjonali u mill-UE (LEADER u l-FSE).

F'xi żoni rurali, kien hemm ukoll problema fejn is-CLLD rurali bbażat fuq l-approċċ ta' LEADER ma setax jintervjeni f'ċentri ta' servizzi urbani ewlenin 'il fuq minn ċertu daqs. Is-CLLD urban-rurali li jagħmel użu minn taħlita ta' fondi jista' jiftaħ il-potenzjal għal dawn it-tipi ta' kollaborazzjonijiet.

---

[60] http://www.cybermoor.org/

[61] http://www.networkforeurope.eu/files/File/CCT/Alston%20Cybermoor.pdf




**Figura 10: Sħubijiet tal-ikel sostenibbli ta' Amersfoot NL**

Amersfoort hija parti minn netwerk ta' URBACT għall-alimentazzjoni sostenibbli"[62] immexxi mill-belt ta' Brussell. Hija tiffoka fuq il-produzzjoni, id-distribuzzjoni u t-tgawdija tal-ikel. Amersfoort żviluppat firxa ta' inizjattivi lokali, fosthom: swieq agrikoli, kunsinna tal-ikel bir-roti, tqajjim ta' kuxjenza permezz ta' festivals u fieri tal-ikel, it-tkabbir tal-ikel u metodi kif jista' jitnaqqas l-iskart. Amersfoort qiegħda taħdem bi sħubija ma' għaxart ibliet madwar l-Ewropa fil-proġett ta' URBACT.

*Il-koordinazzjoni tal-approċċi tas-CLLD fil-livell tar-reġjun tal-belt*

L-interventi fid-distretti jistgħu jibbenifikaw minn koordinazzjoni strateġika fil-livell reġjonali tal-belt jew fil-livell metropolitan, aktar milli fil-livelli spazjali aktar baxxi tad-distrett jew tal-muniċipalità. Din il-koordinazzjoni f'livell ogħla hija meħtieġa sabiex jinġiebu riżorsi addizzjonali u jitnaqqsu l-esternalitajiet. L-enfasi fuq żoni żvantaġġjati żgħar, li kkaratterizzat il-programmi ta' URBAN fil-passat, xi drabi ttejjeb iż-żoni, iżda dan tista' tagħmlu għad-detriment tal-lokalitajiet ġirien. Eżempju tipiku f'kuntest urban huwa li jsiru sforzi mill-pulizija u minn aġenziji oħrajn sabiex inaddfu t-toroq magħrufa għat-traffikar tad-drogi u l-prostituzzjoni permezz tal-infurzar ta' politika aggressiva. Minflok tissolva l-problema, il-prostituzzjoni u t-traffikar tad-droga jiċċaqalqu lejn distrett ieħor fil-qrib.

Ġeneralment, il-governanza tiġi frammentata u ta' spiss ikun biss fil-livell reġjonali tal-belt li r-riżorsi suffiċjenti jkunu jistgħu jiġu mmobilizzati sabiex b'hekk ikunu jistgħu jiġu indirizzati diversi distretti f'daqqa bil-għan li jiġi żgurat li d-distretti l-oħrajn fil-qrib ma jiddeterjorawx b'konsegwenza tat-titjib ta' distrett wieħed.

In-netwerk NODUS ta' URBACT sostna li sabiex jiġu evitati dawn il-problemi, id-deżinjazzjoni taż-żoni tas-CLLD għandha ssir fil-livell taż-żona urbana funzjonali jew reġjonali tal-belt. Dan jippermetti li jsiru monitoraġġ u riċerka sabiex jiġi vverifikat li l-esternalitajiet negattivi ma jissuperawx il-vantaġġi pożittivi u li s-soluzzjonijiet ikunu konnessi mas-suq tax-xogħol u mal-

[62] http://urbact.eu/en/projects/low-carbon-urban-environments/sustainable-food-in-urban-communities/partner/?partnerid=645

ekonomija usa' tal-belt. L-azzjonijiet infushom għadhom qegħdin jiġu organizzati lokalment fid-distretti.

### 4.3 Sħubija. Kif tuża s-CLLD biex tibni alleanzi effettivi f'kuntest urban?

Is-sħubijiet tas-CLLD jistgħu jiġu adattati għall-firxa vasta ta' sħubijiet li huma aktar komuni fiż-żoni urbani. Dawn jistgħu jsirulhom xi adattamenti jew inkella jaħdmu b'mod kumplimentari għas-sħubijiet eżistenti.

Huwa possibbli li l-organizzazzjonijiet eżistenti fis-settur pubbliku jintużaw bħala l-korpi responsabbli bi sħubijiet tas-CLLD li joperaw bħala tip ta' task force li tittratta sett partikolari ta' sfidi, diment li jiġu rrispettati l-kompiti minimi tal-grupp ta' azzjoni lokali rigward, fost l-oħrajn, id-disinn tal-istrateġija u l-għażla tal-proġetti. B'hekk, huwa importanti l-immappjar ta' netwerks oħrajn sabiex jgħinu lill-inizjattivi tas-CLLD urban jippożizzjonaw ruħhom fir-rigward ta' dak li diġà jeżisti.

Ir-regola ta' 49% fis-sħubijiet (l-Artikolu 32(2)(b) tas-CPR), jiġifieri fil-livell tat-teħid tad-deċiżjonijiet, fejn la l-awtoritajiet pubbliċi u lanqas kwalunkwe grupp ta' interess waħdieni ma għandhom jirrappreżenaw aktar minn 49% tad-drittijiet tal-votazzjoni, ma ddgħajjifx ir-rwol tal-awtoritajiet lokali. Jekk tintuża kif suppost, hija tista' ssaħħaħhom. Fl-istess ħin, is-CLLD jippermetti lill-muniċipalità timmobilizza r-riżorsi, il-ħiliet u l-enerġija tal-partijiet interessati privati u tas-soċjetà ċivili.

Is-sħubijiet tas-CLLD urban jistgħu jimbottaw il-fruntieri tal-governanza fuq diversi livelli permezz tal-involviment ta' rappreżentanti tas-saħħa, tal-edukazzjoni, tad-divertiment, tal-isport u kumpaniji ta' utilità.

#### *L-immappjar tan-netwerks u l-bini tal-kapaċità fid-distretti*

Il-bliet, minħabba d-daqs tal-popolazzjoni u d-densità tagħhom, huma ambjenti umani aktar kumplessi minn tipi ta' żoni oħrajn. Huma għandhom popolazzjonijiet aktar varji, kif ukoll aktar negozji u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Huwa importanti li l-gruppi ta' azzjoni lokali ġodda jfasslu stampa ta' dak li qiegħed iseħħ diġà fiż-żona. Punt tat-tluq għal grupp ta' azzjoni lokali ġdid, meta jkun għadu fl-istadju embrijoniku bikri tiegħu, huwa li juża approċċi parteċipattivi għall-immappjar sabiex jidentifika l-organizzazzjonijiet attivi bbażati fil-komunità, jelenka l-kapaċitajiet u r-riżorsi tagħhom (il-persunal, il-proġetti) u jiddokumenta l-assi tagħhom (il-fatturat, il-bini proprjetà tal-komunità, l-ispazji tax-xogħol, eċċ.). Dan jgħin sabiex tiġi żviluppata stampa tajba bil-għan li jiġi żgurat li ma jkunx hemm duplikazzjoni. Dan it-tip ta' xogħol jista' jiwettaq mir-riċerkaturi li jaħdmu mal-organizzazzjonijiet tal-komunità lokali.

Is-CPR jesiġi li ebda grupp ma għandu jkollu kontroll maġġoritarju ta' sħubija fis-CLLD. Fiż-żoni urbani, dan ifisser li s-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet fis-settur privat ser ikollhom jassumu rwol aktar b'saħħtu fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji lokali minn kif kien il-każ, pereżempju, fil-programmi ta' Inizjattiva tal-Komunità Urbana.

Il-gruppi ta' azzjoni lokali kollha tas-CLLD jużaw xi forma ta' faċilitazzjoni, animazzjoni jew attivazzjoni. Fl-ippjanar komunitarju ġew żviluppati tekniki siewja għall-immappjar

parteċipattiv. Eżempju ta' dan huwa l-hekk imsejjaħ "Planning For Real"[63], fejn tiġi kkopjata mappa bażi taż-żona fuq skala kbira u titpoġġa fuq il-mejda. Imbagħad il-mappa tista' tkompli tiġi mtejba b'mudelli sempliċi ta' binjiet ewlenin jew inkella b'ritratti tal-lokalità. Il-figura 11 turi tfal u adulti jaħdmu flimkien f'eżerċizzju ta' Ippjanar Reali. Il-mappa tintuża bħala għodda ta' diskussjoni għall-parteċipanti, u tagħtihom iċ-ċans jesploraw kwistjonijiet fl-ambjent mibni eżistenti kif ukoll jaraw kif tista' tiżviluppa u tinbidel iż-żona fil-ġejjieni. Il-valur tal-eżerċizzju tal-ippjanar reali mhuwiex fil-mappa nnifisha, iżda fid-diskussjonijiet li jsiru madwarha. It-teknika tista' tintuża bħala qafas sabiex ikun magħruf xi jridu jbiddlu n-nies fil-komunità.

**Figura 11: Nies tal-lokal jaħdmu fuq mappa bażi għal eżerċizzju msejjaħ "Planning for Real" (sors: communityplanning.net)**



Illum il-ġurnata jeżistu metodi diġitali għall-immappjar tal-assi f'komunità lokali. Il-proġett Alston Cybermoor jelenka s-servizzi lokali u n-negozji lokali kollha fuq is-sit elettroniku tiegħu[64]. Qegħdin jiġu żviluppati applikazzjonijiet tal-mezzi tal-midja soċjali li jgħinu lill-komunitajiet jiġbru s-sors ta' din ix-xorta ta' informazzjoni b'mod kollettiv. L-ismart phones bil-kameras u l-GPS jippermettu t-tlugħ fil-pront ta' dejta, ritratti, intervisti u mezzi oħrajn sabiex tinħoloq mappa ġenwina tal-komunità.

---

[63] http://www.communityplanning.net/methods/planning_for_real.php

*Il-bini tal-kapaċità bl-użu tal-koordinatur tal-grupp ta' azzjoni lokali*

Il-koordinaturi lokali għandhom jikkombinaw il-ħiliet tal-empatija u d-diplomazija waqt li jkunu l-organizzaturi, ir-realisti u l-ħalliema tal-proġetti. Dan forsi jista' jitqies bħala l-aktar rwol diffiċli fl-iżvilupp. Fi sħubijiet akbar, dawn il-kompiti jistgħu jinqasmu bejn bosta persuni fit-tim jew ma' membri voluntieri.

Il-koordinatur tipiku jeħtieġ li jikkombina l-ħiliet personali mal-ħiliet fil-ġestjoni tal-proġetti. Il-kandidat ideali għandu jkollu personalità b'involviment miftuħ u fl-istess ħin ikun effiċjenti fit-twettiq tal-kompiti tiegħu.

**Figura 12: Ir-rwol ta' animazzjoni tal-koordinatur tal-LAG Urban**



**Il-koordinatur (fuq ix-xellug) taż-żona Kornerpark f'Berlin jisma' preżentazzjoni dwar proġett minn nisa tal-lokal**

Il-koordinatur tat-tim żgħir fiż-żona Körnerpark ta' Neukölln f'Berlin ilu jaħdem fiż-żona għal aktar minn għaxar snin. Huwa jaf iż-żona intimament u bena relazzjonijiet ma' firxa wiesgħa ta' gruppi. Huwa jmexxi tim żgħir ta' ħames impjegati.
Il-kompiti tagħhom kienu jinkludu l-bini ta' relazzjonijiet ma' individwi u gruppi lokali. Minbarra dan, huma jiffaċilitaw u jagħmlu l-laqgħat tal-kunsill tal-viċinat. Ir-rwol tagħhom ipoġġihom bejn il-belt u l-kunsill tal-viċinat, għalhekk, huma jaġixxu bħala mezz ta' komunikazzjoni bejn it-tnejn. Huma jgħinu lill-atturi tal-viċinat sabiex ifasslu l-pjan ta' azzjoni tagħhom u sabiex joperaw il-proċess tal-ibbaġitjar tal-viċinat bl-użu tal-ħames fondi lokali. Huma jipproduċu wkoll newsletters u komunikazzjonijiet oħrajn immirati lejn il-komunità lokali sabiex in-nies ikunu jafu x'qiegħed jiġi ffinanzjat u x'avvenimenti qegħdin jiġu organizzati. Fl-aħħarnett, huma jwettqu l-attività tal-back office fir-rigward tal-monitoraġġ tal-progress tal-proġetti u r-rappurtar lill-korpi tal-finanzjament.

Il-gruppi ta' azzjoni lokali fil-viċinat ivarjaw minn organizzazzjonijiet inkorporati, formali u strutturati ħafna għal arranġamenti ta' sħubijiet individwali aktar informali.

Fl-eżempju ta' Berlin iċċitat hawn fuq, il-kompitu tal-ġestjoni tal-uffiċċju tal-viċinat jiġi kkuntrattat lil kumpaniji privati jew lil impriżi soċjali għal perjodu ta' tliet snin. L-organizzazzjoni rebbieħa tistabbilixxi tim żgħir ibbażat lokalment u taħdem mill-qrib mal-kunsill tal-viċinat. Il-kunsill tal-viċinat huwa nonstatutorju, għalkemm il-maġġoranza tal-membri jinħatru minn fost il-komunità lokali permezz tal-elezzjonijiet.

Il-kunsill tal-viċinat jista' jagħżel nies oħrajn li jistgħu ma jkunux jgħixu fiż-żona, bħal kapijiet tal-iskejjel u proprjetarji jew maniġers ta' kumpaniji lokali. Il-kunsill tal-viċinat normalment jiltaqa' darba fix-xahar u jieħu deċiżjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni lokali permezz tas-sistema ta' fondi tal-viċinat.

**4.4 Iż-żona: Kif jiġu ddefiniti l-konfini effettivi għat-teħid ta' azzjoni fil-bliet?**

Is-CLLD jista' jiġi adattat sabiex jissodisfa l-ġeografija kumplessa u li qiegħda tevolvi tal-isfidi urbani b'għadd ta' modi. B'mod ġenerali, iż-żoni għandhom ikunu kbar biżżejjed sabiex ikunu jistgħu jappoġġjaw strateġija (b'aktar minn 10 000 abitant) iżda żgħar biżżejjed sabiex jippermettu li ssir interazzjoni lokali (b'inqas minn 150 000 abitant), iżda jekk il-prinċipji tal-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità jiġu rrispettati, mela allura dawn il-limiti jistgħu jiġu varjati, jekk dan jintalab mill-istrateġija. F'każijiet debitament ġustifikati, pereżempju, sabiex jiġu kkunsidrati l-ispeċifiċitajiet taż-żoni b'popolazzjoni densa, u fuq il-bażi ta' proposta minn Stat Membru, dawn il-limiti tal-popolazzjoni jistgħu jiġu emendati.[65]

Firxa wiesgħa ta' żoni urbani jistgħu jiġu indirizzati mis-CLLD. Sa issa, l-approċċi komunitarji ġew applikati primarjament għaż-żoni problematiċi bir-riskju ta' gettoizzazzjoni. L-approċċ il-ġdid jiftaħ il-possibbiltà għall-iżvilupp ta' modi ġodda kif iż-żoni problematiċi jistgħu jingħaqdu ma' żoni b'potenzjal ta' tkabbir u opportunitajiet. Dan jista' jieħu l-forma ta' approċċi mifruxa mal-belt kollha li jgħaqqdu diversi tipi ta' żoni, jew li għandhom jiġu organizzati permezz ta' konnessjonijiet urbani-rurali. Fil-ġejjieni, is-sħubijiet urbani-rurali jistgħu jsiru żoni ta' konverġenza importanti b'potenzjal kbir minħabba li jkunu inqas ristretti minn nuqqas ta' art li huwa evidenti fil-bliet.

Fl-imgħoddi, l-awtoritajiet urbani kellhom it-tendenza li jimmiraw għad-distretti interni tal-bliet. L-approċċ it-tajjeb huwa li jiġi identifikat fejn jinsabu ż-żoni fil-bżonn f'belt, li jistgħu jiġu indirizzati bl-użu ta' approċċ tas-CLLD.

Id-definizzjoni ta' konfini sinifikanti fiż-żoni urbani xi drabi tkun aktar diffiċli milli f'żoni rurali u f'tipi ta' żoni oħrajn. Hemm inqas karatteristiċi naturali li jiddemarkaw iż-żoni. Barra minn hekk, l-identitajiet lokali tal-viċinati xi drabi jkunu f'kunflitt mal-unitajiet tal-istatistika, tal-votazzjoni u dawk amministrattivi. Fl-imgħoddi, ħafna żoni ġew innominati bl-użu ta' klassifikazzjonijiet ikkombinati bbażati fuq gruppi ta' indikaturi. Dan il-metodu għandu l-vantaġġ li jidher li huwa ġust. Madankollu, huwa jista' jaħdem kontra l-ħolqien ta' viċinati vijabbli li jkunu rikonoxxuti miċ-ċittadini tagħhom. Kompromess sensibbli jinvolvi li tibda bl-istatistika sabiex tidentifika l-qalba taż-żoni, imbagħad tkun flessibbli sa ċertu punt fid-definizzjoni eżatta tat-territorju. Il-Figura 13 ta' hawn taħt turi l-mappa taż-żoni identifikati għal intervent fil-programm ta' ġestjoni tal-Viċinat ta' Berlin bl-użu ta' qafas ibbażat fuq indikaturi.

[65] L-Artikolu 33(6) tas-CPR

Figura 13: L-34 żona ta' Berlin magħżula għall-ġestjoni tad-distretti



F’Berlin, iż-żoni jintgħażlu bl-użu ta’ sett ta’ dejta granulari ta’ tnax-il indikatur statiċi u dinamiċi li huma disponibbli għaż-żoni ġeografiċi żgħar u li jiġu aġġornati kull sena. Flimkien, l-34 żona attiva għandhom popolazzjoni ta’ madwar 330 000 ruħ, jiġifieri bejn wieħed u ieħor 10% tal-popolazzjoni tal-belt. Iż-żoni fil-mira rreġistraw id-doppju tal-medja tal-qgħad u fihom jgħammru konċentrazzjonijiet sinifikanti ta’ migranti, inklużi dawk mill-Maghreb, mit-Turkija u mir-Russja. L-akbar żona għandha popolazzjoni ta’ madwar 24 000 ruħ, filwaqt li l-iżgħar żona għandha popolazzjoni ta’ 2 500 ruħ.

Il-Figura 14 ta’ hawn taħt tistabbilixxi firxa ta’ forom spazjali li jista’ jieħu s-CLLD urban. F’żoni urbani kbar, x’aktarx li jkun hemm aktar kandidati għas-CLLD. Ġeneralment, iż-żoni jiġu mmirati abbażi tal-indiċijiet tal-privazzjoni tagħhom, għalkemm dan jista’ joħloq żoni mhux vijabbli u normalment ikun aħjar jekk dan jitqies bħala l-punt tat-tluq u mbagħad il-komunitajiet lokali jitħallew jaġġustaw il-konfini sabiex joħolqu żona li tkun tagħmel sens fil-prattika.

Fi bliet iżgħar, pereżempju bliet li qegħdin jiċkienu[66], huwa possibbli li l-belt kollha tiġi nnominata bħala żona ta’ CLLD. Bl-istess mod, jekk l-enfasi tkun fuq grupp fil-mira partikolari bħaż-żgħażagħ jew bħat-tixjiħ attiv, hawnhekk ukoll, tista’ tiġi nnominata l-belt kollha, filwaqt li jiġi osservat il-limitu massimu ta’ 150 000 ruħ. Iż-żoni urbani-rurali x’aktarx li jkunu kkomplikati minħabba li jgħaddu mill-konfini ta’ żewġ muniċipalitajiet jew aktar.

[66] http://en.wikipedia.org/wiki/Shrinking_cities

**Figura 14: Konfigurazzjonijiet spazjali tas-CLLD f'ambjent urban u rurali-urban**




### *Id-daqs taż-żoni u kif għandhom kiġu mmarkati l-konfini*

Id-daqs taż-żoni huwa importanti wkoll. Hawnhekk, il-kunċett prinċipali huwa l-massa kritika. Ir-regolament jispeċifika li ż-żoni għandu jkollhom popolazzjoni ta' bejn 10 000 u 150 000 ruħ. Madankollu, kemm iż-żoni kbar ħafna kif ukoll dawk żgħar ħafna jistgħu jkunu diffiċli biex jiġu amministrati. Iż-żoni żgħar sikwit ikun fihom sempliċiment żona residenzjali waħda bi ftit ħwienet, opportunitajiet ekonomiċi jew organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Iż-żoni kbar b'popolazzjoni ta' 'l fuq minn 50 000 ruħ urew ukoll li diffiċli jiġu amministrati, minħabba li spiss ikollhom ġabra ta' distretti rikonoxxuti lokalment b'identitajiet distinti u s-sħubijiet jistgħu jsiru inkonvenjenti u immaniġġabbli.

Id-deżinjazzjoni taż-żona ta' spiss ikollha tittratta mat-tensjoni ta' jekk għandekx tibda mill-ħtiġijiet jew inkella mill-opportunitajiet. Idealment, iż-żoni jiġu definiti b'tali mod li jinkludu lit-tnejn. Anki f'żoni b'ħafna potenzjal, rari jkun possibbli li jiġu indirizzati l-problemi kollha lokalment. Il-maġġoranza tal-opportunitajiet ikunu jinsabu fil-qalba tal-belt. F'żoni bi ftit opportunitajiet, dawn għandhom jiġu mfittxija barra ż-żona nnifisha u huwa importanti li l-proġetti jgħaqqdu ż-żona u l-popolazzjoni tagħha mal-opportunitajiet ekonomiċi usa' fid-distrett tal-belt prinċipali jew fir-reġjun tal-belt. Dawn il-konnessjonijiet jistgħu jkunu fiżiċi permezz ta' titjib fit-trasport, jew inkella kulturali, billi jitneħħew l-ostakoli mill-mentalitajiet tan-nies dwar ix-xogħol jew l-ivvjaġġar lejn parti oħra tal-belt. Iż-żoni għandhom ikunu koerenti u jitqiesu mhux bħala enklavi, iżda bħala partijiet dinamiċi tal-belt kollha. Raġuni għall-falliment tal-interventi li saru fl-imgħoddi f'distretti żvantaġġjati kienet li sar wisq sforz sabiex jinħolqu ekonomiji awtonomi[67].

---

[67] Ara, pereżempju, Jan Vrancken, 2005 "Changing Forms of Solidarity: Urban Development Programs in Europe", f'Y. KAZEPOV (ed), Cities of Europe. London, Blackwell, p. 255 - 276

# Kapitolu 5. Għaliex u kif jitwettaq is-CLLD għall-inklużjoni soċjali?

## 5.1 Introduzzjoni

Is-CLLD għall-Inklużjoni Soċjali u l-impjiegi għandu potenzjal enormi biex jilħaq lin-nies li l-politiki prinċipali dwar is-suq tax-xogħol u l-inklużjoni ma jistgħux jilħqu. Is-CLLD għall-inklużjoni soċjali jista' jiffoka fuq grupp fil-mira speċifiku, bħall-persuni mingħajr dar, iżda jilħaqhom permezz ta' approċċ territorjali li jiffoka fuq il-kuntest soċjali u lokali tagħhom.

Meta mqabbel maż-żoni rurali (il-FAEŻR), fejn is-CLLD jiġi implimentat permezz tal-approċċ ta' LEADER, u fiż-żoni tas-sajd (il-FEMS), fejn hija ddedikata prijorità speċifika tal-Unjoni għall-istrateġiji tas-CLLD (FLAGs: Gruppi ta' Azzjoni Lokali tas-Sajd), is-CLLD għall-inklużjoni soċjali qiegħed jiġi inkluż biss f'għadd iżgħar ta' Ftehimiet ta' Sħubija bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Madankollu, l-inklużjoni soċjali jista' jkollha wkoll rwol importanti bħala approċċ orizzontali integrat fis-CLLD rurali, kostali jew urban. Hija jista' jkollha wkoll rwol kontinwu fejn l-organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet fiż-żoni tas-CLLD japplikaw direttament għal finanzjament tal-FSE taħt il-prijoritajiet tal-programmi ewlenin tal-FSE.

Hemm argument qawwi li l-inklużjoni soċjali għandha tkun objettiv orizzontali fit-tipi kollha ta' żoni tas-CLLD. Is-sħubijiet tas-CLLD eżistenti fiż-żoni rurali u kostali, li fil-passat iffukaw l-aktar fuq l-opportunitajiet, jistgħu jagħmlu aktar sabiex jindirizzaw l-inklużjoni soċjali fiż-żoni tagħhom. Il-gruppi ta' azzjoni lokali tas-CLLD ta' spiss jitmexxew minn membri attivi tal-komunità lokali u xi drabi jistgħu jinjoraw il-partijiet inqas viżibbli tal-komunità. Il-bini u l-integrazzjoni tal-inklużjoni soċjali fl-istrateġiji lokali jistgħu jtejbu l-bilanċ ta' dawn l-istrateġiji u jagħtuhom iċ-ċans li jwieġbu aħjar għall-ħtiġijiet lokali.

### *Inkoraġġiment għall-innovazzjoni soċjali lokali*

Kemm ir-regolament tal-FSE kif ukoll ir-regolament tal-FEŻR jagħmlu referenza speċifika għall-innovazzjoni soċjali bħala mezz ta' tfassil mill-ġdid tas-servizzi lokali u tal-indirizzar tal-isfidi lokali. L-innovazzjonijiet soċjali huma innovazzjonijiet li huma soċjali kemm fl-għanijiet aħħarija tagħhom kif ukoll fil-mezzi sabiex jintlaħqu tali għanijiet. Speċifikament, huma prodotti, servizzi u mudelli ġodda li simultanjament jissodisfaw il-ħtiġijiet soċjali u joħolqu kollaborazzjonijiet jew relazzjonijiet soċjali ġodda. Huma marbuta mill-qrib mas-CLLD minħabba li "huma innovazzjonijiet li mhux biss huma tajbin għas-soċjetà, iżda wkoll isaħħu l-kapaċità tas-soċjetà li taġixxi." Firxa wiesgħa ta' approċċi għall-innovazzjoni soċjali hija enfasizzata fil-gwida riċenti għall-innovazzjoni soċjali fil-politika ta' koeżjoni[68], li tenfasizza għadd ta' eżempji appoġġjati mill-FEŻR u mill-FSE. Il-gwida tispjega wkoll kif il-Kampijiet tal-Innovazzjoni Soċjali, il-kunċett ta' riċerka tal-laboratorji ħajjin u l-mentalità tad-disinn jistgħu jtejbu l-"vjaġġ tas-servizz" tal-klijent. Dan huwa rilevanti ħafna għas-CLLD fir-rigward tal-inklużjoni soċjali, li sikwit tindirizza l-fallimenti u n-nuqqasijiet għat-twettiq tal-politika prinċipali. L-approċċi tal-innovazzjoni soċjali jista' jkollhom rwol ewlieni fl-invenzjoni mill-ġdid tas-CLLD għas-seklu 21.

Ir-riflessjoni dwar l-Innovazzjoni Soċjali diġà qiegħda tinfluwenza lis-sħubijiet lokali. In-netwerk tat-tagħlim ta' URBACT imsejjaħ "My Generation at Work", li jiffoka fuq iż-żgħażagħ, qiegħed

---

[68] *Gwida għall-Innovazzjoni Soċjali fil-politika ta' koeżjoni*:
http://s3platform.jrc.ec.europa.eu/documents/10157/47822/Guide%20to%20Social%20Innovation.pdf

juża tekniki tal-innovazzjoni soċjali li għandhom għeruq lokali biex jgħin lill-imsieħba tal-belt tiegħu itejbu s-sistemi ta' appoġġ tagħhom għat-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għad-dinja tax-xogħol. Dan in-netwerk huwa mmexxi mill-belt ta' Rotterdam, li fil-passat kienet intgħażlet bħala Belt Kapitali Ewropea taż-Żgħażagħ. L-imsieħba tal-belt użaw il-mudell ta' spiral tal-innovazzjoni sabiex jesploraw liema stadju laħqu u jekk l-innovazzjonijiet tagħhom humiex dwar prototipi jew skalar ' fuq (ara l-figura 15 ta' hawn taħt).

**Figura 15: L-Ispiral tal-Innovazzjoni skont in-netwerk "My Generation at Work"**




L-ispiral juri kif l-ideat jiżviluppaw minn suġġerimenti. Dawn jiġu minn varjetà ta' direzzjonijiet, bħal djalogu ma' gruppi ta' utenti, jew idea minn konferenza jew żjara fuq il-post. Il-prototipi jiġu koprodotti mill-grupp ta' appoġġ lokali (grupp ta' partijiet interessati simili għal grupp ta' azzjoni lokali) bil-għan li jiġu żviluppati proġetti pilota fuq skala żgħira li jkunu jistgħu jiġu ttestjati b'baġit minimu u fuq perjodu ta' żmien qasir. Dawk li jirnexxu jgħaddu għall-fażi li jmiss ta' sostenn u minn hemm 'il quddiem għal skalar u fl-aħħarnett (iżda rari) għal bidla sistemika. Il-qasam tal-innovazzjoni soċjali joffri għadd ta' metodoloġiji u approċċi li jistgħu jintużaw fil-livell lokali għat-tfassil radikali mill-ġdid ta' politiki li qegħdin ifallu.[69] Hemm interess ġdid fid-disinn tas-servizz bħala approċċ, bis-self ta' ħafna tekniki mid-disinn tal-prodotti iżda applikati f'ambjent ta' forniment tas-servizzi.

### *Is-CLLD rigward l-inklużjoni soċjali fil-programmi preċedenti*

Hemm ħafna eżempji ta' żvilupp tal-istrateġija lokali u ta' inizjattivi tal-impjiegi lokali minn programmi prinċipali, Inizjattivi Komunitarji u azzjonijiet innovattivi preċedenti. Xi eżempji jinkludu:

---

[69] Eddy Adams u Bob Arnkil (2012), Workstream report on social innovation and youth, URBACT http://urbact.eu/fileadmin/general_library/19765_Urbact_WS3_YOUTH_low_Final.pdf

- Poverty III, li dam għaddej mill-1989 sal-1994. Il-programm kien jinkludi 29 proġett Mudell li kienu jikkonċentraw fuq żoni żvantaġġjati. Ħafna organizzazzjonijiet, li kellhom isiru fundamentali għall-iżvilupp lokali, irċevew l-ewwel finanzjament tagħhom mill-UE taħt Poverty III;
- Il-prijoritajiet Komunitarji tal-iżvilupp ekonomiku fil-programmi tal-Objettiv 1 u 2 tar-Renju Unit mill-perjodu 1994-2006 kellhom enfasi qawwija fuq l-istrateġiji lokali minn isfel għal fuq għall-attivazzjoni tas-suq tax-xogħol. Dan twettaq b'mod sħiħ fil-miżuri "Pathways to Integration" ta' Merseyside fil-programm tal-Objettiv 1 u fil-programm tal-Objettiv 2 ta' Strathclyde;
- L-Inizjattivi Komunitarji tal-FSE (NOW, YOUTHSTART u HORIZON 1994-99) kellhom komponent lokali qawwi, l-istess kif kellhom diversi temi fi ħdan EQUAL (2000-2006), inklużi dawk għall-ekonomija soċjali u l-ħolqien tan-negozju. Il-prinċipju tal-innovazzjoni ta' EQUAL rawwem approċċ esploratorju ta' innovazzjoni soċjali bbażat lokalment madwar l-Ewropa u wassal għall-islogan waqt il-konferenza finali ta' EQUAL: "Iċ-ċirkolazzjoni libera ta' ideat tajbin" (Free movement of good ideas);
- Il-Kapital Soċjali Lokali u Sorsi Ġodda ta' Impjiegi, it-tnejn li huma ffinanzjati taħt l-Artikolu 6 dwar l-Azzjonijiet Innovattivi, wasslu għal esperimenti fuq vawċers għas-servizzi, mikroproġetti u strumenti finanzjarji ġodda;
- Mad-89 Ftehim ta' Impjiegi Territorjali li kienu ffinanzjati b'assistenza teknika taħt il-FSE, il-FEŻR u l-FAEGG (l-iżvilupp rurali) mill-aħħar tad-disgħinijiet. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-passi kienu dwar l-allinjament tal-politika f'livelli spazjali ogħla, madwar terz tagħhom ħadu approċċ speċifikament lokali (ara, pereżempju, l-erba' ftehimiet Irlandiżi f'Limerick, Westmeath, Dundalk u Drogheda u Dublin) u żviluppaw approċċi ġodda għat-tqabbil tal-impjiegi lokali u l-attività fuq in-naħa tad-domanda, inkluż permezz ta' ħidma għall-inklużjoni tal-impriżi soċjali. Il-ftehimiet jissoktaw f'partijiet tal-Ġermanja (pereżempju f'Berlin) u tal-Awstrija (ikkoffinanzjati mill-FSE) u kienu integrati wkoll fil-programmi tal-FSE fl-Ungerija, fl-Italja u fi Spanja;
- Il-programm Progress (2007-2013) iffinanzja pjanijiet ta' azzjoni lokali għall-inklużjoni soċjali. Uħud mill-esperimenti soċjali taħt Progress ipproduċew riżultati interessanti li huma rilevanti għall-iżvilupp lokali.

Fil-perjodu 2007-13, in-nuqqas ta' Inizjattivi Komunitarji flimkien mar-riżultati mħalltin fl-integrazzjoni ta' EQUAL wasslu għal tnaqqis fl-evidenza ta' approċċi organizzati tal-iżvilupp lokali fi ħdan l-FSE. Madankollu, fil-livell lokali, xorta waħda hemm kultura vibranti u ffukata fuq l-opportunitajiet ta' applikazzjonijiet ta' finanzjament għal appoġġ mill-FSE. Ħafna mill-promoturi tal-proġetti jistgħu jintraċċaw l-oriġini tagħhom lura għal esperimenti ta' żvilupp lokali preċedenti.

### *Is-CLLD fir-regolamenti*

Skont ir-regolament tal-FSE, is-CLLD għall-inklużjoni soċjali huwa appoġġjat skont l-Objettiv Tematiku 9 għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar. L-enfasi hija fuq l-appoġġ għat-tħejjija, it-tmexxija u l-animazzjoni tal-istrateġiji lokali; huwa jappoġġja attivitajiet li tfasslu u ġew implimentati skont l-istrateġija lokali fiż-żoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE fl-oqsma tal-impjiegi, l-edukazzjoni, l-inklużjoni soċjali u l-bini tal-kapaċità istituzzjonali. Madankollu, bħal fil-każ tal-FEŻR, is-CLLD jista' jappoġġja kwalunkwe wieħed mill-objettivi tematiċi u kwalunkwe waħda mill-prijoritajiet tal-investiment, anki jekk huwa pprogrammat taħt objettiv tematiku wieħed.

Ir-regolament tal-FSE huwa espliċitu fl-appoġġ għall-idea li l-partijiet interessati lokali jitlaqqgħu flimkien sabiex jilħqu l-miri tal-Ewropa 2020:
*"Il-mobilizzazzjoni tal-partijiet interessati lokali u reġjonali għandha tgħin fit-twassil tal-istrateġija Ewropa 2020 u fil-kisba tal-miri ewlenin tagħha. Il-ftehimiet territorjali, l-inizjattivi lokali għall-impjiegi u l-inklużjoni soċjali, l-istrateġiji ta' żvilupp lokali sostenibbli u inklużivi mmexxija mill-komunità f'żoni urbani u rurali u l-istrateġiji ta' żvilupp urban sostenibbli jistgħu jintużaw u jiġu appoġġjati biex jinvolvu b'mod aktar attiv lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, lill-bliet, lill-imsieħba soċjali u lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi tul il-preparazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-programmi". (il-premessa 23 tal-FSE).*

**5.2 L-istrateġiji tas-CLLD għall-inklużjoni soċjali**

L-inklużjoni soċjali tista' tiġi inkluża fl-istrateġiji tas-CLLD f'firxa ta' modi differenti. Fil-bidu tal-programmi, l-appoġġ preparatorju jkun disponibbli għal dawk is-sħubijiet stabbiliti ġodda. Il-fażi tat-twaqqif teħtieġ bini tal-kapaċità u sensibilizzazzjoni estensivi sabiex jiġu stabbiliti gruppi ta' azzjoni lokali li jkunu rilevanti għall-isfidi lokali u għall-bini tal-kapaċità tal-organizzazzjonijiet lokali sabiex iwettqu l-proġetti u jamministraw il-fondi.

Minħabba li l-"lokal" huwa l-post fejn jgħixu u jaħdmu n-nies, huwa tabilħaqq il-post li jew isaħħaħ jew inkella jkisser il-politiki dwar is-suq tax-xogħol. Is-CLLD joffri l-possibbiltà li jingħaqdu flimkien il-friegħi tal-politika li jaslu minn livelli differenti tal-gvern. Inevitabbilment, fi kwalunkwe sistema kumplessa ta' servizzi pubbliċi jkun hemm lakuni fil-forniment, u l-gruppi tas-CLLD ikunu jistgħu janalizzaw dawn il-lakuni u jipproponu soluzzjonijiet għalihom (pereżempju dwar kif għandha ssir l-integrazzjoni tal-indukrar tat-tfal sabiex il-ġenituri jkunu jistgħu jattendu korsijiet ta' taħriġ). L-analiżi lokali tista' tenfasizza wkoll iċ-ċrieki ta' finanzjament mhux virtuż, li jfisser li dawk l-organizzazzjonijiet li jagħmlu dak kollu li jistgħu sabiex jgħinu lil xi ħadd isib ix-xogħol rari jiġu ppremjati fil-proporzjon.

*L-enfasi tas-CLLD għall-inklużjoni soċjali*

L-enfasi klassika tas-CLLD għall-inklużjoni soċjali kienet li dan jindirizza xi aspetti ta' problema tal-impjiegi lokali – normalment inkwadrati madwar il-qgħad għoli fit-tul. Madankollu, fil-passat kien hemm eżempji ta' approċċ ta' grupp aktar fil-mira. Pereżempju, wieħed mill-proġetti ta' Poverty 3 fl-Irlanda ffoka fuq il-bini ta' relazzjonijiet aħjar bejn il-vjaġġatur u l-komunitajiet residenti fil-belt ta' Dublin.

Għall-perjodu 2014-2020, x'aktarx li l-istrateġiji lokali jkollhom firxa usa' milli kellhom fl-imgħoddi. Filwaqt li wħud minnhom jibdew bi gruppi fil-mira, huwa antiċipat li dan sejjer ikun fi ħdan qafas aktar integrat għaż-żona. It-taqsimiet ta' hawn taħt ikopru firxa ta' suġġetti.

- L-indirizzar tal-esklużjoni soċjali u l-qgħad
- Il-ġlieda kontra l-problema tan-nies mingħajr dar
- Il-komunitajiet emarġinati
- L-integrazzjoni tal-migranti
- Il-komunitajiet intraprendenti: l-intrapriża soċjali u l-ħolqien tan-negozju
- L-inklużjoni finanzjarja u l-mikrokrediti
- L-inizjattivi għaż-Żgħażagħ
- Komunitajiet b'saħħithom
- It-tixjiħ attiv

*L-indirizzar tal-esklużjoni soċjali u l-qgħad*

Fl-imgħoddi, il-qgħad u l-esklużjoni soċjali kienu l-mira ta' ħafna strateġiji tal-inklużjoni lokali. Fil-fatt, kienu l-mira tal-approċċ Merseyside Pathways kif ukoll il-mira ta’ ħafna mill-Ftehimiet dwar l-Impjiegi Territorjali.

Fl-Irlanda, mill-kriżi ’l hawn, id-distretti fit-Tramuntana u fin-Nofsinhar ta’ Limerick esperjenzaw segregazzjoni soċjali estrema (ara l-kaxxa 23 ta’ hawn taħt).

**Kaxxa 23: L-approċċi tas-CLLD għall-inklużjoni soċjali f’Limerick, l-Irlanda.**

Limerick għandha storja twila ta’ approċċi għall-iżvilupp lokali li tmur lura għall-programm Poverty 3. Is-sħubija Paul mexxiet il-ħidma tal-belt abbażi ta’ ftehim dwar l-impjiegi territorjali li sar fis-snin disgħin.

Matul il-perjodu magħruf bħala Celtic Tiger, il-belt esperjenzat żieda qawwija li kienet riflessa wkoll f’qasma soċjali li kull ma marret kibret. Iż-żoni residenzjali soċjali kienu qegħdin isiru ifqar u bdew ibatu minn problemi ta' droga u ta' kriminalità, filwaqt li l-bqija ta’ Limerick daħħlet il-flus miż-żieda qawwija fil-bejgħ tal-proprjetà. Meta tfaċċa t-tnaqqis ekonomiku f’daqqa, il-livelli tal-qgħad sparaw ’il fuq. Fl-2012, ir-rata tal-qgħad madwar il-belt kienet ta’ 29%, iżda għaż-żgħażagħ ta’ bejn 15 u 19-il sena, ir-rata żdiedet b’aktar mid-doppju, għal 68%, filwaqt li għaż-żgħażagħ ta’ bejn 20 u 24 sena, ir-rata telgħet għal 45%.

Id-distretti żvantaġġjati huma ż-żoni residenzjali soċjali fin-naħat tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-belt b’madwar 6,200 abitant. Dawn iż-żoni għandhom rata tal-qgħad ta’ 52% u, filwaqt li 80% tad-djar jiddependu fuq is-servizzi soċjali, huma biss 50% li għandhom l-ewwel livell ta’ edukazzjoni. Il-programm ta’ riġenerazzjoni oriġinali ta’ EUR 3 biljun sfaxxa fix-xejn minħabba t-tnaqqis li kien hemm. Sadanittant, huwa ppjanat programm ta’ riġenerazzjoni integrat aktar modest biex jeħodlu postu.

Minkejja l-problemi profondi, kien hemm progress reali. Fl-2007, twaqqaf Ċentru ta’ Tagħlim fiż-żona lejn in-naħa tat-Tramuntana bl-użu ta’ bini mogħti b’donazzjoni u taħlita ta’ fondi pubbliċi, privati u filantropiċi. Dan iċ-ċentru estenda t-tagħlim offrut sabiex jipprova jnaqqas it-tluq kmieni mill-iskola u jagħti t-tieni ċans lill-individwi. Huwa jopera permezz ta’ metodi ta’ tagħlim divertenti: ċentru tal-mużika, ċentru tax-xjenza u "ċentru diġitali" għat-teknoloġiji diġitali. Fl-2012, żaruh 9,700 tifel u tifla u 1,300 persuna adulta. Ġew ikkontribwiti ’l fuq minn 12 000 siegħa ta’ volontarjat. Dan kollu nkiseb b’baġit ta’ EUR 288 000 biss.

Fin-nofsinhar ta’ Limerick, il-Kooperattiva ta’ Żvilupp ta’ Southill hija organizzazzjoni tal-iżvilupp tat-tip fiduċjarju li twaqqfet fl-1984 u li hija proprjetà tal-komunità permezz ta’ ħruġ ta’ ishma. Hija tmexxi faċilità ta’ indukrar tat-tfal, twettaq iżolmenti termiċi li jsiru wara u tikkonserva l-enerġija, tipprovdi ġestjoni tal-proprjetà u servizzi komunitarji, taħdem maż-żgħażagħ permezz ta’ sensibilizzazzjoni, tagħmel manutenzjoni tal-karozzi u tmexxi inkubatur u spazju tax-xogħol għall-intrapriżi lokali. Fl-2012, hija kellha 103 impjegati u 3 700 utent. Huma installaw sistemi ta’ iżolament termiku f'720 dar, kellhom 1 000 membru f’unjin kreditizja u għenu lil 400 persuna bit-taħriġ. Il-fatturat tagħha kien ta’ EUR 1.5 miljun, li kien jinkludi dħul mill-bejgħ.

Il-pjan tal-integrazzjoni u tal-impjiegi lokali ta’ Greater Narbonne jopera tul territorju wiesa’ li jkopri 38 muniċipalità u jiffinanzja proġetti li jippromwovu l-inklużjoni soċjali u l-impjiegi (ara l-kaxxa 24 ta’ hawn taħt).

**Kaxxa 24: Il-pjan tal-integrazzjoni u tal-impjiegi lokali fi Greater Narbonne, Franza**

Il-pjan lokali għall-integrazzjoni u l-impjiegi (PLIE) fi Greater Narbonne ilu jopera sa mill-1995. Huwa wieħed mill-182 PLIE li joperaw madwar Franza. Dan il-pjan ikopri żona b'popolazzjoni ta' 122 000 ruħ u 38 muniċipalità. Iż-żona għandha rata ta' qgħad 'il fuq mill-medja. Hija għandha l-għan li kull sena tipprovdi 800 mogħdija ta' integrazzjoni, b'rata ta' integrazzjoni pożittiva ta' 42%, magħmula minn dawk li jidħlu fid-dinja tax-xogħol għal minimu ta' sitt xhur, jew li jkunu ilhom impjegati għal rashom għal mill-inqas sena. Barra minn hekk, hemm 8% oħra tal-popolazzjoni li jieħdu taħriġ li jwassalhom għal kwalifika ta' diploma.

Fost il-ħafna passi possibbli fi ħdan mogħdija ta' integrazzjoni, l-"Ateliers et Chantiers d'Insertion" (ACI) jipproponu attivitajiet simili għal sitwazzjonijiet tax-xogħol, li jippermettu li l-parteċipanti jiksbu l-għarfien, jibbenifikaw minn taħriġ ikkwalifikat u jipparteċipaw fl-iżvilupp territorjali.

Il-punt ta' aċċess ewlieni għall-klijenti huwa pprovdut mill-Maison de l'emploi, li huwa punt ta' kuntatt uniku li jgħaqqad is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi ma' msieħba oħrajn. Huwa jipprovdi appoġġ lill-persuni qiegħda, osservazzjoni dwar l-impjiegi u taħriġ fil-lokalità kif ukoll appoġġ lill-intrapriżi. Fis-sejħa għall-proġetti tiegħu tal-2013, il-PLIE ta' Grand Narbonne jiggwida lill-applikant lejn impjiegi b'potenzjal ta' tkabbir: l-agrikoltura/it-tkabbir tad-dwieli, is-settur tal-bini, is-servizzi tal-kura, l-ispazji ekoloġiċi u t-turiżmu.

### *Il-ġlieda kontra l-problema tal-persuni mingħajr dar*

Il-kundizzjoni tal-persuni mingħajr dar hija sfida urbana li tista' tkun ta' theddida għall-koeżjoni soċjali f'belt. Il-persuni li jispiċċaw mingħajr saqaf fuq rashom isibu ruħhom fit-tarf estrem tal-esklużjoni, li ttellifhom milli jipparteċipaw b'mod sħiħ fis-soċjetà. Iċ-ċansijiet f'ħajjithom sikwit jitnaqqsu b'mod permanenti minħabba mard, filwaqt li l-aċċess għas-servizzi jkun diffiċli jew impossibbli. Il-biċċa l-kbira tar-rimedji tradizzjonali jiffokaw fuq il-kollokamenti f'hostels temporanji, ħafna drabi f'ambjenti istituzzjonalizzati li jagħmluha diffiċli li jinbnew rabtiet dejjiema mal-komunitajiet lokali. Il-hostels temporanji jistgħu jinkludu appoġġ u kura għall-abbuż mis-sustanzi u problemi oħrajn, iżda l-kundizzjonijiet ta' akkomodazzjoni instabbli tal-individwi kkonċernati jfissru li huma ma jkunux jistgħu jibbenifikaw b'mod sħiħ minn dan l-appoġġ u sikwit jispiċċaw jitilqu jew jerġgħu lura għall-vizzju tagħhom ftit wara li jispiċċa l-programm.

Il-persuni mingħajr dar ta' spiss jirreżistu l-ambjent istituzzjonali ta' hostel għal diversi raġunijiet (ambjent diffiċli, konċentrazzjoni ta' problemi soċjali, firda mill-familji, nuqqas ta' rabtiet mal-komunità ġenerali, ebda aċċess għat-trasport pubbliku, eċċ.) u jerġgħu lura jgħixu fit-toroq jew jibqgħu f'forom oħrajn ta' akkomodazzjoni insikura. Il-proġett "L-Akkomodazzjoni l-Ewwel" jagħmel tentattiv biex ikisser dan iċ-ċirku billi jittratta l-problema tal-akkomodazzjoni bħala l-ewwel prijorità, billi jinstabu soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni direttament fil-komunità (mifruxa madwar żona urbana u mhux kollha kkonċentrati f'hostels temporanji). Minn dak il-punt 'il quddiem, ikun jista' jiġi organizzat l-aċċess għal servizzi oħrajn. "L-Akkomodazzjoni l-Ewwel" ma jittrattax u ma jirreferix biss għall-akkomodazzjoni. Min-natura tagħha, tali akkomodazzjoni tinsab fil-komunitajiet u teżisti l-opportunità li jiġi żviluppat approċċ ta' CLLD sabiex tiġi miġġielda l-problema tal-persuni mingħajr dar, fejn il-komunitajiet jipprovdu forom ta' akkomodazzjoni (pereżempju; is-sidien tal-art privati, l-akkomodazzjoni soċjali) jew appoġġ (bil-bini ta' netwerks soċjali, il-provvista ta' pakketti inizjali għall-persuni li jsibu akkomodazzjoni). L-eżempju ta' Lisbona li jidher hawn taħt juri kif approċċ tal-Akkomodazzjoni

l-Ewwel jista' jintegra mill-ġdid lill-persuni mingħajr dar fil-komunitajiet u jġib benefiċċji fit-tul oħrajn kemm għall-individwi kif ukoll għas-soċjetà ġenerali.

**Kaxxa 25: Casas Primeiro (L-Akkomodazzjoni l-Ewwel), Lisbona, il-Portugall**

Casas Primeiro huwa proġett li jsib akkomodazzjoni mill-ġdid għall-persuni mingħajr dar bi problemi ta' saħħa mentali u ta' abbuż mis-sustanzi li sabu ruħhom jgħixu barra fit-toroq ta' Lisbona. Dan il-proġett uża l-approċċ tal-Akkomodazzjoni l-Ewwel sabiex jindirizza l-problema tal-persuni mingħajr dar li jgħixu fit-toroq f'ċerti żoni ta' Lisbona u kien meqjus bħala suċċess fuq firxa wiesgħa ta' kriterji, kif ukoll ġie evalwat. Huwa rebaħ premju bħala l-aqwa proġett mill-Fondazzjoni Calouste Gulbenkian.

Il-proġett ittraduċa l-prinċipji essenzjali ta' Akkomodazzjoni l-Ewwel fil-kuntest ta' Lisbona:

- Il-gruppi ta' azzjoni lokali bħala xprunaturi: is-soċjetà ċivili, għaqdiet tal-karità reliġjużi, il-kunsilli lokali, is-sidien tal-art privati; kif ukoll ir-residenti nfushom
- Akkomodazzjoni permanenti u integrata: il-programm jippromwovi l-aċċess għal sitwazzjonijiet ta' akkomodazzjoni stabbli li mhumiex tranżitorji. Il-programm "L-Akkomodazzjoni l-Ewwel" iħallas l-ispejjeż tal-kera u tal-konsum fid-dar, bħall-ilma u l-elettriku. Ir-residenti joħorġu 30% mid-dħul tagħhom fix-xahar sabiex iħallsu l-ispejjeż relatati mal-akkomodazzjoni;
- Ibbażat fil-Komunità: Il-programm ma jikrix aktar minn unità waħda fi kwalunkwe binja ta' appartamenti jew triq, bil-għan li jippromwovi l-integrazzjoni fil-komunità, bi tranżizzjoni minn ambjenti istituzzjonalizzati għal ambjenti bbażati fil-komunità
- Appoġġ individwalizzat: il-parteċipanti jistgħu jikkondividu d-dar tagħhom ma' xi ħadd ieħor min-netwerk personali jew mill-familja tagħhom, iżda din għandha tkun deċiżjoni tagħhom;
- Akkomodazzjoni mifruxa: L-appartamenti jinkrew mingħand sidien tal-art privati, sabiex b'hekk il-membri tal-komunità lokali jiġu mħeġġa jagħmlu l-appartamenti tagħhom disponibbli. L-appartamenti jinfirxu madwar distretti normali f'żoni differenti ta' Lisbona bil-għan li tiġi evitata konċentrazzjoni f'toroq partikolari;
- Is-separazzjoni tal-akkomodazzjoni u l-kura: il-programm jipprovdi aċċess immedjat għal dar jew appartament. In-nies mhumiex mitluba jipparteċipaw f'kura psikjatrika jew li jwaqqfu kompletament il-vizzju tal-alkoħol jew tas-sustanzi sabiex jingħataw akkomodazzjoni; iżda s-servizzi ta' appoġġ huma flessibbli, imfassla apposta għall-ħtiġijiet ta' kull individwu u disponibbli 24 siegħa kuljum;
- Konnessjonijiet mal-komunità: L-utenti tal-programm jistgħu jibbenifikaw minn servizzi oħrajn ipprovduti mill-komunità u servizzi tal-viċinat (il-gruppi ta' azzjoni lokali), bħall-Bank Alimentari (organizzazzjoni tal-karità li tiddistribwixxi l-ikel lil dawk fil-bżonn), minħabba li d-dħul tal-utenti jkun baxx ħafna u ma jippermettilhomx ilaħħqu mal-ispejjeż kollha tagħhom. Hemm ħafna organizzazzjonijiet lokali li jipprovdu attivitajiet kulturali, ta' divertiment u sportivi maħsuba biex jgħinu fil-bini ta' netwerks soċjali li jipprevjenu l-iżolament.

Ir-riżultati tal-evalwazzjoni juru suċċess kbir fir-riintegrazzjoni tal-klijenti fis-soċjetà. Il-parteċipanti issa għandhom dħul regolari, aċċess aħjar għas-servizzi u jistgħu jorqdu b'mod sikur u mingħajr periklu.

*"Il-ħajja fit-triq kienet timlini b'ħafna tensjoni. Meta kont ngħix u norqod barra, kont naħseb li dak kien l-aħħar tad-dinja għalija. Issa, bl-istabbiltà li tagħtini d-dar, inħossni ferm aktar kalm" (parteċipant ta' Casas Primeiro)*

*Il-komunitajiet emarġinati*

Hemm ħafna komunitajiet emarġinati fl-Ewropa. Madankollu, il-11-il miljun persuna Roma li huma stmati li jgħixu fl-Ewropa huma l-ifqar u l-aktar komunità emarġinata tal-Ewropa. Approċċ territorjali li jinvolvi lil dawn il-komunitajiet jista' jkollu vantaġġi tiegħu billi l-individwi ma jkollhomx bżonn jiġu definiti b'mod etniku. Il-maġġoranza tal-persuni Roma jgħixu f'komunitajiet imħalltin u tista' titrawwem ukoll enfasi fuq it-titjib tar-relazzjonijiet mal-persuni mhux Roma.

L-esperjenza wriet li mhux ir-riżorsi kollha għall-ħidma mal-komunità huma diġà preżenti f'dawn iż-żoni. Il-kisba ta' faċilitazzjoni esterna u t-trattament tal-bini tal-kapaċità u r-riżoluzzjoni tal-konflitti għandhom il-vantaġġi tagħhom. Il-UNDP żviluppa mudell ibbażat fuq l-għoti tas-setgħa għall-ħidma tiegħu fil-mikroreġjun ta' Cserehát fil-fruntiera Ungeriża ta' mas-Slovakja (ara l-Kaxxa 26 ta' hawn taħt).

**Kaxxa 26: L-integrazzjoni tar-Roma f'Cserehát, l-Ungerija**

Cserehát huwa reġjun rurali żgħir fl-Ungerija, li jmiss mas-Slovakja. Iż-żona għandha 116-il insedjament u popolazzjoni ta' madwar 100 000 ruħ. Il-Mudell ta' Cserehát, li ġie żviluppat mill-UNDP, iffoka fuq l-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet lokali permezz ta' mudell ta' taħriġ. Il-mudell jaħdem permezz ta' gruppi ta' awtoassistenza, iċ-Ċentru tar-Riżorsi lokali għall-Iżvilupp Soċjali u n-netwerks relatati tal-iżvilupp territorjali li mhumiex komposti esklussivament minn persuni Roma. Riżultat wieħed huwa li l-kooperazzjoni bejn il-popolazzjonijiet Roma u dawk mhux Roma tjiebet, il-vuċi tal-komunitajiet Roma żvantaġġjati li jgħixu fiż-żona saret ferm aktar b'saħħitha u nħolqu kundizzjonijiet sostenibbli għall-innovazzjoni soċjali fil-komunitajiet lokali. Il-proċess tal-għoti tas-setgħa ffoka fuq it-tisħiħ tal-komunikazzjoni bejn il-popolazzjonijiet li jinsabu fil-maġġoranza u dawk li jinsabu fil-minoranza permezz tal-medjazzjoni tal-kunflitti, it-twaqqif ta' sħubijiet ta' maġġoranza-minoranza orjentati lejn l-iżvilupp u t-titjib tal-ħiliet fl-iżvilupp tal-mexxejja tal-komunitajiet Roma lokali u dawk tal-maġġoranza.

L-ewwel programm ta' Cserehát kien iffinanzjat primarjament mill-UNDP bl-appoġġ ta' LEADER. Dan wassal għall-programm nazzjonali tal-gvern Ungeriż (LHH), li kien iffinanzjat mill-FSE u implimentat mill-gvern Ungeriż bil-għan li jtaffi l-faqar u l-esklużjoni soċjali abbażi taż-żona matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013. L-għan taż-żewġ programmi kien li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien tal-popolazzjoni predominentement Roma f'reġjuni żvantaġġjati.

*L-integrazzjoni tal-migranti*

L-integrazzjoni tal-migranti hija tema fertili għall-approċċi tas-CLLD għall-inklużjoni soċjali. Hija partikolarment importanti fil-bliet, minħabba li huwa hawn fejn jgħixu l-maġġoranza tal-migranti tal-UE, iżda hija rilevanti wkoll f'komunitajiet iżgħar fiż-żoni rurali (ara l-Kaxxa 27 ta' hawn taħt). Iż-żieda tal-koeżjoni soċjali bejn il-migranti u l-komunitajiet ospitanti tista' ttejjeb ir-relazzjonijiet komunitarji u tindirizza wkoll il-problemi fit-tul tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali, filwaqt li żżid ir-rati tal-impjieg fiż-żewġ komunitajiet.

**Kaxxa 27: Integrazzjoni pożittiva f'Riace, Calabria, l-Italja**

Riace fil-Calabria, l-Italja, għamel lilu nnifsu villaġġ ospitanti għall-migranti.[70] Minflok ma ġew milqugħa b'ostilità, il-migranti ġew milqugħa u mogħtija merħba mis-Sindku Domenico

[70] http://mashariazgitonga.blogspot.fr/2013/10/the-tiny-italian-village-that-opened_13.html

Luciano. Qabel il-wasla tal-migranti, il-villaġġ kien qiegħed jiċkien u jmut minħabba nuqqas dejjem jikber ta' servizzi bażiċi. Illum il-ġurnata, il-villaġġ qiegħed jikber u l-kwalità tal-ħajja qiegħda titjieb hekk kif huwa qiegħed jingħata dinamika ġdida grazzi għall-migrazzjoni.

Organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ issib djar vojta u tirranġahom sabiex takkomoda lir-refuġjati fihom. Sakemm jistennew il-ħlasijiet tal-benefiċċji soċjali li jingħataw lil dawk li jkunu qegħdin ifittxu l-ażil u li huma soġġetti għal dewmien li jista' jieħu fit-tul, il-migranti jistgħu jużaw munita lokali stabbilita fil-villaġġ, b'vawċers b'ritratti ta' Gandhi, Martin Luther King jew Che Guevara stampati fuqhom. Meta l-fondi jaslu, il-ħwienet jibagħtu l-vawċers lill-kunsill lokali għall-ħlas. Il-migranti huma impjegati bi qligħ fil-workshops għall-ħjata u l-produzzjoni tal-ħwejjeġ, il-produzzjoni tal-għamara u x-xogħol tal-fuħħar, li twaqqfu b'fondi mogħtija mill-gvern reġjonali.

Matul is-snin, aktar minn 6 000 immigrant ġew u telqu minn dan il-villaġġ. Kien hemm xi wħud li għażlu li jibqgħu u jikkontribwixxu lejn ir-riġenerazzjoni fit-tul.

Eżempji ta' approċċi bbażati fil-komunità għall-integrazzjoni tal-migranti u l-koeżjoni komunitarja jinkludu:

- Il-villaġġ ta' Riace fil-Calabria rriġenera ruħu billi sar "villaġġ ospitanti" għall-migranti (ara l-Kaxxa 27 ta' hawn fuq);
- "Choices" ("Programa Escolhas") jindirizza l-problemi tal-komunitajiet ta' immigranti fil-Portugall, b'mod partikolari permezz ta' ħidma man-nisa, maż-żgħażagħ u mat-tfal. Huwa jaħdem permezz ta' approċċ minn isfel għal fuq sabiex jikseb il-fiduċja tal-benefiċjarji fil-mira, billi jinkludihom fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet lokali. Il-programm jaħdem fuq it-tluq bikri mill-iskola, il-qgħad fost iż-żgħażagħ, l-edukazzjoni informali, l-esklużjoni diġitali u d-delinkwenza taż-żgħażagħ. 'Il fuq minn mitt muniċipalità żviluppaw pjanijiet lokali permezz ta' dan il-programm.
- STEP: Il-programm South Tyrone Empowerment (ara l-Kaxxa 28 ta' hawn taħt) jieħu approċċ ibbażat fuq l-għoti tas-setgħa u d-drittijiet għall-integrazzjoni tal-migranti u juża metodi ta' żvilupp komunitarju sabiex jiġġeneralizza minn każijiet individwali.

**Kaxxa 28: South Tyrone Empowerment Programme li jintegra lill-migranti b'approċċ ibbażat fuq l-għoti tas-setgħa u d-drittijiet**

Il-programm imsejjaħ South Tyrone Empowerment Programme (STEP) jopera f'Dungannon, villaġġ żgħir b'popolazzjoni ta' 10 000 ruħ fl-Irlanda ta' Fuq. Dan il-programm beda jaħdem fid-disgħinijiet fuq firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet komunitarji f'distretti żvantaġġjati. Fil-bidu tas-snin 2000, wara l-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira u t-tnaqqis fil-vjolenza, migranti tal-UE bdew jaslu f'Dungannon sabiex jaħdmu fl-industrija tal-ipproċessar tal-laħam u f'industriji lokali oħrajn. L-akbar gruppi kienu ġejjin mill-Polonja, mil-Litwanja u mill-Portugall, inklużi persuni li l-oriġini tagħhom kienu mill-Lvant tat-Timor. Il-problemi li ffaċċjaw il-migranti sabiex jiksbu aċċess għall-akkomodazzjoni, l-impjiegi u s-saħħa poġġew pressjoni kbira fuq is-servizzi lokali li ma kinux immirati biex jgħinu lill-ġenerazzjonijiet il-ġodda. STEP wieġeb għal din il-ħtieġa u ħadem permezz ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem sabiex ibiddel il-politiki dwar l-akkomodazzjoni abbinata, sabiex jiggarantixxi d-drittijiet tax-xogħol u sabiex itejjeb l-aċċess għall-akkomodazzjoni. Dan jittratta wkoll it-tilwimiet ta' bejn il-ġirien u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti fid-distretti.

STEP issa huwa waħda mill-akbar NGOs li jipprovdu servizzi dwar id-drittijiet tal-migranti fl-Irlanda ta' Fuq. Dan il-programm seta' jistabbilixxi servizz ta' pariri legali li jintuża mill-migranti

minn madwar il-provinċja. Dak li jiddistingwi l-approċċ tiegħu huwa l-għoti tas-setgħa lill-utenti u d-disponibbiltà tiegħu li jidħol għal kwistjonijiet kollettivi ma' dawk li jħaddmu, mas-sidien tal-artijiet u mal-fornituri tas-servizzi. Huwa jiffinanzja l-mudell tiegħu b'mod trasversali permezz tat-tħaddim ta' għadd ta' intrapriżi soċjali, inkluż servizz ta' interpretar fuq skala kbira, magħmul minn 200 interpretu, li jipprovdi servizzi skont kuntratt lil aġenziji pubbliċi f'firxa wiesgħa ta' lingwi. Huwa jippossjedi u jamministra wkoll spazju tax-xogħol lokali u qiegħed jiddiversifika f'servizzi oħrajn, bħal indukrar tat-tfal, b'reazzjoni għad-domanda lokali.

*Komunitajiet intraprendenti: l-intrapriża soċjali u l-ħolqien tan-negozju*

L-intrapriża hija rotta barra mill-esklużjoni għal proporzjon sinifikanti tal-persuni mingħajr xogħol. Barra minn hekk, aktar u aktar nies qegħdin jinteressaw ruħhom fl-intrapriża soċjali u fl-imprenditorja soċjali bħala mod kif jistgħu jiġu indirizzati l-ħtiġijiet soċjali.

Li "toħloq impjieg u mhux issib impjieg" qiegħed isir motto ripetut għall-persuni qiegħda fil-ħajja tal-lum. Madankollu, il-biċċa l-kbira tas-servizzi ta' appoġġ mhumiex iddisinjati tajjeb biżżejjed għan-nisa jew għall-imprendituri żgħażagħ. Hemm potenzjal enormi għall-bidu ta' negozji ġodda min-nisa, mill-persuni b'diżabilità, miż-żgħażagħ, mill-anzjani, minn eks delinkwenti u minn gruppi oħrajn li mhumiex irrappreżentati biżżejjed fl-impriża. Biex nagħtu eżempju wieħed, fil-maġġoranza tal-Istati Membri tal-UE, in-negozji miftuħa ġodda min-nisa huma nofs dawk tal-irġiel. L-approċċi tas-CLLD jistgħu jappoġġjaw lill-komunitajiet intraprendenti fil-livell lokali sabiex jindirizzaw dan il-potenzjal billi jipprovdu mudelli inklużivi ta' appoġġ għan-negozju li huma marbuta u integrati aħjar:

- Il-Komunità ta' Prattika dwar l-Intraprenditorija Inklużiva (COPIE) ilha taħdem fuq din l-isfida għal dawn l-aħħar sitt snin permezz ta' netwerk ta' tagħlim tal-FSE. Is-sett ta' strumenti tagħha[71] jinkludu għodda dijanjostika li tista' tevalwa jekk is-servizzi tal-intrapriża lokali humiex inklużivi.
- L-Andalusija ppromwoviet l-intraprenditorija permezz tal-approċċ tal-iżvilupp lokali tagħha msejjaħ ATIPE, li jikkomprendi miżuri ta' inklużjoni attiva u l-promozzjoni tal-impjieg indipendenti permezz ta' għotjiet. Dawn l-għotjiet ġew estiżi fl-2009 bil-ħsieb li jikkonsolidaw in-negozji mikro b'inqas minn ħames impjegati f'setturi ekonomiċi sostenibbli bħas-servizzi ta' kura għal persuni dipendenti, attivitajiet li jippromwovu l-ambjent u l-enerġiji rinnovabbli u r-restawr ta' bini pubbliku. Hija għamlet ukoll self dirett li jitla' sa EUR 11 000.
- Basta Arbetskooperativ, stabbilita fin-nofsinhar ta' Stokkolma, hija intrapriża soċjali mmexxija mill-klijenti li tipprovdi bidu ġdid għall-persuni li jkunu ilhom vittmi tad-droga għal żmien twil billi toħloq opportunitajiet ta' xogħol lokali. L-utenti jaħdmu f'firxa ta' negozji għal perjodu sa erba' snin l-aktar.
- Il-Fondazzjoni Barka, li hija bbażata fil-Polonja, iżda li topera wkoll fir-Renju Unit u fil-Pajjiżi l-Baxxi, ħolqot firxa ta' intrapriżi soċjali bbażati fil-komunità lokali li għandhom l-għan li jintegraw mill-ġdid lin-nies li jkunu spiċċaw mingħajr dar u li jbatu minn problemi relatati oħrajn, fosthom abbuż minn sustanzi u problemi ta' saħħa mentali. Barka rnexxielha tbiddel il-liġi nazzjonali dwar l-intrapriża soċjali fil-Polonja.
- Il-proġett EVU ffinanzjat minn EQUAL ipprovda appoġġ għan-negozju lis-sidien tal-ħwienet u r-ristoranti etniċi f'Kopenħagen bl-użu ta' mudell ta' sensibilizzazzjoni bbażat fil-komunità bil-għan li jgħin lin-negozji jsiru sostenibbli u jtejbu s-servizzi

---

[71] Link għas-sett ta' strumenti ta' COPIE: http://www.cop-ie.eu/copie-tools

tagħhom.[72] L-EVU kkollabora mal-Assoċjazzjoni tal-Konsulenti Kummerċjali bbażati fil-Komunità li taħdem fuq l-intraprenditorija fil-komunitajiet tar-refuġjati u tal-migranti fit-Tramuntana ta' Londra billi tħarreġ lill-konsulenti kummerċjali minn fost l-assoċjazzjonijiet lokali;

*L-inklużjoni finanzjarja u l-mikrokrediti*

Il-foqra u dawk soċjalment esklużi ma għandhomx aċċess għal servizzi finanzjarji ta' kwalità għolja bi prezz ġust. Dan japplika għall-imprenditturi li jaħdmu għal rashom u għan-nies li jissellfu għal ħtiġijiet personali. Waħda mill-aktar industriji li kibret b'pass mgħaġġel matul il-kriżi kienet dik ta' selliefa rgħiba li joffru self ta' flus għal żmien qasir b'rata ta' imgħax għolja, li japprofittaw ruħhom minn nies bi dħul baxx li jitħabtu biex ilaħħqu mal-ispejjeż tal-ħajja. F'pajjiżi mingħajr liġijiet dwar l-użura, ir-rata tal-imgħax annwali għal dan is-self tista' tilħaq il-5 000%.

L-istituzzjonijiet finanzjarji tal-komunità jfittxu li jindirizzaw din ix-xejra u li jgħinu lill-persuni foqra u esklużi, filwaqt li jinkoraġġixxu t-tfaddil u forom oħrajn ta' bini tal-assi personali. Pereżempju, il-mikrotfaddil jista' jgħin sabiex jippromwovi r-reżiljenza finanzjarja għall-familji foqra. F'Govan (Glasgow, ir-Renju Unit), sar tentattiv lokali konġunt sabiex jiġu eliminati s-selliefa li jsellfu flus għal żmien qasir u b'rata ta' imgħax għolja billi r-residenti ġew imħeġġa jiftħu kontijiet ta' tfaddil ma' unjins ta' kreditu u, sal-2013, kwart tar-residenti kellhom il-kontijiet tagħhom.[73]

Hemm firxa ta' prodotti finanzjarji inklużivi: it-tfaddil, is-self għall-użu personali, is-self għall-bidu ta' negozju, il-garanziji u l-assigurazzjoni, kif ukoll servizzi ta' konsulenza monetarja u enfasi fuq it-titjib tal-għarfien finanzjarju u l-kompetenza finanzjarja. Dawn jiġu pprovduti minn firxa wiesgħa ta' istituzzjonijiet finanzjarji għall-iżvilupp komunitarju, istituzzjonijiet ta' mikrofinanzjament u ċentri ta' konsulenza monetarja lokali. Dawn jilħqu b'saħħa lill-komunità:

- F'Turin, PerMicro speċjalizzat f'self għall-bidu ta' negozji u għat-tkabbir minn dawk li jaħdmu għal rashom. Kważi nofs il-klijenti tagħha għandhom sfond ta' migranti u hija diġà qiegħda topera f'xejn inqas minn tnax-il belt Taljana. Il-mudell ta' self tagħha jaħdem mal-assoċjazzjonijiet lokali sabiex tiġi pprovduta garanzija fiduċjarja.
- Fl-Isvezja, NEEM qiegħda ssellef il-flus lil nisa migranti li għandhom aspirazzjonijiet li jiftħu negozji ġodda iżda b'rata ta' konverżjoni baxxa. Huma jipprovdu appoġġ protettiv sabiex jgħinu lin-nisa jagħmlu l-ewwel passi.
- F'Londra, Fair Finance tipprovdi self personali u konsulenza finanzjarja biex tipprova telimina s-suq tas-selliefa li jsellfu l-flus għal żmien qasir u b'rata ta' imgħax għolja. Issa hija qiegħda topera disa' uffiċċji fil-Lvant ta' Londra u taħdem mill-qrib ma' assoċjazzjonijiet lokali li jirreferulha l-klijenti.

Il-Faċilità ta' Mikrofinanzjament għall-Progress tal-UE ġiet imnedija fl-2009 u toffri finanzjament bl-ingrossa lill-istituzzjonijiet u l-banek ta' mikrofinanzjament li jkunu qegħdin isellfu l-flus lil gruppi fil-mira ewlenin bħal persuni qiegħda fit-tul, in-nisa u l-migranti.

---

[72] Il-manwal ta' lħiq prattiku tal-EVU, Kopenħagen.
http://www.wikipreneurship.eu/images/5/52/EVU_Method_Catalogue_for_Outreach.pdf?PHPSESSID=de07f3721c1c77d58a10dbcf53d783f5

[73] http://www.theguardian.com/money/2013/sep/22/glasgow-credit-unions-payday-lenders

Ħafna strumenti finanzjarji, bħal fondi ta' mikrokreditu, x'aktarx li joperaw f'livell spazjali ogħla minn sħubija tipika ta' CLLD. Madankollu, hemm opportunitajiet għall-użu tas-sħubija ta' CLLD bil-għan li ssir konnessjoni magħhom u biex jiġi pprovdut appoġġ kumplimentari, bħal servizzi ta' pariri u riferimenti. Is-sħubijiet tas-CLLD x'aktarx li jkunu jistgħu jaħdmu mal-operaturi tal-finanzjament komunitarju lokali jew reġjonali, li jistgħu jinkludu unjins kreditizji, kif ukoll mutwanti għal mikrokrediti u self personali. Il-maġġoranza tal-unjins kreditizji għandhom għeruq lokali permezz tal-appartenenza komuni ġeografika.[74]

Il-muniti alternattivi jista' jkollhom ukoll effett inklużiv profond fil-livell lokali. Il-banek li joffru servizzi bankarji abbażi tal-ħin (time banks) jippermettu lin-nies jinnegozjaw is-sigħat fil-ħiliet li jkunu kisbu. Dan jista' jibni kapital soċjali u jkun pass 'il quddiem lejn is-suq tax-xogħol. Is-sistemi ta' negozju tal-kambju lokali (LETS) saru parti fundamentali mill-approċċ tal-Villaġġi fi Tranżizzjoni sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju. Villaġġi bħal Totnes (fir-Renju Unit) qegħdin jużaw muniti lokali biex jippromwovu x-xiri lokali, filwaqt li Riace (f'Reggio-Calabria, l-Italja) uża munita lokali biex jassisti fl-integrazzjoni tar-refuġjati li jiffaċċjaw dewmien twil sabiex jirċievu ħlasijiet tal-benefiċċji soċjali (ara l-Kaxxa 27 ta' hawn fuq).

### *Inizjattivi għaż-Żgħażagħ*

Iż-żgħażagħ ta' spiss jiġu demonizzati fid-dibattitu pubbliku u kultant jiġu ttrattati bħala grupp soċjali emarġinat. Ix-xbihat tal-rvellijiet f'Londra, Stokkolma, Ateni u Madrid juru liż-żgħażagħ Ewropej f'ribelljoni miftuħa u juru wkoll il-livelli dejjem qed jiżdiedu ta' aljenazzjoni. Hemm 14-il miljun żgħażugħ u żgħażugħa li bħalissa mhux qed isegwu formazzjoni edukattiva, m'għandhomx impjieg jew mhumiex f'taħriġ, filwaqt li diversi Stati Membri laħqu livelli ta' qgħad fost iż-żgħażagħ ta' 'il fuq minn 50%.

Is-CLLD b'enfasi fuq iż-żgħażagħ jista' jipprova jindirizza din l-isfida billi jgħaqqad il-ġenerazzjonijiet fi ħdan komunità u jiżviluppa mogħdijiet ġodda għax-xogħol. Rapport riċenti tal-Eurofound[75] enfasizza l-ħtieġa għall-innovazzjoni fl-ilħiq u li jitlaqqgħu flimkien il-partijiet kollha interessati, speċjalment l-avviċinament lejn l-impjegaturi, u li jiġi evitat approċċ immexxi mill-fornituri.

---

[74] Xi unjins kreditizji huma bbażati fuq rapport tax-xogħol aktar milli fuq appartenenza ġeografika.

[75] http://www.eurofound.europa.eu/pubdocs/2012/541/en/1/EF12541EN.pdf

**Figura 16: Il-Job Point (l-Uffiċċju tal-Impjiegi) f'Berlin**




Iż-żgħażagħ huma wieħed mill-punti fokali ewlenin tal-Ftehimiet Territorjali ta' Berlin. Il-ftehimiet jaħdmu permezz ta' gruppi ta' partijiet interessati lokali u jużaw forma ta' teħid ta' deċiżjonijiet parteċipattiv sabiex jidentifikaw il-proġetti li jindirizzaw lakuni fil-politika. Eżempju ta' inizjattiva ġdida fil-ftehimiet huma l-Job Points[76], li huma uffiċċji tal-impjiegi faċilment utilizzabbli mill-utenti li jinsabu f'żewġ distretti żvantaġġjati ta' Neukölln u Mitte, u li jaħdmu biex isibu impjiegi lill-persuni qiegħda. Huma jeżistu b'mod parallel għas-sistema ta' ċentru tal-impjiegi uffiċjali, iżda għandhom il-vantaġġ li huwa aktar faċli li jiġi stabbilit rapport ta' fiduċja minħabba li l-Job Point ma jissanzjonax u ma jiġġudikax lill-individwu. Huwa aktar informali u ġie mfassal wara konsultazzjoni estensiva maż-żgħażagħ stess dwar il-ħtiġijiet tagħhom għal servizz bħal dan.

Il-bliet fin-netwerk ta' URBACT imsejjaħ "My Generation at Work" qegħdin jaħdmu fuq soluzzjonijiet radikali għat-tranżizzjoni mis-sistema edukattiva għad-dinja tax-xogħol. Dawn jinkludu l-GFIs ("Go For Its"), li huma esperimenti ta' innovazzjoni soċjali li l-bliet qegħdin jipproduċu flimkien u jmexxu flimkien maż-żgħażagħ. Dawn il-GFIs jiffokaw fuq tliet oqsma: il-kurrikulu, l-intermedjazzjoni u l-ispazji. Xi eżempji ta' GFIs jinkludu: ġurnata fl-intrapriża, il-job cafés, id-dwetti dinamiċi, il-kooperattivi fl-edukazzjoni, il-karrieri professjonali u l-imprendituri fl-iskola. Kull wieħed minn dawn jiġi ttestjat bħala prototip f'belt parteċipanti u dawk li jirnexxu jiġu żviluppati (ara l-Figura 17 ta' hawn taħt).

[76] http://jobpoint-berlin.de/

**Figura 17: Il-grafika "Go For It" ta' My generation at work**




*It-tixjiħ attiv*

Is-soċjetajiet tagħna qegħdin jixjieħu, iżda n-numru ta' snin addizzjonali b'saħħithom mhuwiex jiżdied malajr daqs l-istennija għall-għomor. Numru akbar ta' anzjani inattivi jpoġġi wkoll piż dejjem jikber fuq is-sistemi tal-pensjonijiet u s-servizzi lokali. Parti mis-soluzzjoni tinsab fl-għajnuna mogħtija lill-anzjani sabiex jibqgħu attivi aktar fit-tul, kemm jekk permezz ta' xogħol part-time jew inkella permezz tal-volontarjat u forom oħrajn ta' azzjoni ċivika. Il-banek li joffru servizzi bankarji abbażi tal-ħin, fejn in-nies lokali jikkondividu u jiskambjaw il-kompetenzi u l-ħin tagħhom, urew li jistgħu jimmobilizzaw il-ġenerazzjonijiet kollha. Hemm ukoll potenzjal konsiderevoli li jittejjeb il-benesseri għal dawn il-gruppi permezz tal-promozzjoni tal-koeżjoni komunitarja bi proġetti fuq skala żgħira bbażati fil-komunità li jibnu s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet.

Eżempju ta' approċċ ta' CLLD għat-tixjiħ huwa dak ta' Beacon Hill[77] f'Boston fl-Istati Uniti tal-Amerika. Beacon Hill huwa parti mill-Village Movement dejjem jikber li qiegħed jgħin lil adulti akbar fl-età jixjieħu mingħajr wisq problemi billi jiffaċilita konnessjonijiet aħjar ta' appoġġ għas-servizzi u l-affarijiet soċjali, filwaqt li jagħti ċ-ċans lin-nies jibqgħu fi djarhom. Minflok il-komunitajiet tal-irtirar, l-idea hija li jkun hemm gruppi ta' individwi li jkunu jgħixu madwar distretti jew saħansitra bliet sħaħ, ilkoll konnessi flimkien permezz ta' netwerk.

Fl-Ewropa, il-Finlandja ħadet ir-riedni f'idejha bi strateġiji ta' tixjiħ attiv ibbażati fil-komunità. F'Ħelsinki, il-Living Lab ħadem mal-anzjani u għen sabiex jiġu żviluppati servizzi tas-saħħa ġodda. Finalspurt turi mudell ġdid ta' akkomodazzjoni sostnuta li ġie ddisinjat flimkien mal-utenti. Il-belt ta' Espoo kienet il-pijuniera tal-CaringTV għaċ-ċittadini anzjani. Madwar l-Ewropa qegħdin jiġu żviluppati għadd ta' servizzi diġitali li jgħaqqdu lill-anzjani man-netwerks soċjali

[77] http://www.beaconhillvillage.org/content.aspx?page_id=22&club_id=332658&module_id=75811

lokali tagħhom bil-għan li jiġġieldu s-solitudni u l-iżolament. Fi Spanja, is-citylab ta' Cornella qiegħed jaħdem fuq soluzzjonijiet ta' tagħlim ġodda, filwaqt li fir-Renju Unit, l-Università tat-Tielet Età tagħti lekċers f'livell lokali. Dawn kollha huma approċċi b'għeruq lokali li juru li s-CLLD għat-tixjiħ attiv jista' jkun forza sinifikanti.

### 5.3 Sħubijiet tal-Inklużjoni Soċjali

Is-sħubijiet lokali sikwit jikkritikaw l-approċċ ta' CLLD għall-inklużjoni soċjali. Dawn is-sħubijiet jlaqqgħu flimkien lill-partijiet kollha interessati li huma involuti fid-definizzjoni u mbagħad fl-indirizzar tal-problema. Is-CLLD jiftaħ il-potenzjal għall-involviment dirett tal-utenti u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Ir-regolament jesiġi li l-ebda settur ma għandu jiddomina s-sħubija, li fil-prattika jfisser li r-rappreżentanza tas-settur pubbliku, tas-soċjetà ċivili u tas-settur privat għandha kull waħda tkun taħt il-50% tal-membri li jistgħu jivvotaw.

Is-sħubijiet għandhom ikunu dinamiċi u ħajjin u jmexxu bl-użu ta' approċċi parteċipattivi sabiex b'hekk ikunu jistgħu jikkontribwixxu dawk kollha preżenti. L-esperjenza wriet li gruppi li huma akbar minn għoxrin isiru diffiċli biex jiġu amministrati. Jista' jkun possibbli li jiġu organizzati sottogruppi sabiex jagħmlu l-laqgħat ewlenin aktar maniġġabbli. Huma meħtieġa tekniki attivi ħafna ta' faċilitazzjoni u moderazzjoni sabiex l-imsieħba kollha jinżammu attivi u impenjati.

*L-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nondiskriminazzjoni*

L-għoti ta' prijorità lill-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nondiskriminazzjoni fil-politiki lokali dwar l-iżvilupp jirrikonoxxu li n-nisa u l-irġiel, il-migranti u l-minoranzi etniċi, l-anzjani, iż-żgħażagħ u l-persuni b'diżabilità ma għandhomx aċċess ugwali għar-riżorsi u l-opportunitajiet fis-soċjetà. Barra minn hekk, il-ħtiġijiet ta' ċerti gruppi sikwit ikollhom it-tendenza li jkunu differenti minn dawk tal-utenti tas-servizzi prinċipali.

L-approċċ tas-CLLD jista' jagħmel progress fuq l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nondiskriminazzjoni permezz tat-teħid ta' passi prattiċi. Il-Gruppi ta' Azzjoni Lokali jistgħu jkunu xprunatur importanti għall-bidla, billi jagħtu vuċi u viżibbiltà lill-gruppi li altrimenti jibqgħu moħbija u mhux rikonoxxuti. Pereżempju, f'Zaragoza, l-assoċjazzjonijiet tal-komunità lokali kkonsultaw gruppi ta' migranti ġodda li waslu dwar il-Pjan ta' Integrazzjoni tal-Immigrazzjoni. Is-CLLD jirrikonoxxi li n-nies infushom sikwit ikunu l-esperti fuq il-kundizzjoni tagħhom stess. Madankollu, dan ma jfissirx li huma għandhom it-tweġibiet kollha: l-esperti u l-professjonisti jistgħu jgħinu sabiex jiġu esplorati l-għażliet, filwaqt li l-eżempji minn implimentazzjonijiet b'suċċess fi bnadi oħra jistgħu jkunu utli ħafna sabiex jgħinu lil dawn il-gruppi jaħsbu b'mod differenti.

### L-innovazzjonijiet fis-sħubija u t-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-proġett

L-involviment tal-NGOs u tal-assoċjazzjonijiet lokali fit-tmexxija tal-proġetti wassal għal innovazzjoni konsiderevoli fil-ktajjen tat-twettiq tal-proġetti ffinanzjati mill-UE. Dawn kienu jinkludu modi ta' twettiq ta' mikroproġetti, l-użu ta' sistema ssimplifikata ta' kontabbiltà tal-ispejjeż li ġiet introdotta mill-FSE u approċċi lejn ibbaġitjar parteċipattiv. L-ispejjeż issimplifikati, il-proġetti umbrella u l-mikroproġetti huma ttrattati f'aktar dettall fil-Kapitolu 5.

L-ibbaġitjar parteċipattiv beda jintuża f'xi bliet Ewropej sabiex japprofondixxi u jwessa' s-sħubija u biex jinvolvi firxa wiesgħa ta' ċittadini. Il-kunċett ta' bbaġitjar parteċipattiv oriġinarjament kien ġie żviluppat f'Porto Alegre fil-Brażil, fejn ilu jiġi mħaddem għal dawn l-aħħar 20 sena. Fil-punt għoli tiegħu, sa 10% tal-baġit muniċipali kien allokat b'dan il-mod. L-approċċ kien ikkupjat u żviluppat minn firxa wiesgħa ta' organizzazzjonijiet madwar id-dinja u

issa huwa appoġġjat mill-Bank Dinji. Il-prinċipju bażiku huwa li jsiru sejħiet miftuħa sabiex jiġu ppreżentati firxa ta' għażliet ta' proġetti. Dawn normalment jiġu esplorati sabiex jiġi kkonfermat liema minnhom huma fattibbli. Imbagħad, fit-tielet stadju, ikun imiss il-votazzjoni taċ-ċittadini dwar liema proġetti għandhom jiġu appoġġjati fiż-żona lokali tagħhom. Skont il-forma oriġinali, iċ-ċittadini jivvutaw direttament għall-proġetti. F'xi bliet Ewropej, id-deċiżjonijiet jittieħdu mill-kunsill tal-viċinat li jiġi elett lokalment (pereżempju, il-*Quartiersmanagement* f'Berlin).

F'Cascais (il-Portugall), l-NGO *In Loco* żviluppat teknika ta' bbaġitjar parteċipattiv li issa qiegħda tintuża mill-muniċipalità sabiex tiddeċiedi l-prijoritajiet baġitarji fil-livell lokali. Fl-ewwel sena, kien hemm aktar minn 6 000 persuna li vvotaw fuq 30 proġett. Fit-tieni sena, aktar minn 30 000 persuna vvotaw fuq 32 proġett, u dan huwa ċertament l-ogħla livell ta' parteċipazzjoni li qatt kisbet il-muniċipalità.

Il-proġetti jiġu proposti permezz ta' disa' sessjonijiet pubbliċi fil-lokalitajiet fejn jiġu dibattuti l-ideat tal-proġetti. Il-proposti fihom id-dettalji tal-baġit, il-metodoloġija, it-tim, l-użu tal-għodod tal-parteċipazzjoni, liema istituzzjonijiet sejrin jiġu involuti u kif se jitqassmu r-riżultati. Minn dan il-proċess jintgħażlu l-proġetti li jgħaddu għal analiżi teknika. Fl-analiżi teknika tiġi vvalutata l-eliġibbiltà tal-proġett, filwaqt li tiġi analizzata l-fattibbiltà tiegħu minn dipartimenti interni tal-muniċipalità bl-użu ta' formola standard. Il-proġetti eliġibbli mbagħad jgħaddu għall-fażi li jmiss, li hija l-votazzjoni pubblika.



Figura 18: L-ibbaġitjar parteċipattiv f'Cascais, il-Portugall

**5.4 Id-definizzjoni taż-żoni tas-CLLD għall-inklużjoni soċjali**

Ir-regolament jesiġi li ż-żona għandu jkollha popolazzjoni minima ta' 10 000 ruħ u popolazzjoni massima ta' 150 000 ruħ, għalkemm jista' jkun hemm xi eċċezzjonijiet b'ġustifikazzjoni xierqa. Dawn il-figuri jirreferu għall-popolazzjoni totali taż-żona u mhux għad-daqs tal-gruppi fil-mira.

Intużaw għadd ta' modi sabiex jistabbilixxu ż-żoni għas-CLLD għall-inklużjoni soċjali:

- Ċerti żoni, bħal żoni residenzjali, għandhom konfini naturali, għalkemm hemm xi ftit żoni residenzjali individwali b'popolazzjoni ta' xejn inqas minn 10 000 ruħ;
- Xi drabi l-konfini amministrattivi jintużaw għall-konvenjenza, iżda hemm riskju li dawn iż-żoni ma jikkorrispondux għar-realtajiet lokali tas-suq tax-xogħol fil-prattika. Madankollu, l-ivvjaġġar lejn iż-żoni tax-xogħol (deskritti wkoll bħala żoni urbani funzjonali) jista' jkun twil wisq biex ikun possibbli approċċ ibbażat fil-komunità;
- Iż-żoni ta' spiss ġew definiti bl-użu ta' sett ta' indikaturi ta' privazzjoni. Dawn id-dimensjonijiet ġeneralment jiffokaw fuq il-qgħad, id-dħul, l-aċċess għas-servizzi, l-akkomodazzjoni u l-ambjent. Dan kien il-metodu li ntuża sabiex jiġu identifikati t-38 direzzjoni ta' Merseyside, għalkemm il-konfini eżatti ġew emendati b'mod konsiderevoli fid-dawl tal-kundizzjonijiet lokali. Berlin tuża sett ta' 12-il indikatur statiku u dinamiku biex tagħżel u timmonitorja l-34 żona ta' *Quartiersmanagement* tagħha. Il-ftehimiet tal-impjiegi tagħha jiffokaw fuq il-konfini amministrattivi tat-12-il distrett;

- Iż-żoni ġew definiti minħabba l-preponderanza ta’ grupp fil-mira partikolari. Iż-żoni b'ammonti għoljin ta’ Roma ġew definiti b’dan il-mod.

Id-definizzjoni taż-żoni hija attività delikata. Kull darba li tiġi mpinġija linja fuq mappa, din tinkludi xi nies iżda teskludi oħrajn. Hemm riskju ta’ "lotterija tal-kodiċi postali" fejn l-aċċess għat-taħriġ jew għar-riżorsi ta’ proġett ieħor jiġi stabbilit minn skont fejn toqgħod aktar milli minn skont int min int. Naturalment, l-approċċi tas-CLLD għall-inklużjoni soċjali huma mmirati ġeografikament. Madankollu, dawn id-definizzjonijiet għandhom jiġu interpretati b’mod flessibbli.

# Kapitolu 6. Kif għandha ssir il-koordinazzjoni ma' fondi oħrajn?

### 6.1 Introduzzjoni. Għaliex il-koordinazzjoni bejn il-fondi tal-UE?

Il-koordinazzjoni bejn il-fondi hija mezz sabiex jintlaħaq għan u mhux għan fih innifsu. Il-livelli kollha għandhom ikunu ċari dwar dak illi huma qegħdin jipprovaw jilħqu bil-koordinazzjoni, u jadattaw il-metodi li jużaw adegwatament. Koordinazzjoni mtejba jista' jkollha l-vantaġġi li ġejjin:

**L-ewwelnett,** proċess ta' rendikont komunitarju kollettiv tal-modi ta' kif il-mużajk eżistenti ta' fondi u inizjattivi qed jintuża u jista' jgħin sabiex jiżgura li l-istrateġiji lokali għall-iżvilupp jkunu f'pożizzjoni aħjar sabiex iwieġbu għall-isfidi emerġenti ġodda u jiffokaw fuq dawk l-affarijiet li l-komunità tassew trid u tista' tbiddel fil-livell lokali.

**It-tieni,** din il-koordinazzjoni tista' tiżgura li l-inizjattivi differenti jiġbdu fl-istess direzzjoni u jsaħħu lil xulxin minflok jikkompetu għall-proġetti, fejn jispiċċaw jidduplikaw jew saħansitra jikkontradixxu lil xulxin. Din ix-xorta ta' koerenza politika hija importanti sabiex jittejbu r-riżultati globali miksuba mill-inizjattivi lokali differenti, kif ukoll sabiex tissaħħaħ il-kontribuzzjoni li jagħmel l-iżvilupp lokali għall-programmi reġjonali u nazzjonali.

**Fl-aħħarnett**, koordinazzjoni aħjar tista' tgħin għar-razzjonalizzazzjoni tal-użu tar-riżorsi umani u materjali eżistenti. Il-bini u l-kapaċità amministrattiva jistgħu jiġu kondiviżi, l-ispejjeż tat-trasport jitnaqqsu u kwalunkwe duplikazzjoni tiġi eliminata. Dan jista' jwassal għal iffrankar globali tal-ispejjeż u/jew biex ir-riżorsi jkunu jistgħu jiġu allokati mill-ġdid sabiex jintlaħqu l-prijoritajiet lokali aktar importanti.

Min-naħa l-oħra, integrazzjoni ppjanata ħażin tal-fondi tista' żżid il-kumplessità u ttellef lil-LAGs mill-miri ewlenin tagħhom fl-indirizzar tal-ħtiġijiet u l-opportunitajiet lokali. Għalhekk, il-partijiet interessati għandhom jevitaw li jistabbilixxu mekkaniżmi ta' koordinazzjoni kkumplikati għall-benefiċċju tagħhom stess, sakemm ma jkunx hemm vantaġġi ċari f'termini tat-twassil tar-riżultati fil-prattika.

### 6.2. F'liema livell għandha ssir il-koordinazzjoni bejn il-fondi?

Sabiex taħdem sewwa, il-koordinazzjoni bejn il-fondi fl-aħħar mill-aħħar għandha ssir fil-livelli kollha – Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali. Madankollu, huwa possibbli li livell wieħed jikkumpensa għan-nuqqas ta' koordinazzjoni f'livelli oħrajn. Pereżempju, l-aġenziji lokali sikwit jipprovaw joperaw bħala punt uniku ta' servizz għall-benefiċjarji billi jinternalizzaw il-kumplessità tal-immaniġġjar ta' programmi nazzjonali u sorsi ta' finanzjament differenti. Madankollu, sakemm il-koordinazzjoni ma titjiebx ukoll fi stadji avvanzati, hemm riskju li l-livell lokali jispiċċa mgħarraq fi proċeduri amministrattivi. Fil-fatt, il-kundizzjonijiet u l-opportunitajiet għall-koordinazzjoni bejn il-fondi fil-livell lokali huma stabbiliti fil-livelli reġjonali, nazzjonali u tal-UE.

## Qafas tal-UE mtejjeb għall-koordinazzjoni

Il-Kummissjoni ffaċilitat il-koordinazzjoni billi pproponiet regolament wieħed unifikat li jkopri l-inizjattivi tas-CLLD iffinanzjati mill-Fondi rurali, tas-sajd, reġjonali u soċjali (l-Artikoli 32- 35 tas-CPR) għall-perjodu 2014-2020.

L-Artikolu 32(4) tas-CPR joħloq l-opportunità sabiex l-istess strateġija ta' żvilupp lokali tiġi ffinanzjata minn aktar minn fond wieħed (multifinanzjament) jew inkella minn fond wieħed biss (monofinanzjament). Iż-żewġ għażliet għandhom il-vantaġġi u l-iżvantaġġi, li huma spjegati fil-"Gwida dwar l-Iżvilupp Lokali mmexxi mill-Komunità fil-Fondi Strutturali u tal-Investiment Ewropej", li tħejjiet mill-Kummissjoni għall-MAs.

Jekk l-Istati Membri jmorru għall-għażla tal-multifinanzjament għal uħud mill-istrateġiji ta' żvilupp lokali jew għal kollha kemm huma, huma għandhom l-għażla wkoll li jindikaw "fond ewlieni" (ġeneralment l-akbar fond) fil-qafas ta' strateġija magħżula, li jista' jkopri l-ispejjeż kollha tal-operat u l-animazzjoni tal-grupp ta' azzjoni lokali (LAG). Dan jista' jissimplifika l-affarijiet billi jevita l-ħtieġa li tiġi ġġustifikata l-allokazzjoni tal-ispejjeż operattivi u tal-animazzjoni skont il-proġetti ffinanzjati minn kull fond.

Madankollu, anki jekk l-Istati Membri jagħżlu l-monofinanzjament, huma xorta waħda <u>għandhom</u> jiżguraw il-koordinazzjoni b'diversi modi: *"L-appoġġ mill-Fondi ESI li jikkonċerna l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità għandu jkun konsistenti u kkoordinat bejn il-Fondi ESI kkonċernati. Dan jiġi żgurat, fost l-oħrajn, permezz tal-bini tal-kapaċità, l-għażla, l-approvazzjoni u l-finanzjament ikkoordinati tal-istrateġiji ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità u permezz tal-gruppi ta' azzjoni lokali*" (l-Artikolu 32(3) tas-CPR).

Ir-regolament ma jgħidx kif dan għandu jsir. Il-proċeduri ddettaljati li joħolqu l-kundizzjonijiet għall-koordinazzjoni fil-livell lokali jiddependu fuq il-kuntest istituzzjonali f'kull Stat Membru *u huma stabbiliti fil-livell reġjonali jew nazzjonali.*

## Opportunitajiet għal koordinazzjoni fil-livell reġjonali u nazzjonali

Fil-Ftehim ta' Sħubija tagħhom, l-Istati Membri iridu jindikaw liema fondi se jużaw għas-CLLD, għaliex qegħdin jużaw dawn il-Fondi, f'liema tipi ta' oqsma sejrin jiġu applikati u *kif se jaħdmu flimkien il-Fondi.*

Mill-inqas 5% tal-FAEŻR irid jiġi ddedikat għas-CLLD fiż-żoni rurali (LEADER). Dan x'aktarx li jirriżulta fl-operat kontinwu ta' proporzjon konsiderevoli mill-2300 LAG eżistenti ta' LEADER (għalkemm, possibbilment b'bidliet fis-sħubijiet u fil-konfini). Uħud mil-LAGs (b'mod partikolari dawk fir-reġjuni ta' eks Konverġenza) jistgħu jiffaċċjaw tnaqqis fil-livell ta' finanzjament irċevut mill-FAEŻR u, għalhekk, x'aktarx li jkunu interessati li jiksbu aċċess għal fondi oħrajn.

L-użu tas-CLLD huwa kompletament volontarju fit-tliet fondi l-oħrajn. Madankollu, il-madwar 300 sħubija (gruppi ta' azzjoni lokali tas-sajd jew FLAGs) fiż-żoni tas-sajd iffinanzjati mill-FES bejn l-2007 u l-2013 kisbu livell għoli ta' aċċettazzjoni u huwa mistenni li mill-inqas żewġ terzi tal-Istati Membri jappoġġjaw il-kontinwazzjoni tagħhom.

**Figura 19: Il-koordinazzjoni tal-LAGs u l-FLAGs**




Il-Figura 19 (ibbażata fuq stħarriġ preliminari preċedenti tal-FLAGs minn FARNET) turi li madwar 40% tal-FLAGs u tal-LAGs kienu jifformaw parti mill-istess sħubija u li 10% oħra kellhom korp responsabbli lokali komuni. Mal-10% oħra tal-FLAGs kienu jipprattikaw xi forma oħra ta' koordinazzjoni mal-LAGs ta' LEADER.

Minbarra l-opportunità għal multifinanzjament u forom oħrajn ta' koordinazzjoni bejn il-LAGs fiż-żoni rurali u l-FLAGs fiż-żoni tas-sajd, hemm potenzjal għoli għal koordinazzjoni mtejba bejn il-fondi involuti fis-CLLD fil-każijiet li ġejjin:

- ✓ L-użu tal-FEŻR u tal-FSE sabiex jikkomplimentaw l-istrateġiji ta' żvilupp rurali. Dan jista' jseħħ fil-livell ta' LAG wieħed jew inkella b'mod konġunt f'diversi żoni tal-LAG, meta dan ikun aktar adegwat għall-isfidi li qegħdin jiġu indirizzati mill-FEŻR u mill-FSE (pereżempju, għall-istrateġiji li jittrattaw il-problemi ffaċċjati minn suq tax-xogħol akbar jew f'żona ta' vvjaġġar għax-xogħol li tkopri diversi żoni tal-LAG);
- ✓ Il-koordinazzjoni tal-FEŻR, tal-FSE u tal-FAEŻR għas-sħubijiet urbani-rurali. Dawn jistgħu jkopru bliet bi swieq żgħar, żoni metropolitani u periurbani u/jew sħubijiet urbani-rurali fuq temi speċifiċi (l-ikel, l-ilma, l-enerġija, it-trasport, eċċ.);
- ✓ L-użu tal-FEŻR u tal-FSE sabiex jikkomplimentaw l-istrateġiji ffinanzjati mill-FEMS fiż-żoni tas-sajd. Dan jista' jkun partikolarment importanti f'portijiet akbar jew meta l-FLAGs jiddeċiedu li jassumu rwoli li jikkonċernaw żvilupp kostali usa' jew tkabbir blu;
- ✓ Il-koordinazzjoni bejn il-FEŻR u l-FSE sabiex ikunu jistgħu jittrattaw il-problemi kumplessi tad-distretti urbani żvantaġġjati u sfidi ekonomiċi, soċjali jew ambjentali oħrajn fil-bliet.

Xi Stati Membri reġjonalizzati jistgħu jħallu l-għażliet għall-koordinazzjoni tal-Fondi li jikkonċernaw is-CLLD pjuttost miftuħin fil-Ftehimiet ta' Sħubija tagħhom bil-għan li r-reġjuni u l-bliet jingħataw aktar flessibbiltà sabiex ifasslu l-programmi u l-proċeduri tagħhom b'mod li jkunu aktar adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom. Madankollu, hemm żewġ għażliet wiesgħa disponibbli:

Taħt l-**għażla ta' multifinanzjament,** jeħtieġ li jkun hemm livell għoli ta' koordinazzjoni bejn il-ministeri u l-MAs differenti fl-oqsma kollha msemmija fir-regolamenti, fosthom: il-bini tal-kapaċità, l-għażla u l-approvazzjoni tal-istrateġiji u ż-żoni, il-finanzjament, is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll kif ukoll il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni. Diversi Stati Membri qegħdin jesploraw arranġamenti interessanti sabiex jinkiseb dan il-livell ta' koordinazzjoni, fosthom il-ħolqien ta' korpi intermedji konġunti, MAs uniċi għal fondi partikolari (il-FEŻR u l-FSE), il-kumitati konġunti ta' monitoraġġ u l-kumitati konġunti tal-għażla, kriterji komuni u sejħiet sinkronizzati jew konġunti. Metodu wieħed jimmira li l-fondi jaslu għal qbil fuq ir-rikonoxximent tas-sħubijiet, li mbagħad ikunu jistgħu jiksbu aċċess għall-fondi differenti - jew bħala pakkett komuni wieħed - jew inkella f'fażijiet.

Madankollu, kif issemma diġà, jekk il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni msemmija fuq ma jkunux fis-seħħ u jiffunzjonaw b'mod effettiv, mela allura hemm riskju li jekk is-sħubijiet jiġu obbligati jużaw multifinanzjament, dan jista' "jimmultiplika" l-kumplessità u jiġbed lis-sħubijiet lokali f'direzzjonijiet differenti, li jwassal biex jinbidel l-iskop oriġinali tagħhom.

Bl-**għażla ta' monofinanzjament**, il-qafas reġjonali jew nazzjonali għall-koordinazzjoni bejn il-fondi sejjer ikun aktar dgħajjef u aktar *ad hoc*. Madankollu, is-CPR jgħid li l-Istati Membri għandhom itejbu il-koordinazzjoni fl-istess oqsma bħal fl-għażla ta' multifinanzjament: il-bini tal-kapaċità (pereż. il-koordinazzjoni tal-appoġġ preparatorju u l-assistenza teknika), l-għażla u l-approvazzjoni tal-istrateġiji u taż-żoni (billi mill-inqas tiġi pprovduta informazzjoni ċara u, fejn possibbli, jitlaqqgħu flimkien il-kalendarji, il-proċeduri għas-sejħiet u l-kriterji tal-għażla) u s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll. Madankollu, il-livell u l-kamp ta' applikazzjoni tal-koordinazzjoni x'aktarx li jkunu ferm aktar varjabbli.

It-tabella 3 ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet ewlenin li jeħtieġ li jittieħdu sabiex tiġi żgurata l-koordinazzjoni tal-fondi taħt l-għażliet ta' multifinanzjament u monofinanzjament.

**Tabella 3: L-azzjonijiet għal koordinazzjoni taħt l-għażliet ta' multifinanzjament u monofinanzjament**

| | **Koordinazzjoni b'multifinanzjament** | **Koordinazzjoni b'monofinanzjament** |
|---|---|---|
| Il-kamp ta' applikazzjoni tal-intervent | • Qbil bejn il-fondi fuq it-tipi ta' żoni u t-tipi ta' proġetti<br>• Qbil fuq il-kriterji għall-fond ewlieni, jekk tkun ser tintuża din l-għażla | • Mill-bidu tal-programmi, għandu jiġi żgurat it-tixrid tal-informazzjoni dwar x'finanzjament huwa disponibbli, għal xiex, fejn u meta |
| Il-bini tal-kapaċità, l-għażla u l-approvazzjoni tal-istrateġiji u ż-żoni | • Sejħiet komuni għal appoġġ preparatorju<br>• Bini ta' kapaċità b'mod konġunt<br>• Sejħiet komuni għal strateġiji u żoni<br>• Kriterji tal-għażla maqbula<br>• Proċeduri tal-għażla komuni<br>• Kumitati tal-għażla konġunti | • Għandu jkun permess appoġġ preparatorju sabiex ikun jista' jintuża fit-tħejjija ta' strateġiji li jkopru wkoll il-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ ta' fondi oħrajn<br>• Is-sejħiet għandhom jiġu unifikati kemm jista' jkun possibbli u mill-inqas jipprovdu kalendarju<br>• Gruppi ta' ħidma sabiex jikkoordinaw il-kriterji tal-għażla u l-proċeduri<br>• Il-koordinazzjoni tal-flussi ta' informazzjoni bejn il-kumitati tal-għażla |
| Il-ġestjoni u l-kontroll tal-finanzjament | • Kriterji tal-eliġibbiltà maqbula għall-għażla tal-proġetti. Funzjonijiet komuni għal-LAG fl-għażla tal-proġetti<br>• Funzjonijiet komuni għall-MAs fit-twettiq tagħhom<br>• MAs konġunti għal xi fondi<br>• Korpi intermedji komuni | • Għandu jiġi żgurat li l-kriterji tal-eliġibbiltà wiesgħa għal kull fond ikunu riflessi fid-dokumenti rilevanti<br>• Gruppi ta' ħidma tas-CLLD għal interfinanzjamenti għall-unifikazzjoni u l-kjarifika tal-kumplimentarjetà, il-kwistjonijiet |

| | | |
|---|---|---|
| | • Kumitati jew sottokumitati konġunti għall-monitoraġġ<br>• Proċeduri komuni għall-verifiki tal-ġestjoni | tal-eliġibbiltà u r-rwol tal-LAG<br>• Pjattaformi konġunti, gruppi ta' ħidma tekniċi u networks għall-iskambju ta' prattika tajba bejn il-fondi (netwerks nazzjonali kkoordinati jew konġunti)<br>• Proċeduri ta' verifika tal-ġestjoni |
| Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni | • Pjanijiet sinkronizzati li jiddistingwu bejn kull fond | • L-istess bħal dawk għal multifinanzjament |

**Kaxxa 29: Il-koordinazzjoni f'livell reġjonali fil-Polonja**

Fil-Polonja, il-koordinazzjoni tas-CLLD tinsab f'idejn l-awtoritajiet reġjonali (Voivodship), li għandhom rwol doppju: li jkunu l-MA għall-programm reġjonali ffinanzjat mill-FSE u mill-FEŻR u huma għandhom ċerti funzjonijiet tal-korp intermedju li ġew iddelegati mill-MA responsabbli għall-FAEŻR u l-FEMS. Madankollu, bil-għan li jiġi żgurat approċċ komuni, ser jiġu stabbiliti regoli li jikkonċernaw il-proċess tal-għażla, inklużi l-kriterji tal-għażla, f'livell nazzjonali, u dawn sejrin ikunu komuni għar-reġjuni kollha. L-awtoritajiet reġjonali ser ikunu f'pożizzjoni li jikkoordinaw l-appoġġ preparatorju u possibbilment proċess tal-għażla konġunt, b'kumitat tal-għażla wieħed fil-livell reġjonali. Wara l-għażla, dan il-kumitat ikollu wkoll ir-rwol li jikkoordina l-implimentazzjoni tas-CLLD fir-reġjun.

Diversi reġjuni qegħdin jippjanaw li jużaw din l-għażla; b'mod partikolari, il-provinċja ta' Kujawsko-Pomorskie fasslet żewġ assi prijoritarji tas-CLLD fil-Programm Operattiv Reġjonali tagħha (wieħed li jkopri l-prijorità ta' investiment 9d mill-FEŻR u ieħor li jkopri l-Artikolu 3(1)(b)(vi) tal-FSE). Jekk din il-proposta tiġi approvata, il-LAGs ikunu jistgħu jintegraw wieħed minn dawn iż-żewġ fondi mal-FAEŻR u l-FEMS, billi fl-istrateġiji tagħhom jindikaw liema attivitajiet sejrin jiġu ffinanzjati mil-liema fond.

## 6.3 Żewġ xenarji għall-koordinazzjoni bejn il-fondi fil-livell lokali

Is-sħubijiet lokali għandhom jikkjarifikaw erba' kwistjonijiet qabel ikunu jistgħu jiddeċiedu dwar kif jistgħu jtejbu l-koordinazzjoni bejn il-fondi fil-livell lokali.

Il-figura 20 ta' hawn taħt turi li, l-ewwelnett, huma għandhom ikunu jafu liema mill-erba' Fondi possibbli ser ikunu qegħdin jappoġġjaw is-CLLD u f'liema tipi ta' żoni. It-tieni, jeħtieġ li jkunu jafu jekk dawn iż-żoni humiex ser jitħallew jidħlu f'xulxin jew jekk humiex ser jinżammu kompletament separati

1. Liema fond + żoni?

2. Żoni separati jew komuni?

3.Mono jew multi finanzjament?

4. Fond ewlieni?

**Figura 20: Il-fażijiet ta' monofinanzjament jew multifinanzjament**

It-tielet, jeħtieġ li jkunu jafu jekk huwiex previst multifinanzjament – u jekk le – x'inhuma l-proċeduri mtejba għall-koordinazzjoni bejn il-Fondi? U fl-aħħarnett, jeħtieġ li jkunu jafu jekk l-għażla ta' fond ewlieni hijiex permessa.

Jekk ikun hemm biss fond wieħed li jappoġġja s-CLLD u/jew il-Fondi li jikkonċernaw is-CLLD ikunu joperaw f'żoni distinti, mela allura ma jkun hemm ebda kamp ta' applikazzjoni għall-koordinazzjoni bejn il-Fondi f'livell lokali (kooperazzjoni bejn żoni differenti biss). Jekk, min-naħa l-oħra, jintużaw żewġ Fondi jew aktar sabiex jappoġġjaw is-CLLD u ż-żoni fejn joperaw jidħlu f'xulxin, mela allura jkun hemm kamp ta' applikazzjoni għat-titjib tal-koordinazzjoni tal-Fondi f'livell lokali, *saħansitra fix-xenarju ta' monofinanzjament.*

Il-kaxxa 30 ta' hawn taħt turi li fil-każ ta' **multifinanzjament**, is-sħubijiet lokali ser ikunu jistgħu jfasslu strateġija ta' żvilupp wiesgħa li tkopri l-kamp ta' applikazzjoni tal-Fondi kollha mill-bidunett. Il-proċess huwa ssimplifikat mill-fatt li għandu jkun hemm biss sejħa waħda għal appoġġ preparatorju u għall-istrateġiji ewlenin, bl-istess kriterji u proċeduri, kumitat tal-għażla wieħed u MAs jew IBs konġunti. Għandu jkun hemm ukoll kriterji unifikati għall-għażla tal-proġetti, kif ukoll ċarezza fuq ir-rwol ta' kull Fond. Madankollu, l-istrateġija, il-pjan ta' azzjoni u l-pjan finanzjarju għandhom jindikaw liema partijiet huma ffinanzjati mil-liema Fond, filwaqt li l-monitoraġġ u r-rappurtar għandhom jibqgħu separati. Ġeneralment, il-proċess ikun aktar sempliċi fil-livell lokali, <u>sakemm dawn il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni jkunu ddaħħlu fis-seħħ b'mod adegwat fil-livell reġjonali jew nazzjonali.</u> Jekk le, dan il-proċess jista' jkun aktar kumpless.

Fil-każ ta' **monofinanzjament**, is-sħubijiet lokali xorta waħda jkunu jistgħu jiksbu aċċess għal diversi Fondi sabiex jiffinanzjaw l-istrateġiji ta' żvilupp lokali tagħhom, iżda l-piż tal-koordinazzjoni tal-pakketti ta' finanzjament differenti jkun akbar fil-livell lokali. Is-sħubijiet lokali dejjem fittxew modi kif jikkumplimentaw il-finanzjament ewlieni tagħhom billi jieħdu funzjonijiet addizzjonali, iffinanzjati minn fondi oħrajn. Pereżempju, is-sħubijiet tal-iżvilupp rurali Irlandiżi jamministraw programmi sostanzjali għall-inklużjoni soċjali, li jirċievu finanzjament mill-FSE, filwaqt li ħafna sħubijiet Spanjoli amministraw jew ifformaw parti mis-sħubijiet ta' EQUAL u amministraw il-proġetti ta' INTERREG. Madwar 40% tal-Gruppi ta' Azzjoni Lokali tas-Sajd oriġinarjament kienu wkoll gruppi ta' LEADER u issa qegħdin jamministraw kemm lil LEADER kif ukoll l-Assi 4 tal-FES.

Iżda l-opportunitajiet għat-twettiq ta' dan jiddependu ħafna fuq il-post addattat u l-ħin addattat. F'din is-sitwazzjoni, is-sħubijiet lokali għandhom jassiguraw il-finanzjament ewlieni tagħhom minn Fond wieħed u jippruvaw iżidu flussi ta' finanzjament oħrajn meta jinqalgħu l-opportunitajiet.

Minħabba li s-sħubijiet lokali jistgħu jew ma jkunux jistgħu jiksbu aċċess għal Fondi oħrajn, il-Kummissjoni tissuġġerixxi ċerta flessibbiltà fi ħdan il-qafas legali partikolari bejn il-Fondi, li tippermetti li l-istrateġiji ta' żvilupp lokali jiffinanzjaw l-operazzjonijiet li jaqgħu wkoll taħt il-kompetenza ta' Fondi oħrajn tal-ESI, sakemm dawn ikunu konsistenti mar-regoli rispettivi speċifiċi tal-Fondi, kif ukoll mal-objettivi tal-istrateġija ta' żvilupp lokali u mal-programm ta' sostenn. Jekk il-biċċa l-kbira tal-operazzjonijiet diġà jistgħu jiġu ffinanzjati minn Fond wieħed, dak li jimmotiva l-aċċess għal Fondi oħrajn ikunu r-riżorsi addizzjonali (li minnhom nnifishom jistgħu jkunu importanti ħafna fi żminijiet ta' awsterità).

Il-kaxxa 30 ta' hawn taħt tiġbor fil-qosor l-implikazzjonijiet taż-żewġ xenarji ewlenin għall-koordinazzjoni tal-Fondi tal-UE għas-sħubijiet lokali.

**Kaxxa 30: L-implikazzjonijiet tal-multifinanzjament u l-monofinanzjament għall-koordinazzjoni tal-fondi fil-livell lokali**

| | **L-implikazzjonijiet lokali ta' multifinanzjament** | **L-implikazzjonijiet lokali ta' monofinanzjament** |
|---|---|---|
| Il-kamp ta' applikazzjoni tal-intervent | • L-istrateġiji lokali jistgħu jkopru l-kamp ta' applikazzjoni sħiħ tal-Fondi involuti fis-CLLD | • L-istrateġiji lokali jiffokaw fuq Fond speċifiku wieħed u mbagħad jipprovaw iżidu fuq jew jikkoordinaw mas-sħubijiet li jittrattaw Fondi oħrajn. B'mod alternattiv, huma jistgħu jiżviluppaw strateġija wiesgħa u jipprovaw jattiraw finanzjament minn sorsi differenti |
| Il-bini tal-kapaċità, l-għażla u l-approvazzjoni tal-istrateġiji u ż-żoni | • Appoġġ preparatorju konġunt għall-Fondi kollha<br>• Bini tal-kapaċità konġunt<br>• Sejħiet uniċi għall-Fondi kollha flimkien<br>• Kriterji tal-għażla komuni<br>• Proċeduri tal-għażla komuni<br>• Kumitati tal-għażla konġunti<br>• L-istrateġija, il-pjan ta' azzjoni u l-pjan finanzjarju iridu jindikaw liema partijiet huma ffinanzjati mil-liema Fond | • Sejħiet, kriterji tal-għażla u kumitati tal-għażla separati<br>• Il-partijiet differenti tal-istrateġija jistgħu jiġu ffinanzjati minn Fondi differenti fuq bażi *ad-hoc*<br>• U/jew sħubijiet u subżoni differenti jistgħu jikkoeżistu fuq l-istess territorju.<br>• Hemm ħafna alternattivi għall-koordinazzjoni lokali (ara taħt) |
| Il-finanzjament, il-ġestjoni u l-kontroll | • Sett wieħed ta' kriterji tal-eliġibbiltà għall-għażla tal-proġetti<br>• Kriterji u proċeduri ċari sabiex tittieħed deċiżjoni dwar liema proġetti għandhom jiġu ffinanzjati mil-liema Fond<br>• Funzjonijiet komuni tal-LAG għall-Fondi kollha<br>• Dispożizzjonijiet komuni għall-verifiki tal-ġestjoni | • Proċeduri u kriterji tal-eliġibbiltà differenti għall-għażla tal-proġetti<br>• Idealment, il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà għal kull Fond għandhom jiġu definiti f'termini wiesgħa u flessibbli<br>• Proċeduri ta' verifiki tal-ġestjoni għal kull Fond |
| Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni | • Pjanijiet sinkronizzati li jiddistingwu bejn kull Fond | • Ir-rappurtar, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni iridu jkunu fis-seħħ għal kull Fond |

**Kaxxa 31: Il-koordinazzjoni tal-Fondi tal-UE fit-Tiroll, l-Awstrija**

Matul il-perjodu 2007-13, it-tmien gruppi ta' azzjoni lokali ta' LEADER fir-reġjun Awstrijak tat-Tirol diġà bbenifikaw minn mudell integrat għall-koordinazzjoni tal-Fondi tal-UE, li kkombina karatteristiċi kemm minn fuq għal isfel kif ukoll minn isfel għal fuq. Iż-żoni lokali kienu mistennija jfasslu u jwettqu l-istrateġiji li kienu koerenti mal-miri reġjonali, filwaqt li jirrispettaw ċerti prinċipji komuni (iż-żgħażagħ, l-integrazzjoni tas-sessi, it-tħassib għall-

proġetti tal-enerġija, l-ICT, eċċ.) u jużaw l-istess sistema għall-ġestjoni tal-kwalità. Min-naħa tagħhom, il-LAGs setgħu jiskjeraw il-prinċipji kollha ta' Leader biex jippromwovu inizjattivi lokali innovattivi.

F'Marzu 2013, il-gvern tat-Tiroll approva l-proposti għall-"ġestjoni reġjonali 2020", li jibnu fuq l-esperjenza tal-passat. L-għan huwa li s-sħubijiet tas-CLLD jiġu ffinanzjati minn tliet programmi separati: 5% mill-FAEŻR, 16% mill-programm reġjonali tal-FEŻR u sa 15% mill-programm tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (transfruntier) bejn l-Awstrija u l-Italja (anki mill-FEŻR). Fil-każ tal-programm reġjonali tal-FEŻR, il-prijoritajiet sejrin ikunu villaġġi iżgħar u ċentri lokali, l-SMEs u l-innovazzjoni, it-tibdil fil-klima u l-inklużjoni soċjali.

Il-gvern reġjonali diġà huwa l-MA kemm għal LEADER kif ukoll għall-FEŻR u unità waħda taġixxi bħala punt uniku ta' servizz li jiżgura l-koordinazzjoni kemm fil-livell strateġiku kif ukoll fil-livell tal-proġett bejn id-dipartimenti differenti tal-amministrazzjoni. Ser ikun hemm sistema ta' monitoraġġ komuni għall-proġetti kollha tal-LAG u sforz kbir sabiex tiġi ssimplifikata s-sistema ta' applikazzjoni u kontroll permezz ta' regoli komuni u listi ta' kontroll.

### 6.4. X'passi jistgħu jittieħdu fil-livell lokali sabiex tittejjeb il-koordinazzjoni bejn il-Fondi?

Filwaqt li l-istrateġiji u s-sħubijiet ta' żvilupp lokali inevitabbilment sejrin jissawru mill-arkitettura tal-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE, il-messaġġ ewlieni għall-atturi lokali huwa li l-istrateġiji għandhom jitmexxew mill-ħtiġijiet lokali. L-istrateġiji ma għandhomx sempliċiment jiddiġeneraw f'listi ta' proġetti mixtieqa li jistgħu jiġu ffinanzjati taħt l-arranġamenti finanzjarji prevalenti. Huma għandhom ikunu bbażati fuq "dak li trid tbiddel il-komunità" u "fejn din tixtieq tkun fis-sena X". Minflok ma sempliċiment isawru lilhom infushom sabiex jadattaw ruħhom għall-formuli minn fuq għal isfel, is-sħubijiet lokali għandhom jiżviluppaw forom ta' koordinazzjoni li jkunu l-aktar addattati għaċ-ċirkostanzi tagħhom u għall-għanijiet tal-istrateġiji tagħhom.

Il-koordinazzjoni bejn il-Fondi fil-livell lokali tista' sseħħ fil-kuntest tal-iżvilupp tal-istrateġija, l-organizzazzjoni tas-sħubija, id-definizzjoni taż-żona u l-verifiki taż-żoni.

**Kaxxa 32: Mappa għall-ippjanar tas-CLLD**

Fl-Ungerija, in-Netwerk Rurali Nazzjonali pproduċa Mappa għall-Ippjanar tas-CLLD, li tipprovdi mudell li jgħin lis-sħubijiet lokali jindirizzaw temi diversi bħat-tibdil fil-klima u l-faqar fi strateġija waħda ta' żvilupp lokali. Il-mudell huwa disponibbli bħala għodda maħsuba biex tgħin lis-sħubija lokali tagħmel l-aħjar użu mis-CLLD u mill-approċċ ta' multifinanzjament.

http://enrd.ec.europa.eu/app_templates/filedownload.cfm?id=7DE332A5-E5D8-DAE8-40CB-16AB62C0D672

*Kif għandha tintuża l-koordinazzjoni bejn il-fondi sabiex jissaħħu l-istrateġiji ta' żvilupp lokali?*

Il-koordinazzjoni bejn il-fondi tista' tippermetti lill-istrateġiji ta' żvilupp lokali jieħdu approċċ aktar integrat u olistiku u biex iwessgħu l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom sabiex jittrattaw it-tipi ta' problemi differenti. Anki jekk ikun hemm flessibbiltà kbira għas-CLLD f'kull Fond individwali, il-partijiet interessati ewlenin involuti fil-Fond x'aktarx li jiġbdu f'direzzjoni partikolari. Pereżempju, mhuwiex probabbli li l-partijiet interessati rurali jkunu jridu li l-belt

tassorbi l-maġġoranza tal-fondi tal-FAEŻR fi sħubija urbana-rurali u lanqas ma huwa probabbli li l-organizzazzjonijiet tas-sajd ikunu jridu li jintefaq proporzjon għoli tal-finanzjament tal-FEMS fuq l-infrastruttura ta' żvilupp ġenerali. Għalhekk, b'mod ġenerali, l-aċċess għal fondi differenti (individwalment jew permezz ta' multifinanzjament) mhux biss jippermetti lill-awtoritajiet lokali jwessgħu l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom – iżda li jagħtu wkoll aktar attenzjoni lil ċerti oqsma jew kwistjonijiet li altrimenti kieku jsibuha aktar diffiċli li jkopruhom.

Barra minn hekk, meta s-sħubijiet lokali jsiru responsabbli għall-azzjonijiet li normalment ikunu ffinanzjati minn diversi fondi differenti, huma jkollhom aktar kapaċità biex jiżguraw koerenza bejn il-politiki ewlenin li jaffettwaw l-iżvilupp lokali. Pereżempju, huma jistgħu jiżguraw li d-deċiżjonijiet dwar l-infrastruttura fuq skala żgħira (iffinanzjata, pereżempju, mill-FEŻR) ikunu konsistenti mal-isforzi biex jinħolqu impjiegi fis-settur tal-ikel (iffinanzjati, pereżempju, mill-FAEŻR).

Quddiem dawn il-punti, hemm żewġ approċċi ewlenin għall-kooperazzjoni bejn il-fondi fl-iżvilupp ta' strateġija:

*1. Mill-ġenerali għall-partikolari.*

L-ewwel approċċ jinvolvi t-teħid ta' approċċ olistiku għall-ħtiġijiet u l-isfidi kollha ewlenin li tiffaċċja żona partikolari u mbagħad l-iffokar fuq dawk fejn hemm l-akbar ċans li jinkisbu r-riżultati f'livell lokali bil-fondi differenti disponibbli.

Il-vantaġġ ta' dan l-approċċ huwa li jipprovdi ħarsa ġenerali aktar integrata u sistemika fuq il-kwistjonijiet kollha u fuq ir-rabtiet ta' bejniethom, li mbagħad jistgħu jiġu prijoritizzati fl-istrateġija ta'żvilupp lokali. Dawn il-prijoritajiet jistgħu jitfasslu sabiex jiġu żviluppati pakketti ta' finanzjament li jkunu konformi mal-Fondi differenti tal-UE, iżda li xorta jadattaw tajjeb f'qafas globali koerenti. Jekk ma jkunx hemm multifinanzjament, is-sħubijiet xorta waħda jistgħu jużaw l-istess strateġija umbrella ġenerali sabiex japplikaw għall-fondi differenti meta jinqalgħu l-opportunitajiet.

**Kaxxa 33: L-ippjanar multisettorjali fl-Andalusija u l-pjattaforma ta' multifinanzjament fix-Xlokk ta' Cork**

Fl-Andalusija, fi Spanja, l-MA għall-Assi 4 tal-FAEŻR (LEADER) daħħlet fis-seħħ prattika ta' ppjanar territorjali usa', sabiex tiżgura l-koerenza politika u ttejjeb il-mekkaniżmu tat-tfassil u l-monitoraġġ ta' strateġiji komprensivi ta' żvilupp lokali multisettorjali implimentati permezz ta' fondi differenti. Ħafna sħubijiet lokali fl-Andalusija għandhom aċċess għal ħafna fondi lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE differenti, kif ukoll għall-FAEŻR. L-MA tipprovdi appoġġ għal analiżi multisettorjali (MSA) ta' kull territorju ta' LEADER u, abbażi ta' dan, hija tħejji wkoll Pjan ta' Azzjoni Globali (GAP), li jispeċifika l-interventi possibbli kollha li jistgħu jiġu ssussidjati permezz ta' LEADER. Bl-użu tal-MSA u l-GAP, is-sħubijiet lokali mbagħad iħejju strateġiji ta' żvilupp lokali fuq bażi wiesgħa, li jkunu jirriflettu l-ħtiġijiet aktar ġenerali taż-żona u li jkunu identifikaw is-sorsi ta' finanzjament differenti.
http://enrd.ec.europa.eu/app_templates/enrd_assets/pdf/leader-tool-kit/infosheet/10_infosheet.pdf

**Il-pjattaforma ta' multifinanzjament ta' SECAD (ix-Xlokk ta' Cork)**

L-Iżvilupp taż-Żona fix-Xlokk ta' Cork (SECAD), sħubija lokali li topera fix-xlokk tal-Irlanda, tibbaża fuq ħafna sorsi ta' finanzjament differenti sabiex timplimenta aspetti differenti tal-istrateġija ta' żvilupp lokali tagħha. L-istrateġija tiffoka fuq erba' pilastri ewlenin: l-iżvilupp rurali, li huwa ffinanzjat mill-FAEŻR b'kofinanzjament nazzjonali; l-inklużjoni soċjali, li hija

ffinanzjata mill-FSE u minn inizjattiva nazzjonali; it-trasport, li huwa ffinanzjat mill-UE (il-programm IEE) u minn sorsi nazzjonali; kif ukoll l-attivazzjoni tas-suq tax-xogħol, li hija ffinanzjata minn sorsi nazzjonali. Uħud mill-azzjonijiet fl-istrateġija, bħal inizjattiva għall-produzzjoni tal-films miż-żgħażagħ, jistrieħu fuq taħlita ta' dawn is-sorsi ta' finanzjament biex ikopru aspetti differenti, bħat-trasport, ix-xiri tat-tagħmir, kif ukoll sabiex jiżguraw il-ġestjoni globali.

http://enrd.ec.europa.eu/app_templates/filedownload.cfm?id=7DE324DD-9F8F-AA72-C975-2373D5D36F76

Madankollu, għandha tingħata attenzjoni sabiex jiġu evitati ċerti riskji. L-ewwel fosthom huwa r-riskju li titpoġġa pressjoni sabiex tiżdied l-iskala ġeografika tal-intervent bil-għan li jiġu koperti b'mod adegwat il-problemi kollha. Minħabba li l-problemi ekonomiċi, soċjali u ambjentali jħallu impatt f'livelli differenti, it-tendenza hija li jiżdied id-daqs taż-żona bil-għan li jiġu indirizzati kemm jista' jkun problemi. It-tieni huwa r-riskju li l-preokkupazzjonijiet tal-partijiet interessati aktar dgħajfa jispiċċaw jisfumaw fix-xejn meta jitqiegħdu fl-istampa l-kbira.

Mod wieħed ta' kif jiġi evitat dan huwa li jiġu inklużi temi, gruppi fil-mira jew assi settorjali partikolari fi ħdan l-istrateġija, immexxija mill-partijiet interessati lokali li jiġu affettwati minn dawn. Dawn ir-raggruppamenti ta' attivitajiet jistgħu jevolvu f'"komunitajiet ta' interess", li jmexxu xi partijiet tal-istrateġija u jelaboraw proġetti. Jista' jkun utli wkoll li jinħolqu kumitati tal-għażla speċifiċi jew "sottosħubiji" għal partijiet differenti tal-istrateġija, li jiżguraw li jingħata leħen lil gruppi partikolari. Eżempji ta' tali approċċi jinkludu s-sħubijiet eżistenti, li jittrattaw kemm l-iżvilupp rurali u s-sajd kif ukoll l-istrateġiji integrati tas-sħubijiet ta' LEADER Irlandiżi (ara l-eżempju ta' hawn fuq u dak tal-IRD Duhallow fil-kapitolu 5). Il-grupp ta' LEADER minn Wales bl-isem ta' Menter Mon stabbilixxa wkoll komunità ta' interess b'diversi partijiet interessati sabiex jittratta opportunità identifikata fl-istrateġija ta' żvilupp lokali tiegħu msejħa "inbiddlu l-attività tal-mixi f'attività ekonomika".

*2. Integrazzjoni minn isfel għal fuq*

L-approċċ alternattiv huwa li tibda mill-punti fokali eżistenti tal-enerġija u l-attività fi ħdan il-komunità u tibni strateġija usa' minn isfel għal fuq. Pereżempju, komunità waħda tista' tkun partikolarment imħassba u attiva fir-rigward tal-impjieg taż-żgħażagħ. L-istrateġija tibda billi tlaqqa' flimkien liż-żgħażagħ infushom mal-iskejjel, is-servizzi tal-karrieri, l-uffiċċji tal-impjiegi, il-klabbs soċjali u sportivi, is-servizzi soċjali, dawk li jħaddmu, l-aġenziji ta' żvilupp u l-bqija. Il-proġetti jistgħu jkopru oqsma differenti ta' intervent bħall-imprenditorija, it-taħriġ, l-infrastruttura soċjali u kulturali, l-akkomodazzjoni u l-bqija. Dan iġib lill-persuni lokali attivi fis-settur taż-żgħażagħ f'kuntatt mal-persuni kkonċernati dwar kwistjonijiet relatati oħrajn, li min-naħa tagħhom jistgħu jsiru ċentri oħra ta' attivitajiet u proġetti komunitarji (ara, pereżempju, il-proġett My Generation on Youth ta' URBACT imsemmi fil-kapitolu 5 u l-proġetti lokali dwar l-integrazzjoni tar-Roma msemmija fil-kapitolu 3 (f'Alba Iulia, ir-Rumanija - min-netwerk Nodus ta' URBACT u f'Udine, l-Italja - in-netwerk Romanet ta' Urbact).

Fil-perjodu 2007-13, manifestazzjoni waħda ta' dan it-tip ta' approċċ hija s-sitwazzjoni fejn il-gruppi ta' LEADER eżistenti fiż-żoni rurali applikaw għal finanzjament mill-FES sabiex ikopru l-attivitajiet li jimmiraw għall-komunitajiet kostali u tas-sajd fiż-żoni tagħhom jew qribhom (ara l-eżempju ta' hawn taħt tal-LAG ta' LEADER fil-Lvant tal-Almerja, l-Andalusija, Spanja, li żviluppa l-istrateġija u applika b'suċċess sabiex jamministra l-Assi 4 tal-FES).

Fil-perjodu 2014-2020, hemm l-opportunità li dawn il-preokkupazzjonijiet jiġu kkunsidrati mill-bidunett u li jitwettaq eżerċizzju ta' mmappjar ferm aktar sistematiku tal-politiki eżistenti u tal-

organizzazzjonijiet li joperaw fil-livell lokali. L-awtoritajiet Franċiżi, pereżempju, identifikaw u fasslu l-mużajk ta' interventi mill-Fondi tal-UE f'żoni differenti. Dan għandu jippermetti lill-organizzazzjonijiet lokali jiffurmaw alleanzi aktar koerenti u jaslu għal ftehimiet fuq kif il-Fondi differenti jistgħu jintużaw b'mod ferm aktar effettiv minn qatt qabel.

### *Kif għandha tintuża l-koordinazzjoni bejn il-fondi sabiex jissaħħu s-sħubijiet ta' żvilupp lokali?*

Wieħed mill-akbar ostakoli għal koordinazzjoni aħjar bejn il-fondi jseħħ minħabba li l-partijiet interessati eżistenti huma kontra u beżgħana li jitilfu l-poter, l-influwenza, ir-riżorsi u fl-aħħar mill-aħħar l-impjiegi tagħhom bħala riżultat tar-riorganizzazzjoni. Konsegwentement, huma jirreżistu kwalunkwe bidla jew interferenza fl-"oqsma" tagħhom. Tali awtointeress difensiv ta' spiss ikun imħallat bi tħassib ġenwin li l-valuri u l-prijoritajiet ewlenin tal-organizzazzjoni tagħhom jistgħu jisfumaw fix-xejn bl-integrazzjoni tagħhom ma' korpi (aktar b'saħħithom) oħrajn. Dawn il-preokkupazzjonijiet jinstabu f'kull livell, mill-korpi tal-UE sa dawk reġjonali u nazzjonali u, ovvjament, huma preżenti wkoll fil-livell lokali.

L-għelbien tal-awtointeress difensiv tal-partijiet interessati stabbiliti u tal-beżgħat leġittimi tagħhom dwar l-isfaxxar tal-objettivi ewlenin tagħhom huwa kompitu estremament delikat li jeħtieġ li jiġi ttrattat b'sensittività sabiex tiġi evitata d-diviżjoni tal-komunità.

Għalhekk, huwa importanti li jiġi rikonoxxut li koordinazzjoni aħjar mhux bilfors li għandha dejjem tfisser amalgamazzjonijiet jew tnaqqis fir-riżorsi umani jew fil-materjal. Hemm firxa ta' approċċi alternattivi li jistgħu jwasslu għal arranġamenti favorevoli wiesgħa għall-organizzazzjonijiet u għall-partijiet interessati lokali marbut mat-tqassim aktar effettiv tar-responsabbiltajiet u tal-kompiti. Uħud mill-possibbiltajiet organizzattivi ewlenin għat-titjib tal-koordinazzjoni tal-fondi huma dawn li ġejjin:

- *Integrazzjoni fi struttura legali komuni*

Ħafna sħubijiet lokali ffinanzjati minn LEADER jew mill-Assi 4 tal-FES adottaw il-forma ta' entità legali indipendenti. L-aktar forma komuni hija dik ta' assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, iżda hemm ukoll eżempji ta' fondazzjonijiet u kumpaniji pubbliċi jew forom oħrajn ta' kumpaniji tad-distribuzzjoni mingħajr skop ta' qligħ. Tkun xi tkun il-forma legali, il-prinċipju ta' dan l-approċċ huwa li entità waħda – ġeneralment l-ewwel waħda li tiġi stabbilita – tassumi r-responsabbiltà għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' strateġija ffinanzjata minn Fond ieħor.

Kif issemma diġà, madwar 40% tal-istrateġiji lokali ffinanzjati mill-Assi 4 tal-FES tfasslu u issa qegħdin jiġu ġestiti minn sħubijiet li oriġinarjament inħolqu u bdew joperaw bħala gruppi ta' azzjoni lokali ta' LEADER. Madankollu, issa huwa ugwalment possibbli għall-Gruppi ta' Azzjoni Lokali tas-Sajd li jieħdu r-riedni f'idejhom fuq l-azzjonijiet iffinanzjati mill-FSE, mill-FEŻR jew mill-FAEŻR.

Is-sħubijiet eżistenti, għajr il-LAGs jew il-FLAGs, iffinanzjati mill-FSE jew mill-FEŻR, jistgħu wkoll jagħmlu l-istess, sakemm jikkonformaw mal-prinċipji tal-gruppi ta' azzjoni lokali tas-CLLD. F'dawn il-każijiet kollha, l-aqwa mod kif jiġi żgurat li l-valuri u l-miri ewlenin ta' kull Fond huma rispettati huwa billi jkun hemm sottokumitati separati li jkunu responsabbli mill-partijiet differenti tal-istrateġija u mill-għażla tal-proġetti.

**Kaxxa 34: Il-koordinazzjoni bejn il-FLAGs u l-LAGs fil-Lvant tal-Almerja, fi Spanja**

Fl-2009, il-LAG ta' LEADER fil-Lvant tal-Almerja wieġeb għas-sejħa tal-Andalusija għal Gruppi ta' Azzjoni Lokali tas-Sajd. Wara li laqqa' flimkien lill-partijiet interessati rilevanti, huwa ħejja

strateġija ta' żvilupp lokali għall-komunitajiet tas-sajd ta' Carboneras u Garrucha. Din ġiet approvata, flimkien mas-sħubija li għadha kif ġiet ifformata, mid-dipartiment tas-sajd u tal-akkwakultura tar-reġjun. Il-LAG ta' LEADER imbagħad kien rikonoxxut bħala "grupp ta' żvilupp rurali u tas-sajd" li jkompli jaġixxi bħala entità legali u li l-maniġer tiegħu jissorvelja ż-żewġ programmi. Madankollu, il-FLAG għandu animatur iddedikat, kontabbiltà separata u bord separat b'partijiet interessati rilevanti għall-istrateġija tiegħu tal-Assi 4 tal-FES. Il-bord tal-FLAG jagħżel il-proġetti tal-Assi 4 tal-FES u l-bord tal-LAG jagħżel il-proġetti ta' LEADER.

- *Integrazzjoni f'korp responsabbli komuni*

Xi pajjiżi u reġjuni diġà għandhom "parteċipazzjoni ffullata", b'numri kbar ta' organizzazzjonijiet u aġenziji eżistenti li qegħdin joperaw fil-livell lokali. F'dawn il-każijiet, il-ħolqien ta' entità legali oħra jista' jkun kontroproduttiv u kunfliġġenti. F'pajjiżi oħrajn, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ma għandhomx l-esperjenza jew il-kapaċità li jamministraw strateġija ta' żvilupp lokali weħidhom. Fiż-żewġ każijiet, soluzzjoni waħda hija li tintuża organizzazzjoni lokali eżistenti b'esperjenza – ġeneralment muniċipalità jew entità pubblika – bħall-"korp responsabbli". Il-korp responsabbli jassumi r-responsabbiltà kollha għall-amministrazzjoni, il-ġestjoni u l-kontroll finanzjarju tal-istrateġija, iżda jiddelega t-tfassil u l-implimentazzjoni tagħha (pereż. l-għażla tal-proġett) lil sħubija jew kumitat tal-għażla li jkunu konformi mar-regoli tas-CLLD.

Fiż-żewġ każijiet ta' integrazzjoni fi struttura legali komuni u l-użu ta' korp responsabbli, il-punt importanti huwa li jiġi żgurat li n-nies li jmexxu kull komponent tal-istrateġija u li jagħżlu l-proġetti, tassew ikunu jirriflettu l-interessi tal-komunità lokali u jipprevjenu d-dilwizzjoni ta' dik il-parti speċifika tal-istrateġija. Kif issemma diġà, dan jista' jsir permezz ta' sottosħubijiet jew Kumitati tal-għażla għal proġetti separati.

**Figura 21:** Korp responsabbli uniku li jikkoordina erba' Fondi




Meta jintuża korp responsabbli pubbliku, għandha tingħata attenzjoni sabiex jiġi żgurat li s-sorveljanza u l-amministrazzjoni finanzjarja ma jwasslux għal sitwazzjoni fejn l-interessi tas-settur pubbliku jispiċċaw jiddominaw l-istrateġija jew is-sħubija.

**Kaxxa 35: Il-ġestjoni tal-LAGs u tal-FLAGs permezz ta' korp uniku – il-Pays fi Franza u l-Aġenziji tal-Iżvilupp Lokali fil-Greċja**

Il-*Pays* fi Franza huma korpi intermuniċipali li, f'għadd ta' każijiet, jaġixxu bħala entità legali kemm għal-LAG kif ukoll għall-FLAG. Dan huwa l-każ tal-*Pays* tal-Pyrénées Méditerranée, li tamministra s-sħubija ta' LAG u s-sħubija ta' FLAG, fejn kull waħda għandha l-kumitat tal-għażla għall-proġetti tagħha. Sabiex nagħtu eżempju, kważi 50% tal-membri mill-kumitat tal-għażla tal-FLAG ġejjin mis-settur tas-sajd li, għalhekk, għandu rwol b'saħħtu fl-iggwidar tal-ħidma tal-FLAG. Bħala entità legali, il-*Pays* tiggarantixxi l-ġestjoni tajba taż-żewġ programmi

u tiżgura l-koordinazzjoni bejn l-istrateġiji tagħhom. Il-president tal-*Pays* jiffirma d-dokumenti legali kollha f'isem il-FLAG u l-LAG.

Fil-Greċja, il-LAGs u l-FLAGs huma ġestiti mill-Aġenziji ta' Żvilupp Lokali (*Local Development Agencies* - LDAs), li huma kumpaniji privati komposti minn azzjonisti. L-LDAs huma legalment responsabbli mill-amministrazzjoni u t-twettiq tal-istrateġiji ta' żvilupp lokali. L-azzjonisti tal-LDA u partijiet interessati oħrajn isawru l-assemblej ġenerali tal-LAG u tal-FLAG, li l-bordijiet tagħhom jaġixxu bħala l-korp għat-teħid tad-deċiżjonijiet għall-programmi rispettivi tagħhom u jirrapportaw lil-LDA.

- *Forom oħrajn ta' koordinazzjoni organizzattiva*

Il-ġestjoni ta' Fondi differenti tal-UE minn organizzazzjoni umbrella unika, kemm jekk din tkun entità legali separata jew korp responsabbli komuni, hija l-aktar forma kompleta u sikura ta' koordinazzjoni. Madankollu, hemm ħafna forom oħrajn ta' koordinazzjoni li ma jinvolvux din ix-xorta ta' amalgamazzjoni organizzattiva. Fil-prinċipju, huwa possibbli li l-organizzazzjonijiet lokali differenti jaqblu fuq strateġija globali b'assi tematiċi jew ta' gruppi fil-mira speċifiċi differenti appoġġjati minn Fondi differenti u mbagħad jiddelegaw l-attivitajiet ta' kuljum tal-ġestjoni u t-teħid tad-deċiżjonijiet ta' kull assi lil sħubijiet separati. Madankollu, anki f'dan il-każ, is-sħubijiet ma għandhomx juru biss li ma hemm l-ebda duplikazzjoni, iżda wkoll li l-komponenti differenti jikkumplimentaw lil xulxin. Dan jista' jinkiseb b'wieħed mill-metodi li ġejjin:

- ✓ Ir-rappreżentanti ta' kull organizzazzjoni jistgħu jservu b'mod formali fuq il-bordijiet u l-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' xulxin
- ✓ Huma jista' jkollhom laqgħat ta' koordinazzjoni teknika u strateġika regolari
- ✓ Huma jistgħu jaqblu fuq il-kriterji, il-proċeduri u s-sistemi ta' riferiment għall-proġetti
- ✓ Huma jistgħu jikkondividu l-appoġġ għall-proġetti u għall-persunal responsabbli mill-ilħiq.
- ✓ Huma jistgħu jikkondividu sistemi u persunal finanzjarji u amministrattivi
- ✓ Huma jistgħu jikkondividu l-bini tagħhom

**Figura 22: Ir-relazzjonijiet potenzjali bejn il-bordijiet tal-LAGs appoġġjati minn Fondi differenti**




**Kaxxa 36: Il-kumitati ta' koordinazzjoni teknika fil-wied ta' Jerte, Spanja**

Il-grupp ta' LEADER Spanjol mill-Wied ta' Jerte stabbilixxa "kumitat ta' koordinazzjoni teknika" li jlaqqa' flimkien lill-persunal tas-sħubija nnifisha mal-persunal tal-proġetti lokali l-oħrajn li jittrattaw l-integrazzjoni soċjali, l-iskejjel, is-saħħa, il-ħarsien ambjentali u l-ippjanar spazjali. Il-grupp ta' LEADER Pollakk "il-Wied tal-Carp" jopera fl-istess żona u jikkondividi l-istess bini u sit elettroniku mal-FLAG. Bil-għan li jiżguraw il-koordinazzjoni, il-gruppi Finlandiżi u Irlandiżi ta' LEADER ta' spiss iservu fuq il-bordijiet tal-FLAGs li jikkoinċidu maż-żoni tagħhom.

## Kif għandha tintuża l-koordinazzjoni bejn il-fondi sabiex tiġi żgurata definizzjoni aħjar taż-żoni lokali

Kif issemma diġà qabel, hemm żewġ raġunijiet għaliex l-isforzi biex tittejjeb il-kooperazzjoni bejn il-fondi jistgħu jwasslu għal żoni operattivi akbar. L-ewwel waħda hija li l-proċessi ekonomiċi, soċjali u ambjentali joperaw fuq skali ġeografiċi differenti u l-eħfef mod kif dawn jiġu inklużi kollha huwa li jintgħażel l-ogħla denominatur komuni (jiġifieri żona li tħaddan l-aspetti kollha). Dan jista' jikkoinċidi mal-pressjoni sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-implimentazzjoni fid-dawl tal-baġits pubbliċi aktar stretti.

Madankollu, hemm periklu serju li kobor esaġerat jista' jipperikola l-vantaġġ ċentrali tas-CLLD, jiġifieri s-sens ta' interess komuni, l-identità u l-prossimità li huma meħtieġa sabiex il-komunità tkun tista' tmexxi l-proċess ġenwinament.

Għalhekk, huwa importanti li l-atturi lokali u l-amministrazzjonijiet reġjonali u nazzjonali jkunu konxji li hemm firxa ta' alternattivi disponibbli għad-definizzjoni tal-konfini, li mhux neċessarjament jinvolvu espansjoni bla limitu. Dawn l-alternattivi jistgħu jintużaw mill-forom differenti ta' sħubija msemmija fuq.

- *Konfini identiċi jew simili bejn il-fondi.*

Meta l-problemi li jkunu qegħdin jiġu indirizzati minn żewġ fondi jew aktar ikunu mifruxin fuq żona simili, mela allura l-konfini għall-istrateġiji tas-CLLD jistgħu jkunu wkoll bejn wieħed u ieħor simili. Pereżempju, uħud mill-gruppi ta' azzjoni lokali ta' Leader fil-Polonja u kollha kemm huma fil-Latvja għandhom konfini identiċi għall-gruppi ta' azzjoni lokali tas-Sajd.

Figura 23: LAGs u FLAGs bl-istess konfini




Din hija ovvjament l-aktar għażla ċara u sempliċi. Iżda huwa importanti li wieħed jirrealizza li l-konfini ma għandhomx għaliex ikunu eżattament l-istess. Pereżempju, ma jagħmilx sens li jitħalla barra aspett importanti ta' privazzjoni jew ta' attività ekonomika mill-Fond purament għal finijiet ta' omoġeneità.

Il-prinċipju għandu dejjem ikun li jiġi żgurat li l-konfini jkunu adegwati għall-implimentazzjoni tal-istrateġija.

- *Demarkazzjoni*

Din hija għażla oħra relattivament sempliċi, li tista' tapplika, pereżempju, meta l-proġetti fuq jew qrib il-kosta jiġu ffinanzjati mill-FEMS, filwaqt li dawk fl-art rurali interna bogħod mill-kosta jiġu ffinanzjati mill-FAEŻR. L-istrateġija tista' tiġi implimentata minn żewġ kumitati tal-għażla tal-istess sħubija jew minn żewġ sħubijiet li jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib.

Figura 24: Demarkazzjoni territorjali



Kaxxa 37: Approċċ ta' demarkazzjoni għall-istrateġiji kumplimentari użati mil-LAGs u l-FLAGs Taljani

Fil-perjodu 2007-13, id-demarkazzjoni f'ċerti reġjuni Taljani kienet tfisser li l-muniċipalitajiet koperti minn grupp ta' LEADER ma kinux eliġibbli sabiex jirċievu finanzjament mill-Assi 4 tal-FES. F'Abruzzo, pereżempju, il-FLAG Costa dei Trabocchi jopera fil-muniċipalitajiet tal-provinċja ta' Chieti, filwaqt li l-LAG ta' LEADER bl-isem ta' Maiella Verde jkopri l-muniċipalitajiet tal-viċinat interni tal-FLAG. Iż-żewġ organizzazzjonijiet joqogħdu attenti li jiżguraw li l-istrateġiji tagħhom jiġu kkoordinati u jkunu kumplimentari. Pereżempju, il-LAG jiffoka fuq il-ħtieġa li jilħaq il-partijiet l-aktar remoti taż-żona u l-produtturi artiġjanali żgħar ħafna, filwaqt li l-FLAG għandu l-għan li jintegra l-komunitajiet tas-sajd fi proċess usa' tal-iżvilupp territorjali.

Aktar informazzjoni hija disponibbli fil-paġna 9 tar-Rivista ta' FARNET, Il-Komunitajiet tas-Sajd fil-Qalba tal-Iżvilupp Lokali ("Fisheries Communities at the Heart of Local Development").

- *Sfidi jew fruntieri ġeografiċi kondiviżi*

Din is-sitwazzjoni sseħħ meta żoni differenti jkollhom fruntieri komuni. Pereżempju, meta sensiela ta' żoni rurali jkollhom kosta, estwarju, xmara jew medda ta' muntanji komuni – jew meta jkunu jmissu ma' ċentru urban.

F'dawn il-każijiet, jista' jkun utli li jkun hemm strateġiji jew assi separati għal kull żona rurali, li jkunu ffinanzjati, ngħidu aħna, mill-FAEŻR, flimkien ma' strateġija maqbula b'mod komuni li tkun tkopri l-fruntieri komuni u li tkun iffinanzjata minn Fond ieħor jew minn Fondi oħrajn (pereżempju, mill-FEMS fil-każ tal-kosta jew mill-FEŻR u mill-FSE fil-każ ta' belt).



Figura 25: Fruntieri ġeografiċi kondiviżi

Pereżempju, kull wieħed mis-sitt Gruppi ta' Azzjoni Lokali tas-Sajd Irlandiżi jsegwi l-kosta u jaqsam iż-żoni ta' diversi LAGs ta' LEADER Irlandiżi. Kif issemma diġà, bil-għan li jiżguraw il-koordinazzjoni, il-membri tal-bord tal-LAG ipoġġu wkoll fuq il-bord tal-FLAG.

- *Kooperazzjoni fuq kwistjonijiet komuni*

Dan jista' jkun mod utli kif jinżammu żoni li huma żgħar biżżejjed biex jinkoraġġixxu l-involviment tal-komunità, filwaqt li fl-istess ħin, jippermettu li l-istrateġiji tas-CLLD jiksbu l-iskala meħtieġa sabiex jindirizzaw kwistjonijiet komuni li jaffettwaw żona akbar.

Oriġinarjament, l-approċċ kien żviluppat fil-Finlandja biex jittratta l-problemi ffaċċjati minn komunitajiet imxerrdin tas-sajd mifruxin fuq għadd ta' żoni rurali koperti minn LEADER.

Figura 26: FLAGs u LAGs li jikkooperaw fuq kwistjonijiet komuni




Bażikament, wieħed mill-gruppi ta' azzjoni lokali rurali jaġixxi bħala l-mexxej ta' strateġija konġunta għaż-żoni tas-sajd, bil-parteċipazzjoni taż-żoni l-oħrajn. Dan it-tip ta' approċċ jista' jintuża, pereżempju, minn diversi gruppi rurali jew tas-sajd iffinanzjati mill-FAEŻR jew mill-FEMS għall-iżvilupp ta' strateġija komuni li tittratta raggruppament ta' attivitajiet ekonomiċi jew qasam tas-suq tax-xogħol iffinanzjat mill-FEŻR jew mill-FSE. Barra minn hekk, dan jista' jintuża wkoll minn diversi distretti sabiex jittrattaw ċerti problemi komuni mifruxa mal-belt kollha.

Kaxxa 38: Il-kooperazzjoni bejn il-FLAGs u l-LAGs fil-Lvant tal-Finlandja

Il-FLAG fil-Lvant tal-Finlandja jkopri 11-il żona ta' LEADER, parzjalment minħabba li l-identità taż-żona tal-FLAG hija bbażata fuq is-sistema tal-ilma tal-lagi (iż-żona tal-Lag ta' Saimaa) preżenti fiż-żona, li l-inklużjoni tagħha kienet meqjusa bħala neċessarja fl-intier tagħha, kif ukoll parzjalment sabiex tiġi żgurata massa kritika ta' sajjieda koperti mill-istrateġija. Il-11-il LAG kollha ta' LEADER huma membri tas-sħubija tal-FLAG u, għalhekk, isegwu l-ħidma appoġġjata mill-istrateġija tas-sajd. Wieħed mil-LAGs, il-LAG ta' LEADER Rajupusu, jaġixxi wkoll bħala l-entità legali għall-FLAG fil-Lvant tal-Finlandja.

# Kapitolu 7. Kif nistgħu nagħmlu s-CLLD aktar sikur, rapidu u faċli għall-gruppi ta' azzjoni lokali?

### 7.1 Introduzzjoni

Għalkemm il-Gwida preżenti hija primarjament intiża għal-LAGs u għal atturi lokali oħrajn, dan il-kapitolu jista' jkun ukoll partikolarment utli għall-MAs fil-kompitu tagħhom li jfasslu sistemi ta' twettiq xierqa għas-CLLD.

Fi ħdan is-sistemi ta' twettiq definiti mis-CPR u applikabbli għall-Fondi ESI, waħda mill-aktar karatteristiċi distintivi tas-CLLD hija li, minbarra t-tfassil tal-istrateġija u l-iżvilupp tal-proġetti, il-komunità lokali hija fil-fatt involuta fit-twettiq, jiġifieri fil-proċess li permezz tiegħu l-proġetti jintgħażlu, jiġu approvati u ffinanzjati. Fis-sistemi ta' twettiq prinċipali, ir-responsabbiltà sħiħa għall-evalwazzjoni tal-proġetti, l-għażla u l-approvazzjoni tal-finanzjament normalment tkun tal-MA jew tal-aġenzija tal-pagamenti. Is-CLLD huwa fundamentalment differenti; ir-rwol tal-LAG mhuwiex biss wieħed konsultattiv. Il-LAGs fil-fatt jagħżlu l-operazzjonijiet u jiffissaw l-ammont ta' appoġġ għall-operazzjonijiet. Huma jistgħu saħansitra jieħdu deċiżjonijiet formali dwar l-operazzjonijiet li għandhom jiġu appoġġjati.

Figura 27: Is-sistema tat-twettiq tas-CLLD




Fis-sistema bażika tat-twettiq tas-CLLD, il-fluss huwa kif ġej: l-istituzzjonijiet Ewropej jistabbilixxu l-objettivi u l-prinċipji komuni ta' kull fond; l-MA reġjonali jew nazzjonali tfassal ir-regoli bażiċi għall-implimentazzjoni tal-programm; l-MA tniedi sejħa sabiex jintgħażlu l-LAGs; il-LAG jippubblika sejħa għall-proposti u jirċievi, jivvaluta u jagħżel l-operazzjonijiet li għandhom jiġu appoġġjati sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-istrateġija lokali; il-benefiċjarji jimplimentaw il-proġetti u jirċievu l-finanzjament.

Kull wieħed mill-Fondi ESI għandu l-istruttura, il-kultura u l-prattika tiegħu għall-ġestjoni tal-fondi. Is-CPR jistabbilixxi l-qafas bażiku, iżda jintużaw ħafna sistemi differenti fl-Istati Membri. L-MAs jistgħu jkunu f'livell reġjonali jew nazzjonali, skont id-daqs tal-pajjiż, il-fond ikkonċernat u fatturi oħrajn bħal-livell ta' deċentralizzazzjoni jew il-federaliżmu. L-MA tfassal is-sistema tat-

twettiq u tiddefinixxi min għandu jagħmel xiex. Ir-rwoli minimi tal-LAG, kif stabbiliti fir-regolamenti, huma deskritti fit-taqsima 3.3.2.

Il-mod kif titfassal is-sistema tat-twettiq iħalli impatt qawwi fuq il-funzjonament tal-LAG u t-tipi ta' proġetti li fl-aħħar mill-aħħar jiġu ffinanzjati.

Jekk is-sistema tat-twettiq ma tiġix adattata għall-approċċ tas-CLLD, allura ħafna mill-benefiċċji li jipprovdi l-approċċ jibdew sejrin lura jew saħansitra jintilfu. Pereżempju, il-benefiċċji mit-twettiq malajr tad-deċiżjonijiet meħuda f'livell lokali mil-LAG, l-applikazzjoni tal-għarfien lokali fl-għażla tal-proġetti u l-motivazzjoni u l-impenn li joħorġu mis-sens ta' appartenenza u responsabbiltà tas-sħubija lokali jistgħu jitnaqqsu jekk l-MA jew l-aġenzija tal-pagamenti tidduplika dawn il-funzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Madankollu, għandu jkun hemm fis-seħħ miżuri adegwati sabiex jittaffew is-sitwazzjonijiet possibbli ta' kunflitt ta' interess u sabiex tiġi żgurata s-segregazzjoni tal-funzjonijiet bejn l-atturi involuti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livell lokali.

L-aktar ħidma siewja li jagħmlu l-LAGs hija fl-animazzjoni tal-inizjattivi komunitarji. Dan huwa partikolarment minnu fil-każ tal-proġetti aktar kumplessi li jinvolvu msieħba differenti – sikwit dawk il-proġetti li huma l-aktar innovattivi u li għandhom l-akbar potenzjal għal bidla. Għalhekk, huwa importanti li jiġi żgurat li l-LAG ma jkollux għaliex jiffoka primarjament fuq il-ħidma amministrattiva, minħabba li dan inaqqas il-kapaċità tiegħu li janima. L-ispeċifiċità tat-twettiq tas-CLLD tfisser ukoll li jista' jkun li l-mekkaniżmi tal-finanzjament ikunu jridu jiġu adattati (inklużi l-kontribuzzjoni nazzjonali, il-pagamenti bil-quddiem, eċċ.), sabiex il-LAGs u l-benefiċjarji tagħhom, ħafna drabi NGOs, SMEs jew korpi informali, ikunu jistgħu jimplimentaw il-proġetti tagħhom.

Fit-taqsimiet li ġejjin, sejrin nindikaw xi modi kif jistgħu jittejbu l-benefiċċji tas-CLLD u kif jistgħu jiġu evitati dawn it-tipi ta' problemi. Il-kapitolu jiddiskuti:

- is-soluzzjonijiet finanzjarji adattati għall-ħtiġijiet tal-LAGs u tal-benefiċjarji tagħhom, inklużi l-pagamenti interim u bil-quddiem u l-mekkaniżmi pubbliċi ta' kofinanzjament (it-taqsima 7.2),
- it-tnaqqis tal-piż amministrattiv bl-użu ta' mekkaniżmi bħal skemi ta' proġetti żgħar u skemi umbrella (it-taqsima 7.3),
- is-simplifikazzjoni tal-valutazzjoni u l-kontroll tal-proġetti (it-taqsima 7.4),
- is-simplifikazzjoni tar-rappurtar u t-tnaqqis tax-xogħol amministrattiv billi jiġu applikati l-għażliet issimplifikati tal-ispejjeż (it-taqsima 7.5).

### 7.2. It-titjib fl-aċċess għal finanzjament fil-livell lokali

Il-LAGs ta' spiss ikunu korpi privati (fil-forma ta' assoċjazzjonijiet, kumpaniji mingħajr skop ta' qligħ jew mingħajr ebda entità legali), bir-responsabbiltà li jwasslu servizz pubbliku. Il-mekkaniżmi rilevanti għall-finanzjament pubbliku tas-CLLD għandhom jiġu adattati sabiex jieħdu kont ta' dan. Għandu jittieħed ukoll kont tal-karatteristiċi speċifiċi ta' ħafna mill-benefiċjarji lokali li l-proġetti tagħhom huma appoġġjati mil-LAG. Huma possibbli diversi għażliet li jistgħu jiffaċilitaw l-aċċess tal-atturi lokali għall-finanzjament.

**Kofinanzjament:**

**Il-kofinanzjament pubbliku nazzjonali disponibbli** bil-quddiem: huwa rrakkomandat li jiġi żgurat li, fis-CLLD, il-kofinanzjament pubbliku nazzjonali jiġi pprovdut mill-ministeru jew l-awtorità reġjonali responsabbli fl-istess żmien li tingħata l-għotja mill-UE. Tali soluzzjonijiet

jikkontribwixxu għas-sempliċità u għat-trasparenza tas-sistema ta' twettiq u jpoġġu lill-imsieħba kollha tal-LAG fl-istess livell.

Prinċipju importanti tas-CLLD huwa li s-sħubija għandha tkun taf x'inhu l-baġit totali tagħha minn qabel, inkluż il-kofinanzjament pubbliku nazzjonali, sabiex tkun tista' tanima u tagħżel il-proġetti tal-ogħla prijorità mill-perspettiva strateġika.

F'diversi Stati Membri, il-kofinanzjament pubbliku nazzjonali meħtieġ sabiex jikkumplimenta l-finanzjament tal-UE jiġi pprovdut mill-awtorità lokali jew reġjonali, ħafna drabi fuq bażi ta' proġett proġett. Filwaqt li dan jista' jkun ġustifikat, pereżempju, għal proġetti ta' infrastruttura kbar jew investimenti kummerċjali sinifikanti, jista' ma jkunx xieraq għas-CLLD. Jistgħu jinqalgħu kwistjonijiet oħrajn fejn amministrazzjoni lokali tkun responsabbli mill-allokazzjoni tal-kofinanzjament pubbliku nazzjonali fuq bażi ta' proġett proġett, minħabba li dan jagħtiha ingranaġġ addizzjonali fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u joħloq relazzjonijiet asimmetriċi ta' poter fis-sħubija tal-LAG.

Ħafna benefiċjarji għandhom finanzi u likwidità limitati. Għalhekk, huma jistgħu jsibuha diffiċli li jistennew sakemm jitlesta u jiġi approvat il-proġett sabiex jirċievu l-għotja. Dan jista' jkun minnu wkoll għal ċerti LAGs fil-każ tal-ispejjeż operattivi u tal-animazzjoni. Tali problemi jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' pagamenti interim jew bil-quddiem li, jekk ikun hemm bżonn, għandhom jiġu koperti minn garanziji.

**Pagamenti interim:**

**Pagamenti interim jew fi stadji**. Proġetti akbar jistgħu jinqasmu fi stadji, bil-possibbiltà li tintalab parti partikolari mill-pagament fit-tlestija u r-rappurtar ta' kull stadju. B'dan il-mod, il-benefiċjarju ma jkollux għaliex jistenna l-pagament sakemm jitlesta u jiġi approvat il-proġett kollu, xi ħaġa li tgħin sabiex jitnaqqsu l-problemi ta' likwidità. Din is-soluzzjoni ntużat f'ħafna Stati Membri fil-perjodu 2007-13.

**Mekkaniżmi ta' prefinanzjament:**

**Mekkaniżmi ta' prefinanzjament** bħal pagamenti bil-quddiem. Dan huwa mod kif il-LAGs u benefiċjarji oħrajn ikunu jistgħu jiksbu l-finanzjament hekk kif jiġi approvat il-proġett bil-għan li jkunu jistgħu jibdew l-implimentazzjoni. F'fondi koperti mis-CPR, kull programm jirċievi prefinanzjament mill-Kummissjoni, segwit minn pagamenti interim ibbażati fuq id-dikjarazzjonijiet tal-infiq u kompluti minn pagament finali. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jużaw il-flessibbiltà li joffru dawn il-pagamenti ta' prefinanzament, pereżempju, sabiex isiru pagamenti bil-quddiem b'fondi nazzjonali għall-ispejjeż operattivi lil-LAGs li jwettqu l-istrateġiji tas-CLLD. B'mod partikolari, fir-regolamenti tal-FAEŻR[78] u tal-FEMS[79] huma espliċitament previsti pagamenti bil-quddiem li jitilgħu sa 50% tal-appoġġ pubbliku relatat mal-ispejjeż operattivi u tal-animazzjoni. Ir-Regolament tal-FAEŻR jagħti wkoll il-possibbiltà li jsiru tali pagamenti bil-quddiem lill-benefiċjarji tal-appoġġ relatat mal-investiment[80]. Sabiex japplikaw għall-pagamenti bil-quddiem, il-LAGs u l-benefiċjarji jista' jkollhom bżonn jipprovdu forma ta' garanzija adegwata.

---

[78] L-Artikolu 42(2) tal-FAEŻR

[79] L-Artikolu 62(2) tal-FEMS

[80] L-Artikolu 45(4) tal-FAEŻR

Meta l-pagamenti bil-quddiem ma jkunux disponibbli, il-benefiċjarji jistgħu jitolbu li jingħaqdu l-finanzi pprovduti mill-istituzzjonijiet finanzjarji sabiex ikopru l-ispejjeż tal-proġett tagħhom qabel ikunu jistgħu jiġu rrimborżati b'finanzjament mill-UE; jista' jkun meħtieġ ukoll self għall-kontribuzzjoni proprja tal-benefiċjarju għall-proġett. Għalhekk, huwa importanti li l-LAG jistabbilixxi relazzjonijiet tajbin mas-settur finanzjarju fiż-żona tiegħu (pereżempju mal-banek lokali jew mal-unjins kreditizji) bil-għan li jkun jista' jiffaċilita l-aċċess għas-self u l-garanziji pprovduti għall-proġetti tas-CLLD.

### Kaxxa 39: Is-soluzzjonijiet finanzjarji adattati għas-CLLD fil-Polonja

Fil-Polonja, il-kofinanzjament nazzjonali huwa offrut flimkien mal-finanzjament mill-UE. Ladarba proġett ikun għadda mill-proċess ta' approvazzjoni, dan fi żgur jingħata kemm il-parti mill-finanzjament nazzjonali kif ukoll il-parti mill-finanzjament tal-UE fl-istess ħin. L-iżgurar tal-kofinanzjament għall-flus tal-UE huwa wieħed mill-prijoritajiet ewlenin tal-baġit statali, li huwaa raġonevoli, ladarba l-Polonja hija wieħed mill-akbar benefiċjarji tal-fondi ta' koeżjoni u, matul il-perjodu 2007-2013, it-territorju kollu tagħha kien reġjun ta' konverġenza.

Fiż-żoni tas-sajd Pollakki li japplikaw l-Assi 4 tal-FES, kemm il-FLAGs kif ukoll il-benefiċjarji għandhom aċċess għal pagamenti bil-quddiem li jistgħu jilħqu sa 100% tal-ammont totali tal-proġett. Dawn il-pagamenti bil-quddiem huma ffinanzjati mill-baġit nazzjonali.

Wieħed mill-FLAGs Pollakki (Obra-Warta) stabbilixxa arranġament mal-bank kooperattiv lokali sabiex jipprovdi self lill-NGOs li japplikaw għal proġetti relatati mas-sajd. It-termini tas-self u l-għażla taż-żmien għat-teħid tad-deċiżjonijiet huma adattati għall-ħtiġijiet tal-benefiċjarji tal-Assi 4, u l-FLAG irnexxielu wkoll isib finanzjament addizzjonali bil-għan li jappoġġja lill-benefiċjarji sabiex jirrimborżaw nofs il-pagamenti tal-imgħax.

**Proċess rapidu tat-teħid tad-deċiżjonijiet** jista' jikseb il-finanzi għall-gruppi ta' azzjoni lokali u għall-proġetti mill-aktar fis possibbli, li huwa importanti ħafna sabiex titjieb il-likwidità għall-iżvilupp lokali. L-MAs bl-aqwa prattika jagħmlu l-pagamenti fi żmien tlitt ijiem minn meta jirċievu t-talbiet għal ħlas, u xi wħud jagħmlu dan saħansitra fl-istess jum. Fl-agħar każijiet, il-pagamenti jistgħu jieħdu aktar minn 12-il xahar biex isiru, dewmien li jista' jpoġġi pressjoni konsiderevoli fuq il-likwidità tal-organizzazzjonijiet li jridu jħallsu l-pagi u jagħmlu pagamenti regolari oħrajn kull xahar. L-aħjar soluzzjoni hija li jkun hemm amministrazzjoni tajba u rapida flimkien ma' definizzjoni ċara tar-rwoli. L-eżempju Finlandiż ta' hawn taħt jistabbilixxi l-punt ta' riferiment bħala 3 xhur – mira li kull Stat Membru għandu jipprova jilħaq.

### Kaxxa 40: Iċ-Ċentri ELY fil-Finlandja – amministrazzjoni effikaċi u l-qsim tal-poteri mal-grupp ta' azzjoni lokali tas-sajd (FLAG)

Il-katina tat-twettiq Finlandiża għas-CLLD tas-sajd hija estremament effiċjenti. Proġett tipiku jista' jiġi approvat fi żmien sitt ġimgħat mis-sottomissjoni. Iċ-ċavetta għal din l-effiċjenza tinsab f'żewġ tipi ta' organizzazzjonijiet. It-12-il Ċentru ta' ELY, li huma l-korpi intermedji tal-gvern nazzjonali, jittrattaw il-kwistjonijiet dwar l-eliġibbiltà, l-approvazzjonijiet, il-kuntratti u l-pagamenti, filwaqt li l-FLAG jagħżel il-proġetti eliġibbli u jittratta l-iżvilupp ta' sensiela ta' proġetti bil-għan li jitħejja l-pjan ta' azzjoni.

L-applikazzjonijiet għall-proġetti jsiru formalment fiċ-Ċentru ELY, għalkemm ħafna minnhom diġà jkunu għamlu kuntatt informali mal-koordinatur tal-FLAG. L-applikazzjoni tintbagħat miċ-Ċentru ELY lill-grupp ta' ħidma tal-FLAG. Is-sottokumitat tal-FLAG jiltaqa' ġimagħtejn qabel issir il-laqgħa tal-bord prinċipali. Id-deċiżjoni tittieħed jew dak il-ħin waqt il-laqgħa jew inkella

permezz ta' proċedura bil-miktub billi tintbagħat email. Id-deċiżjoni tiġi rratifikata fil-bord prinċipali tal-FLAG u tintbagħat lura liċ-Ċentru ELY. Ladarba jitlesta x-xogħol amministrattiv, l-ittra tal-offerta tintbagħat lill-applikant fi żmien sitt ġimgħat minn meta ċ-Ċentru ELY ikun irċeviha.

Il-proġetti li jintgħażlu mill-FLAG rari jiġu rrifjutati miċ-Ċentru ELY, mhux biss minħabba li l-persunal tal-FLAG jagħmel kontrolli tal-prova tal-eliġibbiltà tal-ideat tal-proġett mill-bidunett, iżda wkoll minħabba li ċ-Ċentru ELY jaf liema proġetti qegħdin jitħejjew mill-FLAGs, għalhekk, kull kwistjoni ta' eliġibbiltà x'aktarx li tiġi identifikata qabel ikun sar ħafna xogħol fl-iżvilupp ta' proġett li ma jkunx eliġibbli.

Il-proġett huwa permess li jibda minn meta tintbagħat l-applikazzjoni, iżda dan isir għar-riskju tal-benefiċjarju stess. Il-pagamenti jsiru fi żmien tliet xhur mill-wasla ta' talba.

## 7. 3. It-tnaqqis tal-piż amministrattiv permezz ta' proġetti żgħar u skemi umbrella

Is-CPR jagħmilha ċara li huwa l-LAG li jrid jiddeċiedi liema proġetti għandhom jiġu ffinanzjati u kemm għandhom jirċievu finanzjament (l-artikolu 34 jispeċifika li l-LAG jivvaluta l-applikazzjonijiet għall-appoġġ, jagħżel l-operazzjonijiet u jiffissa l-ammont ta' appoġġ). L-MA (jew il-korp intermedju maħtur minnha) hija responsabbli sabiex tiżgura għażla trasparenti ta' LAGs u sabiex tivverifika li l-LAG u l-benefiċjarju ssodisfaw ir-rekwiżiti obbligatorji kollha. Taħt ċerti kundizzjonijiet, li huma deskritti fil-kapitolu 5, u skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE, l-MAs jistgħu jiddelegaw ukoll kompiti oħrajn lil-LAGs, bħal, pereżempju, l-approvazzjoni finali tal-proġetti, inkluż l-iffirmar ta' ftehim ta' għotja, jew it-trasferiment tal-finanzjament lill-benefiċjarji.

Dan il-proċess b'żewġ stadji għall-approvazzjoni tal-proġetti mhux bilfors ifisser li sejjer jieħu aktar fit-tul: jekk l-atturi kollha jkunu ċari dwar il-kompiti tagħhom u jkun hemm proċeduri u għodod (listi ta' kontroll, eċċ.) li jiffaċilitaw id-deċiżjonijiet, il-proċess jista' jiġi ssimplifikat. Madankollu, hemm modi kif dan jista' jkompli jiġi ssimplifikat aktar, jekk jintużaw ċerti mekkaniżmi bħal "skemi ta' proġetti żgħar" u "skemi umbrella".

Fi **skemi ta' proġetti żgħar imwaqqfa mill-MAs**, proġetti taħt ċertu daqs (pereż. EUR 5 000) u xi drabi b'limiti fuq l-għanijiet li għalihom jista' jintuża l-finanzjament tal-proġett, ikollhom jgħaddu minn sistema ssimplifikata ta' applikazzjoni u approvazzjoni (formola ta' applikazzjoni iqsar u inqas dokumenti meħtieġa, billi, pereżempju, tista' ma tintalabx il-prova ta' kemm huma raġonevoli l-ispejjeż għal ammonti żgħar). Dan għandu l-vantaġġ li jiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament minn benefiċjarji b'inqas esperjenza (NGOs żgħar jew individwi), filwaqt li jnaqqas ir-riskju permezz ta' limitu fuq l-ammont u l-għan. Tali skemi ta' proġetti żgħar intużaw matul il-perjodu 2007-2013 f'diversi Stati Membri.

**L-iskemi umbrella** jintużaw bħala mezz sabiex il-LAG iħallas għotjiet żgħar (pereżempju inqas minn EUR 3 000) lil tip speċifiku ta' benefiċjarju (pereż. NGOs jew intrapriżi żgħar, settur partikolari jew tip ta' intrapriża). F'każijiet bħal dawn, il-LAG jaġixxi bħala l-promotur tal-proġett, billi japplika għal pakkett ta' finanzjament partikolari u mbagħad jallokah fil-forma ta' għotjiet żgħar lill-benefiċjarji miż-żona tiegħu. Dawn l-iskemi huma differenti mill-iskemi ta' proġetti żgħar minħabba li normalment ikun il-LAG li jkollu r-rwol ta' applikant u ta' benefiċjarju tal-għotja, u l-MAs ikollhom x'jaqsmu mal-pagamenti, l-awditjar u l-kontroll.[81]

[81] Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-proġetti taħt skemi umbrella jaqgħu taħt għajnuna *"de minimis"*.

Billi hemm biss applikant/benefiċjarju wieħed, proġett umbrella jista' jiġi ttrattat bħala operazzjoni waħda. Dan l-approċċ inaqqas l-għadd ta' kontrolli amministrattivi fuq l-applikazzjonijiet għall-appoġġ u t-talbiet għal ħlas.[82]

Filwaqt li dan l-approċċ għandu l-vantaġġi tiegħu, huwa importanti li tingħata attenzjoni fit-tfassil. Il-proġetti umbrella jistgħu jiftħu t-triq għall-programmi għal organizzazzjonijiet żgħar, negozji u individwi, u jagħmluha aktar sempliċi, rapida u faċli għalihom, filwaqt li l-ktajjen tat-twettiq tradizzjonali huma maħsuba għal għadd żgħar ta' proġetti kbar, u għandhom it-tendenza li jinvolvu piż amministrattiv sinifikanti. Il-kompitu tar-rappurtar huwa r-responsabbiltà ta' organizzazzjoni (normalment il-LAG) li jkollha esperjenza fiż-żamma tar-rekords tal-infiq pubbliku. Il-LAG huwa responsabbli li jżomm lista ddettaljata tal-korpi li rċevew l-assistenza għal finijiet ta' rekord tal-awditjar.

Meta jiġu biex ifasslu l-proġetti umbrella, il-LAGs għandhom jiżguraw li huma jimmonitorjaw mill-qrib l-attivitajiet tal-benefiċjarji tal-proġett umbrella sabiex jevitaw ir-riskju ta' nefqa ineliġibbli. It-tieni, sabiex jiġi evitat li l-proġetti umbrella jkunu qishom kaxxa sewda, jiġifieri li jinkludu firxa ta' attivitajiet li mhux bilfors kollha jkunu relatati mill-qrib mal-objettiv ġenerali, il-proġetti għandhom jiffukaw fuq tip ta' attivitajiet simili u speċifiċi ħafna sabiex jintlaħqu l-għanijiet strateġiċi tas-CLLD. Fil-każ Skoċċiż imsemmi hawn taħt (ara l-kaxxa 41), dan kien akkreditazzjoni għat-turiżmu.

**Kaxxa 41: Eżempji ta' skemi tat-tip umbrella mill-Iskozja fir-Renju Unit, mill-Finlandja u mill-Isvezja**

F'Angus, taħt il-LAG Rurali ta' Tayside fl-Iskozja, l-approċċ umbrella ntuża għal proġetti tat-turiżmu. Tip wieħed ikopri l-ispiża tal-akkreditazzjoni għall-istabbilimenti li joffru servizz ta' bed and breakfast b'firxa ta' organizzazzjonijiet tat-turiżmu rilevanti. Mal-40% tal-ispiża tal-akkreditazzjoni titħallas mill-għotja ta' LEADER, 50% mill-fondi nazzjonali pprovduti mill-awtorità lokali u 10% tal-ispiża titħallas mill-istabbiliment bed and breakfast innifsu. Akkreditazzjoni tipika tiġi tiswa madwar EUR 800 u twettqu madwar 30 waħda bi spiża eliġibbli totali ta' EUR 23 000.

It-tieni eżempju Skoċċiż taħt LEADER uża skema umbrella biex jagħmel għotjiet żgħar sa EUR 5 750 bil-għan li jkunu jistgħu jinbdew intrapriżi soċjali. Kienet disponibbli wkoll għotja ta' finanzjament għal żvilupp ta' segwitu għall-istess ammont. L-ispiża totali tal-iskema kienet ta' EUR 100 000, bil-finanzjament mill-UE ffissat għal 40%. L-ispejjeż eliġibbli koprew il-finanzjament u l-konsulenza fir-rigward tal-iżvilupp kummerċjali (pereż. l-ippjanar kummerċjali, l-għodod tal-kummerċjalizzazzjoni, il-finanzi, l-IT, l-affarijiet legali, l-iżvilupp tas-servizzi u l-prodotti), il-korsijiet ta' taħriġ, is-sensibilizzazzjoni, is-sinjalar, il-bini ta' sħubijiet u l-kondiviżjoni ta' prattiki tajba.

Fl-Isvezja, l-iskemi umbrella jintużaw għall-proġetti taż-żgħażagħ fiż-żoni rurali. Il-benefiċjarji huma primarjament gruppi ta' żgħażagħ, gruppi komunitarji żgħar u organizzazzjonijiet kulturali. L-azzjonijiet eliġibbli jinkludu studji tal-fattibbiltà, festivals taż-żgħażagħ, żjarat ta' studju u saħansitra investimenti żgħar. Normalment, l-ogħla livell tal-għotja huwa ta' madwar EUR 3 000.

[82] Il-proġetti umbrella mhux neċessarjament inaqqsu l-piż amministrattiv tal-kontrolli fuq il-post (huma jikkonċernaw 5% tal-ammont imħallas mill-Fond), billi l-kontrolli ma jistgħux dejjem jieqfu fil-livell tal-proġett umbrella, iżda għandhom jibqgħu sejrin għand il-benefiċjarju aħħari.

Fil-Finlandja, il-mekkaniżmu ta’ “proġetti ta’ koordinazzjoni” jintuża biex jiffinanzja firxa wiesgħa ta’ proġetti fuq skala żgħira billi jlaqqagħhom flimkien fi proġett wieħed. Dawn il-proġetti ta’ koordinazzjoni jistgħu jinkludu miżuri vinkolanti u oħrajn mhux vinkolanti. Il-bord tal-LAG jagħżel minn sejħa miftuħa għall-proposti. Pereżempju, fil-LAG Joutentsen Reitti, intgħażlu 13 minn fost i23 applikazzjoni għall-implimentazzjoni. Baġit totali ta’ EUR 50 000 appoġġja lil dawn it-13-il proġett mikro, li kienu jinkludu t-tibjid tas-sala tal-villaġġ. Il-LAG iffirma inkarigi ma’ kull wieħed mit-13-il benefiċjarju u mmonitorja l-ispejjeż tagħhom u x'wettqu.

Għal ħafna proġetti lokali, il-ħeffa hija fattur kruċjali sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-proġett, għalhekk, l-iskemi ta’ proġetti żgħar u l-iskemi umbrella jistgħu jkunu importanti. Madankollu, meta tikkunsidra l-livell ta’ delegazzjoni, il-ħeffa mhijiex l-unika kunsiderazzjoni. Kwistjoni oħra li trid titqies hija li s-sistema tat-twettiq tas-CLLD għandha tinkoraġġixxi r-responsabbiltà lokali u tippromwovi sens ta’ appartenenza u motivazzjoni lokali.

**7.4. Kjarifika tal-kwistjonijiet li jikkonċernaw l-eliġibbiltà**

Ir-regolamenti tal-UE jispeċifikaw li ċerti tipi ta’ spejjeż ma jistgħux jiġu ffinanzjati minn fond partikolari, u l-MAs ta' spiss iżidu r-restrizzjonijiet tagħhom. L-għan tagħhom huwa li jipprovdu gwida lil-LAGs u lill-benefiċjarji u li jeskludu spejjeż li, skont l-MA, ma jikkostitwixxu l-ebda prijorità għall-appoġġ jew li jistgħu jkunu problematiċi mill-perspettiva tal-kontabbiltà, tal-verifika u tal-kontroll. L-esperjenza turi li t-tentattivi sabiex jiġu definiti b’mod preċiż ħafna l-ispejjeż kollha eliġibbli (pereż. il-pubblikazzjoni ta’ listi ddettaljati ta’ entrati ta’ nfiq aċċettabbli) inevitabbilment iwasslu għal mistoqsijiet u problemi bla tarf fir-rigward ta’ jekk nefqa partikolari hijiex fil-fatt eliġibbli jew le. Min-naħa l-oħra, dan jista’ jestendi l-proċess tal-approvazzjoni tal-proġett, speċjalment jekk id-deċiżjoni tinvolvi livelli amministrattivi ’l fuq mil-LAG.

Fil-limiti deskritti mir-regolamenti, huwa għalhekk irrakkomandat li jiġi żgurat li d-definizzjoni ta’ x’inhuwa eliġibbli tkun informata tajjeb biżżejjed sabiex takkomoda varjetà ta’ sitwazzjonijiet lokali mingħajr ma twassal għal tilwimiet bla bżonn fuq l-ispejjeż individwali. L-MA tista’ wkoll tmexxi l-LAGs sabiex ma jappoġġjawx affarijiet li mhumiex xierqa billi tipproduċi lista ta’ spejjeż li **mhumiex eliġibbli**.

Ir-raġunijiet għad-dikjarazzjoni ta’ proġett jew ta’ parti minnu bħala ineliġibbli għandhom ikunu **trasparenti għal kollox u rreklamati sewwa**, sabiex il-partijiet interessati kollha jkunu jafu bihom minn qabel u jkunu jistgħu jikkunsidrawhom fit-tħejjija tal-proġetti. Il-LAGs għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lejn il-ħtieġa li jsiru jafu aktar dwar dawn ir-regoli u jinformaw lill-promoturi tal-proġetti tagħhom, filwaqt li għandhom iżommu wkoll kuntatt regolari mal-persunal tal-amministrazzjoni tal-programm responsabbli mill-kontrolli tal-eliġibbiltà (jekk dawn il-kontrolli ma jiġux iddelegati lil-LAG innifsu) bil-għan li jiġi żgurat **għarfien komuni** tar-regoli.

Kwistjonijiet ta’ eliġibbiltà speċifiċi li jeħtieġu attenzjoni partikolari jinkludu l-VAT, il-garanziji bankarji u l-kontribuzzjonijiet *in natura*.

**VAT**: Fil-passat, il-problemi fuq l-interpretazzjoni tar-regoli li jikkonċernaw il-VAT ikkawżaw dewmien fl-ipproċessar tal-pagamenti, għalhekk, huwa importanti li l-LAGs u l-MAs jiċċaraw ir-regoli minn kmieni. Billi l-VAT hija kompetenza nazzjonali, l-interpretazzjoni ta' liema organizzazzjonijiet jistgħu jirkupraw il-VAT tvarja ħafna fost l-Istati Membri. Meta l-irkupru tal-VAT ikun possibbli, il-VAT imħallsa mil-LAG jew mill-benefiċjarju tista' ma tifformax parti mill-pretensjoni tan-nefqa. Meta l-LAGs jew il-benefiċjarji ma jkunux jistgħu jirkupraw il-VAT skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, din tista' tikkostitwixxi nefqa eliġibbli. Fejn tkun eliġibbli, il-VAT għandha tiġi inkluża fil-baġit tal-proġett, kif ukoll fil-pretensjoni tan-nefqa.

**Garanziji bankarji**: F'xi każijiet, il-pagamenti bil-quddiem possibbli skont ir-regolamenti, għandhom jiġu assigurati permezz ta' garanzija bankarja. Din tista' tkun problema partikolari għal-LAGs u għall-benefiċjarji li huma NGOs jew intrapriżi soċjali. Pereżempju, fil-Polonja, l-ispiża tipika sabiex tinkiseb garanzija kienet stmata li hija ta' madwar EUR 1 000. Xi LAGs setgħu jsolvu din il-problema billi jħeġġu lill-muniċipalità tipprovdi garanzija. Huwa essenzjali li tiġi pprovduta kjarifika bikrija, kif ukoll li jiġu esplorati soluzzjonijiet orħos oħrajn.

**Kontribuzzjoni *in natura***: il-kontribuzzjoni tax-xogħol bla ħlas jew l-aċċess ħieles għal ċerti assi hija karatteristika tipika tas-CLLD u tista' tikkontribwixxi valur miżjud sostanzjali. F'ħafna każijiet, din turi l-impenn tal-membri tas-sħubija fil-LAG u ta' nies lokali oħrajn biex jintlaħqu miri komuni. Fi żminijiet preċedenti, xi MAs ma kkunsidrawx din bħala spiża eliġibbli (jiġifieri ma ppermettewlhiex tnaqqas l-ammont ta' kontribuzzjoni finanzjarja għal proġett li kellu jipprovdi LAG jew benefiċjarju), biex b'hekk potenzjalment ġew esklużi ħafna inizjattivi u kontribuzzjonijiet siewja. Skont l-Artikolu 69(1) tas-CPR, kontribuzzjoni *in natura* titqies bħala eliġibbli jekk jiġu ssodisfati l-kriterji pprovduti mill-artikolu msemmi hawn fuq u dejjem jekk dan ikun permess mir-regoli speċifiċi tal-Fond u tal-programm. Il-LAGs għandhom jiċċekkjaw jekk din l-għażla hijiex possibbli fil-każ tagħhom. Il-kontribuzzjonijiet *in natura* jistgħu jkunu metodu importanti kif titwessa' l-firxa ta' benefiċjarji potenzjali, filwaqt li jistgħu jżidu wkoll il-kapaċità tal-LAG sabiex jiffinanzja l-operazzjonijiet tiegħu stess.

### 7.5. L-użu ta' spejjeż issimplifikati

#### Il-kuntest

Fil-perjodu 2007-2013, l-għażliet ta' spejjeż issimplifikati (SCO) intużaw l-aktar fil-FSE, fejn sal-2011 madwar nofs l-Istati Membri kienu implimentaw għażliet ta' spejjeż issimplifikati[83]. Fil-FEŻR, mill-2010 żdiedet l-adozzjoni ta' rati partikolarment fissi għall-ispejjeż indiretti. Madwar 45 programm għandhom fis-seħħ rata fissa.

Ir-Rapport Annwali tal-2012 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri jgħid li ma nstab ebda żball relatat mal-użu tal-għażliet ta' spejjeż issimplifikati fil-kampjun tal-FSE, li jindika li l-proġetti li l-ispejjeż tagħhom jiġu ddikjarati bl-użu ta' SCO huma inqas suxxettibbli għall-iżbalji. B'hekk, użu aktar estensiv tal-SCO normalment ikollu impatt pożittiv rigward il-livell tal-iżbalji[84].

Abbażi tal-esperjenza msemmija fuq, il-possibbiltà għall-ispejjeż issimplifikati ġiet żviluppata fil-Fondi kollha tal-ESI u hija stabbilita fl-Artikoli 67-68 tas-CPR. Fis-CPR, hemm dispożizzjoni għal

[83] Metis u Wiiw 2012, Evalwazzjoni tar-reazzjoni tal-FSE għall-kriżi ekonomika u finanzjarja ("Evaluation of the reaction of the ESF to the economic and financial crisis")
[84] Rapport annwali tal-ECA għall-2012, il-paragrafu 6.23, il-ĠU tal-UE, 14.11.2013, C 331/175

tliet tipi ta' għażliet ta' spejjeż issimplifikati: l-iskala standard tal-ispejjeż unitarji, is-somma f'daqqa u l-finanzjament b'rata fissa (ara l-Kaxxa 42 hawn taħt).

**Tipi ta' għażliet ta' spejjeż issimplifikati**

Fil-qosor, l-ispejjeż issimplifikati huma mod kif il-pagamenti jiffokaw aktar fuq l-outputs u r-riżultati miksuba li attività jkollha milli fuq l-inputs.

### Kaxxa 42: It-tliet tipi ta' għażliet ta' spejjeż issimplifikati

| Tip ta' għażla ta' spiża ssimplifikata | Kif inhi definita fir-regolament | Eżempji illustrattivi f'kuntest ta' żvilupp lokali |
|---|---|---|
| Skali standard tal-ispejjeż unitarji | In-nefqa eliġibbli kollha jew parti minnha tiġi kkalkolata abbażi ta' attivitajiet, outputs jew riżultati kkwantifikati, immultiplikati minn spiża unitarja **definita minn qabel.** | Pereżempju, intużaw skali standard ta' spejjeż unitarji sabiex tiġi ffissata l-ispiża tat-taħriġ għal apprendist wieħed, jew l-ispiża għat-twettiq ta' skema ta' taħriġ jew l-ispiża fis-siegħa għas-servizzi ta' konsulent kummerċjali.<br>L-iskali standard tal-ispejjeż unitarji jistgħu jkopru wkoll il-kontribuzzjonijiet *in natura.*<br><br>Pereżempju, fl-Awstrija, ġiet iffissata rata ta' EUR 30 fis-siegħa bħala l-valur li jikkontribwixxu l-persuni li jaħdmu għal rashom għal proġett iffinanzjat mill-FEŻR fil-qasam tal-R&I. |
| Somom f'daqqa | In-nefqa eliġibbli kollha jew parti minnha tiġi rrimborżata fuq il-bażi ta' **ammont wieħed stabbilit minn qabel** (għandu jkun inqas minn EUR 100 000 tal-kontribuzzjoni pubblika) skont it-termini tal-ftehim definiti minn qabel fuq l-attivitajiet u/jew l-outputs.<br><br>Twissija: is-somom f'daqqa huma sistema binarja: jekk l-attivitajiet u/jew l-outputs maqbula jitwettqu, mela allura jitħallas l-ammont stabbilit minn qabel. Jekk le, il-ħlas ma jsirx. Din is-sistema taħdem aħjar fil-każ ta' proġetti li jkollu riżultat wieħed biss (pereż. "meta tiġi organizzata konferenza waħda"). | L-appoġġ għal laqgħa jista' jiġi stabbilit għal ammont speċifiku sabiex ikopri n-nefqa tal-kiri tal-kmamar fejn isiru l-laqgħat, l-ikel u x-xorb u l-appoġġ awdjoviżiv. L-ammont jista' jkun ibbażat fuq valutazzjoni tal-ispejjeż preċedenti għal proġetti simili. Il-ħlas huwa bbażat fuq x'seħħ, jiġifieri l-evidenza li l-laqgħa saret.<br>Xi tipi ta' spejjeż għall-provvista tal-funzjoni ta' koordinazzjoni għal LAG jistgħu jkunu bbażati fuq somom f'daqqa abbażi ta' sett ta' kompiti maqbula. |
| Finanzjament b'rata fissa | Kategorija speċifika tal-ispiża eliġibbli tiġi kkalkolata bil-quddiem permezz tal-applikazzjoni ta' perċentwal għal | Il-finanzjament b'rata fissa ta' spiss jintuża biex jiddetermina l-ispejjeż li jistgħu jkunu diffiċli biex jiġu ġġustifikati u li jiġu ġġenerati minn kategoriji oħrajn ta' |

| | | |
|---|---|---|
| | kategorija waħda jew diversi kategoriji ta' spejjeż eliġibbli. Dan jista' jintuża biex jiġu kkalkolati l-ispejjeż indiretti jew tipi oħrajn ta' spejjeż.<br><br>L-aktar forma ta' finanzjament b'rata fissa użata sejra tkun għall-kalkolu tal-ispejjeż indiretti. | spejjeż. Pereżempju, l-ispejjeż indiretti għat-tmexxija ta' unità distrettwali lokali (il-kirjiet, it-telefons, il-kartolerija, it-tisħin) meta jkunu f'uffiċċju komuni.<br><br>Fil-Ġermanja, l-ispejjeż indiretti tal-proġetti ġew iffissati għal rata ta' 7% tal-ispejjeż diretti għall-biċċa l-kbira tal-programmi tal-FSE matul il-perjodu 2007-13.<br><br>Il-finanzjament b'rata fissa jnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji bil-kbir, iżda l-metodu għadu ffokat aktar fuq l-inputs (l-ispejjeż diretti għandhom jiġu ddokumentati) milli fuq l-iskala standard tal-ispejjeż unitarji u s-somom f'daqqa. |

**Għaliex għandha tintuża l-SCO fil-kuntest tas-CLLD?**

- Inqas piż amministrattiv għal-LAGs: jekk LAG jitħalla juża għażliet ta' spejjeż issimplifikati, pereżempju, għall-ispejjeż operattivi u tal-animazzjoni kollha tiegħu jew għal parti minnhom, jista' jkun hemm tnaqqis sinifikanti fil-piż amministrattiv permezz ta' tnaqqis fl-għadd ta' dokumenti li għandhom jiġu arkivjati.

- Inqas piż amministrattiv għall-Awtoritajiet: iż-żmien iddedikat għall-verifikazzjoni tal-fatturi jitnaqqas u l-kontroll jista' jdur fuq il-kontrolli fuq il-post sabiex b'hekk ikun hemm konċentrazzjoni akbar fuq il-kwalità tal-proġetti ffinanzjati minflok fuq in-nefqa mġarrba.

- Inqas riskju ta' żbalji: ara l-konklużjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fl-2012 imsemmija hawn fuq.

**Għal xiex għandha tingħata attenzjoni meta titfassal l-SCO għas-CLLD?**

F'kuntest ta' CLLD, għandha tingħata attenzjoni sabiex jiġi evitat kull riskju ta' stress finanzjarju fuq l-organizzazzjonijiet żgħar jekk jitqiegħdu f'ambjent ta' finanzjament aktar diffiċli. Għalhekk, kwalunkwe għażla ta' spiża ssimplifikata li tintuża għandha tintgħażel u tiġi applikata bir-reqqa.

*Skali standard tal-ispejjeż unitarji*
Waqt it-tfassil tal-għażla ta' spiża ssimplifikata, wieħed għandu jaħseb bir-reqqa kif jista' jiġġustifikaha. Tabilħaqq, jekk spiża unitarja tiġi definita bħala spiża fis-siegħa għat-taħriġ għal kull apprendist, l-ispiża unitarja tkun teħtieġ li l-karti tal-attendenza jiġu ffirmati kull siegħa minn kull apprendist. Min-naħa l-oħra, jekk l-ispiża unitarja tkun intiża bħala spiża għat-taħriġ għal kull apprendist li jġib iċ-ċertifikazzjoni tat-taħriġ, dan ikun ifisser li l-ispiża unitarja tiġi ġġustifikata grazzi għal reġistrazzjoni inizjali tal-apprendist u ċ-ċertifikazzjoni finali miksuba b'suċċess.

*Somom f'daqqa*

Jistgħu jinqalgħu sitwazzjonijiet fejn il-LAGs jew il-proġetti jistgħu jirriskjaw li jitilfu għotja billi jfallu bi ftit milli jiksbu riżultat fil-mira (pereżempju; l-impjegar ta' disa' apprendistati meta, fl-approċċ ta' "somma f'daqqa", il-mira kienet ta' għaxra). Il-pagamenti ta' somom f'daqqa jsegwu loġika binarja, iva jew le; jekk l-output jew ir-riżultat jinkiseb, il-pagament isir, jekk ma jinkisibx, ma jsir ebda pagament. Din in-natura binarja tal-pagamenti ta' somom f'daqqa tista' tkun partikolarment riskjuża għall-benefiċjarji, għalhekk, hija għandha tintuża biss f'ċirkostanzi mmirati u definiti sewwa fejn tkun tista' ssir previżjoni tajba dwar l-outputs u tar-riżultati (bħat-tlestija ta' studju). F'każijiet oħrajn, tista' tintuża għażla aktar flessibbli jew progressiva ta' spejjeż issimplifikati, pereżempju spejjeż unitarji standard.

'Staerken vor Ort' kien programm dwar l-għoti tas-setgħa tal-FSE li twettaq permezz ta' 280 uffiċċju lokali madwar il-Ġermanja. Is-somom f'daqqa ntużaw sabiex jikkalkolaw l-ammonti mħallsa lill-uffiċċji lokali għall-amministrazzjoni (ara l-Kaxxa 43 ta' hawn taħt).

**Kaxxa 43: Staerken Vor Ort: L-użu ta' somom f'daqqa sabiex jitħallsu l-ispejjeż operattivi**

**Staerken Vor Ort** kien programm fil-Ġermanja dwar l-għoti tas-setgħa, b'approċċ lokalizzat fuq grupp fil-mira, li kien jiffoka fuq iż-żgħażagħ u n-nisa, u li dam jopera mill-2009 sal-2012. Il-programm, li kellu valur totali ta' aktar minn EUR 71 miljun, kien iffinanzjat mill-FSE fir-Repubblika Federali, u amministrat minn korp intermedju li kien qed jaġixxi f'isem il-Ministeru Federali tal-Familji, iċ-Ċittadini Anzjani, in-Nisa u ż-Żgħażagħ.

Il-programm twettaq permezz ta' 280 amministrazzjoni tal-gvern lokali. Matul it-tliet snin tal-attività tiegħu, il-programm appoġġja 9000 mikroproġett b'valur li jlaħħaq l-EUR 10 000 u laħaq xejn inqas minn 235 000 żgħażugħ u żagħżugħa inklużi nisa.

<u>Finanzjament</u>: Il-programm ipprovda sa EUR 100 000 għal mikroproġetti f'distretti uniċi jew sa EUR 150 000 f'ċerti distretti akbar magħżula. Il-mikroproġetti nfushom kienu 100% iffinanzjati mill-FSE, iżda l-awtorità lokali kellha tikkontribwixxi 15% addizzjonali mill-ispejjeż permezz tal-ispejjeż tal-<u>persunal</u> tal-uffiċċju tal-koordinazzjoni lokali (definit bħala benefiċjarju intermedju tal-fondi federali mill-FSE).

<u>Somma f'daqqa</u>: Bil-għan li tiġi ssimplifikata l-amministrazzjoni u titnaqqas ir-rata tal-iżbalji, ġiet ipprovduta somma f'daqqa għan-nefqiet operattivi mhux relatati mal-persunal tal-uffiċċji tal-koordinazzjoni lokali. Dawn in-nefqiet kienu jkopru l-kampanji pubbliċitarji, l-ispejjeż amministrattivi, it-tagħmir żgħir u l-manutenzjoni.

Din is-somma f'daqqa ġiet ikkalkolata fuq il-bażi tad-dejta storika u bħala perċentwal tal-valur totali mill-FSE stabbilit b'rata ta' 14% tal-għotja totali mill-FSE. Għad-distretti li jirċievu sa EUR 100 000, is-somma f'daqqa tista' titla' sa EUR 14 000, filwaqt li għal dawk id-distretti li jirċievu sa EUR 150 000, is-somma f'daqqa titla' sa EUR 21 000.

Sabiex ikunu jistgħu jirċievu din is-somma f'daqqa, l-uffiċċji tal-koordinazzjoni lokali kellhom jissodisfaw għadd ta' kundizzjonijiet:

- Kellhom jiġu stabbiliti l-kumitati lokali li kellhom jakkumpanjaw il-programm fuq livell lokali;
- Ġiet imnedija mill-inqas kampanja pubblika waħda fuq livell lokali;
- Il-parteċipazzjoni mill-inqas ta' darba tal-uffiċċju tal-koordinazzjoni lokali fl-avvenimenti jew fil-gruppi ta' netwerking federali;

- Twettqu numru minimu ta’ mikroproġetti ppjanati u l-fondi għall-mikroproġetti ġew amministrati kif suppost.

Il-metodu tal-kalkolu kien ibbażat fuq ir-Regolament tal-FSE Nru. 396/2009 u fuq id-dokument ta’ ħidma rilevanti[85]. Il-programm intemm fl-aħħar tal-2011 u ġie evalwat fl-2012. Alternattiva tajba setgħet tkun li tintuża sistema b’rata fissa.
(http://www.staerken-vor-ort.de/)

Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-ħidma fuq il-metodoloġiji għall-kalkolu tal-għażliet ta' spejjeż issimplifikati għandha ssir mal-partijiet interessati kollha, inklużi l-LAGs u l-awtoritajiet tal-awditjar, bil-għan li l-atturi kollha tas-sistemi ta’ Ġestjoni u Kontroll jifhmu u jaqblu fuq is-sistema l-ġdida.

**7.6 Verifiki u kontrolli**

L-operazzjonijiet tas-CLLD huma soġġetti għall-verifiki u l-kontrolli mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti skont is-setgħat u r-responsabbiltajiet tagħhom kif mitlub mid-dispożizzjonijiet regolatorji tal-UE relatati mas-sistemi ta’ ġestjoni u kontroll għall-proġetti koffinanzjati mill-Fondi ESI.

Huwa estremament importanti li, mill-bidunett, jiġu stabbiliti proċeduri ġusti u trasparenti li jiddefinixxu b'mod ċar ir-responsabbiltajiet u l-obbligu tar-rendikont tal-atturi kollha involuti. Il-benefiċjarji għandhom ikunu konxji tal-obbligi kollha li għandhom jirrispettaw mill-aktar fis possibbli fiċ-ċiklu tal-proġett.

Sabiex ikun hemm ġestjoni tajba tas-CLLD, għandhom jiġu inkorporati kontrolli effettivi u effikaċi fil-proċeduri maħsuba biex itaffu, fost l-oħrajn, ir-riskji inerenti tal-kunflitt ta’ interess possibbli, id-duplikazzjoni tal-funzjonijiet u l-kriterji ambigwi tal-eliġibbiltà.

L-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tas-CLLD għandha tieħu inkonsiderazzjoni r-riskji li jistgħu jwasslu għal żbalji, b’mod partikolari billi jiġi żgurat li l-ispejjeż imġarrba jkunu raġonevoli u li l-proċeduri tal-akkwist pubbliku jiġu rrispettati, jekk ikunu applikabbli.

**7.7. Il-kummenti konklużivi**

Kif intqal diġà, ħafna mir-rakkomandazzjonijiet ta’ hawn fuq huma indirizzati primarjament lill-MAs, li għandhom ir-responsabbiltà li jfasslu mekkaniżmi ta’ twettiq effiċjenti. Madankollu, il-LAGs għandhom ikunu konxji mill-benefiċċji u l-konsegwenzi potenzjali tad-diversi għażliet ta’ twettiq u għandu jkollhom rwol attiv fid-diskussjonijiet mal-MAs sabiex jiżviluppaw mekkaniżmi ta’ twettiq xierqa għas-CLLD. In-netwerking bejn il-LAGs, kif ukoll l-iskambju tal-esperjenza mal-LAGs li joperaw f’reġjuni oħrajn u/jew li jużaw fondi oħrajn jistgħu jkunu sors importanti ta’ għarfien u ispirazzjoni u jistgħu jgħinu lil-LAGs fid-diskussjonijiet tagħhom mal-MAs dwar kwistjonijiet ta’ twettiq.

L-implimentazzjoni tas-CLLD tista’ ssir aktar sempliċi, b'ħeffa u faċli għal dawk kollha kkonċernati, iżda din teħtieġ ippjanar tajjeb minn qabel mill-MAs, kif ukoll ħafna ħidma ta’ tħejjija, inklużi t-taħriġ u s-sensibilizzazzjoni ta’ dawk kollha involuti fil-katina tat-twettiq.

[85] COCOF 09/0025/04-MT tat-28/1/2010 (bħalissa qiegħed jitħejja aġġornament ta’ din in-nota mill-Kummissjoni Ewropea)

Għandha tingħata attenzjoni partikolari mill-bidunett sabiex jiġu stabbiliti mezzi ta' komunikazzjoni tajbin bejn il-LAGs u l-MAs.